**Ittra 1**

G!M!G!F!

Korfù, 12 ta' Mejju 1917

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,

Jeħtieġ li nirrassenjaw ruħna għal kollox mar-Rieda mqaddsa tal-Maħbub l-aktar ħelu tagħna Ġesù, ħalli hekk insibu għajnuna u wens f'ħafna ċirkustanzi tal-ħajja. Għaddew diġà sittax-il jum mit-tluq tiegħek, u m'għandniex għajr aħbarijiet koroh. Min jaf inti kif tinsab? U l-għażiża ommok? It-Twajjeb Ġesù ried li, propju kif ħallejtna, jaslu l-aħbarijiet! Tkun imbierka r-Rieda Mqaddsa Tiegħu!

Naħseb li qrajt fil-karti mehmużin it-talbiet li saru, u hemm ukoll tagħrif dwar dawk li ġew fl-aħħar. Tal-ewwel ma tidhirx li hi dejjem kuntenta, iżda għandha tmur tajjeb, nittamaw. Ikun bidu tajjeb. Tereża titqabad m'ommha, li għadha m'hix kuntenta.

Ir-Rev.du Dun Ġwann jagħmel li jista' biex jissokta jqarar bħas-soltu, eċċ., u l-istess fil-Quddiesa ta' kuljum fis-sebgħa preċiżi, u l-Ħadd it-Tliet Quddisiet fil-ħin tas-soltu. Insomma s'issa, grazzi lit-Twajjeb Ġesù, qed ikompli bħas-soltu.

Il-proġett tal-bini ta' dar żgħira għall-Kappillan intlaqa' minn Dun Ġwann, u jgħid li l-Knisja tista' toħroġ sa 3,000 frank, iżda magħhom jonqos elfejn oħra. Kieku inti tista' tinsisti ma' xi benefattur, jew mal-Isqof, din tista' ssir dan is-sajf. Aħfirli, Padre, imma inti taf safejn tasal il-ħerqa tagħna. Anzi Dun Ġwann jgħid li dwar il-knisja jirranġa mal-Papa ... Oh! Mhux li ssir malajr naqra ta' knisja xierqa għall-Maħbub Priġunier tagħna! X'nista' ngħidlek aktar? L-għeżież sorijiet u jiena ngaħgħuha. Iżda għadni ma nistax nasal għall-imħabba pura kif il-qalb imsejkna tiegħi tant tixtieq bil-ħerqa. Itlob Padre, u ġiegħel lil min jitlob ħalli lkoll flimkien naslu għall-kisba tal-ħelwa mħabba pura, u hekk bla ebda dubju niksbu l-bqija.

Illum is-Sibt, x'qed tagħmel? Qed tqarar xejn? Jew għadek taħt in-niket tat-telfa (mhi telfa xejn) tal-għażiż missierek? Eh, kuraġġ u qawwa; fil-Mulej inħossuna aktar qrib tiegħu milli meta kien jgħix magħna.

Tista' tobsor kemm aħna fuq ix-xwiek għall-aħbarijiet tiegħek. Iżda dan is-sagrifiċċju noffruh ukoll lit-twajjeb Ġesù. Nittama li rċevejt l-aħbarijiet tagħna li dwarhom diġà ktibtlek darbtejn. M'hemmx għalfejn ngħidlek li kulħadd irid jaf aħbarek u meta ser terġa' tiġi fostna. Għażiż Padre, jiena nitolbok biss li tirrifletti fuq il-ġid li nbeda u ma tkompliex jitwwettaq. Nibża' wisq li x-xogħol imur lura flok ma jissaħħaħ. Inħallu kollox f'idejn il-Providenza Divina li xejn ma jonqosha,

u la mezzi u lanqas nies. Is-sorijiet ilkoll sejrin tajjeb, ukoll dawk li ma kitbulekx. Qed nirrassenjaw ruħna u nistennew kif ser tintemm din il-qagħda kritika u naduraw bl-umiltà siekta lil dak li jinsab moħbi fit-Tjieba Divina!
Mela, inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa. Inqisu għalhekk li tkun magħrufa u b'hekk tkun tabilħaqq maħbuba ...
Wara li qbadt u ħallejt din l-ittra erba' darbiet nagħlaq billi nagħtik it-tislijiet tagħna wliedek, filwaqt li nitolbu fuq kulħadd il-barka tiegħek u nfakkruk fit-talb li għandna ngħollu għal xulxin lejn il-Ħelu Ġesù.
Nixtieq ngħid ħafna affarijiet lill-għażiża ommok li jiena ħerqana li nkun naf ħafna kif inhi, u dwar Mons. Agius, u Dun Ġorġ Preca. Nitolbok li tgħidilhom biex ilkoll jitolbu għalija, għax għandi bżonn bil-bosta.
Sr. Margherita

**Ittra 2**
G!M!G!F!
Korfù, 5 ta' Ġunju 1917
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,
Għaddew 40 jum mit-tluq tiegħek bla ma rċevejna lanqas biss vers mingħandek ... Forsi ktibt u ma waslux, jew forsi wkoll intilfu. Aħna ntennu l-għażiż *Fiat!* Iżda nistennew (forsi) b'ħerqa.
L-aħbarijiet tagħna huma kważi l-istess <...>
Il-W.R. Kanonku għadu qiegħed jieħu ħsieb tal-emigranti b'ħeġġa u b'sagrifiċċju. Kull nhar ta' Sibt jiġi biex iqarar, u l-Ħadd fil-5:00 a.m. issibu dejjem fil-konfessjonarju. S'issa, fil-Ħdud kollha, in-numru ta' dawk li jitqarbnu qed jaqbeż il-100, u fil-ġranet tax-xogħol dejjem ikun hemm xi wħud ukoll.
Kulħadd qed jistenna aħbarek u jistaqsi jekk intix ser terġa' lura. Aħna wkoll, minn waqt għall-ieħor, qed nistennew xi xaqq dawk dwar din id-deċiżjoni, li nittamaw fil-Qalb Ewkaristika tkun kif jixtiequ wliedek tal-bidu, għalkemm ma wiġbux b'tant ġenerożità għal dak li l-paternità tiegħek tixtieq <...>
Ngħaddi għal ħaġ'oħra. X'jidhirlek mit-telegramma tal-31 tax-xahar l-ieħor? Nittama li dan diġà taf bih. Jiena għadni ma nistax nifhmu anzi, aħna hawn

iċċelebrajna l-elezzjoni mill-ġdid ta' Madre Nazzarena ... billi rajna l-ewwel kelma u mhux il-bqija; filgħaxija, imbagħad, rajt mill-ġdid it-telegramma biex nara meta sar dan u x'inhu? Eh! forsi għalhekk mela u elf ħsieb ieħor, u b'qalb dejjem tħabbat bla ma nista' mill-ġdid inlissen b'qawwa l-*Fiat!* Ma' Ġesù biss naħseb u nerġa' naħseb ... Illum iżda l-4 ta' Ġunju, ġie Dun Abatangelo u wrejtu t-telegramma u kkonfermali l-verità ... jidhirli iżda, li nista' nirrinunzja, għedtlu, bid-dmugħ morr, iżda hu: Forsi mhux aktar perfett li tgħid bil-ħlewwa *Fiat!* Jiena iżda għadni m'iniex ċerta u b'ħerqa qed nistenna ittra, kif ukoll id-deċiżjoni x'għandi nagħmel u kollox b'ubbidjenza, li għall-imħabba tagħha (tal-ubbidjenza) jiena lesta li nidħol f'kull periklu, ukoll ta' ħajti. Fhimtni. Għażiż Padre f'Ġesù? Għinni inti f'dan il-waqt hekk kritiku. Ukoll minħabba l-qagħda attwali ta' din id-dar; għall-aspiranti l-ġodda eċċ...
Peppini reġgħet marret id-dar, forsi jierġa' jibdielha, nitolbu ... L-oħrajn iżda, huma ħerqana aktar minn qatt qabel, u minflok ma qatgħu qalbhom aktar għamlu kuraġġ, anzi ddispjaċihom għaliha, eċċ. Issa iva, li nistgħu ngħidu li l-missjoni tagħna tinsab għaddejja minn prova ċkejkna! Tkun magħmula r-Rieda mqaddsa Tiegħu! Lis-Sorijiet għedtilhom li dan hu ħtija ta' nuqqas ta' korrispondenza tagħna li wasslet għat-tluq tal-Padre. Issa ntbaħt li approfittajt ftit miż-żmien tal-qagħda tiegħi fil-missjoni, u għalhekk kien li l-Mulej għoġbu jagħtini dan is-salib tqil (jekk dan hu minnu, għax għadni ma nistax nemmen ...)
Issa biżżejjed, ħalli mmur nitlob lit-Twajjeb Ġesù sabiex jagħtini l-grazzja li ma mmurx nagħmel xi ħaġa li ma togħġbux ... għax minn din kapaċi nagħmel ħafna u ħafna ... Int li taf il-qagħda preżenti tad-dar tagħna tista' tagħti tagħrif, qabel kulħadd lil Madre Nazzarena, ukoll dwar l-inkapaċità tiegħi, fiżika u morali. Qed nagħtik kull setgħa, anzi qed nitolbok b'karità.
Niltaqgħu fil-Qalb Qaddisa, ħalli nħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba, għax mhix magħrufa. Berikna lkoll, kif ilkoll flimkien insellu għalik bil-qima, u għall-maħbuba ommok, li lkoll nixtiequ li narawkom.
L-imsejkna bintek f'Ġesù, Sr. Margherita
P.S. Tislija mill-qalb lil Mons. Agius

**Ittra 3**

G!M!G!F!

Korfù, 20 ta' Ġunju, 1917

Għażiż Padre f'Ġesù,

Sa fl-aħħar, grazzi lill-ħelu Ġesù, waslet l-ittra tiegħek. Ara kif il-Mulej iħallas għas-sagrifiċċji magħmulin għalih, sa minn din id-dinja. Ara, ara kemm hu ta' min iħobbu l-Mulej tagħna! Kif mhux maħbub, kif ma ninħallux bin-nirien ta' mħabbtu?! Iva, għax mhux magħruf, mhux maħbub. Imħabba hekk kbira! Kobor hekk bla tarf! Imħabba hekk setgħana. Imma ngħaddu għal ħaġ'oħra ...

Għall-grazzja t'Alla, il-morda sejrin tajjeb, irrid ngħid għal Vella, għax Conċetta kważi dejjem xorta waħda. Is-sorijiet tagħna sejrin tajjeb ħafna, għalkemm għadhom dgħajfa ħafna. L-affarijiet l-oħra spiritwali sejrin mhux ħażin skont iċ-ċirkustanzi preżenti tax-xogħol, mard, nuqqas ta' ikel, eċċ. X'tagħmel? Paċenzja u dejjem l-għażiż *Fiat!* Issa qegħdin nistennew ix-xita, imma ftit qed jiġu ħalli jitolbuha. Il-Kanonku Don Giovanni jagħmel kulma jsita', kif ukoll Abatangelo u l-oħrajn, iżda mhumiex liberi, għandhom ukoll ix-xogħol tagħhom fil-belt. Hawn barra, jistaqsu għalik u b'sodisfazzjon. Ilkoll semgħu bl-ittra tiegħek ... kulħadd jibgħat mill-ġdid it-tislijiet tiegħu, u ma jonqsux li jitolbu li terġa' tiġi bis-sliem. Għall-għażiża ommok, żgur li hemm id-diffikultà tal-vjaġġ ... u għalik ukoll jidher diffiċli ...

U għalija x'ser naqbad ngħid? Oh! X'ħassejt f'qalbi x'ħin qrajt l-ittra tiegħek. Intbaħt li jiena l-Madre Ġenerali ... għax sa dak il-waqt kont għadni m'iniex ċerta mit-telegramma. U mill-ewwel tennejt (lil Don Giovanni li hu stess kien qed jaqra l-ittra) "Imma jien ma nistax nirrinunzja?" ... u hu qalli: "Le, ma nagħtikx parir, għalkemm mhux faċli li tivvjaġġa; tista' tqabbad lil xi ħadd flokok sakkem l-affarijiet jiċċaraw, u terġa' żżernaq il-paċi" ... Intant, jiena nistenna l-ittra fuq ix-xwiek. Ħalli nara sewwa sew x'għandi nagħmel. Is-sorijiet sħabi għadhom ma jafu b'xejn. Fittixt li nqassam l-uffiċċji, biex nara kif immorru.

(17.6) Issa jafu għax ġejt ma' dan Galea, iżda ma wasaltx fil-ħin biex nagħmel il-biljett. Oh! X'għamitli inti?! Il-Mulej inqeda tabilħaqq bik biex iqiegħed fuq spallejja salib hekk tqil!! Għalhekk issa għandek tgħinni ħafna ħafna bit-talb u bil-pariri, eċċ, eċċ, għax kieku kien jiddependi minni żgur li kont nirrinunzja ... Intant tennejt il-għażiż *Fiat!*, għalkemm bi sforz l-aktar kbir billi jiena ma niswa xejn u lanqas biss jixraqli li ngħix ta' sempliċi reliġjuża qalb tant erwieħ tajba ...

Nittama li niġi fi żmien ġimgħa oħra, jekk Alla jżomm hawn dan il-vapur. Hekk kif nirranġa din il-ħaġa mbagħad jekk Alla jrid, ngħarrfek jiena stess. Intant itlob u ġiegħel lil min jitlob għalija ħalli t-twajjeb Ġesù jagħtini l-grazzja li nasal bis-sliem fid-Dar tiegħu, fejn b'leħnu stess sejjaħli u kkonfermali bil-kmand tal-paternità tiegħek u tad-Diretturi li għandi wkoll hawn ... is-sorijiet ħuti baqgħu mbellhin għall-aħbar li xejn ma stennejna; bkew, eċċ. Iżda huma rrassenjati u flimkien qed jistennew li ma ddumx ma terġa' lura ...
Iss'issa tajt il-velu lil Caterina Puligardo u tajthom lit-twajjeb Ġesù flimkien ma' Marija u s-sorijiet l-oħra kollha filwaqt li tlabt li Hu jkun għalihom Superjur, Missier, Direttur, Ħuhom, u Għarus tagħhom, li jaħbihom fil-Qalb Ewkaristika tiegħu, ħalli l-ebda għadu ma jkun jista' jisraqhomlu, eċċ. Nagħlaq billi minn qalbna lkoll insellu għalik, l-aktar is-sorijiet professi, u postolanti, li jridu jiġu miegħi. Iżda mhux il-waqt ...
Jekk jogħġbok sellili għas-sorijiet tagħna għax m'għandix żmien niktbilhom ... Irċevejt il-karti tal-Kapitlu, eċċ. Issa ma nistax naħseb għajr li niġi. Berikna lkoll u fil-Quddiesa ftakar fil-povra u msejkna, Sr. Margherita.
Sellili ħafna għall-għażiża ommok.

**Ittra 4**
G!M!G!F!
Korfù, 21 ta' Ġunju 1917
Wisq Rev.du Padre f'Ġesù,
Agħmilli favur u qegħedli kollox f'postu u ara x'jaħsbu dwar it-tluq tiegħi.
Hawn jiena: illum kelli kollox lest, u l-Konslu m'għamillix il-passaport. Għalhekk qed nagħtik ukoll din il-karta biex tagħmel biha dak li jidhirlek. Jiena lesta li nibqa' hawn u nitlaq malli tgħidli inti, kif ukoll l-Eċċellenza tiegħu ... Iżda għiduli ċar. Inselli għalik ħafna.
Ifhimni, ma' din l-ittra għandek il-permess, iżda ara jekk mhux impossibbli, jew jekk hux meħtieġ li nitlaq mill-ewwel ... insomma ntennilek li jiena nħalli d-deċiżżjoni f'idejk. Nintelaq fl-imqaddsa ubbidjenza li minnha nistenna kull għajnuna u faraġ.
Berikni u ftakar fija fil-Quddiesa.
Qaddejja umli tal-paternità Rev.da tiegħek, Sr. Margherita

**Ittra 5**
G!M!G!F!
Korfù, 30 ta’ Ġunju 1917
Għażiż Padre f’Ġesù Ostja,
Kif tara fl-ittra l-oħra ta’ ma’ din, kont lesta biex nitlaq nhar il-Ħamis, 22 tax-xahar: flimkien ma’ dak Galea li ġie ma’ xi sorijiet oħra Maltin biex jarak. Ma nafx jekk sabekx jew le, għax imbagħad lanqas l-ittra ma ħa, li kienet lesta man-nota tal-quddies.
Diġà għadda xahar mill-Kapitlu u fl-ittra tar-Rev.da Madre Vigarja għarrfitni bil-proroga ta’ tliet xhur tas-superjuri lokali, eċċ. Iżda issa għalija hu aktar diffiċli biex nivvjaġġa, mhux biss minħabba l-periklu, iżda wkoll bin-nuqqas ta’ soru li tiġi miegħi (ma rridx inqiegħed fil-periklu soru oħra) u ma jistgħux jibqgħu erbgħa. Għalhekk x’naqbad nagħmel?
Issa ma nistax noqgħod bi kwieti u lanqas naħseb. Nibża’ li nonqos mill-fiduċja u mill-abbandun sħiħ, billi jiena distratta ħafna u niexfa qoxqox! *Fiat* dejjem! Iktibli, Padre, x’għandi nagħmel.
Don Giovanni hu kuntrarju ħafna għat-tluq tiegħi. Abatangelo le. Iżda t-tnejn li huma ma ħallewnix nirrinunzja u lanqas l-Eċċelenza tiegħu ...
Hawn, il-ħtieġa tal-ħobż qed iħossha aktar kulħadd, u ma nafx kif ser tispiċċa. Is-sħana qed tagħmel tagħha ... u xita xejn. Iżda dan hu xi ftit ħtija ta’ dnubietna ...
U inti meta fi ħsiebek terġa’ tiġi? Il-pjanta tal-Knisja, kif ukoll tad-dar tal-Kappillan, hi lesta. Agħmel li tista’ (mingħalija li diġà għedtlek) ħalli tipprovdi 3000 frank, u dan fi żmien xahar ikun lest. Itlob lil Madre Nazarena kopja tal-att ta’ donazzjoni tad-Dar ta’ Korfù, ħalli tara kif jista’ jsir il-bini, eċċ.
Iss’issa rċevejt l-ittri tas-sorijiet u tal-Eċċ. Tiegħu Mons Camilleri t’Għawdex... fejn jgħidli: Billi int ġejt maħtura kanonikament, ma nistgħux niddubitaw mir-rieda divina.
Għal aktar minn seba’ darbiet ilni naqbad il-pinna biex nissokta nikteb din l-ittra. Paċenzja! Kun af, Padre, li din il-ħaġa għal saħħti tagħmel tajjeb, iżda nibża’ ħafna li mhux għall-ispirtu: għalhekk nixtieqni li nkun naf jekk intix ser terġa’ tiġi u meta. Il-missjoni wkoll ma tistax timxi 'l quddiem, kif taf inti stess, l-oħrajn kollha għandhom ix-xogħol tagħhom. Il-postulanti wkoll, jekk ma jkollhomx direzzjoni tajba, aħjar li ma jiġu xejn la darba mhux possibbli li jmorru l-Casa Madre.

Jidhirli li għamilt kull ma stajt biex inħalli kollox kif għandu jkun, issa nħalli kollox f'idejn it-Twajjeb Ġesù tagħna u fil-ħsieb tiegħek.
Maria u Caterina jinsabu kuntenti ħafna, Teresa u Maria Azzopardi jissieltu m'ommijiethom; nittamaw li jkunu sorijiet tajbin... Is-sorijiet tiegħi huma rassenjati, imma qed jitolbu li inti terġa' tiġi ma ddumx ... biex ta' lanqas jisimgħu kelma tajba ... U ommok xi tgħid? Eh! Ikteb malajr; ir-Rev. Don Giovanni wkoll hu fuq ix-xwiek li jisma' aħbarek.
Nixtieq ngħidlek ħafna ħwejjeġ oħra, imma moħħi qisu żurżieqa.
Filwaqt li minn qalbi nagħtik it-tislijiet ta' kulħadd u lkoll nitolbu l-barka tiegħek, nitolbok li tiftakar fl-aktar midinba msejkna,
Sr. Margherita.
Inselli għall-ħbieb kollha tagħna fil-Qalb Ewkaristika.

**Ittra 6**

G!M!G!F!
Casa Madre, 28 ta' Awwissu 1917
Għażiż Padre,
Ħadt gost li sa fl-aħħar sibt dar fejn tista' tistrieħ ftit, eċċ.
Kuntenta wkoll li inti aċċettajt l-istedina, u nista' ngħidlek aktar li tista' tibda fl-4 tax-xahar id-dieħel; dak in-nhar se jitlaq ir-Rev. Abatangelo. Hekk jiena nkun aktar libera.
Oh! Għażiż Padre kemm qisni moħħi mxerred? Iżda rassenjata. Itlob ħafna għalija, lit-Twajjeb Ġesù, ħalli jagħmel minni l-vittma tiegħu ta' mħabba safja, vera u ġeneruża. U inti, kif inti? ... .kif inti sejjer ma' din l-imħabba safja?? Min jaf kemm toffri lill-Mulej atti ġenerużi !! Kemm-il titjira tagħmel ruħek f'dawn in-nirien safja?! Iva, iva, inħobbu, inħobbu l-imħabba li mhix magħrufa u għalhekk mhix maħbuba!
Berikni u ftakar fija fil-Quddiesa, ħalli tingħatali l-grazzja li nintemm kollni kemm jiena fil-vampi safja tal-Imħabba Divina.
Sellili għall-għażiża ommok, u għall-kuġini, eċċ.
L-imsejkna bintek, Sr. M. Margherita

**Ittra 7**

G!M!G!F!

Casa Madre, 26 ta' Ottubru 1917

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Kelli bżonn narak qabel ma nitlaq, u minħabba f'hekk nhar it-Tlieta filgħaxija ġejt il-Furjana. Iżda, paċenzja! Dan ifisser li tissagrifika kollox għad-dover ... Ninsab kuntenta u rassenjata bil-għajnuna divina, filwaqt li nsib il-għajnuna ta' Alla hekk sensibbli u attenta li ġġegħelni nistagħġeb bl-ingratitudni kerha tiegħi, billi ma nweġibx b'mod ġeneruż għall-imħabba diżinteressata, anzi 'ejda, lejn midinba li xejn ma jistħoqqilha.

Mela, Padre, jiena ntfajt fil-baħar, għalkemm lanqas m'għadni bdejt ngħum. Irrid ngħid: Diġà bil-għajnuna ta' Alla ninsab fil-għalqa kbira tal-qasam iebes tiegħi, minkejja li m'iniex imħejjija bil-għodod meħtieġa għax-xogħol ... X'impressjoni jagħmluli dawk il-ħafna erwieħ sbieħ li qed jistennew kisra ħobż, mhux dak materjali, iżda merżuq ta' kuraġġ, ta' faraġ eċċ. Kemm oħrajn qegħdin jistennew wara l-bieb ħalli jidħlu fid-dar kbira tal-Priġunier Divin! Oh! Kemm niftħilhom bil-qalb, anzi niftħilhom beraħ il-bieb ħalli jiksbu l-kenn ta' dejjem għand il-Maħbub ta' ruħna! Inħoss għatx kbir għal dawn l-erwieħ! Iva nħossni naqbad ... iżda biżżejjed għax inkella ma ntemmx din l-ittra.

Inti wkoll, naħsseb li sibt kotra ta' erwieħ għeżież xżtieħu ħsieb. Oh! Iva, iva, għażiż Padre nagħmlu kull sagrifiċċju ħalli nkebbsuhom bin-nar safi tal-imħabba, nagħmlu li dawn iwarrbu l-vanità tad-dinja ħażina, eċċ., ħalli jkunu jistgħu jħobbu u jiggustaw il-benna tal-imħabba Ħelwa! Ftehemna?

Ftakar, Padre, li jiena għall-kelma tiegħek tgħabbejt b'piż tabilħaqq ħelu għal ruħi (billi naħdem għall-erwieħ) iżda fl-istess waqt tqil ħafna minħabba d-doveri preċiżi li dan iġib miegħu. Kemm naf hux tassew? Trid tħobbu lil Ħelu Ġesù tagħna? Oh! Kemm nixtieq li nħobbu bil-qalb ta' kemm huma l-erwieħ twajba, iżda dan lanqas mhux biżżejjed; nixtieq biss u nitlob (bil-mistħija) lill-istess Qalb magħmula bniedem u Ewkaristika, biex inħobb kif jixraq lil Dak li ftaħar li jsib l-għaxqa tiegħu fost ulied il-bnedmin ... u mbagħad dawn ulied il-bnedmin huma hekk ingrati li ma jfittxux l-paċi tagħhom billi joqogħdu ħdejn l-Uniku Għaxqa tal-qlub mhux biss tal-bnedmin, imma wkoll tal-anġli ... X'ingratitudni kerha! X'jidhirlek, għażiż Padre, din mhix ingratitudni vera u l-aktar kerha!

Filwaqt li qrajt mill-ġdid din l-ittra, intbaħa b'dak li ridt ngħidlek aktar 'il fuq ... Jiġifieri, nistenna l-għajnuna u l-parir, u aktar talb mingħand l-erwieħ li int tmexxi. Inħobbu, iva, inħobbu lil Dak li hu Kollox, waħdieni u Assolut! O kemm hi ħaġa sewwa li tħobb Imħabba infinita! Tlieta u Wieħed! Jaħasra x'sabar irid ikollok biex toqgħod f'dan l-eżilju! Xi minn daqqiet kemm hu iebes il-għażiż *Fiat!!* Biżżejjed ... Ngħaddu għal ħaġ'oħra. Inti, kif inti? Kif tħossok? Drajtu xi ftit? Kuraġġ tafx, għażiż Padre, kull bidu hu iebes.
Fil-Casa Madre lkoll ninsabu tajbin, għall-grazzja tal-Maħbub ħelu tagħna u lkoll insellu għalik u nitolbu l-barka qaddisa tiegħek filwaqt li l-aktar imsejkna titolbok ma tinsihiex bħala l-aktar midinba, Sr. Margherita
Nistenna tweġiba mingħandek kif tkun imnebbaħ mill-Imħabba safja.
Ġesù jkun magħna! Tislija mill-qalb lis-sinjura ommok u lill-kuġini.

**Ittra 8**

G!M!G!F!
Mdina, 5 ta' Awwissu 1918
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,
Kif inti? Xtaqt li kieku rajtek qabel l-irtir, iżda ma rnexxilix. Paċenzja! Issa, waqt l-eżerċizzi tgħid ma narakx? Nittama. Għall-grazzja tat-Twajjeb Ġesù tagħna ninsabu mfawrin bil-ferħ spiritwali, taħt xita abbundanti ta' grazzji mis-sema ... Itlob, għażiż Padre, biex il-profitt ikun kbir ħafna u abbundanti ... Ruħi għadha tinsab f'insensibbiltà misterjuża (ngħid għalija) għax ma jiena qed nifhem xejn. Jaqbduni d-dwejjaq, iżda ma nagħtix kashom. Ftit drabi biss ħassejt lill-ħelu Ġesù u għal ftit waqtiet u xejn aktar. Iżda nħossni kwieta u rassenjata, nixtieq biss li nfaħħru u nħobbu għal dejjem mal-ħlejjaq kollha li jifhmu ...
Kelli bżonn il-permess ħalli nuża n-nuċċali l-ġdid, stennejt, iżda mbagħad kelli nieħu l-permess b'idi, għax kelli bżonnu. Oh! Kemm nixtieq li nixxejjen f'ġieħ l-Imqaddsa ubbidjenza! Inħobbu lil Ġesù tagħna l-aktar ħelu, li jħobbna bla qjies!! Oh! Kemm nixtieq li nħobbu bil-Qalb Tiegħu stess! Iżda meta, meta ser jagħtini din il-grazzja: (tabilħaqq nistħi mqar naħseb dan) iżda nixtieq bil-ħerqa kollha.
Ma' din l-ittra qed nibgħatlek oħra mehmuża ta' Tereża Sġiteri ta' Korfù ... ferħitni ħafna, minkejja li bilkemm tista' tifhimha. Imsejkna tifla, kemm għandha ġġarrab? Tista' inti tiktbilha żewġ versi. Jiena diġà ktibtilha.

Filwaqt li nagħtik mill-qalb it-tislijiet tiegħi flimkien ma' dawk tas-sorijiet, nitolbok il-barka tiegħek, u li fil-Quddiesa tiftakar fl-imsejkna,
Sr. Margherita

**Ittra 9**

G!M!G!F!
Casa Madre, 19 ta' Diċembru 1918
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Ma nafx jekk jirnexxilix li nurik ftit mill-ħtieġa tal-ispirtu tiegħi. Imma nipprova. Nibża', bħal dejjem, li n-nixfa kbira li għandi hija l-ħtija ta' nuqqas ta' imħabba, u l-indifferenza fl-eżerċizzju tal-virtujiet meħtieġa għal reliġjuża vera. Biex tkompli tgħaqqad, l-uffiċċju li għandi jeħodli ż-żmien kollu, u għalhekk ma jistax jgħinni fil-ġabra. Anzi waqt il-meditazzjoni kważi dejjem insibni naħseb fih. Imbagħad waqt it-Tqarbin dik il-bruda, dak in-nuqqas ta' kull imħabba tajba; dawn iħalluni bħal misħuqa taħt il-piż li jmewwet ... Ma nħossx iżjed l-ebda għajnuna għall-ubbidjenza, lanqas biss ma niftakar ... wara dalma fit-twettiq tal-affarijiet importanti tal-komunità ...

Aktar u aktar rari jirnexxili nagħmel atti ta' abbandun, minħabba li nħoss il-bogħod li jifridni mill-Mulej ... agħar, ħafna aktar agħar minn dik l-istatwa li dwarha qrajtli inti. *Fiat*, dejjem! B'danakollu ftit ferm ... Minn xi daqqiet jgħaddi minn moħħi li ma nitqarbinx, minħabba l-biża' li dan nagħmlu bi drawwa, u hekk ma jogħġobx lil Ġesù. Imma wara x'naqbad nagħmel? Ibeżżagħni, jew aħjar ngħid, dawn il-jiem tal-Milied Imqaddsa, kważi jnikktuni; huma hekk sbieħ. Insomma ma rridx indejqek, l-iżjed minħabba d-dwejjaq li nħoss biex nikteb dan kollu ...

Intant, fil-Kunsill aċċettajna diversi novizzi u postulanti, u waħda bgħatnieha lura ... il-parir li ma ndaħħlux postulanti aktar għalissa, minħabba l-għoli tal-ħajja, inħossu jisħaqli qalbi ... insomma kollox jagħfas il-qalb tal-midinba msejkna li, xi drabi, mifnija, tasal kważi fl-agunija ... Għal dnubieti kbar jistħoqqli aktar minn hekk, u talli weġibt ħażin għall-grazzji li rċevejt ...

Dwar is-sorijiet ta' Korfù, x'għamilt? Jiena bgħatt ngħid lill-Eċċelenza Tiegħu, u weġibni li qed jaħsibha ... Naraw ... Nieqaf u ngħaddi għal ħaġ'oħra.

L-Imqaddes Bambin jagħtik kotra ta' grazzji u jwettaqlek ix-xewqat qaddisa tiegħek, ħalli tkun tista' ssalva u tqaddes ħafna u ħafna erwieħ bid-Demm għażiż

tal-Feddej Ġesù ... Fl-aħħarnett, filwaqt li nitlob il-barka paterna tiegħek, nitolbok li fit-talb tiegħek tiftakar fl-imsejkna,

Sr. Margherita

**Ittra 10**

G!M!G!F!

Korfù, 27 ta’ Novembru 1919

Għażiż Padre f’Ġesù Ostja,

B’ħajr lit-twajjeb Ġesù tagħna ninsab tajba f’saħħti. L-istess l-għeżież sorijiet l-oħra. Fil-preżent il-miġja tiegħek tkun ta’ siwi; meta l-Eċċelenza tiegħu għadu mhux deċiż lil min ser jibgħat hawn barra! Ma nafx imnejn sirt naf li inti tinsab kważi ħieles ... Jidhirli li dan inti għedtu lil xi soru sempliċiment biex tkun għedtu. Jekk dan hu minnu, iktibli malajr. Jiena iżda ma rċevejt xejn. Paċenzja!

Kuljum jiġi jqaddes ir-Rev Don Spiridione Ruggeri, nhar ta’ Ħadd ukoll. In-nies, iżda, tistaqsi għalik. Intant jiena qed naħseb biex nerġa’ lura, iżda t-temp hu ħażin ħafna. M’iniex żgura jekk miegħi nġibx lil Tereża u 'l Abatangelo, għax mhumiex f’saħħithom biżżejjed. Maria Azzopardi xewqana li tiġi wkoll, iżda ħutha s-subien għadhom ma jridux jagħtuha l-permess. L-imsejkna omm tbati wisq biex titlaq. Parnis reġa’ bdielha. Mill-bqija, grazzi lit-Twajjeb Ġesù kollox sejjer tajjeb. Kulħadd iselli għalik bil-qalb u jirringrazzjak tal-labtijiet, eċċ.

Fl-aħħarnett nagħtik l-awguri sinċiera tas-sorijiet tiegħi u magħqudin ilkoll flimkien nitolbu l-barka tiegħek, u li fil-Quddiesa tiftakar fl-imsejkna bintek f’Ġesù, Sr. M. Margherita

**Ittra 11**

G!M!G!F!

Mdina 27 ta’ Awwissu 1920

Għażiż Padre f’Ġesù Ostja,

O kif inħossni sfinita, imdewba bix-xewqa li nintemm kollni kemm jiena u bla ma nerġa’ lura, fl-Imħabba Divina! ... Kif inħoss ruħi għatxana għal Dak li jista’ kollox, ngħix Fih, eċċ ... Imma kif, kif inwieġeb? X’nagħti għal tant benefiċċji? Nieqaf, għax naf li l-pinna ma tgħidx sew dak li wieħed iħoss minn ġewwa, eċċ.

Il-wegħda li rrid nagħmel u nixtieq li kieku niktibha b'demmi stess: Oh! Alla wieħed fi tlieta, jiena ħlejqa imsejkna, u bla ma jistħoqqli noffri lili nnifsi kollni kemm jien lis-setgħa ta' mħabbtek, filwaqt li Inti tagħmel li jiena mmut qabel ma nonqos mill-fedeltà tiegħi. Hekk ikun ...
Nixtieq iċ-ċavetta tal-armonium, u jekk inti għandek il-pjaċir li tagħmel xi priedka lis-superjuri, it-Tnejn jew it-Tlieta, tagħmilli pjaċir kbir, għax il-Predikatur is-Sibt biss jista' jiġi, u mhux aktar.
Aħfirli li għamilt wiċċi, berikni u noffri lili nnifsi vittma fis-Sagrifiċċju Mqaddes biex inkun imsoffija u wara mitmuma kif tassew tixtieq b'ħerqa r-ruħ ta'
Sr. Margherita
**Ittra 12**
G!M!G!F!
Casa Madre, 13 ta' Settembru 1920
Għażiż Padre f'Ġesù!
Ma kellix ix-xorti li nereġa' narak qabel m'erġajt lura l-Casa Madre. *Fiat!* Ma nafx jekk intix ser tkompli tmur Birkirkara.
Is-sorijiet inbidlu kważi kollha. Sr Agostina sejra bħala superjura lokali l-Qala. Sr Scolastica superjura lokali wkoll in-Nadur. Jalla l-Mulej jagħtihom l-ispirtu ta' mħabba safja, ħalli jmexxu l-familja żgħira tagħhom għall-akbar glorja ta' Alla u l-qdusija tal-erwieħ.
U int kif sejjer fix-xogħol ġdid? Min jaf kemm kisbiet sbieħ għamilt bil-għajnuna mqaddsa. Eh! Ikun Hu dejjem imfaħħar u maħbub minn kulħadd u kullimkien! ...
Bil-għajnuna tat-Twajjeb Ġesù tagħna, is-Superjuri lokali jinsabu lkoll f'posthom, iżda għadni neħtieġ oħrajn biex iwettqu xogħlijiet oħra, li nittama fil-għajnuna tal-Providenza li nsibhom, eċċ ... Smajt li Sr Crescenza waslet Siracusa, u forsi tinsab ukoll Malta.
X'aktar, għażiż Padre? Nistenna tweġiba mingħandek għax ma naf xejn kif inti sejjer fix-xogħol tiegħek.
Xtaqt li kieku għedtlek ħwejjeġ oħra, iżda ma nafdahomx fuq il-karta, għalhekk nagħmel is-sagrifiċċju ħelu tas-skiet volontarju ... Inħobbu l-Imħabba u daqshekk! Min iħobb jifhem.

Nitolbok li tilqa' t-tislijiet sinċiera tal-komunità tiegħi kollha, filwaqt li nitolbok li tbierek lill-imsejkna, Sr M. Margherita
Insellu bil-qalb għas-sinjura ommok u 'l-kuġini.

**Ittra 13**

G!M!G!F!
Casa Madre, 7 ta' Jannar 1921
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
X'inhi r-raġuni tas-skiet hekk twil tiegħek? Ix-xogħol jew forsi l-ingratitudni tiegħi? Min-naħa tiegħi żgur li ma jistħoqqlix; iżda missier hekk tajjeb ma jħallix lil bintu bla tweġiba. Forsi hekk jiġri, imma m'għandix żmien noqgħod infittex il-għaliex ... Kien x'kien ... aħfirli wkoll jekk bla ma naf inqastek ... jekk ma tridx tweġibni (kif tabilħaqq jistħoqqli) għall-imġiba ħażina tiegħi l-imgħoddija, iva! Naċċetta li b'umiltà nbaxxi rasi, żgura li jistħoqqli ħafna agħar minn hekk ... Nitolbok iżda li jkollok it-tjieba u turini fejn inqast, biex għalli ġej noqgħod aktar attenta.
Naħseb li qrib il-ġimgħa d-dieħla niġi Malta, iżda ma nafx kif ser jirnexxili nsibek. Tkun magħmula dejjem ir-Rieda Divina! ...
Għall-grazzja tat-twajjeb Ġesù, f'saħħti nħossni hekk u hekk, iżda għandi x'nagħmel ħafna. Ħafna drabi ma jirnexxilix inlaħħaq max-xogħol li għandi ... imbagħad ... imbagħad...
Oh! Kemm għandi bżonn li niltaqa' miegħek ... iżda kif? Fejn? Meta? Inħalli kollox f'idejn il-Providenza ta' Alla!
Inti kif inti? Kuntent? Min jaf kemm erwieħ tressaq lejn il-Mulej! Iva, iva, għażiż Padre. Naħdmu għall-erwieħ li huma l-prezz tad-Demm tal-Mulej, għal tliet darbiet Qaddis ...
Nitolbok li titlob 'l Alla għalija, u li tbierek lill-aktar fqajra u msejkna fost uliedek f'Ġesù.
Sr. M. Margherita
Inselli mill-qalb għas-Sinjura Ommok u għall-kuġini.

**Ittra 14**

G!M!G!F!

Casa Madre, 28 ta' Marzu 1921

Għażiż Padre fi Kristu Rxoxt,

Ma rridx li dawn il-jiem ta' ferħ jgħaddu bla ma nixtieqlek l-isbaħ xewqat temporali u spiritwali.

Iva, it-Twajjeb Ġesù tagħna jagħnik b'kotra ta' qdusija l-aktar kbira... Ħalli l-ħeġġa tkebbsek biex tkun tista' tkebbes bir-ruħ tiegħek lil dawk kollu li jersqu lejk.

O Padre, għaliex it-Twajjeb Ġesù tagħna ma jtemmniex fin-nar ta' mħabbtu l-aktar safja? Għaliex iħallina ngħixu aktar għalina nfusna?

Jaħasra jien ma rridx li ngħix aktar ... Irrid li tabilħaqq immut għalija nnifsi biex ngħix għal kollox moħbija u mitlufa fiH! ... Imma kif naqbad nagħmel: Għidli, għażiż Padre, għall-imħabba tat-Twajjeb Ġesù tagħna, kif nagħmel? Iva, l-imsejkna qalbi trid tabilħaqq tinqasam f'ġieħ l-Imħabba ...

Padre, itlob lill-Mulej għalija, u qabbad lil erwieħ oħra wkoll, ħalli kollni kemm jien nintilef f'Alla, kif ruħi tixtieq b'tant ħerqa. Ma jixraqlix, naf fiż-żgur, imma l-ħelu Ġesù jpatti hu għall-faqar tiegħi. Irrind inkun naf ukoll x'irrid nagħmel min-naħa tiegħi ħalli nikseb din il-grazzja ... Insomma fil-Quddiesa, għażiż Padre, flimkien mal-Ostja Immakulata offri wkoll lil ruħi, imsejkna u ingrata, ħalli ssir ħaġa waħda ma' Dak li hu fuq kollox. Jaħasra! Kemm veru ma jistħoqqlix ... Naħseb dan biss inħossni nistħi ... Iżda l-Imħabba tiegħu bla qjies tittamani.

B'ħajr mill-qalb tal-fastidju li tajtek u filwaqt li nselli għal tal-familja tiegħek, nitolbok li tbierek lill-imsejkna, Sr. Margherita

**Ittra 15**

G!M!G!F!

Il-Furjana, 12 ta' Awwissu 1921

Għażiż Padre F'Ġesù,

Ilna żmien twil ma niltaqgħu. Tkun dejjem magħmula r-Rieda Divina. Ammen!

Tgħid ma jirnexxilix niltaqa' miegħek ta' lanqas għada l-Furjana? Jiena nistenniek jekk kemm-il darba ma nisma' xejn mingħandek. Kif inħossni nieqsa minn kollox!

Nibża' li qiegħda ngħix fl-indifferenza ... ukoll dik qaddisa!! Eh! għażiż Padre, ix-xogħol jixrobli moħħi u ma jħallinix ħielsa biex insib fis-skiet lill-Maħbub Ġesù tagħna ... jew forsi għax bla kont ... u bla ħeġġa!
Insomma, jekk Alla jrid, meta niltaqgħu nitkellmu.
Berikni, u bil-għaġla nistqarrni b'bintek ubbidjenti,
Sr. M. Margherita

**Ittra 16**

G!M!G!F!
Ruma, 11 ta' Ottubru 1921
Għażiż Padre fil-Qalb Qaddisa!
Nittama li ħadt l-aħbarijiet tagħna. Tkun magħmula r-Rieda Mqaddsa. Kemm atti t'abbandun kelli l-okkażjoni li nagħmel sa mill-ewwel waqt li wasalt fil-Belt Imqaddsa. Is-soru, sieħba ta' miegħi, ġarrbet u għadha ġġarrab tbatija bil-feriti li xi ftit iweġġgħu. Tinsab ikkurata, iva, imma dejjem barra mid-dar tagħna ... *fiat* dejjem! Grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna, qatt ma naqasna la l-kuraġġ u lanqas ir-rassenjazzjoni. Jiena forsi ma għamiltx ta' sikwit atti formali, u tlabt bil-qalb li tfiq iżda dejjem, jidhirli, bil-kundizzjoni ta' jekk din hi r-Rieda Divina.
Intant, kellna l-udjenza privata mal-Papa u dak in-nhar irnexxilena mmorru lkoll ma' Madre Nazarena, li kienet aħjar. Il-Papa malli raha hekk staqsieha jekk l-arja ta' Ruma għamlitilhiex ħażin. Allura qaltlu x'għandha u taha barka speċjali ħalli tfiq, eċċ.
Għalhekk wara tmint ijiem, hi stess kellha tagħmel operazzjoni oħra, jiġifieri, it-tielet darba, anqas ta' uġigħ u anqas diffiċli. Issa, grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna, għadha fis-sodda, u dgħajfa ħafna, u ma nafx meta ser tkun tista' tivvjaġġa. Tkun magħmula dejjem ir-Rieda Divina. Ninsabu fi klinika, għand is-sorijiet Dumnikani, fejn hawn ukoll professuri mill-aħjar. Is-soru tinsab ikkurata u mħarsa ...
Jiena qed napprofitta ruħi biex nagħmel atti ta' karità magħha u l-bqija tal-ħin ngħaddih fil-kappella qrib Ġesù l-aktar ħelu tagħna l-Priġunier tal-imħabba! Xi drabi nara l-jiem għaddejjin bla ebda xaqq ta' tama fil-qrib. Nagħmel il-ħila nġedded l-atti t'abbandun, iżda nibża' li jkunu bierda wisq, bla ħajja, u minn daqqiet bi drawwa ... Insomma, għażiż Padre, itlob ħafna għalija lill-Mulej ħalli napprofitta ruħi minn din l-okkażjoni kif ukoll għall-għażiża Madre Nazarena, li

qed issofri bis-sabar uġigħ hekk kbir, eċċ. Grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna, dejjem kienet rassenjata tajjeb tant li edifikat lil kulħadd, u meta tara lili nserviha tistħi u tgħidli: Tibżax, Madre, Ġesù tagħna jħallsek! U hekk inqattgħu ż-żmien sewwa, għalkemm ftit u xejn ta' niket.
Oh! Kemm hu tajjeb l-Għarus tagħna li jaf itaffi hekk tajjeb il-morr tal-ħajja. Anzi nitħajjar ngħid jibdlu f'ferħ! Iva, iva, għażiż Padre, inġarrbuh il-jiem kollha, anzi kull waqt, x'ħin naħsbu fl-għemejjel tal-Providenza Divina ... Oh! Kemm jisgħobbija għax m'aħniex grati bla qjies!!! Inħobbu, iva, inħobbu lill-ħelu Maħbub ta' ruħna, u ningħaqdu Miegħu ħalli nħobbuh kif jixraq!! Oh! Kemm nixtieq li neqred lili nnifsi, nikkonsma, nixxejjen, ħalli nagħtih pjaċir, u biex nagħmel li Hu jkun magħruf u maħbub! Iżda mbagħad, filwaqt li nara l-miżerja kbira tiegħi, naħbi lili nnifsi fid-dagħbien bla qiegħ tat-tjubija bla qjies ta' dan il-Kollox tagħna. X'aktar, għażiż Padre, x'nista' ngħidlek aktar?
Ma nafx, nitolbok biss li tgħinni biex nista' ninħeba sewwa sew fil-Qalb Qaddisa tal-uniku Mħabba tagħna, u ngħixu flimkien il-ħajja tal-imħabba safja billi nintelqu għal kollox, u bla ma nerġgħu lura u għal dejjem fil-ħarsien patern tal-Providenza tiegħu, kif nixtiequ li jkun dejjem għalija, għalik u għal dawk kollha li jixtiequ jwwettqu r-Rieda Mqaddsa ...
L-imsejkna, Sr. M. Margherita

**Ittra 17**

G!M!G!F!
Casa Madre, 12 ta' Jannar 1922
Għażiż Padre f'Ġesù!
Irċevejt il-biljett tiegħek u ser inwieġbek mill-ewwel. L-affarijiet ta' Sqallija mixjin 'il quddiem; aċċettajna, u għall-aħħar tax-xahar id-dieħel għandhom jitilqu s-sorijiet. Nittamaw li jagħmlu l-ġid, għax huma mistennija bil-ħerqa skont l-ittri li qed jasluli minn hemm. Ħajr lit-Twajjeb Ġesù tagħna li jogħġbu jinqeda b'għodda hekk ma tiswa xejn għal opra hekk qaddisa!!! B'danakollu moħħi mimli bi ħsibijiet serji, għall-għażla tas-sorijiet. Għadni ma nistax niddeċiedi u nippreċiża xejn. Għalhekk, għażiż Padre, itlob inti wkoll ħalli jintgħażlu dawk li jrid il-Mulej ...
Nibża' wisq, għax inħossni distratta ħafna u ma ninġabar xejn waqt l-eżerċizzi kollha ta' pjetà; ħsibijieti huma kollha fuq il-komunità; biex insib rimedji,

nissupplixxi, nibdel, eċċ. u lill-povru Ġesù la nfittxu, la naħseb fih, lanqas ma nħobbu. Imbagħad kif nista' nagħmel li jkun maħbub mill-oħrajn? Xi drabi negħja u forsi niddejjaq ... imma mbagħad nistrieħ fl-abbandun u daqshekk! Nibża' iżda li din tkun nixfa u bruda. Inħossni propju mferfxa u distratta ħafna ħafna. Matul il-jum ma nsib lanqas waqt ta' kwiet, waqt ix-xogħol il-moħħ ma jkunx hemm, u hekk ngħix kollni mgħaddsa fl-affarijiet tal-uffiċċju, iva, imma mhux f'Alla, kif għandu jkun ...
Fraħt bir-riżultati tajba, inroddu ħajr lil Dak li minnu tiġi kull ħaġa tajba. Aħna wkoll, nhar it-8 tax-xahar kellna l-vestizzjoni ta' erba' tfajliet li bil-ħeġġa u l-ġenerożità tagħhom għoġbu lil kulħadd ... iżda nittama, li l-Għarus Divin ikkuntenta ruħu aktar minn kulħadd! Fi żmien xahrejn oħra jkollna wkoll il-professjoni ta' sitt novizzi li fosthom hemm l-għażiża Sr Modestina u Sr Orsolina. Nibża' naċċettahom minħabba saħħithom; nitolbu iżda li tkun magħmula r-Rieda ta' Alla.
Daqshekk għażiż Padre, mhux għax m'għandix bżonn ta' diskursata twila, iżda l-ħin hu tant xħiħ miegħi. *Fiat* dejjem!
Inselli għalik minn qalbi, għal ommok u 'l kuġini , eċċ. u mbagħad ninxteħet f'riġlejk ħalli tagħtini barka kotrana, u fil-quddiesa *'memento'* mill-qalb għall-imsejkna, Sr. M. Margherita
P.S. Meta jkollok ftit tal-ħin ħieles, ħaddmu b'riżq bintek l-imsejkna, billi tiktbilha żewġ versi sew, ħalli tħeġġiġha ftit fl-imħabba lejn il-Ħelu Ġesù, li hu twajjeb bil-bosta. Ftehemna?

**Ittra 18**

G!M!G!F!
Troina, 2 ta' April 1922
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Sa fl-aħħar sibt ftit tal-ħin biex niktiblek u nagħtik l-aħbarijiet tagħna, li grazzi għat-Twajjeb Ġesù huma tajbin ħafna.
Nittama li diġà smajt bil-laqgħa ta' merħba li kellna, l-interess u r-rispett li kulħadd, għalkemm ma jistħoqqilniex, wera magħna. Kif ukoll dwara is-suċċess tal-inawgurazzjoni li saret nhar it-28 tax-xahar li għadda, bil-preżenza tal-Eċċ.za Tiegħu Mons Isqof ta' Nicosia, li qaddes il-Quddiesa. Wara nofs in-nhar ippresieda wkoll laqgħa festiva u trattament żgħir. Wara, hu għamel kelmtejn,

eċċ. dwar l-opra li kienet għadha kemm ġiet inawgurata. Fl-aħħar sejjaħ lilna s-sorijiet weħidna, feraħ għall-missjoni li dħalna għaliha, qawwielna qalbna, eċċ bħalma jagħmel missier twajjeb ma' wliedu l-għeżież. L-għada, kif ġie biex jitlaq lejn Nicosia, bla ma stennejnieh ġie jżurna, u fraħna b'xulxin u mill-ġdid reġa' qawwielna qalbna ħalli nissoktaw l-opra li ntlaqgħet b'ferħ kbir mill-popolazzjoni kollha.
Fil-preżent l-orfni huma għaxra iżda ħafna oħrajn qed jitolbu li jidħlu. Biex intemmu x-xewqat tal-popolazzjoni jeħtieġ li jinfetaħ malajr il-laboratorju għall-esterni li bil-ħerqa qed jistennew il-waqt li jkunu jistgħu jersqu lejn is-sorijiet. Kellna żjara mill-awtorità ekklesjastika u ċivili, mit-Terzjarji Franġiskani sekulari kollha (m'hawnx għaqdiet oħra femminili), mill-għalliema kollha, eċċ u dawk li ma setgħux jiġu bagħtu biljett ta' merħba, eċċ.
Ekku, Padre, il-ħajja tagħna kemm ma tixbaħx dik tal-Għarus Imsallab tagħna! Għad m'aħniex denji tax-xewk, niket, eċċ.
Fil-bidu s-sorijiet kienu xi naqra neqsin mill-kuraġġ, iżda mill-ewwel ħadu r-ruħ billi jafu kemm ġid jistgħu jagħmlu meta jaħdmu mal-erwieħ, l-aktar bit-tagħlim tal-katekiżmu, li hu nieqes ħafna, għax m'hawnx ħaddiema ... In-nies tiġi l-Knisja, iżda mhux għas-Sagramenti, u lanqas ma jġibu ruħhom sew fid-Dar ta' Alla; ipaċpċu u jgħajtu aktar minn dawk ta' Korfù. Il-għarfien iżda tal-fidi mqaddsa tagħna hi mdaħħla fil-qalb sew. Hawn ukoll xbejbiet tajbin u miġburin ħafna, jieħdu ħsieb ta' ftit tfal għall-katekiżmu ... insomma hawn ħafna x'tagħmel.
Il-Kummissjoni li tieħu ħsieb tamministra l-fondi ta' dan l-orfanatrofju timxi tajjeb ħafna magħna. Il-president, li hu ex-provinċjal tal-Kappuċċini, ifittex l-interessi tagħna, iħeġġiġna u jwegħedna li jagħmel it-tiswijiet li fadal. Insomma, bħal missier li jaħseb għal kollox, u xejn anqas minnu r-Rev. Arċipriet li ma jħalli li jaqbiżlu xejn biex jagħmilna kuntenti. Jonqos issa l-kooperazzjoni ġeneruża tagħna. Għandna bżonn iżda tat-talb, ta' ħafna talb imqanqal ħalli negħlbu x-xkiel kollu tan-natura ħażina tagħna, tat-tentazzjonijiet tax-xitan, li dejjem ifittex il-qerda tagħna ...
Ma toħroġ qatt bla ma tkun imdawra minn ċorma tfal, in-nies fit-twieqi, fit-toroq u fil-bibien eċċ., xi trid tagħmel, paċenzja! Dan għax qatt ma raw sorijiet u tfal bl-uniformi. Insomma, ħalli jkun imfaħħar l-maħbub tagħna Ġesù, li b'tant imħabba u għajnuna, kollha kemm hi partikulari, qiegħed jagħti lill-fqajra komunità tagħna ... Ikun Hu dejjem imfaħħar u maħbub għal dejjem. Hekk ikun.

Jiena, iżda, inħossni ingrata, traskurata, bla ħeġġa u distratta aktar minn qatt qabel. O, kemm ħwejjeġ tajba stajt għamilt u m'għamilthomx! Kemm twissijiet stajt għamilt bħala omm, filwaqt li fittixt lili nnifsi u mxejt skont in-natura, eċċ. O kemm jiena msejkna! Kemm ma niswa xejn, u dak li hu agħar la niftakar u lanqas ma nersaq lejn it-Twajjeb Ġesù tagħna kif għandu jkun ... Ekku, għażiż Padre, il-frott li jagħti l-ġnien ta' din bintek bla ma jistħoqqilha, u kattiva, li qed titolbok li tberikha, u li tiftakar fiha fil-Quddiesa.
Isellu għalik mill-qalb is-sorijiet ta' miegħi u jitolbu l-barka tiegħek, u jixtiequ li jkollhom il-pjaċir li jaqraw xi ftit kliem ta' inkoraġġiment minn għandek. Impressjonaw ruħhom bil-kruha u l-ħmieġ tat-toroq li hawn, mhux kollha, imma neħħi biss il-ftit ... il-bard jinħass ukoll ġmielu, imbagħad fix-xitwa dan ikun żgur aktar iebes. Mill-bqija l-arja hi tajba ħafna
Sr. M. Margherita
(Orfanatrofju femminili ta' M. Addolorata)
**Ittra 19**
G!M!G!F!
Korfù, 2 ta' Awwissu 1922
Għażiż Padre f'Ġesù!
Dejjem naħseb biex niktiblek u ma jirnexxilix, issa dan ser nagħmlu bis-serjetà u nittama li jirnexxili ... Mela, Padre, wara li smajt u rajt lill-għeżież sorijiet, għandi l-faraġ li nista' ngħidlek li grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna, l-iskola sejra tajjeb, fin-numru, eċċ.
In-numru ta' dawk li jitqarbnu mhux kbir, bħal qabel. Paċenzja! Nitolbu intant, ħalli forsi tirnexxi l-miġja ta' Patri Franġiskan, u hekk il-qagħda tiegħu ma' dawn l-imsejkna Maltin tkun permanenti. Dalwaqt ser jibda wkoll ix-xogħol fil-Knisja ... l-Eċċelenza Tiegħu għandu ħeġġa kbira, u qed jagħmel kull ma jista' għall-ġid tal-erwieħ. M'iniex żgura jekk nitlaqx lejn Ruma din il-ġimgħa.
Għandi bżonn dejjem tat-talb għall-ħafna ċirkustanzi li fihom insib ruħi bla ma nista' niddeċiedi. Iżda bit-talb il-Providenza turina r-Rieda tagħha. Irrid ingħidlek bosta ħwejjeġ, iżda emminni, għażiż Padre, li ma jiġini xejn f'rasi ... Nittama li tifhimni tajjeb, hux veru?

L-imsejken Don Giovanni se jkollu jiċċaqlaq mill-Parroċċa tiegħu mill-ġdid, u m'għandux wisq ħajra. Anzi jgħid li proprju ma jiswa għal xejn, għandu ż-żmien imma saħħa ftit ... Eh, il-Mulej għandu għalih pjani kbar!
Intant, inti kif int? Jiena, grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna, ninsab tajba, iżda distratta u niexfa ...
Iżda nixtieq li nħobb bil-bosta lil Ġesù li hu tant tajjeb, tajjeb, tajjeb! Iva, Padre, inħobbuh għal dawk kollha li ma jħobbuhx! Inħobbuh għal dawk li ma jridux jafu bih. Ingrati!
Berikni bis-sħiħ, u itolob għalija lil Ġesù li jagħmilni kollni kemm jiena tiegħu, u b'ruħi u ġismi għaż-żmien ta' issa u għal dejjem.
Tislijiet sinċiera mis-sorijiet kollha u mill-għeżież Maltin li b'gost jiftakru fik; berikhom u, wara, lill-aktar waħda imsejkna bintek f'Ġesù,
Sr. M. Margherita
**Ittra 20**
G!M!G!F!
Regalbuto, 21 ta' Settembru 1922
Għażiż Padre f'Ġesu Kristu,
Hawn jiena miegħek wara skiet twil. Stennejtni li ser nerġa' lura maljr, imma ma rnexxilix, minħabba xi affarijiet dwar id-djar il-ġodda u għax l-Isqof ta' Nicosia insista miegħi biex nibqa' ... Insomma *Fiat!*
<...>Ngħaddu għal ħaġ'oħra. Grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna f'saħħti dejjem ħassejtni tajba, kif nittama li tħossok inti u l-familja wkoll. F'Ruma għamilt kulma stajt dwar il-kostituzzjonijiet ... Fi Troina, għall-grazzja tat-Twajjeb Ġesù sejrin tajjeb, kuntenti u għandhom ħafna tfal fil-laboratorju, li jistgħu jagħmlu ħafna ġid għal ruħhom ...
F'Regalbuto, fejn ninsab f'dan il-waqt, hawn ukoll kamp kbir fejn wieħed jaħdem u l-imġiba tagħhom tagħmlilna l-kuraġġ ... Intant għandna bżonn ta' qawwa u spirtu kbir ta' sagrifiċċju u ħerqa kbira għall-erwieħ li huma ħafna. M'hemmx għalfejn wieħed imur iċ-Ċina biex isalva l-erwieħ; issib kullimkien kemm trid mitluqa u bla ħadd jieħu ħsiebhom... Oh! Li kieku kellna mħabba vera lejn il-ħelu maħbub tagħna Ġesù! Kemm kieku nissagrifikaw kull m'għandna biex

insalvawhom!... Kif inhi ttraskurata r-reliġjon Imqaddsa! Il-Ħdud kważi kważi lanqas jidhru li huma jiem ta' preċett, ta' Quddies u ta' mistrieħ mix-xogħol ...
X'nies imsejkna! Paċenzja! Biex tara tant insara li ma jafu xejn dwar ir-Reliġjon ... Eh! x'kamp vast! Iżda ftit huma l-ħaddiema. Nitolbu bla heda ħalli l-Mulej jibgħat 'l-Ministri tiegħu biex jaħdmu fil-għalqa tiegħu... nagħmlu tajjeb li nħallu kollox taħt il-ħarsien tal-Providenza Divina li ma tonqosx li tgħin lil dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu.
Min-naħa tiegħi, jiena ma nista' ngħid xejn aktar, għażiż Padre, għajr li nħossni vojta u distratta. U dan minħabba l-għażż u l-infedeltà tiegħi ... Itlob għalija lill-Mulej, ħalli ma nnikket qatt lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù li tant nixtieq li narah magħruf u maħbub ...
Nitolbok, għażiż Padre, li flimkien mal-għażiża ommok tilqa' t-tislijiet tiegħi u tas-sorijiet u tberikkom ilkoll fil-Qalb Qaddisa flimkien ma' dik li l-aktar għandha bżonn, Sr. M. Margherita
**Ittra 21**
G!M!G!F!
Casa Madre, 5 ta' Novembru 1922
Għażiż Padre f'Ġesù!
Ekku aħbar ta' faraġ! L-għażiża Sr Modestina qed tħejji ruħha għall-professjoni, li ser issir nhar il-Ħadd 12 tax-xahar, flimkien ma' tlieta oħra. Issa jonqos biss Sr Orsolina, li ma tistax issib faraġ, għax tant xtaqet bil-ħerqa, imma ma ġietx aċċettata. Paċenzja!
Kemm nixtieqek tkun preżenti. Agħmel kull ma tista' ħalli tiġi, u jekk it-temp ikun tajjeb ejja flimkien mas-sinjura ommok. Intant nitlaq lill-imsejkna ruħ tiegħi fil-ħarsien tal-Providenza Divina, ladarba ma nsibx ħin biex nieħu ħsiebha ... ikun kollox għall-akbar glorja tat-Twajjeb Ġesù tagħna.
Padre, l-aspiranti huma numerużi, grazzi għat-Twajjeb Ġesù tagħna, iżda ma nistgħux naċċettawhom minħabba n-nuqqas ta' spazju. Nixtieq li kieku nżommhom Malta, iżda m'għandniex dar kbira kif suppost tkun għal dan l-iskop. Il-Providenza għandha taħseb bis-serjetà għal dan!... Inħobbu lil Dak li hu Kollox tagħna, u nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien!

Berikni, flimkien mal-għeżież uliedi kollha u itlob lit-Tjieba Divina għall-imsejkna bintek fi Kristu, Sr. M. Margherita

**Ittra 22**

G!M!G!F!

Casa Madre, 20 ta' Diċembru 1922

Għażiż Padre f'Ġesù Kristu,

X'*Fiat* sabiħ u kbir għandi ntenni! ... Ilu wisq li ma nistax niltaqa'miegħek bi ftit żmien ħieles! Dan l-aħħar tant xtaqtu, iżda l-qagħda gravi ta' waħda mis-sorijiet anzjani, ġegħlitni nerġa' lura minnufih lejn il-Casa Madre.

Għażiż Padre, inħossni tabilħaqq niexfa u distratta, u wkoll għajjiena. Paċenzja, eh? Iva, nintreħa fil-ħarsien tal-Providenza Divina, iżda minn xi daqqiet jiġini d-dubju jekk nistax nagħmel mod ieħor ... jekk nistax nirrimedja ... allura jaqbadni l-biża', eċċ. Inħoss ċertu skiet u nuqqas ta' rispett, ma nafx jekk dan hux ġej mill-abbandun jew min-nixfa u n-nuqqas ta' ħeġġa ...

F'xi waqtiet inħoss il-ħtieġa ta' Alla ... ir-ruħ tfittex is-serħan u s-skiet fi ħdan Dak li hu biżżejjed għal ħlejqa umana. U kif jinħass għal ftit tal-ħin ... fis jgħib 'il-bogħod, 'il-bogħod ... Eh! Allura l-imsejkna ruħ tibqa' għajjiena, waħidha, waħidha ... Eh! kemm u kemm ikun hieni dak il-waqt li fih jingħatalna li nidħlu ħielsa f'dak il-Ħdan etern!! F'dak il-Ħdan divin!! U mbagħad! U mbagħad, għidli inti, meta, meta ser tingħatali din il-grazzja li ntir lejn dan il-Ħdan li tant tixxennaq għalih ir-ruħ tiegħi! U meta ser jingħatalna ...

Biżżejjed. Eh! hu meħtieġ li nsum aktar! Nissaffa u nbati ... u l-ewwel inxejjen lili nnifsi ... hux hekk Padre? Jeħtieġ li bi dmugħ sħun u bi tnehid ta' mħabba nitlob u nitlob bil-ħrara ... X'*Fiat* sbejjaħ kelli nagħmel u issa ntenni, filwaqt li nħoss il-proprju qalbi trid tixpakka ... u intant, intant irrid niskot ... Biżżejjed, għax inkella ma nispiċċax...

Intant, għażiż u maħbub Padre fil-Qalb tal-ħelu Ġesù, inħobbu, inħobbu, inħobbu lil Dak li hu hekk ta' min iħobbu ... hekk ħelu ... hekk tajjeb, tajjeb, tajjeb ... iva, inħobbuh bl-istess imħabba bla qjies tiegħu. Dan biss jissodisfa lil qalbi żgħira u msejkna! Kuraġġ mela, inħobbu l-imħabba u nagħmlu li jkun magħruf u maħbub kemm nistgħu, bil-grazzja Divina tiegħu !!

Ser nieqaf, inħalli f'idejk kif tifhem it-taħbit, it-tqanqil, u x-xenqat tar-ruħ li tħossha li trid tintemm f'din ix-xi ħaġa li qisha divina ...

L-imqaddes Ġesù Bambin ifawwarna bil-barkiet tiegħu u jagħmel li ntiru 'l fuq, 'il fuq ħdejn il-Ħdan tal-etern Missier tieggu ... u mal-Ispirtu s-Santu jagħmel li nsaltnu għal dejjem, Ammen.
Sr. M. Margherita
Nistenna tweġiba ...
**Ittra 23**
G!M!G!F!
Casa Madre, 14 ta' April 1923
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,
O kemm ilna ma niltaqgħu! U lanqas ma naf fejn jew meta ser jirnexxilna ...
Għada, jekk Alla jrid, nittama u nagħmel kull ma nista' biex inkun il-Furjana. F'każ li inti tista' tiġi s'hemm, tagħmilli pjaċir kbir; jekk le, intenni l-għażiż *Fiat.* Itlob dejjem għalija lill-Mulej, għax ninsab f'dalma kbira u mbagħad f'elf okkażjoni kritika u varjata ...
Berikni bħala ċ-ċkejkna bintek f'Ġesù, l-imsejkna u bla ma jistħoqqilha,
Sr. M. Margherita
**Ittra 24**
G!M!G!F!
[data bejn wieħed u ieħor: April 1923]
Għażiż Padre F'Ġesù,
Bilġri ser nagħtik aħbar ta' faraġ, għalkemm din għadha ma seħħitx ... Mela, għażiż Padre, xi jiem ilu kellimt mal-Eċċelenza Tiegħu, bħalma tkellimna bejnietna, eċċ .. u allura qalli: Tridux id-Dar ta' Strada San Cristoforo? Jiena, bħal mistagħġba weġibtu: Tal-Adorazzjoni? U hu qalli: iva, u tagħmlu intom l-adorazzjoni il-jum kollu, eċċ. Jiena aktar mistagħġba: Eh! Eċċellenza ... ma jistħoqqlix xorti bħal din. Iżda hu weġibni: Roddu ħajr malajr lill-Mulej u agħmlu dak kollu li tistgħu ħalli ma ddumx ma tinfetaħ ... Allura tennejtlu: Jiena waħda ma nista' nagħmel xejn, ngħid b'din il-proposta lill-Kunsillieri tiegħi u lill-Eċċellenza Tiegħu, u wara nagħtik tweġiba. Hekk għamilt. L-Eċċellenza u l-

Kunsillieri jridu jaraw kif inhuma l-affarijiet sew ... Għalhekk jiena ninsab nistenna n-nota li jrid jagħmilli Mons. Camilleri.
F'dawn il-jiem nittama li nkun il-Pilar, jekk tkun tista' tasal naqra s'hawn ħalli b'fommi nkun nista' nagħtik dawn l-aħbarijiet tajbin, u oħrajn ukoll. Jeħtieġ, iżda, li nitolbu ħafna ħafna, għax jiena żgura li ser iqumu bosta diffikultajiet kemm-il naħa ...
Xejn ma jimporta, jekk il-Mulej irid, kollox jitwitta ... Intant jiena nħossni mitluqa u mixħuta taħt il-ħarsien tal-Providenza Divina.
Daqshekk, għax żmien m'għandix , u skużani għal dawn il-karti, eċċ. proprju ma nsibx mument ħieles. *Fiat* dejjem!
Inselli għalik ħafna u bierek lill-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha
Sr. Margherita
**Ittra 25**
G!M!G!F!
Casa Madre, 17 ta' Mejju 1923.
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,
Ridt li niltaqa' miegħek darb'oħra. Iżda t-twajjeb Ġesù ma riedx. *Fiat!* Intant jiena ninsab fl-irtir imqaddes, iżda nħossni kollni kemm jiena mgħaddsa fil-ħsibijiet tal-uffiċċju.
Eh! għażiż Padre, il-ħsieb tal-kont preċiż li rrid nagħti ta' ruħ ħaddieħor, ibeżżagħni ħafna, filwaqt li dak ta' ruħi, imsejkna u ingrata, hu iebes ħafna. X'għandi nagħmel għajr li nintelaq kollni kemm jiena fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina! Neħtieġ l-għajnuna, il-kuraġġ, ħalli fis nintelaq f'dak il-baħar bla tarf tal-Imħabba Divina ... fil-ħdan ta' Missier, fejn jinsab dawk sfiq u faraġ, biex nersaq qrib u nterraq dejjem 'il quddiem, 'il quddiem u sakemm nasal fil-quċċata lesta li nibla' sal-aħħar qatra l-kalċi morr tal-Imħabba ... X'jidhirlek, għażiż Padre? Fil-preżent ma nistax nitkellem aktar ċar għaliex inħossni mgħaffġa b'piż min-naħa, u mill-oħra nħossni bħa tifla, żgħira żgħira, ma' djul ta' Missier li l-preżenza tiegħu tnessini kull diqa, u dan Miegħu biss ...
Ser nieqaf, għażiż Padre, għax il-ħin ma jippermettix; nieħu gost jekk tiftakar fija ħafna fit-talb ħerqan tiegħek, l-aktar waqt il-Quddies ta' nhar it-Tnejn li ġejjin, ħalli jagħtini l-grazzja li nagħmel att perfett ta' abbandun.

Inselli għalik mill-qalb, u bierek lill-imsejkna
Sr Margherita
P.S. Ma' din l-ittra qed nibgħatlek it-tifkira li ħsibt biex nagħti lis-sorijiet tiegħi qabel ma ntemm l-uffiċċju li għandi.

**Ittra 26**

G!M!G!F!
Dar tal-Adorazzjoni, 8 ta' Frar 1927
Għażiż Padre,
Kif ħallejtna? Kuljum nistennewk. Uħud mis-sorijiet ilhom ma jieħdu l-assoluzzjoni mis-17 tax-xahar. Jekk inti ma tistax, għarrafni, għaliex Mons. Agius ukoll ma jħossux tajjeb ħafna ...
Padre, inħobbu l-imħabba li mhix magħrufa, għax mhix maħbuba! Kemm nixtieqni li nintemm għall-ġieħ tiegħu, għall-akbar glorja tiegħu! Inħossni ninqered u nnin ... min iħobb jifhem.
Is-Superjura tad-Dar tal-Adorazzjoni

**Ittra 27**

G!M!G!F!
Korfù, il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju 1935
Għażiż Padre f'Ġesù Ostja,
Tkun magħmula r-Rieda Mqaddsa ta' Alla! M'hemmx għalfejn ngħidlek xejn, għaliex inti sa mill-ewwel aħbar b'mod ġeneruż offrejt dan is-sagrifiċċju. Għalhekk kuraġġ u qawwi qalbek ... Mid-dati tat-telegrammi jidher li sa minn tlett ijiem qabel kont diġà miegħu ... Il-Mulej ħallas ix-xewqa komuni tagħkom.
Min jaf x'qalet l-għażiża ommok? Aħna lkoll magħqudin nagħtuk l-għomor, billi noffrulek ħafna talb biex ruħu tistrieħ fis-sliem ta' dejjem u jsabbar lilek, lil ommok u lill-qraba kollha. Il-mewt hi ta' niket bil-bosta għal dawk li ma jemmnux. Għalilna, li nistennewha minn waqt għall-ieħor, li tgħaqqadna għal dejjem mal-maħbubin tagħna tkun, jekk mhux konsolanti (billi hi kastig mogħti għad-dnub) almenu ta' faraġ. Għalhekk kuraġġ u agħmel li tissaħħaħ fl-ispirtu ħalli tkun tista' terġa' lura malajr, biex tieħu ħsieb in-ngħaġ li ħallejt imbikkija...

S’issa dejjem ġew regolarment u bil-qalb. Imma issa qegħdin jistennewk tiġi lura. Imma mhux hekk ta’ malajr, tafx. Ħu ż-żmien li teħtieġ, iżda terħiniex, għax wisq nibża’ li dak li nbeda b’tant tbatija, ma jmurx 'il quddiem ħafna.
Il-Postulanti huma kuntenti, iżda għadu ma rnexxilix li nieħu ħsiebhom kif nixtieq, billi għad għandi x’nagħmel. Tereża għadha tissielet m’ommha. Is-sorijiet jinsabu aħjar, kuntenti lkoll, għalkemm iddispjaċuti, eċċ.
Dwar il-Ħadd li għadda, diġà ktibtlek li tqarbnu 98; matul il-ġimgħa kien hemm numru sabiħ ukoll, u hekk nittamaw li jissokta għal tant ħtiġijiet, u għaliex ma jdumx ma jerġa’ jiġi Dun Anton; ilkoll jistaqsu meta? meta għandu jirritorna? Tfal u ġenituri.
Oqgħod b’sabrek, u strieħ għar-ruħ u għall-ġisem, kif tabilħaqq kellek bżonn ħafna, għalkemm ... eh! *Fiat!* Imma wara malajr lejn Korfù. S’intendi, jekk dan ikun skont ir-Rieda ta’ Alla ...
F’għeluq is-seba’ jum għandna nagħmlu l-quddiesa bit-tqarbina ġenerali, kuntent hekk? Nittama li iva. Biex din l-ittra nibgħatha malajr m’iniex ser nistenna li t-tfal jiktbu isimhom; f’dik ta’ nhar it-Tnejn imbagħad ...
Inġedded nagħtik l-għomor min-naħa tagħna u ħafna affarijiet oħra li xtaqna kieku ngħidulek, u lill-għażiża ommok, il-Għarus tagħna l-aktar ħelu Ġesù jaf isabbrek tajjeb f’dan is-sagrifiċċju ta’ niket.
Hawn aħna s-sorijiet u l-postulanti:
P. Giuseppina Xuereb
P. Maria Psaila
Sr. M. Stefana di G. Bambino
Sr. M. Scolastica del SS. Salvatore
Sr. M. Crescenzia del D. Amore
Sr. M. Adelaide della B. Margherita
Sr. M. Genoveffa di S. Ignazio
Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
filwaqt li titlob barka abbundanti fuq uliedha kollha ...
P.S. Sellili ħafna għal Mons. Agius, u għid lil kulħadd biex jitlob għall-ħtiġijiet tal-imsejkna ruħi li tinsab fi dlam ċappa.

**Ittra 28**

G!M!G!F!

Għażiż Padre f'Ġesù Ostja,

Nixtieq inkun naf kif inhi sejra Sr Sofia. Tista' ssaqsi lis-superjura tagħha; qed timlieli ħafna rasi. Għażiża Padre, itlob għalija għax għandi bżonn ħafna, kif jiena nagħmel għalik, ħalli l-aktar ħelu tagħna jkebbisna bin-nar ta' mħabbtu l-aktar safja eċċ... O, kemm jiena mxerrda! Proprju ma nsib l-ebda minuta ħielsa. Ta' sikwit nagħmel l-atti ta' abbandun, għalkemm ta' malajr, u għadni lanqas biss smajt lis-sorijiet professi kollha; ma nistax, għalhekk ser nagħti bidu għat-tqassim tal-fmilji.

Għinni u itlob għalija ... u berikni ... Inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba! Kemm aħna ingrati, ladarba ma nħobbux Imħabba hekk infinita! Esseri hekk Suprem! Il-Kollox hekk assolut! Tlieta f'Wieħed!. O, ħa jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien. Ammen.

L-imsejkna midinba, Sr. M. Margherita

**Ittra 29**

G!M!G!F!

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,

Għall-grazzja tal-ħelu Ġesù, f'saħħti ninsab tajba, kif nittama li tinsab inti, u l-familja tiegħek ukoll.

Għandek tkun taf, Padre, li l-irtir imqaddes jibda fil-5 jew l-aktar fis-6 tax-xahar id-dieħel u jintemm lejlet it-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Immakulata ... Dan ħalli tirregola ruħek. Nittama li narak għall-aħħar ta' dan ix-xahar, u hekk nitħaddtu aħjar.

Jaħasra, meta ser nibdew inħobbu b'imħabba safja lill-Waħdieni Kollox tagħna? Meta r-ruħ tagħna tasal biex tgħix biss il-ħajja ta' mħabba safja u Divina? Iva, ir-ruħ li tixxennaq l-imħabba ma tista' ssib l-ebda mistrieħ f'dan il-jasar jekk mhux billi tintelaq u tintreħa fiha, eċċ. O ruħ imsejkna x'piena ġġarrab, billi hi hekk ta' sikwit nieqsa minn dan il-mistrieħ ... Xi skiet twil u qaddis trid tgħaddi minnu ladarba ma ngħatalhiex li tifhem dan bl-ebda mod ieħor ... Min iħobb jifhem ... Biżżejjed. Daqshekk ... Intant inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa.

Berikni u itlob għalija, kif tagħmel għalik l-imsejkna Sr. M. Margherita
Bil-qalb inselli għas-Sinjura ommok u għall-kuġini.

**Ittra 30**

G!M!G!F!

Għażiż Padre f'Ġesù Ostja,

Ma nafx jekk jirnexxilix li niltaqa' miegħek ma ndumx, billi hu hekk diffiċli ...

Minn xi daqqiet inħoss il-ħtieġa ta' għajnuna vera għax saħħti nħossha sfinita. Iżda mbagħad il-ħelu Ġesù fis jgħinni ... Jiem ilu ħassejt (kont fil-kor) li qalbi m'għandhiex għax teżisti aktar, iżda minn flokha tgħix dik tal-Maħbub Ġesù, allura mbagħad ħassejtni bħal barra minni nnifsi, bil-għaġeb ta' xorti hekk kbira u fl-istess waqt bix-xejn ta' bniedma hekk miżerabbli; u għal jumejn ma stajtx lanqas niġi f'tiegħi ... wara, waqa' fuqi biża' kbir ta' qerq mix-xitan, billi naf kemm tabilħaqq ma jixraqlix li ngħix jew li ninbidel fi stat hekk qaddis ... Għadni nħoss hekk xi ħaġa f'qalbi kull ħin, imma l-aktar fil-kor u waqt li nkun mehdija f'affarijiet spiritwali ... u biex inwettaq dawk materjali inħoss piena kbira li nkun neħtieġ li nagħmel vjolenza kbira fuqi nnifsi biex jirnexxili ... Inħoss paċi qaddisa, kalma perfetta ... iżda nħoss li qed nikkorrispondi ħażin għax sikwit inħoss li tkellimt dwari nnifsi, nirrakkonta l-affarijiet bla bżonn, eċċ ... Xi minn daqqiet, jiddispjaċini għan-nuqqasijiet tal-oħrajn, forsi bla ma nagħdirhom ...

Inħoss ukoll bħal xewqa li nkun umiljata, li ninħeba biex inxejjen lili nnifsi ... irrid li nkun tabilħaqq mitmuma, mitlufa, imxejna għal dejjem ... irrid li nista' ntenni bil-verità: Mhux jien li ngħix, imma l-ħelu Ġesù li jgħix fija ...

Meta, imma Padre, meta din ix-xorti ser isseħħ fija? Inħoss li ż-żmien qed joqrob, u nħoss ukoll l-ingratitudni tiegħi. Ah, ngħid jiena, irid ikun miraklu tal-Ħniena Divina.

Dawn huma l-ġennati tas-soltu ...

Padre, ara temmen xejn, tafx ... Iżda itlob ħafna lill-Mulej għal din il-ħlejqa l-aktar imsejkna u ingrata li qatt ma wieġbet sewwa għall-grazzji ta' Benefattur hekk kbir ... Inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa. InħobbuH u nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien kif jistħoqqlu għalkemm dan mhux possibbli, imma r-ruħ tagħna tant kieku tixtieq.

Inti tħobbu Padre? Tħobbu ħafna? Iva, inħobbuh tabilħaqq bla ma nżommu xejn għalina, bla ma nħalltuh mal-amor proprju, imma għalih waħdu, purament għalih innifsu, għax ta' min iħobbu, għax Hu tajjeb, tajjeb, tajjeb!
Daqshekk, għax il-qalb ser tibda tħabbat bil-qawwi ħafna ħafna u tħallini sfinita... InħobbuH b'imħabba tal-ġenn! Jiena ma nafx kif, imma hekk inħoss li għandi nħobbu, bla ma naf la kif, u lanqas kemm ... biss irrid li kieku ngħajjat: Inħobbu, inħobbu l-Imħabba ... Kebbes f'dawn il-qlub xrara ta' nar Ewkaristiku, u jirnexxilhom jagħmlu ħafna ...
Filwaqt li nistenna tweġiba minn għandek, nitlob il-barka tiegħek u li tiftakar fija fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa ħalli nagħraf inwieġeb b'ġenerożità għal dak kollu li l-imsejkna bintek titlob mingħand il-Mulej, eċċ.

**Ittra 31**

*Deus Meus et Omnia*

Casa Madre, 28 ta' Marzu 1940

Missier l-aktar għażiż ta' ruħi,

Nittama fl-ubbidjenza mqaddsa li nista' nwettaq ix-xewqa ħerqana li nagħti tweġiba għall-ittra paterna tiegħek ta' Frar li għadda.
Għażiż Padre, bilkemm nista' nżomm il-pinna; imma rrid u nixtieq b'ħerqa kbira li nwettaq perfettament dak kollu li trid il-Ħniena Divina minn din il-ħlejqa ingrata. Tkunli ta' għajnuna t-talba mħeġġa tiegħek, u xi vers ukoll, jekk mhux ħaġ'oħra ħalli kull ħin inkun nista' nintelaq fil-ħniena paterna tal-Providenza u hekk ma nitlef l-ebda waqt ta' din il-ħajja ... daqshekk. O kemm waqtiet ta' mistħija ġġorr magħha din il-ħajja dgħajfa!
Fl-aħħar mill-aħħar kun int li tagħti tifsira, li jiena ma nagħrafx nagħti, u xejn aktar.
Bierek Padre lill-imsejkna bintek, Sr. M. Margherita
Dan hu tabilħaqq il-karattru tagħha. Ser inżid ftit kliem ieħor.
Aħfirli: Padre, inħossni bħal ħmar, ma nifhem xejn, ma nħoss l-ebda sentiment, eċċ.. Nitlob lill-paternità tiegħek li jekk jogħġbok tressaq lil ruħi quddiem it-twajjeb Ġesù, ħalli jagħmel minni ħlejqa msejkna ... Ifhem dak li jiena rrid ngħidlek ...

**Ittra 32**

*Deus Meus et Omnia*

Dar tal-Karità, 8 ta’ Awwissu 1940

Għażiż Padre fil-Qalb ta’ Ġesù,

L-aħħar ittra tiegħek għamlitli l-kuraġġ biex nurik id-dispożizzjonijiet tiegħi, għalkemm bierda u niexfa ma nafx ngħid kemm. Jiena ċerta, iżda, li inti tista’ tifhem, mhux biss minn dak li nikteb, imma wkoll minn dak li ma nafx infisser ruħi. Qed nitkellem fuq il-fatti.

Mela, għażiż Padre, inti tinsab f’ħafna taqbid, eċċ. Il-Mulej jgħinek żgur u jsabbrek bħalma dejjem jagħmel ma’ dawk li jaqduh bil-qalb. Għalhekk kuraġġ ħalli taħdem fil-għalqa tal-Mulej billi fil-preżent tista’ tagħmel aktar ġid, billi l-erwieħ huma aktar disposti u beżgħana.

Ir-ruħ tiegħi trid li kieku tintemm ħalli ssalva lill-erwieħ, biex tissodisfa l-Qalb dejjem maħbuba ta’ Ġesù tagħna, u aktar fil-preżent li nieżla xita ta’ grazzji, grazzji kotrana. Oh! Li kieku nistgħu nwieġbu bil-ġenerożità!... Oh! Li kieku nistgħu nġibu rwieħna anqas indenji!!! Oh! Li kieku nistgħu nirbħu għalih aktar erwieħ! ...

X’jeħtieġ li jsir, Padre, x’nagħmlu biex inpattulha lil din il-Qalb Divina u Eterna? Jeħtieġ li wieħed japprofitta ruħu miż-żmien ta’ issa, żmien ta’ biża’, eċċ ... u jitlob u jitlob bil-ħerqa lill-Missier Etern għall-konverżjoni sinċiera ta’ tant midinbin; (fosthom hemm jiena, l-agħar waħda). Naħseb li dan hu biżżejjed biex tara kemm nikteb bla sens ... imsejkna Sr Miseria fil-verità kollha!

Għażiż Padre, ir-ruħ fqajra tiegħi (jekk għadni nista’ ngħid ir-ruħ tiegħi) ma tinsabx aktar ġo fija, iżda kważi mitlufa fil-Kollox. Le, la naf kif u lanqas kemm! ... Ħafna drabi, lejl mudlam, b’waqtiet ta’ mħabba ... imma minnu ma nagħraf xejn, xejn affattu ... Allura l-abbandun sħiħ iservini ta’ nistrieħ, eċċ ... Tkun dejjem magħmula r-rieda mqaddsa tal-Kollox, l-aktar maħbub tagħna! Issa nitolbu Padre, li n-nar divin itemmna għal kollox u minflok jindaħal Hu għalina.

Bierek waħda sew lill-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha,

Sr. M. Margherita

**Ittra 33**

*Deus Meus et Omnia*

Il-Qbajjar – Għawdex, 9 ta’ Ottubru 1940

Għażiż Padre fil-Qalb ta’ Ġesù,

Hawn jiena miegħek, wara 21 jum ta’ villeġġjatura qrib il-baħar fejn stajt nieħu arja hekk safja, u skiet li jhennik fil-kumpanija tal-Għarus u Priġunier hekk ħelu!!! L-ittra tiegħek, Padre, tqabbiżli d-dmugħ kull darba li naqraha (għalkemm inbati wisq biex naqraha billi hi miktuba hekk f’xulxin). Iva, Padre, meta ser jasal dak il-waqt hekk hieni?! Meta, meta? Eh! jiena ma nkunx aktar hawn f’dak il-waqt hekk ixxurtjat! It-tama waħdanija fil-possibbiltà li nasal f’dak iż-żmien, tagħtini ferħ hekk kbir li kważi ninsa l-bqija kollu! Intant, għażiż Padre, kif inti sejjer f’dawn il-jiem hekk ta’ niket, hekk mudlama, hekk ta’ dwejjaq ... X’ser nagħmlu? Intennu l-għażiż *Fiat!* ... ma’ kull tnehida, ma’ kull nifs! ...

X’kalċi refa’ għalija l-ħelu Ġesù għall-ħajja ġdida tiegħi ... Stħaqqli agħar, għall-ingratitudni tiegħi! Naċċettah bil-qalb kollha u b’abbandun sħiħ, nittama li nissodisfa lill-Qalb tiegħu maħbuba! X’aktar, għażiż Padre? Xi minn daqqiet tiġini tant xewqa ħerqana li ntir, intir 'il fuq! U l-miżerji tiegħi jitfgħuni mill-ġdid f’dan il-wied ta’ mrar. Tkun magħmula dejjem ir-Rieda adorabbli ta’ Alla għal tliet darbiet Qaddis, Qaddis, Qaddis. Inħalli f’idejk Padre, li tifhem il-bqija!

Nagħlaq billi nitolbok li tiftakar fl-imsejkna ruħ tiegħi li qiegħda fil-ħarsien tal-paternità wisq reverenda tiegħek, ħalli tagħmel li din titla’ 'il fuq 'il fuq biex tintemm f’innu ta’ nar ta’ mħabba qaddisa ... Ah! Meta ser jasal dak il-waqt hieni?!! Tabilħaqq inħoss li ma jistħoqqlix!

Agħtini barka kotrana Padre, weġibni malajr, għalkemm mingħandi ddum ma tirċievi.

Niltaqgħu waqt is-Sagrifiċċju Mqaddes ...

L-imsejkna bintek, Sr. M. Margherita

**Ittra 34**

D.M.E.O.

Casa di Carità, 20 ta' Ottubru 1940

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,

Filwaqt li nroddlok ħajr tal-awguri, għandi l-ħsieb li nitħaddet miegħek almenu bil-pinna ...

Għażiż Padre, il-leħen tal-Maħbub iġegħelni li kultant inħoss għatx kbir ... ġuħ kbir ta' Alla, għal tliet darbiet Qaddis ... jagħtini li nintelaq bħal waħda qiegħda tmut! ... Fejn, fejn tista' r-ruħ imsejkna tiegħi issib tanat affarijiet, jekk tista' timmaġina, biex tissodisfa xi ftit ħtieġa hekk kbira?

Għidli Padre, missier ta' ruħi, għidli fejn jinsab dak li qed tfittex ħlejqa hekk miżera, filwaqt li tixxennaq għal dan il-għoli, din it-tjieba Infinita ... Oh! Padre, bil-karità kollha urini b'liema mod tista' ruħ imsejkna ssib Maħbub hekk mixtieq ... Inti tista' turini xi mezz ħalli almenu npatti kemm xejn għal dan il-ġuħ. Oh! X'għatx ta' dan il-Kollox ... tal-Kollox Etern u Infinit!! Għażiż Padre, kif tħabbat din il-qalb żgħira, imsejkna u wkoll ingrata ... Għalkemm il-kliem ma juri xejn minn dak li wieħed iħoss ... iżda l-imsejkna natura tfittex dejjem xi faraġ għal sensibilità bħal din ...

Issa żgura li qiegħda ngħid bluhat u ġenn ... u n-natura ma tagħmilx mod ieħor, billi l-ispirtu hu mimli b'tant ħerqa ... ngħid jien ... il-leħen: L-Imħabba mhix magħrufa, mhix maħbuba tkiddni kullimkien ... x'nista' nagħmel jien? Il-faqar tiegħi jagħmel li nibqa' moħbija wkoll għall-istess imħabba, meta narani hekk miżera; biex tagħmilli l-kuraġġ l-istess Qalb Ewkaristika ...

Nerġa' ntenni Padre, għidli kif nagħmel biex inħobb u nwieġeb tajjeb għal imħabba hekk kbira ...

Ma nafx jekk tistax tifhem ... agħdirni bħalma dejjem għamlet miegħi t-tjieba paterna tiegħek. Għoddni bħala imbeċilli ... Iżda itlob għalija lit-tjubija ta' Alla ħalli tagħmel li nasal fejn trid il-Providenza divina Tiegħu ... Berikni sew, u ftakar fija waqt il-Quddiesa, li nitolbok bil-karità kollha tqaddes b'riparazzjoni għan-nuqqas ta' gratitudni tiegħi, eċċ.

L-imsejkna Sr. Margherita

P.S. Padre min jaf jekk dan humx qerq?! Propju nibża' ħafna!!!

**Ittra 35**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 3 ta' Diċembru 1940
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù,
Qed niktiblek ftit tard biex miegħek nifraħ tal-ħarsien patern u hekk partikulari li wrejt fit-taqbida ta' qabel l-aħħar waħda, minħabba n-nuqqas ta' saħħa, eċċ. iżda t-talb fqajjar tiegħi ma hediex li jinsisti mat-Twajjeb Ġesù ... X'jonqosna li nagħmlu, jekk mhux li nissoktaw inressqu b'ħerqa t-talb tagħna lejn is-Sema u li nintelqu għal kollox u għal dejjem fil-ħarsien patern u ta' mħabba tat-Twajjeb Ġesù ... intant, inti, kif inti? Nixtieq ħafna li nkun naf sew ...
Ekku, għażiż Padre, il-ħajja l-ġdida tiegħi kif inhi dejjem f'agunija bla waqfien ... b'danakollu fin-niket inħoss ukoll il-kalma ... X'ser ngħidlek aktar? Bis-sagrifiċċji inħaffu li naslu malajr malajr fis-saltna tat-Twajjeb Ġesù tagħna, u jeqred is-saltna ta' satana li rebħet u ħakmet, għal darb'oħra, id-dinja kollha! Hux tassew hekk jidher? Id-dnub ma jonqosx, kif jingħad, ukoll waqt flaġell hekk iebes ... X'tagħmel? Propju nħoss li tonqosli l-ħajja, filwaqt li naħseb f'dan kollu ...
Daqshekk għax idi qed titriegħed u l-moħħ għajjien sew.
Intennu l-għażiż u maħbub *Fiat!* ... Berikni u offri sikwit l-uġigħ tiegħek għar-ruħ fqajra tiegħi, kif tagħmel ukoll għalik l-imsejkna u ingrata bintek,
Sr. M. Margherita
**Ittra 36**
*Deus meus et omnia!*
Dar tal-Karità, 2 ta' Frar 1941
Għażiż Padre ta' ruħi fil-Qalb ta' Ġesù!
Is-solennità l-aktar għażiża ta' llum tixħetni f'dagħbien li jtemm! U kif le? Ħlejqa bla Tebgħa, lesta ħalli twarrab il-Ġieħ ta' Omm il-Ħallieq, u tersaq ħalli tidher flimkien ma' ommijiet oħra sempliċi bħallikieku kienet waħda minnhom! Proprju ġġegħelni nimmuta ... Padre, kemm huma kbar il-misteri ta' umiltà fi kreaturi hekk Qaddisa! ...
Dawn huma l-ftit versi li nista' niktiblek wara skiet kemm xejn twil. Qed tara Padre l-iżbalji? Propju ma nħossnix fiha. Il-ħajja ġdida tiegħi, diġà tgħodd sena; it-taqtigħ ta' qalb u t-tnehid jiżdiedu kuljum ... Inħoss il-qiegħ tal-miżerja tiegħi,

in-nuqqas ta' gratitudni l-imgħoddija, u b'danakollu ruħi ma tixxennaqx għajr għall-għaqda perfetta mal-Kollox tagħha! Iżda biżżejjed, għax żgur li din il-kantaliena ddejqek ... Tabilħaqq l-att ta' abbandun ma jagħtinix għajr li ntenni l-ħelu *Fiat!...*

Intant ngħaddu għal ħaġ'oħra. Xi żminijiet għażiż Padre, li l-Providenza Divina proprju qed turina l-ħsieb patern tagħha u fl-istess waqt il-ġustizzja meqjusa tagħha!! Hawn, s'issa, grazzi lit-Twajjeb Ġesù, ma kellna xejn serju ... imma n-nies li qed tiffolla hawn iġġiblek ħniena ... Nitolbu, nitolbu, imma milli nista' nara l-imġiba tan-nies ma tinbidilx ...

Int kif inti? X'tgħidlu lit-Twajjeb Ġesù hekk kif ikun f'idejk? Eh, itlob, itlob għal kulħadd, imma ftakar ukoll fir-ruħ imsejkna ta' din bintek bla ma jistħoqqilha, tħallihiex barra. Biżżejjed ħalli ma nżidx aktar miżerji.

Ningħaqdu fil-Qalb Qaddisa Ewkaristika u ningħataw b'offerta għalina nfusna u għall-bnedmin kollha!!

Bierek bil-kotra lill-imsejkna bintek, Sr. M. Margherita

P.S. Kont ser inqattagħha. Imma għedt: Il-Padre jagħdirni u jaħfirli.

**Ittra 37**

D.M.E.O.

Dar tal-Karità, 8 ta' April 1941

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

X'naqbad inwieġeb għall-ittra tiegħek? Numilja ruħi sal-qiegħ nett tal-miżerji tiegħi, mhux biss, imma ingratitudni u korrispondenza ħażina lejn Sid hekk qalbu tajba! ... O Padre kemm inħossni avvelita quddiem Tjieba hekk Qaddisa, hekk għolja, eċċ quddiem Maestrà hekk Divina! Kemm inħossni li jeħtieġli ninħeba, li nxejjen lili nnifsi, li nidħol fi skiet profond.

L-aħħar ittra tiegħek ġegħlitna nħoss il-ħtieġa li nagħti tweġiba u li nħallas mill-ġdid id-dejn, u wrejtni kif għandi nsib il-mezz ... imma jiena nibża', għażiż Padre, u li minn xi daqqiet, forsi, jiena nikkuntenta ruħi bis-sodisfazzjonijiet u l-ħlewwiet ... u ma nfittix tant li nħallas id-djun hekk qaddisa, għall-favuri mogħtija lill-kreatura hekk indenja ... Filwaqt, Padre, li dan kważi dejjem jixħetni f'baħar ta' ferħ u ftit li xejn, f'dak ta' niket, għalkemm dejjem inħossni għatxana li nsofri (forsi mhux veru).

Intant, għażiż Padre, itlob ħafna għalija lit-tjieba ta' Alla, ħalli jżommni mgħannqa ma' ħdanu, biex ma naħrabx, kif inhu faċli minħabba l-ingratitudni kerha tiegħi. Ah! Nistħajlu li aħna qegħdin f'dak il-Baħar kbir ta' Mħabba, ta' mħabba infinita, ta' mħabba eterna! Biżżejjed hux!
Kelma oħra; ninħbew, inxejnu u noffru lilna nfusna fin-nar tal-Imħabba Divina! Fhimtni? Nittama li tifhem dak li qed ngħid issa ... Oh! Sigrieti moħbija ... Oh! Skiet! Imma d-dagħbien tax-xejn u tal-ingratitudni jagħmluli l-ħila li ... li ... Padre, la għandi u lanqas nista' nitkellem aktar minn hekk. Ikkuntenta b'dawn il-ftit versi bla sens ...
Awguri ta' milja ta' ġid tas-sema tal-Feddej Irxoxt! Inti għandek għax tithenna li għandek tbatija kemm trid, tant li nħossni ngħir għalik. L-istess meta qrajt dwar l-uġigħ tal-imsejkna t-tieni ommok. Ħassejtni ngħir xi ftit għaliha wkoll... jiena iżda ma jixraqlix, u ngħid li għalhekk lili t-Twajjeb Ġesù jeħodni bil-ħlewwa, għax inkella fija ma jsibx ... Hu li hu tant tajjeb, tajjeb, tajjeb!!
Sellili ħafna għaliha u itlob għalija ...
Bierek bil-kotra lil din l-imsejkna, iż-żgħira u tal-aħħar, bintek
Sr. M. Margherita

**Ittra 38**

D.M.E.O.
Għawdex, 27 t'April 1941
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
X'nista' qatt inwieġbek, hekk mhux: Ikun dejjem irringrazzjat, maħbub u msebbaħ it-Twajjeb Ġesù l-Maħbub ta' dejjem tagħna!! Iva, iva inħobbuH u nibqgħu bħal ulied mitluqin fir-rieda tal-Missier tagħna l-aktar qaddis u ta' tjieba bla qjies ... U forsi mhux qiegħed jitfa' flimkien ma' dawn il-bombi xita ta' grazzji? Ma jidhirlekx, għażiż Padre, li Alla qed juri ħarsien speċjali mal-gżejjer tagħna? U ma jixhirlekx li qed jistenna titjib universali? Ah! Għażiż Padre, jiena ma nistax nitlob għajr il-konverżjoni vera tal-erwieħ kollha, nibda minni, imsejkna midinba. Hu meħtieġ titjib minn kulħadd ... Oh! Ma nistax nifhem la kif u lanqas kemm!!
Il-Missier twajjeb tagħna hu hekk ħelu u tajjeb ... Oh! Nersqu qrib lejn il-Qalb tiegħu Adorabbli u mnikkta u nitolbuha b'fiduċja soda ta' wlied, ta' tfal ċkejknin, nitolbu l-ħarsien tiegħu ta' missier ...

Ma nistax nikteb ħaġ'oħra, billi llum ninsab għand is-sorijiet twajbin tagħna, fejn tinsab Madre Paola, li sselli għalik u titlob il-barka tiegħek ta' missier, flimkien mal-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha,
Sr. M. Margherita
P.S. Ma rridx inħalli ħafna żmien jgħaddi bla ma nwieġbek. Il-bombi impressjonawni ... iżda t-tjieba ta' Ġesù tħarsek. Inħobbuh u daqshekk.
**Ittra 39**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 7 ta Mejju 1941
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
X'ingħidu? X'ingħidu f'dawn iż-żminijiet hekk kritiċi? Aħbarijiet suwed suwed, jidher li Missier id-dawl neħħa ħarstu minn fuq l-umanità! Iżda ma jonqosx li jkun Missier twajjeb! Iwiddeb biex ifejjaq il-ġrieħi tagħna! Biex jurina li wara li kien ilu jistenniena ħafna, jaf kif iqajjimna, mhux biż-żegħil, iżda bil-ħatar aħrax! Inħobbuh fi skiet profond, magħqudin mal-umanità l-aktar qaddisa tal-Feddej divin tagħna, u Salvatur Adorabbli!!!
X'ingħidu, għażiż Padre? Għalkemm ir-ruħ imsejkna tiegħi ta' sikwit issib ruħha mixħuta għal kollox quddiem il-Ġustizzja Divina mgħaddba, eċċ. minn xi daqqiet inħossni għajjiena u kważi sfinita ... nibki, nibki u nixher ... Issa hu tabilħaqq il-waqt li nagħmlu atti ta' abbandun sħiħ fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina! Nagħmlu, iva, għażiż Padre, u nħabirku biex kulħadd jagħmel u kullimkien isir dan, ħalli nitolbu ħniena lill-Missier twajjeb tagħna ...
Fl-aħħar ittra tiegħek issuġġerejtli l-ħlas u wrejtni kif nistgħu naslu li npattu d-djun tagħna: ta' dan inroddlok ħajr bla qjies għaliex inħossni dejjem taħt it-toqol ta' dan id-dejn. O iva, iva, għandna minfejn nħallsu lill-Ġustizzja tal-Missier Etern għad-dnubiet kollha tagħna u tad-dinja kollha hekk ingrata u lsira tad-dnub ... Mela kuraġġ u nafdaw bis-sħiħ fit-Tjieba nfinita tal-Kollox tagħna, Missier, Ħuna u Għarus tagħna!
Għażiż Padre, nitolbok tħallinix nieqsa mill-aħbarijiet tiegħek, f'dawn iż-żminijiet hekk terribbli!... Il-għażiż *Fiat!* Dejjem f'qalbna u fuq fommna, ir-radd il-ħajr bla jaqta', u t-talba umli ta' maħfra għalina u għal ħutna kollha midinbin.

Agħmel Padre, dak kollu li tista’ ħalli żżomm fil-paċi u fir-rassenjazzjoni lin-nies imsejkna u maħqura. Hekk ma ddumx ma tasal is-siegħa tal-maħfra ...
Inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u lanqas maħbuba.
Bierek b’barka kotrana lill-imsejkna bintek, Sr. Margherita

**Ittra 40**

D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 3 ta’ Ġunju 1941
Għażiż Padre fil-Qalb ta’ Ġesù!
Grazzi għat-Twajjeb Ġesù erġajt lura l-Casa Madre fejn insib il-bejta tal-mistrieħ tiegħi, għalkemm qrib il-baħar kont kuntenta l-istess <...> Insomma kelli wkoll il-kumpanija tal-Waħdieni Ġesù Tagħna!
Ah! Ħalli, għażiż Padre, li titkellem ftit l-imsejkna qalb ta’ bintek iż-żgħira. O kemm tħossha għajjiena, sfinita, mitmuma ... Esseri miżeru, ingrat, impur, jixxennaq għal fuq 'il fuq, biex jaqta’ l-għatx u l-ġuħ tiegħu, eċċ: kif nista’ nirreżisti lil din il-ħidma ta’ Alla, qaddis għal tliet darbiet, miġbud minn kreatura hekk ma tiswa xejn u ingrata, eċċ. Tħoss ruħha mitmuma, bilkemm tista’ tgħix, b’danakollu, tisforza, tisforza bit-tbatija lejn dan il-Kollox, li bilkemm tagħraf ...
X’ngħid aktar? Ma nafx għajr ħmerijiet ...; iżda, emminni Padre, u agħder il-bżonn li neħtieġ ta’ għajnuna u ta’ sfog, eċċ. Forsi nfittex il-mistrieħ minflok il-ftit tat-tbatija, imma jiena ma niswa xejn u msejkna ħafna. Id-dmugħ hu għalija ħobż ħelu, iżda d-dlamijiet jeqirduni. Tkun magħmula r-Rieda mqaddsa ta’ Alla f’dan it-tajn imsejken li mank jaf jagħmel l-iżgħar sagrifiċċju.
Inħossni nistħi mill-għeżież sorijiet tiegħi li jaraw li ma jiena tajba għal xejn. Nifraħ, iżda bil-miżerja li ninsab fiha, li miniex kapaċi naqdi lili nnifsi. Nibża’ li nkun ta’ piż kbir għal kulħadd, l-aktar għas-superjuri li ma jħallu nieqsa minn xejn bniedma msejkna u indenja ... Il-qagħda tiegħi ma tnikkitnix. Nitnikket biss meta nħossni ingrata lejn dak Alla li jistħoqqlu mħabba nfinita, u jiena ma nweġibx għaliha... O Padre, għenni biex inħobbu. InħobbuH, inħobbuH! Ningħaqdu miegħu ... Esseri, hekk Qaddis, Wieħed fi Tliet Persuni ... min jista’ jiqaflu? Min jista’ jifhem?!... InħobbuH u daqshekk! ...
Nafdaw ruħna fil-ħsieb Patern tiegħu, u ma niddubitawx minn dak li neħtieġu la għar-ruħ u lanqas għall-ġisem ... Fhimtni? Tinsiex, għażiż Padre, waqt li fil-

Quddiesa tkun toffri l-vittma bla Tebgħa, lil din ir-ruħ imsejkna li tixtieq tkun kollha kemm hi mitmuma f'dan in-Nar Divin!
L-aħbarijiet tiegħek huma dejjem mixtieqa, l-aktar f'dawn iż-żminijiet kritiċi ...
Bierek bil-kotra lil bintek l-imsejkna, Sr. M. Margherita
P.S. Jekk iċċanfarni, ikun jistħoqqli.
**Ittra 41**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 10 ta' Seettembru 1941
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Ma nafx dwar xiex naqbad nirrakontalek, hekk hux fuq ħwejjeġ fiżiċi jew morali; billi l-ispirtu tiegħi jinsab tassew f'nixfa.
Erġajt lura lejn il-Casa Madre wara li ili nieqsa xahrejn. L-arja tal-baħar għamlitli tajjeb għal saħħti, imma għall-ispirtu ma sibtx ħafna ġabra; imma filwaqt li kont inħares lejn is-sbuħija tal-baħar, kont inħossni propju mgħaddsa f'oċean ta' tjieba, eċċ. Lejlet Santa Marija, uġigħ kbir fl-istonku bit-taqligħ kien għoddu wassalni fl-aħħar, iżda f'jum il-festa qgħadt kalma, u wara jumejn erġajt ġejt għan-normal. Għadni ma nafx x'irid sew it-Twajjeb Ġesù tiegħi minn din il-ħlejqa msejkna. Inħossni li qed immur għall-agħar, minflok li nikber fil-virtù. Infatti, f'dawn il-jiem ta' konvalexxenza ma ngħoddx kemm-il darba staqsejt u wrejt ir-rieda tiegħi, ħaġa li rari kont nagħmilha qabel. Jidhirli li qed nieħu ħsieb wisq tal-ġisem dgħajjef tiegħi. Qed tara fuqiex qed naħseb ... X'miżerja! Xi fraġilità!
Meta, meta ser jintemmu dawn il-miżerji kollha ... Nistħi ngħid dan kollu, għaliex inħossni mgħarrqa f'dagħbien ta' dlamijiet u miżerji. Għażiż Padre, itlob, itlob għal din ir-ruħ imsejkna ħalli ma tintilifx, wara li magħha ntweriet tant ħniena, mit-tjieba bla qjies t'Alla, Qaddis għal tliet darbiet.
Padre, inħoss il-ħtieġa li nitkellem, imma ma nafx, u lanqas ma nista' ... Paċenzja! Nafda kollox fil-ħarsien tat-tjieba ta' Ġesù, u tiegħek għażiż Padre ... X'nista' ngħidlek aktar? Ma nafx. Nitlob lill-paternità tiegħek li tistaqsini skont kif inebbħek il-Mulej biex forsi nkun nista' nifhem aħjar il-miżerja kbira ta' din l-imsejkna ruħ tiegħi.

Intant inti, għażiż Padre, kif inti? Min jaf kemm qed taħdem b'ħeġġa għall-imħabba ta' Ġesù fl-erwieħ?! Nawguralek li dan ix-xogħol ikun kotran f'dawn iż-żminijiet koroh ...

Aħfirli u berikni bil-kotra, u tinsiex li tressaq quddiem Alla lill-fqajra u msejkna bintek, Sr. M. Margherita

**Ittra 42**

D.M.E.O.

Dar tal-Qalb Qaddisa

Qbajjar – Marsalforn, 7 ta' Ottubru 1941

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Qabel kollox għandek tkun taf li jiena ninsab għall-arja tal-baħar, fejn nista' nieħu n-nifs xi ftit aħjar milli kont nagħmel fil-Casa Madre; u dan sforz l-imħabba li għandhom lejja s-superjuri ... F'din id-dar għandna wkoll il-kumpanija ħelwa tal-Kollox, il-maħbub tagħna Ġesù Priġunier. O kemm tgħaġġibni din Tiegħu li joqgħod għalina sa dan il-punt! U għal kemm ser ittul din il-priġunerija tiegħi f'din l-art msejkna? Padre, sikwit jiġu f'moħħi u f'qalbi t-tnehid tal-kbir Appostlu *"cupio dissolvi et esse cum Christo"...* X'latin sabiħ?! Iżda hekk ftakarthom u nibki, nitniehed u nolfoq ... imbagħad nagħlaq bis-sbejjaħ u qaddis *Fiat.* X'eżilju iebes! X'ħabs! Ħa tkun magħmula, maħbuba, meqjuma r-Rieda Mqaddsa tat-Twajjeb Ġesù, Qaddis għal tliet darbiet!!

Għażiż Padre, jiena żgura li għad jonqosni ħafna biex nasal fejn inti qed turini li għandi nasal ... iżda ... iżda r-ruħ bil-preżunzjoni tagħha tinsa wisq, u ttir, ittir f'abbiss li ma tifhimx ... Kif nista' nikteb, jekk ma nifhimx l-a b ċ ta' dawn it-titjiriet ... (inkun sejra ngħidlek la temminnix). Fhimt? Jiena żgura, Padre, li inti tifhem dak li rrid ngħid, għalhekk niskot ... Għażiż Padre, il-ħtieġa ta' ruħ li ma tfittix għajr Wieħed biss, biss, kif tista' tgħix mingħajr ma tħoss piż li jifniha ... Nixtieq li kieku ntawwal mqar ftit ieħor, imma negħja, għalhekk nieqaf fi skiet kbir li jitkellem waħdu ... Ta' lanqas inti tista' tgħaddi ftit taż-żmien ma' din il-karta, hekk famuża.

Fl-aħħar ittra tiegħek, fakkartni fix-xorti sabiħa ta' tant snin ta' Saċerdozju. Floimkien mas-sorijiet twajba tiegħi, fosthom Sr Tecla, Sr Scolastica, Sr Paola, eċċ. offrejnielek il-Quddies u t-Tqarbin eċċ. Il-Mulej jagħtik ħafna snin oħra ħalli tkun tista' tirbaħ ħafna ħafna erwieħ oħra. Ftehemna?

Agħder din il-karta, imma hawn m'hawnx ħaġ'oħra. Hawn taħt għandek l-indirizz. Għidli ħwejjeġ sbieħ u wkoll l-aħbarijiet tiegħek u tal-familja li dejjem u sikwit nitlob għalihom lit-twajjeb Ġesù tagħna, li nittamaw li jqassar il-jiem ta' dan il-flaġell iebes. Iżda Hu kollu ħniena, u hekk nibża' li ma napprofittawx irwieħna, nibda minni ladarba jien l-agħar fost kulħadd.
Berikni bil-kotra, u l-Qalb ta' Ġesù żżommni magħluqa u midfuna fiH għal dejjem.
Sr. M. Margherita
**Ittra 43**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 13 ta' Ottubru 1941
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Hawn jien qrib tiegħek bil-pinna ħalli nwieġeb il-bosta mistoqsijiet u twissijiet li għamiltli ... iżda, għażiż Padre, emminni, ma jirnexxilix kif tassew nixtieq li nfisser biċ-ċar dak kollu li jgħaddi mill-ispirtu mqanqal tiegħi. Bil-għajnuna tal-ubbidjenza mqaddsa, nipprova.
L-ittri tiegħek iħallu fija dejjem togħma tajba, mhux darba jew tnejn, imma kull meta jkolli l-okkażjoni li nerġa' naqrahom. Fis-sewwa kollu nemmen li inti tabilħaqq l-interpretu li għandha bżonn ir-ruħ imsejkna tiegħi ...
Inħossha, iva, inħossha Padre l-ħlewwa – u ħallini nsejħilha – l-Imħabba miġnuna ta' Alla għal tliet darbiet Qaddis. Inħossha, u eku bħal dan ħafna drabi jħallini mħeddla u mitluqa ...
Ekku kif ma nsitax inkompli ... Qiegħda nħossu darb'oħra. Padre, tistax temmen f'imħabba hekk kbira u ma togħdosx f'baħar bla tarf? U x'għandha tagħmel ruħ imsejkna f'abbiss ta' dan il-kobor ... biżżejjed, biżżejjed.
Għażiż Padre, irrid naqdef 'il quddiem imma la d-dmugħ u lanqas it-taħbit tal-qalb ma jħalluni ... Imħabba, Imħabba!... X'ikun dan Alla Missier, Iben u Spirtu Santu?! Stennejn għalxejn jiem wara xulxin, għax meta niġi fuq dan l-argument ma nkunx nista' aktar ...
Padre, l-ubbidjenza li ngħatatli li nżomm ħarsti dejjem f'dik tal-ħelu Ġesù ... li tagħmilna ntir 'l fuq 'il fuq ... u dan mhux forsi turment, dak li ma tistax titkellem minnu? Aħfirli Padre, għinni ħalli nagħti tweġiba ... Ħalli mmut imsallba mal-Għarus Imsallab, la darba din hi l-prova tal-imħabba vera ...

Inħobbu, inħobbu u nagħmlu li din l-imħabba tkun magħrufa, u żgur li tkun maħbuba ... Mhux veru dan, għażiż Padre? Agħmel inti kull ma tista' ħalli jkun magħruf, ladarba fil-ministeru tiegħek nara qawwa kbira għal dan ... Oh! Kemm affarijiet nixtieq kieku ngħid, iżda Padre, inti tista' tobsru dak li m'iniex ngħid ... Ikollox sabar, iva, uża l-karità magħrufa tiegħek ma' din l-imsejkna imbeċilli li ma tiswa għal xejn ...
Inti lanqas ma tista' tobsor kemm swewli sforzi dawn il-versi, hekk maħlulin u ħżiena ...
Ningħaqdu fil-Qalb Qaddisa tal-Waħdieni u Kollox tagħna, u niftiehmu fil-ħemda kbira waqt li nħobbu u daqshekk!
Bierek bil-kotra, jekk jogħġbok lill-imsejkna u bla ma jistħoqqilha bintek f'Ġesù,
Sr. M. Margherita
Aħfrilha u agħdirha ...
P.S. Inżid ftit vrus oħra:
Padre, fir-ruħ tiegħi, mhux dejjem inħoss il-ħidma tal-imħabba, mhux biss, imma talli xi drabi ruħi nħossha hekk niexfa u bierda li ma nifhem xejn, ta' lanqas hekk jidhirli! O kemm nixtieq li kieku ngħidlek kollox! Iżda l-*Fiat* qawwi qawwi jżommni hienja f'telqa sħiħa fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina ...
**Ittra 44**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 12 ta' Novembru 1941
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Qabel kollox nitlob skuża u wara rroddlok ħajr, eċċ. Għandek tkun taf, Padre, li jiena ma nippretendix tweġiba ta' malajr għall-ħmerijiet tiegħi. Anzi t-tjubija tiegħek tgħaġġibni, li b'tant imħabba twieġeb għal din ix-xorta ta' kitba ...
Intant, Padre, inti tifhem dak li jiena b'tant tbatija bilkemm jirnexxili ninnota, u mbagħad għaliex ma tgħidlix kif għandi nwieġeb għal imħabba hekk kbira tat-twajjeb Alla lejn ħlejqa mill-aktar ingrata?! Kif inħossni mxejna meta nsibni fi preżenza tant, tant mimlija mħabba! Kun af, għażiż Padre, li xi drabi mingħajr ebda tħejjija nsibni miġbura intimament fil-Kollox, b'ħafna dmugh. U imbagħad,

imbagħad, ir-ruħ tħobb, tistrieħ bla ma (kważi rrid ngħid) taf kif ... Jalla, dan il-Kollox infinit tagħna, ikun magħruf ħalli żgur li jkun maħbub ...
Ippermettili ngħidlek kelma f'widnejk dwar dak li hemm f'qalbi, eh! Padre, mhux kelma waħda nixtieq ngħidlek imma ħafna wara tant żmien ... għax il-preżenza tiegħek ta' spiss tiġini f'moħħi u ma nehdiex nitlob lit-Twajjeb Ġesù tagħna bil-ħerqa ħalli jgħinek u jseddqek biex jirnexxilek tressaq lejh ħafna u ħafna erwieħ tant għeżież għall-Qalb Tiegħu Divina!
Padre, f'waħda mill-ittri tiegħek ikkmandajtni li nħares dejjem lejn l-aktar ħelu Ġesù tagħna, jiġifieri lejn l-Imħabba. Sewwa, inħossni hienja bil-bosta u rroddlok ħajr ... iżda minn daqqiet qajla nista' ma narax ukoll l-imġiba kerha ta' ruħi ... iżda ma naqtax qalbi, anzi nħossni aktar mixgħula b'nar safi lejn Missier hekk ta' tjieba bla qies ... u bħal donni ninħall ... għal dan is-sena hekk qawwi ta' mħabba. O nar ...
X'nibda ngħid aktar, għażiż u maħbub Padre! Imma għaliex mhux maħbuba Imħabba hekk ta' min iħobbHa? Esseri hekk Divin?! Aħfirli, Padre, imma nħossni ftit libera, u rrid nitkellem u ngħid ħafna, ħafna ħwejjeġ, għalkemm ma jikkonkludu xejn ... Padre, nibża' li ma nagħmel xejn għal dak kollu li nħoss, ma nikkorrispondix. Fl-okkażjonijiet żgħar li magħhom niltaqa' ma nżommx dik il-kalma u nwieġeb b'mod ġwejjed ...
Ekku l-frott ta' din l-imħabba li spiss jidhirli li nkun imkebbsa biha. Oh! Kemm inħossni hienja meta inti turini l-miżerja u ċ-ċokon tiegħi, anzi kemm jien ingrata lejn dan il-kobor bla qjies, eċċ. Iva, irrid kieku naħbi lili nnifsi ... irrid inxejjen lili nnifsi, u ma nafx nagħmel għajr ninħeba bil-miżerji kollha tiegħi fil-Pjagi tal-ħelu Ġesù tiegħi, ta' dak Ġesù li fiH il-Missier Etern isib il-għaxqa tiegħu! Nieqaf? Jiena tabilħaqq għajjiena. Inħobbu u biżżejjed!
Padre, ser nerġa' ngħidlek aktar ħmerijiet. Ikollok sabar bija! Ix-xjuħija tabilħaqq qed tagħmel tagħha, iva, ngħodd 79 sena, medda twila ta' żmien mimlija miżerji ...
Nerġa' niktiblek fi żmien għaxart ijiem oħra. Nittama, li jekk nissokta hekk, toqrob is-siegħa biex nasal ... Berikni bil-kotra, u itlob lit-Twajjeb Ġesù għalija.
Bintek bla ma jistħoqqilha, Sr. M. Margherita

**Ittra 45**

D.M.E.O.

Dar tal-Karità, 19 ta' Diċembru 1941

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

l-aħħar ittra mtliet lili wkoll bil-għaġeb, u mmutatni quddiem din il-bruda kbira, filwaqt li l-Imħabba eterna qed twassalna biex naraw u nifhmu t-tjieba bla tarf tagħha ... X'nistgħu nagħmlu, għażiż Padre? X'nistgħu nagħmlu ... jekk mhux li nintelqu fil-ħdan tal-Missier, imgħaddab iva, iżda hu dejjem il-Missier tal-ħniena bla tarf!!

It-tnehid tiegħi jikber iva, iżda l-miżerja tiegħi għadha żżommni marbuta ma' dan il-jasar iebes. Imma l-*Fiat voluntas Tua,* kif fis-sema hekkda fl-art, tħallini f'abbandun qaddis. Fiżikament ma nafx kif nista' nġebbed għat-tul, iżda mbagħad tingħatali l-għajnuna li tħallini noqgħod ...

Nitlob, iva nitlob, Padre, nitlob mill-faqar tiegħi, imma Dak li jista' kollox għadu minsi ħafna ħafna, mhux magħruf u offiż! Min jaf kif qiegħed tgħaddi dawn il-jiem u l-iljieli ta' niket?

Paċenzja, u abbandun sħiħ fil-Providenza Divina ... Aħfirli, għażiż Padre, għax ma nistax inkompli: biss nawguralek nar safi ta' mħabba, jiġifieri dak in-nar li għalih l-Imqaddes Bambin ġie biex jitfa' fl-art, ħalli jista' jkebbes dawk il-qlub kollha li jersqu lejh, eċċ.

Padre, il-għajta li nisma' kważi bla taqta': Imħabba mhix magħrufa, Imħabba mhix maħbuba, li bikkini u tagħtini li nistaqsi: Imma mhux inti Mulej is-Sid tal-ħlejjaq kollha tiegħek?? U bħalek inbaxxi rasi fis-skiet ... Biżżejjed, niltaqgħu ħdejn il-benniena tar-Re Bambin, u hemm fis-skiet, naduraw, irroddu ħajr u nħobbu, inħobbu, inħobbu u daqshekk.

Agħti barka kotrana lill-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha,

Sr. M. Margherita

**Ittra 46**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 26 ta' Jannar 1942
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Naqra u nerġa' naqra l-aħħar ittra tiegħek u ma jirnexxilix inwieġbek. Kemm minħabba l-ftit saħħa, u sew, kif tgħid inti, minħabba ż-żmien kritiku li għaddejjin minnu.
Għażiż Padre, l-istupidaġini tiegħi tidher agħar minn dik tiegħek li f'dawn iż-żminijiet (liturġiċi) hekk sbieħ u ħelwin ma rnexxieli kważi qatt li noqgħod miġbura f'kumpanija intima mat-twajjeb Kollox tagħna! Tkun dejjem magħmula r-Rieda Mqaddsa tal-Missier l-aktar ħelu tagħna, li f'idejH inħallu r-ruħ u l-ġisem, il-ħajja u l-mewt ...
Għaddejt ġimgħat u deherli li kont ser nibda t-titjira ... iżda f'daqqa waħda ġejt aktar f'saħħti minn qabel. Padre, x'ikun dan iċ-ċajt? Ta' spiss nara jitilqu erwieħ tajba, u nara lili nnifsi għadni marbuta ma' dan il-jasar iebes?! X'irid it-Twajjeb Ġesù tagħna minn din l-ilsira fqajra tiegħu? Li tikkonverti u ssir tassew għarusa fidila tiegħu. Ma nafx x'naqbad ngħid ...
Fil-ħajja tiegħi l-imgħoddija nara iżda li ma nsibx għajr ħtijiet x'nibki u xi npatti, kif fakkartni inti f'waħda mill-ittri tiegħek ... Nibża' li m'iniex napprofitta ruħi miż-żmien ta' issa, li hu mudlam ħafna; ma jirnexxilix kważi qatt inżomm quddiemi l-argument, moħħi jiġri 'l hawn u 'l hinn bla waqfien. Ir-ruħ għatxana tfittex il-Kollox u ma tistax issibu. X'jiġri? Tegħja u titniehed ...
Padre, Padre twajjeb, kemm nixtieq li kieku ngħidlek affarijiet, iżda kif ktibtli inti, ma tistax tagħti tifsira. Jekk inħarsu 'l fuq nintilfu fis-skiet ... u hawn isfel tiskot bla ma ssib l-ebda ħajt ta' kemm ... Oh! Inħallu li jsir minna dak kollu li l-Missier l-aktar Twajjeb tagħna għandu f'moħħu li jseħħ ... nibqgħu fl-imħabba u fid-dirgħajn tiegħu ta' Missier li kien jaħbina u jeħlisna mill-għedewwa kollha tagħna.
Padre, ningħaqdu fit-talb, fis-sagrifiċċji, fl-abbandun, f'dik il-QALB hekk kbira, hekk ħelwa, hekk imqaddsa, hekk ta' min iħobbha!! Biżżejjed, eh! il-bqija niftiehmu ...
M'għandekx għalfejn tiskuża ruħek għax iddum ma twieġeb, u għalkemm jiena nieħu gost li nirċievi mingħandek, naf li ma jistħoqqlix, lanqas li ndum ma

nirċievi. Agħmel kuraġġ, għażiż Padre, inħabirku li nirbħu l-erwieħ, erwieħ, erwieħ ...
Bierek, jekk jogħġbok lill-imsejkna bintek fil-Ħelu Ġesù, kif tagħmel hi stess għalik fit-talb tagħha.
Aħfirli u agħdirni.
**Ittra 47**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 22 ta' Frar 1942
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!!
Qed tara kif anki l-vista qiegħda tonqosni? *Deo Gratias!*
L-aħħar ittra tiegħek għamlitli ftit kuraġġ ħalli nissokta nikteb ittri li ma jagħmlux sens ... Ngħid jiena ma naħlix żmien u karta, eċċ.
Għażiż Padre, minn xi daqqiet inħoss il-ħtieġa li nitkellem ma' xi ħadd, biex ngħid dak li tħoss l-imsejkna ruħ tiegħi! Inħoss Padre, li l-ħajra u x-xenqat tal-imsejkna ruħ tiegħi m'humiex tabilħaqq ġejjin mill-Ispirtu Divin (aħfirli Padre) iżda jkerrħu kemxejn l-ispirtu, għalkemm nagħmel kulma nista' biex nirreżisti u nagħmel atti ta' abbandun sħiħ fi Ħdan Dak li lilu waħdu tixxennaq l-imsejkna ruħ tiegħi.
Iżda, għażiż Padre, il-Qudisja ta' Alla u l-faqar tax-xejn tiegħi, mhux biss, imma l-ingratitudni tiegħi iġegħluni nibża' ... Niftakar li f'waħda mill-ittri tiegħek għamiltli l-ubbidjenza li ma naħsibx aktar ... iżda Padre emminni, id-dawl flimkien mad-dlam!... U terġa' f'dawn il-jiem tal-akbar dwejjaq li għaddew. Mhux dejjem bl-istess mod, għaliex inħoss ukoll nixfa qawwija, l-aktar waqt it-Tqarbin Mqaddes. Oh! Allura jkolli kuraġġ aktar ħalli nħaddnu miegħi kif tant tixtieq ruħi bil-wisq għatxana ...
Tifhimni, għażiż Padre? F'waqtiet oħra nħoss il-ħerqa li nistrieħ f'dik il-Qalb, fuq dak il-ħdan, li nistħi ... Oh! Padre, jeħtieġ li wieħed jipprova kieku jemmen dan iċ-ċajt ...
Issa x'nista' ngħidlek ħalli tifhem il-miżerja tiegħi; u t-tjubija ta' dak il-Kollox! Inħoss is-saħħa li qed tonqosni u forsi nista' nittama li nilħaq lil Dak, lil Dak ... biżżejjed, biżżejjed ...

Noffru s-sagrifiċċji tal-bogħod li jifridna, u li ma nistgħux niftiehmu bħas-soltu. Hux veru Padre? Inħobbu, inħobbu u noffru lilna nfusna bħala vittma flimkien mal-Kollox tagħna li jitfa' l-kastigi ħelwin tiegħu fuq il-bnedmin biex iressaqna lejh, bħal Missier ta' ħniena l-aktar kbira ... Min jaf, Padre, il-Qalb Ħelwa ta' Ġesù kif inhi mnikkta waqt li tħalli l-Ġustizzja tinżel fuq l-imsejkna bnedmin? U kemm jixtieq li npattu, bit-talb, bis-sagrifiċċji u l-penitenza tagħna.

X'nistgħu nagħmlu? Inti tista' tagħmel ħafna billi f'idejk għandek it-teżori tal-Qalb Qaddisa. Ah! Itlob, itlob bil-ħerqa ... bus dak il-Pissidi u ħaddnu miegek, eċċ. għax fih jinsab il-maħbub Ġesù li tant iħobb 'l-erwieħ.

Nibqgħu flimkien, magħqudin fin-niket u fit-talb, u mbagħad bierek bil-kotra liċ-ċkejkna bintek (Trid hekk?)

Sr. M. Margherita del S. Cuore

**Ittra 48**

22 ta' Frar 1942

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Ser inżid ftit kliem ieħor. Irroddlok ħajr tal-aħbarijiet li tajtni fl-aħħar ittra tiegħek, imma issa nittama li l-affarijiet tjiebu, bħalma għall-grazzja tat-Twajjeb Ġesù, nista' ntennilek dwar l-imsejkna bintek ...

Fil-preżent nista' nissokta mmur il-kor ħdejn il-Ħelu Ġesù għal sigħat sħaħ, nista' nisma' l-Quddiesa, eċċ. Iżda rrid noqgħod attenta għalija nnifsi, għax l-istonku hu dgħajjef ħafna, u jitrejjaq b'affarijiet żgħar. Paċenzja u *Fiat* dejjem!

Il-Ħelu Ġesù daqqa jinħass u daqqa oħra jinħeba, u mbagħad, imbagħad l-imsejkna ruħ tiegħi, bħal waħda qed tmut tfittex ...

U inti Padre, kif tmur ma' Ġesù? Kif tintelaq fil-Ħdan ħelu tiegħu? L-aktar waqt in-niket u t-taqtigħ il-qalb? Eċċ.

Aħfirli dan l-indħil ... iżda bint ċkejkna tinteressa ruħha mill-ġid ta' Missierha li jaf ... Inħobbu u biżżejjed. Eh!

**Ittra 49**

D.M.E.O.

Dar tal-Karità, 30 ta' Marzu 1942

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

L-ittra tiegħek ġegħelitni nintefa' b'wiċċi mal-art moħbija f'fixla l-aktar kbira ... Il-Ħniena safja u waħdanija ta' Alla, għal tliet darbiet qaddis, tkun irringrazzjata u mbierka għal dejjem! Għażiż Padre, xi jrid Alla minn din il-bniedma msejkna, li hi hekk ingrata u twieġeb hekk ħażin, eċċ. Tifhimni ... Il-għajnuna tiegħek tpatti, għażiż Padre, u jkollok is-sabar, għax irrid nikteb bla ma naf u bla ma nista' ...

Ħadt gost li fl-ittra tiegħek għedtli dwar il-Kruċjata li għadha kemm twieldet!! Oh! Padre, kellem bil-ħerqa lil dawk l-erwieħ tajba u jiena, mill-miżerja tiegħi, ma nonqosx li nitlob lill-aktar Ħelu tagħna, għalkemm ħafna drabi jagħmel il-geddum, u bir-raġun, għaliex jiena nonqsu fil-ġenerożità, eċċ.

Issa ngħidlek, għażiż Padre, kif fil-preżent qed ngħaddi ż-żmien. Il-forza fiżika kważi ħallietni, nisma' biss Quddiesa waħda, nitqarben u nirtira fil-kamra. Lnħoss ftit tal-influwenza, imma nibża' li nagħti ħafna kas tal-ħtiġijiet tan-natura ħażina tiegħi. Qabel kont ngħaddi s-sigħat quddiem it-Twajjeb Priġunier, imma issa, qed ngħaddi ftit wisq. Kważi qatt ma nista' nagħmilha mas-sorijiet, għax jonqosni n-nifs ... Il-*Fiat* l-aktar għażiż! Kontinwament ningħata f'abbandun ħelu imma bla ebda sentiment speċjali. Qed niftiehmu? Qed tara kif jiena mehdija bija nnifsi, Intant f'dawn il-jiem imqaddsa nerġgħu nkunu flimkien ma' Ġesù, l-aktar maħbub tagħna, u fil-Funzjonijiet Imqaddsa tinsiex Padre, lill-fqajra u msejkna bintek, li lanqas mhi sejra tħallik.

Nittama li l-Kruċjata twarrad, u jekk tistampa xi ħaġa għarrafni.

Inħobbu, inħobbu u nsebbħu lil Dak li minnu tiġi kull għotja tajba, jingħata lilu kull ġieħ, sebħ u tifħir għal dejjem. Ammen.

L-Awguri tal-Għid noħduhom mill-Qalb Glorjuża tal-Feddej l-aktar ħelu tagħna ...

Bierek bil-kotra lill-imsejkna u xwejħa bintek,

Sr. M. Margherita

Nhar l-Erbgħa tat-Tniebri filgħaxija.

**Ittra 50**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 30 t'April 1942
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
L-istennija twila tal-aħbarijiet tiegħek tħassibni ħafna. Għalkemm inħossni dgħajfa ħafna, nagħmel il-ħila u nistaqsik l-aħbarijiet preċiżi u ma nafx x'ġegħelni naħseb dan. It-Twajjeb Ġesù tagħna donnu mmuta, ma jgħid xejn ... B'danakollu aħna nintelqu kollna kemm aħna fil-ħarsien patern tiegħu li qatt ma jiġi nieqes. Min jaf kif inti f'dan il-biża' tremend? Kif inti? Iktibli imqar żewġ versi. Oh!, kif, il-ħelu *Fiat!* f'dawn il-waqtiet hekk ta' niket, jikkalma r-ruħ tagħna u jidrob direttament il-Qalb l-aktar ħelwa ta' Ġesù tagħna!!
Nibqgħu mitluqin għal kollox f'dak il-Ħdan Patern! Minn għandu jkollna l-għajnuna u l-qawwa ħalli bil-ferħ naslu għall-għaqda intima miegħu ... Kuraġġ, għażiż Padre, il-Mulej jagħmel li ngħixu ta' fqar li aħna, fil-biża' bla jaqta', ħalli ningħaqdu dejjem bis-sħiħ miegħu biss, biss, biss. Ftehemna? Niftiehmu fil-Qalb Qaddisa, fejn il-Missier ta' dejjem isib il-għaxqa tiegħu kollha... infakkruh li l-Qalb Ħelwa ta' Ġesù Tiegħu ssib il-għaxqa tagħha filli tgħammar ma' wlied il-bnedmin ... li llum qed jinħlew jagħmlu straġi ... Eh! nitolbu u nittamaw! ...
Kif inhi sejra l-Kruċjata? Taqtax qalbek, Padre, agħmel dak kollu li tista'; il-Mulej jikkuntenta bi ftit, basta ma nafdawx fina nfusna u nafdaw fiH.
Ixħet il-barka tiegħek fuq l-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha.
Sr. Margherita
**Ittra 51**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 9 ta' Ġunju, 1942
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Hawn jien miegħek wara li għaddejt minn periklu gravi ... Għal għaxart ijiem kont bil-Vjatku Mqaddes, u b'danakollu l-bieb ma jridx jinfetaħ ... Fil-preżent m'iniex ħażin, tkun dejjem magħmula, miqjuma u maħbuba r-Rieda Mqaddsa tal-Aktar Għoli.
Smajt li inti wkoll qiegħed irtirat. Kif inti? Ah! f'dawn iż-żminijiet hekk koroh u ta' niket, l-abbandun sħiħ fil-Paternità ta' Ġesù l-aktar maħbub, isabbarna u

jqawwina ... Kuraġġ, għażiż Padre, kuraġġ kbir, dak li mhux għal dejjem mhu xejn ... Fin-nuqqas ta' saħħa li fih ninsab, il-menti tiegħi ttir lejn il-miżerji, u mhux tant 'il fuq ... iżda l-għażiż Fiat jissieħeb miegħi dejjem bħalma nittama fil-għajnuna tal-Ħelu Ġesù tagħna, hekk għażiż ... Din id-darba kienet indiġestjoni b'taqligħ kbir, eċċ. Issa nħossni dgħajfa għall-aħħar. Għal dnubiet dan kollu hu ftit!
Inħobbuh lit-Twajjeb Ġesù tagħna, b'kull mod li bih jittrattana. Nitolbu għall-konverżjoni tal-midinbin. Ninsistu miegħu bil-qawwa kollha, għax hekk jogħġbu ...
Daqshekk għax negħja u filwaqt li nitlob il-barka paterna tiegħek, nitlob ukoll aħbarek, imqar żewġ versi.
Ġesù jkun fil-qalb tagħna, isabbarna u jgħinna sal-aħħar,
L-imsejkna bintek f'Ġesù, Sr. M. Margherita
**Ittra 52**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 19 ta' Lulju 1942
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Għall-grazzja ta' Ġesù il-maħbub l-aktar ħelu tagħna, inti u l-imsejkna bintek reġgħu ħadu xi ftit saħħithom ... u dan kemm ser idum? U kemm imbagħad inħossni fil-qrib u mill-ġdid nerġa' nitkaxkar f'dan il-jasar? X'*Fiat* twil hemm bżonn intenni?!!
Inti tgħid biex nikkonverti u jiena ngħid biex inpatti għall-ħtijiet u d-djun tal-ħajja twila li għaddejt ... F'kull każ irridu napprofittaw ruħna miż-żmien li ngħatalna ħalli bin-nar Ewkaristiku ntemmu d-djun kollha tagħna u nħassru kull tebgħa ta' ħtija, ħalli mbagħad jiġi l-Għarus ħelu u jeħodna miegħu, eċċ. Kuraġġ kbir, għażiż Padre, f'jasar hekk mudlam, iebes aktar minn qatt qabel, nintelqu kollna kemm aħna f'dak il-Ħdan ta' Missier, fejn jinsab dak kollu li l-imsejkna ruħ tagħna tista' tixtieq u teħtieġ.
Nittama li inti qlibt għat-tajjeb, hux veru Padre? Ta' sikwit nitlob ħalli terġa' tibda tieħu ħsieb dawk l-erwieħ li f'dawn il-waqtiet kbar ta' niket, qegħdin ifittxu l-għajnuna. Imma tabbużax mill-ftit forza li jista' jkollox ... It-Twajjeb Ġesù tagħna jaf jieħu ħsieb ta' kollox, magħna u magħhom. Padre, inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u lanqas maħbuba!! Oh! X'għatx għandu ta' erwieħ! Kemm jieħu gost

meta nitolbuh u niffittawh b'risq l-erwieħ! Nissagrifikaw kollox, nagħtuh kollox, kull m'għandna u kull m'aħna, Hu jagħmel il-bqija ...
Għażiż Padre, ninsab ħerqana ħafna għall-aħbarijiet tiegħek. Iktibli imqar fil-qosor ...
Magħquda fil-Qalb Qaddisa Ewkaristika billi ngħix ħajja ta' imħabba moħbija u mxejna ... nissokta billi bl-umiltà nitolbok barka kotrana u li tiftakar fija waqt il-Quddiesa.
Sr. M. Margherita
**Ittra 53**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 4 ta' Awwissu 1942
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Bqajt b'ħalqi miftuħ meta rġajt qrajt l-aħħar ittra tiegħek b'dawk il-ħsibijiet ... u mbagħad tiġi tgħidli li m'intix kapaċi tifforma ħsieb? Tajjeb, infaħħru 'l Mulej ta' dak kollu li jagħmel bina, il-ħlejjaq imsejkna tiegħu! Napprofittaw ruħna minn dak kollu li jogħġbu jippermetti li jsir magħna, dejjem lest ħalli jqaddisna, hux veru?
Għażiż Padre, il-miżerja tiegħi ma tħallinix nintebaħ, bħalek, bl-ingratitudni kbira lejn Missier ta' ħniena hekk bla tarf ... għalhekk nikkuntenta billi nitolbok li jkollok ħniena u titlob ħalli t-Twajjeb Ġesù jagħtini d-dawl biex nagħraf ċar lir-ruħ fqajra tiegħi li fiha m'hemmx għajr tweġibiet ħżiena, eċċ. ingratitudni, u dak li l-aktar iħawwadni hu li ma naf nagħmel xejn għajr insejjaħ lill-Missier bħal tifla ċkejkna, u nerħi ruħi fi ħdanu ... Għażiż Padre, altru titkellm mill-imħabba u altru l-imħabba fir-realta. Is-skiet biss jiswieli quddiem Alla ... u d-dmugħ jaqbel mal-qalb ... Insomma biżżejjed, min iħobb jifhem!
F'jum il-festa tal-Qaddis t'ismek ftakart fik fit-talb għall-bżonnijiet tiegħek, b'tifkiriet eċċ ... u nittama li l-Qaddis jaqlagħlek mingħand Alla l-fejqan sħiħ ħalli tissokta taħdem għall-erwieħ. Ftehemna? Nittama li fhimt bħas-soltu, il-kliem vojt tal-imsejkna bintek, eċċ.
Filwaqt li rrodd ħajr lit-tjieba tiegħek li għoġbok tagħtini barka kotrana, nitolbok li tiftakar fija dejjem quddiem it-Twajjeb Ġesù biex din jagħtihieli u lilek dik il-qdusija li jeħtieġ l-appostlu veru u qaddis.

L-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha, Sr. M. Margherita

**Ittra 54**

D.M.E.O.

Marsalforn, 21 ta' Settembru 1942

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Qed inwieġbek għall-ittra tiegħek ftit tard. Irċevejtha Marsalforn erba' ġimgħat ilu. Fil-Casa Madre veru kont ħażin, u t-twajba Madre Ġenerali stednitni ħalli niġi magħha ġurnata hawn, u meta rajt ir-rispett tagħha, ikkuntentajtha. Meta filgħaxija ġiet biex terġa' lura, is-sorijiet qalulha biex tħallini hawn, ladarba l-arja għamlitli tajjeb. Hekk għadni hawn ingawdi l-arja tal-baħar u s-skiet tal-eremiti.

Niġu għalik, għażiż Padre. Ħadt gost li inti tinsab tajjeb u li qed taħdem fil-għalqa tal-Mulej, bħalma dejjem titlob għalik l-imsejkna bintek, li billi ma tista' tagħmel xejn, tikkuntenta billi tara oħrajn jaħdmu għal dak Ġesù li jistħoqqlu imħabba bla qjies, eċċ.

Oh! Iva, iva għażiż Padre, ħa jkun maħbub il-ħelu Ġesù tagħna, ħa jkun moqdi tajjeb u mfarraġ f'dawn iż-żminijiet koroh. Il-Qalb Tiegħu tabilħaqq jixirqilha u tfittex li dan iseħħ. Hi hekk imnikkta! Kuraġġ kbir; ħu ħsieb il-qasam li erħielek f'idejk b'żelu mkebbes bil-fjammi tal-Qalb Tiegħu l-aktar maħbuba ... Ftehemna? Xtaqt kieku niktiblek affarijiet oħra, li kieku ma nibżax li nkun ipokrita, ladarba ma nqabbilx l-opra mal-kliem ... Għax ma tistax tħobb bil-kliem biss. Iżda bil-fatti, u tassew ... Padre, dan li qiegħda ngħidlek hu b'sempliċità ta' tifla ċkejkna: f'dan iż-żmien, it-talb u l-meditazzjoni huma t-tliet tifkiriet tas-serafini: Qaddis, Qaddis, Qaddis ... nibża' li nitqarraq, għaliex billi naf li xejn ma jistħoqqli, inħossni avvelita u nħoss id-dmugħ iġelben ... X'nagħmel la jiena hekk miżerabbli u nieqsa fil-virtù, għanja biss fil-miżerja u d-difetti,eċċ? Oh! It-Tjieba bla qjies ta' Alla, Qaddis għal tliet darbiet, tpatti għall-ingratitudni kbira tiegħi! Inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u lanqas maħbuba! Nagħmlu kull ma nistgħu biex ikun magħruf u żgur li jkun maħbub ...

Għażiż Padre, nirrikkmandalek l-aktar waħda msejkna fost l-ulied twajbin tiegħek, u nitolbok li tgħidilhom jiftakru fija, ħalli bit-talb tiegħek ta' missier ikolli x-xorti li nasal żgur f'dak il-grad ta' mħabba mfassal mit-tjieba tat-twajjeb Ġesù. Il-barka paterna tiegħek nistennieha wkoll kull filgħaxija.

L-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 55**

D.M.E.O.

Dar tal-Karita, 28 ta' Ottubru 1942

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Grazzi għat-Twajjeb Ġesù tagħna rġajt lura fil-Casa Madre. F'saħħti nħossni ftit aħjar, iżda fl-ispirtu aktar distratta. Nixtieq li akkost ta' kollox nissodisfa fil-milja tiegħu dak kollu ktibtli fl-aħħar ittra tiegħek. Iżda, għażiż Padre, fija ma tinsabx għajr dgħufija u xejn m'hemm ta' siwi. L-eżerċizzju waħdieni li nagħmel, naħseb jien, mhux għajr att ta' telqa sħiħa fil-Kollox bla qjies ... X'nista' nagħmel aktar? Il-moħħ għajjien, id-dawl t'għajnejja qed inin, il-forzi jinxtorbu ... Intant, Padre, għin bit-talb qaddis tiegħek lil din ir-ruħ imsejkna li l-Providenza divina rħiet fil-ħarsien patern tiegħek ħalli tasal bis-sliem fit-tgħanniqa li tixxennaq għaliha kull ħin: u mill-banda l-oħra tħossha ma jixirqilhiex wisq. Eh! Kemm, kemm, kemm! Iżda ta' spiss ukoll intenni l-ħelu *Fiat!*

Niġu għalik, għażiż Padre, kif inti? F'dawn l-attakki ġratlek xi ħsara? Nittama li le, għaliex inħossni ċerta (kważi) li t-Twajjeb Ġesù tagħna, fit-tjieba mqaddsa tiegħu ser jeħlisna. Kuraġġ, kif intennilek dejjem, u aħdem għall-erwieħ u qawwi qalb kulħadd ħalli jġarrbu kollox bis-sabar. Dak li mhux għal dejjem, m'hu xejn! Nafdak fil-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija u flimkien magħhom ngħixu ħajja ta' mħabba safja u jkun biżżejjed għalina.

Agħdirni li ddawwart, iżda l-menti ... ma nistax napplikahom. Stabar bil-marda l-ġdida tax-xjuħija. Jekk jogħġbok, berikni bil-kotra, u filwaqt li rroddlok ħajr, nitolbok li ġġeddidhieli ta' kull filgħaxija.

Bintek ix-xwejħa f'Ġesù, Sr. M. Margherita

**Ittra 56**

D.M.E.O.

Dar tal-Karità, 20 ta' Diċembru 1942

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

Irrodd ħajr bil-qalb lit-tjubija tiegħek li b'sabar kbir jogħġbok twieġeb għad-dwejjaq bla sen tal-imsejkna, l-ifqar, u bla ma jistħoqqilha fost uliedek.

Bla ebdamertu tiegħi ninsab f'qagħda ta' saħħa kollha mgħaffġa fix-xjuħija ta' 80 sena magħluqa.

Għażiż Padre, l-aħħar ittr tiegħek, bħal dejjem, għenitni, iżda ta' sikwit jiġi quddiemi l-ħieb li ma kontx qerrejt tajjeb, eċċ , min-naħa tiegħi numilja ruħi u ninħeba dejjem fl-imħabba tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù, unqabbad mal-fiduċja, kif twissini inti ... wara nsib is-sliem u l-paċi... Oh! Kemm hu twajjebil-Mulej, li wkoll fuq l-ingrati jibgħat ix-xita ta' grazzji bix-xaba'! Eh! nistgħu ngħidu li fi żmien hekk prezzjuż nisktu f'ħemda qaddisa u nħallu biss li itkellem l-imħabba. L-imħabba t'Alla li ssir bniedem ... li ssir Tarbija!!! U aktar, issir stja ċkejkna. Irid kollok wisq fidi ċkejkna biex ma tmutx bl-mħabba. B'danakollu, din l-imsejkna li qed tikteb la għandha fidi u lanqas imħabba biex ma mititx wara medda ta' snin hekk twila. Eh, daqshekk gax hemm materja kbira biżżejjed fl-imħaba fuqiex wieħed jimmedita ...
Nittama li inti tinsab ipprovdut biżżejjed bl-imħabba, bil-ħeġġa u b'kuraġġ kbir biex tkompli mal-ħidma tal-Ministeru tiegħek. Nibqgħu magħqudin f'dak il-Lejl Qaddis, u waqt it-tliet Quddisiet żommni fil-kalċi flimkien mal-qtar tal-ilma, eċċ. Flimkien mal-għażiża Sr Scolastica li troddlok ħajr, bħal dejjem nitolbu l-barka paterna tiegħek u li tiftakar fina fit-talb imħeġġeġ tiegħek ...
L-imsejkna bintek f'Ġesù, Sr. M. Margherita

**Ittra 57**

D.M.E.O.
10 ta' Jannar 1943
Għażiż Padre f'Ġesù
O kemm inħossni agħar minn miżbla! Waqt li nħossni bil-bosta ħatja, u billi weġibt ħażin wisq għal ħafna grazzji!! (Ma kontx indejqek li kieku ma kellix din l-okkażjoni ta' issa).
Għażiż Padre, ara x'estremi: il-Kollox u t-tajn; agħar mix-xejn ... Imma x'irrid nagħmel biex inwieġeb għal din it-Tjieba, għal tant Imħabba?
Nixtieq ninħeba u nxejjen ili nnifsi, insir xejn: imm kif? Kif? U fejn, fejn nista' nsib naqra ta' post, imqar żgħir? U mbagħad il-ħerqa li nħobb il-Kollox, li nwieġeb għal Imħabba hekk bla qjies? Oh! Padre, kif ma tstax tifhimha din l-Imħabba Divina!! Jeħtieġ li tiskot u daqshekk ... Inħobbu u nagħmlu li din l-Imħabba tkun magħrufa, u żgur li tkun maħbuba! Oh! Alla tiegħi, agħmel li tkun magħruf fil-ħlejjaq tiegħek kollha li Inti sawwart xbiha tigħek, u fdejthom bid-Demm l-aktar

għażiż Tiegħek. Iva, iva inħobbu sal-ġen! U meta, meta nkunu nistgħu nħobbuH hemm fuq? U meta ser inkunu nar wieħd? Dawl wieħed? Kollox wieħed? Biżżejjed, eh!
Nixtieq li kieku ngħidlek aktar, iżda s-skiet ifehemna aħjar.
Il-Kollox tagħna jtemmna lkoll fiH, kif tixtieq l-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha, Sr. M. Margherita

**Ittra 58**

D.M.E.O.
Dar tal-Qalb Imqaddsa
Għasri, 15 ta' Marzu 1943
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Oh! Xi skiet twil! Għall-miżerji tiegħi jistħoqqli agħar! Aħfirli, għażiż Padre; kun af li l-imsejkna binte waslet fix-xjuħija ... Ninsab mill-ġdid f'Dar fil-Kampanja fejn hawn skiet ta' eremitaġġ. Erġajt kont mejtabla saħħa u t-tjubija tas-superjuri tagħna qiegħda tagħmel minn kollox ħalli jieħd ħsieb l-eżistenza msejkna tiegħi. Jaħasra għalija, imbagħad forsi m'għamitx minn kollox ħalli napprofitta ruħi minn żmien hekk prezzjuż. Eh, kemm ser idum dan il-jasar! U sakemm għandu jtul dan il-bogħod mill-kisba ta' dak il-Kollox ferm mixtieq? Għad fadalli d-dejn xi nħallas. Għad għandi xi npatti għan-nuqqasijiet tiegħi, eċċ. Għalhekk ninxteħet fid-dirgħajn paterni tat-Tjieba Divina ...
Oh! Padre, inti tgħidli li għandi nagħmel kull ma nista' biex nagħmel użu minn dan iż-żmien, iżda jiena ninsab mgħaddsa f'baħar ta' miżerji, eċċ. X'nagħmel? Ninsab mehdija fil-miżerji mhux biss spiritwali iżda wkoll naturali. Ir-ruħ trid li kieku teħles, iżda tinsab imwaħħla fit-tajn ... Xi trid tagħmel? Oh! X'niket! X'kontradizzjoni ... min jista' jifhem? Insomma inti tista' tifhem xi ħaġa bħas-soltu ... Tħallinix, għażiż Padre, għax in-nuqqas ta' saħħa qed inħossu ġmieli ... Għamilt sforz, iżda nħossni mifnija. *Fiat* dejjem! Ma nafx x'naqbad ngħid iżjed, għax Dak il-Kollox jimla kollox! ...
Bierek jekk jogħġbok u itlob bil-qalb lil Alla għaċ-ċkejkna bintek f'Ġesù twajjeb
Sr. M. Margherita
P.S. Jekk fi ħsiebek twieġeb din l-ittra fi ftit jiem, tista' tniżżel dan l-indirizz:
Casa del S. Cuore
C Għasri, Gozo

**Ittra 59**
D.M.E.O
Dar tal-Karità, 16 ta' Mejju 1943
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
*Deo Gratias et Mariae!*
X'irid is-Sinjur Alla minn din il-ħlejqa miżerabbl? Eh! il-konverżjoni vera ... Għażiż Padre, dak l-att ta' abbandun biex ngħix anke mitt sena u aktar ukoll, ladarba dan ikun jogħġob lill-Kobor Tiegħu Divin u ntennih sikwit meta narani hekk qrib (għax dgħajfa għall-aħħar) u wasalt lejn it-tmiem, dritt intennih ... u jkunli ta' faraġ. eċċ
Issa rġajt qomt ftit fuq tiegħi, issa naraw? Għalija hu biżżejjed li nagħmel perfettament ir-Rieda Divina u Adorabbli Tiegħu! Inħossni xi ftit imħassba fuqi nnifsi, li jiena hekk ma niswa xejn, li ma nistax nifhem għajr il-ftit, iżda ħalli tkun imwettqa r-Rieda Tiegħu. Nixtieq li kieku napprofitta ruħi miż-żmien li qiegħed jagħtini. Forsi mhux qed nagħmel dak kollu li nista' ...
Irroddlok ħajr, għażiż Padre, ta' dak kollu li għoġbok tagħmel ma' din ir-ruħ imsejkna, u wkoll ta' dak li kieku xtaqt tagħmel ... Jiena ma nixtieqx għajr li nintemm bħala vittma ta' tpattija, għalhekk nitlob lill-paternità tiegħek li fis-Sagrifiċċju Mqaddes jogħġbok toffrini flimkien mal-Vittma bla Tebgħa ħalli nissaffa u nsir ... eċċ. Biżżejjed, Padre, għax negħja ħafna.
Bierek lil din l-imsejkna bintek bla ma jistħoqqilha
Sr. M. Margherita
**Ittra 60**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 17 ta' Lulju 1943
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
X'għandi nwieġeb għall-ittra tiegħek? Li nħossni mkebbsa bin-nar biex insalva l-erwieħ?! Nixtieq u nixxennaq bis-sħiħ li l-erwieħ kollha mifdijin bid-Demm wisq għażiż tal-Feddej Divin tagħna jsalvaw; iżda x'irrid nagħmel biex nikseb dan? Jekk jien ma nagħmilx għajr difetti u nuqqasijiet u naħseb fija nnifsi ... imsejkna midinba! U mbagħad għandi l-wiċċ li xi drabi noqgħod għall-mistrieħ fuq il-Qalb ta' Ġesù l-aktar ħelu (nistħi u nakkuża ruħi bħala bniedma supperva). Kemm

nixtieq infiehmek fiex jinsab fil-preżent l-ispirtu fqajjar tiegħi!! Iżda norbot ruħi mar-Rieda Divina Tiegħu! Nitlob, iva, nitlob għall-erwieħ u ma niqafx li nressaqhom quddiem it-Twajjeb Ġesù tagħna. U kemm tnikkitni d-dehra ta' dik il-kotra li tintilef fil-vanità, eċċ.

Fil-preżent inħossni f'saħħti iżda kollox itaqqalni, kważi kollox idejjaqni. Kont Marsalforn u jumejn oħra ser nerġa' mmur, kollox biex nobdi, għax is-Superjuri qed jagħmlu miegħi din l-eċċezzjoni, billi jaraw li l-arja tal-baħar tagħmilli tajjeb ... U kemm ser indum nġebbed din il-ħajja? Eh! *Fiat* dejjem! F'dak il-Kollox wieħed jgħix billi jmut!! Hux veru Padre? Mela biżżejjed!...

U inti, kif inti? Waqt is-Sagrifiċċju Mqaddes, f'dak il-Kalvarju, kif tħossok qed tmut flimkien mal-Vittma bla Tebgħa? ... Ah! Iva inħobbu u nagħtu ruħna b'riżq l-erwieħ li jiswew il-ħajja, eċċ...

Berikni u itlob dejjem lill-maħbub Ġesù għall-imsejkna u bla ma jistħoqqilha bintek, Sr. M. Margherita

**Ittra 61**

D.M.E.O.

Marsalforn, 28 ta' Lulju 1943

Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!

B'wiċċi fl-art u minn qiegħ qalbi nitolbok maħfra taż-żmien li tlift biex tfittex l-indirizz tiegħi li kien miktub hekk ħażin. Imbagħad irrodlok ħajr wisq aktar minn qalbi tas-suġġeriment li għamiltli li wassalni niftakar fil-kotra tal-ħtijiet u l-ingratitudni tiegħi l-imgħoddija fiż-żmien twil mgħoddi f'uffiċċju hekk tqil u delikat. Min jaf, għażiż Padre, kemm ġew aċċettati vokazzjonijiet bla spirtu reliġjuż veru, u oħrajn imċaħħdin jew mhux imrawmin tajjeb... O x'għammad ikrah jinfetaħ quddiemi ... Iva, Padre, nemmnek li għall-ħtijiet u d-dnubiet kbar tiegħi Hu qed iħallini f'din l-art ingrata. Anzi, minħabba f'hekk minn xi daqqiet nibża' li huma illużjonijiet dak li ħafna drabi nħoss. Oqgħod żgur li l-aħħar ittra tiegħek għamlitli bosta ġid. Irroddlok ħajr mill-ġdid u nitlob lill-paternità tiegħek biex jogħġbok tissokta f'dan it-ton, iżda qatt bit-titlu ta' Reverenda Madre, iżda bl-isem sbejjaħ tal-imsejkna u ċ-ċkejkna binti (għalkemm ma jistħoqqlix). Għinni, għażiż Padre, ħalli nagħmel atti sinċiera ta' tpattija u ta' umiltà l-aktar profonda, billi jiena hekk ingrata lejn dan Alla, Qaddis għal tliet darbiet!!! Il-Pjagi biss tal-

aktar Ħelu Ġesù tagħna jistgħu u nittama li jpattu u jaħfru infedeltà hekk kbira u ħtijiet l-aktar koroh ... Biżżejjed eh! Ngħaddu għal ħaġ'oħra.
Is-solennità li riesqa tal-Qaddis Patrun tiegħek tfakkarni fik aktar bis-sħiħ, ħalli nagħtik l-awguri umli u sinċieri tiegħi, iżda mhux bħalma jagħmlu n-nies tad-dinja, imma mimlija bil-qdusija, jiġifieri li tikber fiż-żmien kif ukoll fi qdusitek .. kuntent hekk? Nittama li iva ... Oh! Inħobbu, inħobbu lis-Sinjur Alla tagħna, kif ħabbu San Alfons!!! U kemm jixraqlu li jkun maħbub minn kulħadd ... Padre, inħobbuh flimkien, inħobbuh bl-istess imħabba infinita tiegħu ħalli npattulu, insebbħuh ... ħalli nissodisfaw il-ħtieġa tal-qlub imsejkna tagħna, hux hekk għażiż Padre??!!
Nixtieq li kieku ngħid aktar u aktar. Aħdem, għażiż Padre, aħdem bis-sħiħ b'riżq l-erwieħ u għall-akbar glorja ta' Dak il-Missier li rregala lil Ibnu l-Waħdieni, għal dak il-Missier hekk twajjeb ... ladarba għadu jżommok f'saħħtek! Imsejkna jiena, m'iniex għajr xkiel, toqol, imbarazz. Biss l-imħabba u t-tjieba tas-superjuri tiegħi u tas-sorijiet, iżommuni u jieħdu ħsiebi ... It-Twajjeb Ġesù tagħna jħallas Hu lil dawk kollha li juru karità ma' bintek l-aktar midinba u ingrata!
Nagħlaq, għażiż u maħbub Padre, billi mill-ġdid nitlob maħfra u rroddlok ħajr, eċċ. Bierek, Padre, u itlob lit-Twajjeb Ġesù għall-aktar imsejkna u bla ma jistħoqqilha bintek, Sr. M. Margherita
L-indirizz hu diffiċli ħafna, imma kif għamilt int waslitli bis-sliema.

**Ittra 62**

D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 12 ta' Settembru 1943
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
Wara ħafna taqtigħ ta' qalb sa fl-aħħar ser naqbad u nwieġeb għall-għażiża ittra tiegħek li minnha ħadt ħafna affarijiet l-aktar utli għar-ruħ imsejkna tiegħi. Għażiż Padre, kemm Hu tajjeb il-Maħbub Ġesù! Iżommni fid-Dar tiegħu flimkien ma' tant erwieħ tajba (Kif tara, ma jħallunix waħdi: waħda ġejja u l-oħra sejra). Paċenzja! Issa tlift is-sens ta' kollox u anke taż-żmien ... *Fiat!*
Padre, jiena wkoll inħossni mgħaġġba bil-ħniena bla tarf tas-Sinjur Alla li għadu jżommni ħajja, u li jistennieni ħalli nkun kollni tiegħu, ruħ u ġisem, minkejja l-ingratitudini tiegħi tal-imgħoddi u dawk ta' issa! Fejn qatt nista' mmur ninħeba bil-ħtijiet, bil-miżerji u bl-ingratitudini tiegħi kollha? Fejn nista' nixxejjen ħalli Hu

jkun jista' jsaltan fuq din il-ħlejqa fqajra u msejkna? Li kieku kont nista' nurik il-qagħda tar-ruħ fqajra tiegħi ... imma *Fiat!* Anzi, nemmen, li bħalma ġara drabi oħra, dan inti tobsru.
Mill-ġdid qed naqbad il-pinna. Intant, għażiż Padre, qed ngħaddi ħajti, kif tista' tara minn barra, kważi fil-għażż, billi ma nista' nagħmel xejn, imma minn ġewwa rrid ngħix il-ħajja moħbija ta' Nazaret, iżda ninsab distratta. Ħdejn il-Priġunier tal-Imħabba ngħaddi s-sigħat, daqqa niexfa qoxqox u oħra nibki. Il-għażiż *Fiat* biss u l-abbandun imtenni f'kull waqt tal-ħajja. Ser nagħlaq din l-ittra għax nibża' li jaħrabli llum ukoll u ma jseħħlix li ntemmha.
Ikollok it-tjieba li ssib fija elf difett aktar milli f'ħaddieħor.
Padre, inħobbu, inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u lanqas maħbuba; eku dan, jew leħen moħbi li ta' sikwit inħoss ġewwa fija li minn xi daqqiet ibikkini u li jagħtini li nista' ngħajjat madwar id-dinja: Inħobbu, inħobbu lil dan Alla hekk twajjeb u hekk Qaddis! Imbagħad inħossni jiena nnifsi ingrata!...
Itlob għalija waqt il-Quddiesa, għażiż Padre, ħalli nkun nista' nwettaq dak li trid minni, imsejkna midinba, it-Tjieba ta' Dak li hu ta' ħniena bla tarf u ta' min iħobbu.
Bierek lill-imsejkna bintek li sikwit tkun waslet fix-xifer ta' ħajjitha. Eh! meta, meta?...
L-imsejkna, Sr. M. Margherita
**Ittra 63**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità
Għażiż Padre fil-Qalb ta' Ġesù!
<...> Niġu għalina. Att ta' ndiema għamilt, imma rrid ukoll nitlob maħfra lilek, għażiż Padre; qed inħossha diffiċli; hi tassew ħaġa tqila għalija li ngħaqqad l-ideat li tħoss l-imsejkna ruħ tiegħi.
Inħoss konfużjoni u nieqaf bil-pinna f'idi bla ma naf x'naqbad ngħid. Immur ħdejn il-Priġunier Re u ninxteħet f'riġlejh, jaqbadni l-biki, bħal niftakar l-ħtijiet tiegħi, in-nuqqasijiet kollha li jnikktu lill-Qalb tiegħu tant sensibbli!! Imbagħad nibqa' bħallikieku mejta għal madwar siegħa u aktar. Drabi oħra nisma' sejħa (mhux bil-widnejn) u mmur u jiġini li ntenni: maħbub Għarus, maħbub Għarus

b’tant tnehid, eċċ. il-qalb tkun qisha trid tinqasam!! Drabi oħra nħoss nixfa bħallikieku la hemm Ġesù u u m’hemm xejn. U hekk igerrbu l-jiem f’dan it-taqbid. Nibża’ biss li ma nweġibx kemm waqt il-ferħ kif ukoll waqt il-biki. Imma jiena nfittex ngħaddi ż-żmien meta l-aktar jirnexxili li noqgħod fil-ġabra qrib Ġesù għal sagħtejn, barra dawk flimkien mal-komunità, u f’daż-żmien, wara att ta’ adorazzjoni, eċċ ninxteħet qrib tiegħu u skont il-ġibda tal-preżenza tiegħu inħalliH jeħodni fejn, fejn irid ...
Ekku dak li b’mod imċajpar u mħawwad stajt ninnota. Issa t-tjieba tiegħek twiddibni skont id-dawl li jingħatalek għal din il-bniedma fqira u msejkna.
Oh! Nemmen li kieku ma kinetx it-tjubija tas-Sinjur Alla, f’dan il-waqt min jaf fejn kieku qiegħda?! U dan il-ħsieb sikwit jitfagħni fil-qiegħ nett ta’ dagħbien u wara nħoss mhux ftit ... il-ġibda lejn Dak li hu hekk Infinit ... Oh! Iva hawn, li nkun nista’ nikteb u ngħid, ngħid, ngħid ... iżda mill-ewwel taħrabli il-ftit saħħa li nħoss fir-ruħ fqajra u msejkna, eċċ. Għażiż Padre, ħniena, ikollok ħniena minn din il-bniedma hekk imsejkna u hekk supperva; tixxennaq u titniehed għal ħwejjeġ hekk għoljin u qaddisa. Ħafda drabi nibża’ wisq li jkunu illużjonijiet, billi narani hekk 'il-bogħod milli nkun safja u mbagħad, u mbagħad ...
Biżżejjed, biżżejjed ... inħobbu, inħobbu l-Imħabba li la hi magħrufa u lanqas maħbuba. Din il-karba nħossha ta’ sikwit fl-intimu tieegħi: Imħabba mhux maħbuba. Imħabba mhux magħrufa ... u fuq dil-ħaġa li nħoss, nieqaf sikwit, ukoll meta nħossni distratta ... Kemm hi ta’ niket u xierqa din il-karba! X’jeħtieġ nagħmlu ħalli nikkuntentawH? X’ser nagħtu biex inpattu għal din l-Imħabba safja? Biex inħobbu mhux bil-kliem, imma bil-fatti?
Naħseb li kkuntentajtek b’dan it-tħarbix kollu. Insomma dejjem nitolbu maħfra lill-Ħniena Divina u nittamaw u nerħu ruħna fil-Ħarsien Tiegħu ta’ Missier.
Ningħaqdu flimkien fit-talb, fin-niket u fis-sagrifiċċji fl-Imħabba, għall-Imħabba u mal-Imħabba. Nitolbok tagħti barka kotrana lill-imsejkna bintek f’Ġesù
Sr. M. Margherita

**Ittra 64**

G!M!G!F!

Casa Madre, 22 ta' Diċembru 1920.

Għeżież uliedi fi Kristu Ġesù,

Nar, nar ġie biex jitfa' l-Feddej l-aktar ħelu tagħna, u ma jridx għajr li dan in-nar jaqbad fil-qlub bierda tal-bnedmin. Jiena wkoll, għeżież tiegħi, ma nixtieqx, u lanqas ma nista' nawguralkom ġid ieħor għajr din l-imħabba safja, ġeneruża, u qawwija. U billi n-nar, filwaqt li jsaħħan, idawwal ukoll, hekk ir-ruħ li tabilħaqq tħobb, tkun ukoll fl-istes waqt umli u ubbidjenti. Hekk issir l-għarusa ta' Dak li għaliex ħabbna, minn Ħallieq sar ħlejqa, minn Sid qaddej, eċċ ....

Mela, għeżież uliedi, inħobbu bil-fatti u tassew; jiġifieri bis-sagrifiċċji, billi niċċaħħdu mill-fehma tagħna, ukoll fi ħwejjeġ żgħar, billi nħobbu lil xulxin u nagħdru d-dgħufija ta' xulxin, eċċ ...

Fhimtuni?

Filwaqt li nkomplu ngħixu fil-Pjagi tal-Maħbub ħelu tagħna, u filwaqt li nerfgħu qlubna 'l fuq, ikun hekk jixirqilna aktar li nkunu l-għarajjes tat-tfajjel Divin, dak li twieled f'għar bejn żewġ annimali u miet imsallab bejn żewġ ħallelin! X'mudell fuqiex wieħed jimxi! X'għarus ta' min iħobbu! Daqshekk!

Filwaqt li nixtieq lil kull waħda minnkom nar ta' mħabba ta' din ix-xorta, nitlobkom bil-ħniena biex tiftakru fija quddiem il-Mulej, il-fqajra Madre tagħkom fi Kristu Ġesù.

Sr M. Margherita del Sacro Cuore

**Ittra 65**

G!M!G!F!

Fra Diegu, 10 ta' Diċembru 1921

Għeżież uliedi f'Ġesù Ostja,

Sirt naf li fl-Istitut tagħkom kellkom żjara mill-Mulej. Sabar, sabar u karità! Hawn ukoll, jiena u oħrajn kellna d-deni. Kellna l-istess żjara. Inroddu ħajr lis-Sid tal-ħajja tagħna. Issa li ż-żmien tal-Mulej qed joqrob, dan għalina huwa okkażjoni sabiħa sabiex nogħġbuh aktar. Kuraġġ. T'hawn kollox jgħaddi. Imbagħad immorru fejn nistgħu nħobbu mingħajr taħlit ta' amor propju ... imma nħobbu u ngawdu dejjem, dejjem! Xieraq li issa nġorru xi salib, ladarba fil-ħajja l-oħra ser

ingawdu għal dejjem. Inħarsu sew lejn Ġesù Bambin fil-Għar, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija, u x'jgħidilna? Din hi l-imħabba li nġibilkom!! Jewwilla aħna ma rridux li ngawdu minn issa? Kuraġġ, kuraġġ u nkomplu 'il quddiem, għeżież uliedi. L-imħabba mingħajr ħafna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni, m'hi imħabba xejn. Għalhekk napprofittaw ruħna mill-okkażjonijiet li tibgħatilna l-Providenza Divina. Il-ħarsien tagħha jżommna, eċċ.
Fl-aħħarnett nawguralkom ilkoll l-isbaħ fjammi Ewkaristiċi li jtemmuna f'imħabba l-aktar safja. Dan tixtiqilkom
l-imsejkna Sr M. Margerita
**Ittra 66**
G!M!G!F!
Troina, 17 ta' Marzu 1922
Għeżież uliedi f'Ġesù,
Mill-bogħod qiegħda naħseb fikom li ftit ġranet oħra ser tagħmlu l-Professjoni. Anzi meta tirċievu din l-ittra tkunu diġà għamiltuha. Ingħataw kollkom kemm intom lis-sinjur tagħna Ġesù, li qed joffrilkom missjoni għammiela minn fejn tiksbulu ħafna u ħafna erwieħ! Il-ħelu Ġesù joffrilna ħafna għelieqi x'naħdmu u x'nieħdu ħsieb. Għalhekk, nagħmlu li nistgħu biex inkunu ġenerużi miegħu. Dan billi nwieġbu għas-sejħat tiegħu ta' mħabba! Iva, intom uliedi l-aktar għeżież, li għadkom kemm ingħaqadtu miegħu bil-voti mqaddsa tħaddnu bis-sħiħ miegħu, ħalli tkunu tistgħu aktar twieġbu bil-ġenerożità u l-fedeltà lil dan l-għarus li hu ta' min jixtiequ wisq. ItolbuH nirien, nirien ta' mħabba safja, ta' ħeġġa għall-akbar glorja tiegħu għas-salvazzjoni ta' ħafna ħafna erwieħ. Oh! Kemm erwieħ jistennew ix-xogħol tagħna, il-kelma tagħna u fuq kollox it-talb tagħna! Ejjew, isa, qumu u ntefgħu għax-xogħol, għall-kelma u għat-talb imqanqal!! Agħmlu kuraġġ b'fiduċja bla qjies fil-għajnuna kbira tiegħu, dan billi xxejnu lilkom infuskom. Kollox, kollox nsitgħu bil-għajnuna divina tiegħu. Bil-ħila tagħna ma nistgħu nagħmlu xejn. Ftehemna? Nemmen li iva. Ekku, il-Professjoni tagħkom ħabtet mal-okkażjoni sabiħa tal-ftuħ ta' żewġt idjar 'il-bogħod minn pajjiżna, fejn hemm erwieħ għatxana biex jiġu mgħallma u mmexxija minna. Għaldaqstant itolbu bil-ħerqa lil dan l-Għarus divin li jrid il-fidwa tal-kotra. Itolbu wkoll għal aktar vokazzjonijiet. Itolbu ħalli ħafna u ħafna erwieħ oħra jġarrbu huma wkoll dan il-ferħ li qegħdin tħossu intom. Fhimtuni? Nittama li iva, uliedi l-aktar għeżież. Offru dan is-sagrifiċċju tan-nuqqas tal-preżenza fqajra tiegħi, minkejja li

nixtieq wisq li kont magħkom. Iva, noffru dan b'ġenerożità, mingħajr jekk, mingħajr imma, ħalli jinkiseb frott kotran minn dawn iż-żewġt idjar ġodda ta' Troina u ta' Regalbuto, eċċ.
Il-Għarus ġdid tagħkom iberikkom u jqaddiskom kif hu tassew tabilħaqq jixtieq, u kif tawguralkom l-imsejkna tagħkom,
Sr. Margherita, filwaqt li terħi ruħha fit-talb imħeġġeġ tagħkom.
**Ittra 67**
G!M!G!F!
Pilar, 25 t'April 1923
Għeżież uliedi f'Ġesù,
Nittama li din ser tkun l-aħħar darba li ser inkellimkom bħala Superjura Ġenerali, imma m'iniex ser nieqaf, meta nkun f'kariga oħra, milli nħeġġiġkom ħalli tkunu umli, ġwejda, tafu ċċedu u li tħobbu lil xulxin. Iva, għeżież tiegħi, iva, ngħinu dejjem lil xulxin ħalli nġorru l-piż ta' xulxin ħalli l-Mulej jogħġbu jgħaqqadna b'rabta ta' mħabba fraterna u f'imħabba safja filwaqt li ngħakksu dak il-jiena kattiv u malizzjuż tagħna ... Fhimtuni? Għalhekk, aħfru n-nuqqasijiet li rajtu fija midinba msejkna. Tieqfu qatt li titolbu għalija lill-Mulej bħalma b'qalbha kollha twegħedkom li tagħmel għalikom ilkoll, il-fqajra u bla ma jistħoqqilha,
Sr M. Margherita.
P.S. Selluli għall-għeżież orfni. Jalla l-Mulej jimliehom bil-barkiet tiegħu, u nitlob bil-ħerqa li jiftakru fija fit-talb tagħhom.
**Ittra 68**
G!M!G!F!
*Deus meus et omnia*
Dar tal-Adorazzjoni, 7 ta' Mejju 1924
Għażiża oħti f'Ġesù Ostja,
Ma nistax inħalli li tgħaddi fis-skiet l-hena kbir li ġarrabna f'qalbna f'dawn il-jiem. Tabilħaqq ġarrabna ferħ kbir fl-inawgurazzjoni tad-Dar tagħna tal-Adorazzjoni ... Mela Ġesù l-aktar ħelu qiegħed fuq it-tron tiegħu għal dejjem! *Deo Gratias et Mariae.* Nhar it-28 ta' April li għadda ġie l-E.T. Mons Isqof Mauro Caruana, u

reġa’ qiegħed fuq it-tron, li tħalla vojt b’dispjaċir ta’ kulħadd fil-gżira, l-Ostja Ewkaristika, esposta kuljum għall-adorazzjoni pubblika. Is-sorijiet twajba u maħbubin tagħna jadurawh kull meta jmisshom fuq l-inġinokkjatur għal nofs siegħa imtennija, sa minn daqqiet forsi wkoll għal tliet darbiet, bi pjaċir u sodisfazzjon tagħhom. Jitolbu għal kulħadd, għas-Superjuri meqjumin tagħhom, għas-sorijiet, ħuthom u għad-dinja kollha. Mela, tabilħaqq aħna kuntenti ... Intom ukoll tinsabu maqgħudin magħna, għax ma nistgħux nafu lil min minna ser tmiss ix-xorti li jibqa’ hawn ... iżda l-aqwa li jkun adorat Hu, il-Kollox u l-aktar Maħbub tagħna u biżżejjed.
Bħalissa qegħdin fl-irtir tas-Superjuri lokali, tal-Madre Ġenerali, il-Vigarja Ġenerali u tad-Diskrieti. Minnufih wara l-festa beda l-irtir imqaddes. *Deo Gratias!* X’ferħ tal-Maltin kollha! Ilkoll jirringrazzjaw lill-Mulej li għoġbu jerġa’ jiġi lura fuq it-tron Ewkaristiku tiegħu.
Il-Knisja hi dejjem mimlija bin-nies devoti; imbagħad għall-Quddiesa u l-barka, jilħqu sa fejn il-bieb. Il-Providenza taħseb b’mod ċar f’dawk uliedha li jafdaw fiha. Inħobbu mela, inħobbu lil ħelu maħbub tagħna, u naqdu lilU biss. Ammen.
Jiddispjaċini li ma nistax intawwal aktar. Kultant nisraq xi minuta. Għandna tliet priedki kuljum, wara l-istruzzjoni mill-maħbuba u twajba Madre Ġenerali, u jiena, tant jiena ħażina li ma napprofitta xejn minnhom! Itlob ħafna għall-imsejkna ruħi, li trid tagħti kont lill-Imħallef Divin ta’ tant erwieħ! X’biża’!!!
Nittama li dawk l-adorazzjonijiet li bi dmir imissni nagħmel jiswewli ħalli nitlob ħniena kemm għalija kif ukoll għal dawk kollha li ġegħelthom isofru. Ħafna u ħafna tislijiet għar-RR. Superjuri lokali u għas-sorijiet kollha. Nixtieq li ngħid ħafna ħwejjeġ oħra lil kulħadd, iżda daqshekk għax żgur li ma jseħħlix inkompli. Wasluli l-karti, u rroddlok ħajr ħafna għax għandi bżonnhom wisq.
Kollni tiegħek f'Ġesù’ Ostja, Sr M. Margherita.
Ma ninsiek qatt fuq il-ġinokkjatur. Ftehemna, Madre Ġenoveffa?
**Ittra 69**
G!M!G!F!
Dar tal-Adorazzjoni, 11 ta’ Ġunju 1924.
Għeżież ħuti Sorijiet f’Ġesù Ostja,

Hawn jiena magħkom, ħalli ngħidilkom dwar il-vjaġġ tiegħi lejn Regalbuto, li bla ħsieb kelli x-xorti li nagħmel. Għal naqra ma wasaltx sa ħdejkom. L-ubbidjenza s'hemm biss ippermettietli. Tkun magħmula r-Rieda Mqaddsa t'Alla! Intant, kelli niġi flimkien mad-driegħ ta' San Franġisk Saverju, u nidħlu fil-port bħal meta ġie l-Kardinal għall-Kungress Ewkaristiku. Ma naħsibx li dawn l-aħbarijiet ma tafuhomx, għalhekk ngħaddi biex nagħtikom tagħrif ieħor dwar id-Dar tagħna tal-Adorazzjoni.

L-Adorazzjoni mela, grazzi bla heda lil Ġesù tagħna l-aktar ħelu, issir ta' kuljum. mis-7:00 a.m. sal-5:30 p.m. L-altar ikun imżejjen sabiħ bil-fjuri friski u artifiċjali. In-nies kuljum tiġi tagħmel l-adorazzjoni. Ikun imfaħħar l-isem tal-Mulej li għoġbu jagħżel lilna biex noqogħdu ħdejh, maġenb it-tron tiegħu fl-Ewkaristija. Kunu kuntenti u ferħanin intom ukoll, sorijiet l-aktar għeżież u maħbubin, għax waqt li intom tkunu qegħdin twettqu x-xogħol tagħkom, kunu afu li għandkom ukoll lil ħutkom adoratriċi u riparatriċi quddiem Ġesù Ostja!! *Deo Gratias et Mariae.* Kemm ġew imwettqin sew issa x-xewqat ħerqana tagħna! *Deo Gratias! Hallelujah!* Qed nibgħatilkom ritratt ħalli taraw l-artal kif kien imżejjen dak in-nhar tal-inawgurazzjoni; iżda l-kuluri ma jidhrux. Kien fih għaxqa b'dawk l-ilwien sbieħ tal-ward, tal-purtiera u l-bizzilla tat-terħa mpittra bi fjuri bojod u roża. Ikun imfaħħar Ġesù fis-Sagrament!!! Itolbu, għeżież tiegħi, ħalli napprofittaw ruħna minn din ix-xorti, u forsi xi darba jmiss ukoll lilkom, u lill-oħrajn. Intant issa tlaqt minn Regalbuto. Iżda l-jiem li qed ngħaddu hawn jistgħu jkunu mimlijin bil-wisq, daqskemm aħna rridu.

Intom kif intom? Kif intom sejrin mat-twajjeb Ġesù tagħna? Magħkom ukoll, għalkemm bil-magħluq, Hu qiegħed lejl u nhar ... Għalhekk m'għandkomx għax tgħiru għalina. L-orfni kif inhuma sejrin? Iħobbu xejn lil ħelu Ġesù? Hemm fosthom li jixtiequ jsiru sorijiet? U kemm hemm aspiranti? Min huma? Fl-aħħarnett nitlob lit-twajjeb Ġesù tagħna ħalli jikkuntentana u jagħtina DAR KBIRA għan-novizzjat. Intant, ftit ieħor u intom ukoll ser tagħmlu l-Professjoni Perpetwa! Min jaf x'ħeġġa għandha Suor Celeste, ħalli lill-Għarus toffrilu l-musbieħ u miegħu ż-żejt?! Fis-sewwa kollu, għażiża tiegħi, ħejji ruħek għal dan il-waqt hekk solenni u hekk għażiż ... min iġarrbu jifhmu ... Kuraġġ kbir ħalli f'għaqda mal-Għarus Imsallab, tkun tista' tfarrġu u tpattilu, insomma ħalli fik isib il-wens. Lilek nawguralek l-isbaħ xrariet ta' mħabba Ewkaristika, u inti min-naħa tiegħek f'dan il-jum fortunat tinsiex tiftakar fil-Madre li kellek, li teħtieġ tikkorrispondi ħafna mal-grazzji li rċeviet.

Nagħlaq billi nħeġġiġkom, waħda waħda, ħalli tgħixu fil-paċi safja u fl-għaqda fraterna, fiċ-ċaħda mill-isbaħ u kontinwa tar-rieda tagħna. U fl-aħħarnett imħabba kbira kbira għas-slaleb, għall-umiljazzjonijiet, ħalli naslu fejn waslu qabilna l-aħwa u s-sorijiet tagħna ... fhimtuni?

Intant, l-aktar għeżież tiegħi, nawguralkom u nitlob għalikom lil Ġesù tagħna Priġunier, u itolbu għal din l-imsejkna midinba,

Sr M. Margherita.

Minn qalbi nselli għal dawk kollha li jafuni.

**Ittra 70**

G!M!G!F!

Dar tal-Adorazzjoni, 20 ta' Novembru 1924

Għeżież sorijiet kollha,

M'għandix żmien biex niktbilkom waħda waħda, iżda lilkom ilkoll f'daqqa. Għeżież, inħobbu lill-Għarus ħelu tagħna, Ġesù Msallab, u biex tabilħaqq inħobbuh jeħtieġ, fuq kollox, li nkunu msallbin miegħu. Għalhekk f'kull okkażjoni, qarsa u kontra l-amor propju tagħna, induru lejn Ġesù u nitolbuh l-għajnuna tiegħu, il-faraġ tiegħu, li żgur ma jonqosx li jagħtihulna bil-kotra. Kuraġġ u iċċekknu, umiljaw ruħkom, għax Ġesù jgħid: "Min ma jċekkinx lilu nnifsu u jsir bħal tifel żgħir, ma jidħolx fis-saltna tas-sema." U wkoll: "Min jiċċekken jitgħolla u min jitgħolla jiċċekken."

Għalhekk ftehemna? Aħna mill-faqar tagħna ngħinukom bl-adorazzjonijiet tagħna li kuljum nagħmlu lil Ġesù Ostja! O x'sieħeb ħelu għandna! Inħobbuh, inħobbuh flimkien, intom bis-sagrifiċċji tagħkom u aħna bl-adorazzjonijiet tagħna. Fhimtuni? Tridu hekk? Jogħġobkom hekk? Ikun imfaħħar Ġesù Kristu. Ġesù jberikna.

Oħtkom Sr. M. Margherita

Ġesù jberikna. Selluli għal dawk li jafuni. Ftakru fija fit-talb tagħkom.

**Ittra 71**

G!M!G!F!

Għeżież Sorijiet f'Ġesù Ostja,

Kif intom? Kif intom sejrin mal-Maħbub tagħna l-aktar ħelu? Oh! Kemm hu twajjeb! Kemm hu ħelu! Inħobbuh, inħobbuh. M'intomx taraw kif jgħaddi ż-żmien, u minn hawn u ftit ieħor inkunu miegħu għal dejjem! Kif aħna qdejna lilU, hekk Hu jaqdi lilna, għal dejjem. Kemm hu tabilħaqq ftit dak li aħna nistgħu nagħmlu għal imħabbtu, meta Hu għamel tant u tant magħna, u jagħmel u jissokta dejjem aktar??? Jaħasra, ma nafx kemm tiflaħ il-qalb iebsa tagħna tara dan il-kobor tal-għaġeb ta' mħabba lejn ħlejjaq hekk imsejkna, u dan minn Mulej hekk ta' kobor! Kemm għandna nistagħġbu meta naraw lil dan Alla, għal tliet darbiet qaddis, imwieled f'Għar u mejjet fuq Salib fuq il-Kalvarju. U baqa' magħna, kważi mxejjen f'naqra ta' Ostja, eċċ. X'jidhrilkom? Għaliex iċċekken daqshekk? Għaliex umilja ruħu daqshekk? Għall-imħabba tagħna, imsejknin ħlejjaq. U dan biex jikseb in-naqra ta' mħabba tagħna – u mbagħad lanqas daqshekk ma jirnexxilu jkollu. X'ingratitudni l-aktar kerha ... Kemm-il darba mħabbitna lejH tkun mimlija bl-egoiżmu tagħna? U b'hekk Hu ma jkun ħa xejn! Hu li hu hekk għajjur, u dan bir-raġun kollu. Jista' ma jsofrix meta jara din l-imħabba hekk fqira? U fuq kollox dan mhux għall-qligħ tagħna, għalissa u għal dejjem? Iva, tablħaqq, għalina ... Oh! Nifhmuha darb'għal dejjem ... Jeħtieġ li kull ħin nitqabdu kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ li dejjem nissagrifikaw ruħna. Niċċaħħdu dejjem mis-sodisfazzjonijiet tagħna, mix-xejriet ħżiena tagħna. Ma rridu nċedu qatt għall-fehmiet tagħna umani, u lanqas għat-tqanqil tal-ġisem. Qalbna u ħsibijietna dejjem 'il fuq u qatt lejn il-ħwejjeġ tad-dinja. Sakemm nistgħu bil-għajnuna tal-grazzja divina, inħarsu dejjem 'il fuq lejn il-quċċata tal-Etna, aktar 'il fuq, aktar 'il fuq. Hekk la nħossu kesħa u lanqas sħana, iżda arja ħelwa bniena u wtiqa. Il-Bambin imqaddes jagħtina xrara safja min-nar tiegħu, li għoġbu jġib miegħu fuq l-art: dan hu li tawguralkom l-anzjana u msejkna

Madre Margherita.

L-isbaħ xewqat lill-Postulanti u lill-Aspiranti. Kuraġġ dejjem għal quddiem.

**Ittra 72**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Dar tal-Adorazzjoni, 22 ta' Novembru 1925

Għeżież ħuti sorijiet f'Ġesù Ostja,

Minn qiegħ qalbi rroddilkom ħajr tat-tjieba tagħkom li ftakartu fija, ix-xwejħa u msejkna Madre tagħkom, u tlabtu għalija lill-Ħniena tat-twajjeb Ġesù. Iva, is-santi għoġbuni ollha, u rroddilkom ħajr. Iżda jien irrid ħaġa aktar siewja u prezzjuża. Irrid, nixtieq u nitniehed għal aktar, aktar u aktar erwieħ. Agħtuni erwieħ li tabilħaqq iħobbu biss lill-Etern Mulej Alla u nkun hienja, hienja ħafna. Iva, inħobbu, inħobbu. Dan il-Missier tagħna l-aktar twajjeb u ta' dejjem iħobbna bla qjies minkejja li aħna ħlejjaq imsejkna u ma niswew xejn! X'jistenna minna għajr imħabbitna? Mit-Tabernaklu mqaddes jistenna l-imħabba. Jistenna dik l-imħabba li Hu jnebbaħna biha. X'irid? Irid li jkun magħruf u maħbub, maħbub, maħbub! Intom, l-aktar għeżież tiegħi, għandkom okkażjoni tajba li tagħmlu li jkun magħruf minn dawk in-nisa, xebbiet u tfal. X'fortuna!! Għarfu ipprofittaw ruħkom mill-okkażjonijiet kollha, ma' kulħadd u dejjem. U xi ngħidu għall-għeżież orfni? X'ma tistgħux tagħmlu? Qaddsuhom ilkoll! Ilkoll kemm huma. U lill-Postolanti? Imlewhom ilkoll bl-imħabba serafika! Nibdew mela minna, maħbubin tiegħi, nibdew niċċeknu aħna u ninxtegħlu bl-imħabba safja ta' Ġesù l-aktar twajjeb u nissekondaw b'mod l-aktar ġeneruż l-ispirazzjonijiet Tiegħu, eċċ. Nintelqu fil-ħsieb tal-Providenza Tiegħu ... nitqabdu dejjem, dejjem u kullimkien mal-famuż jien tagħna, ħalli tasal għalina s-siegħa sabiħa u qaddisa li nkantaw l-innu tal-IMĦABBA safja.

L-isbaħ xewqat lil kulħadd, l-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 73**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Marija Bambina

2 ta' Ottubru 1933

Għeżież uliedi fi Kristu,

Sa fl-aħħar qiegħda niktbilkom biex ngħidilkom kif ninsab. Imma, qabel xejn, irrid rroddilkom ħajr tat-talb li tagħmlu għall-imsejkna u xwejħa nanna ... Kemm hi

sabiħa t-tifkira ta' dak iż-żmien sabiħ li għamilna flimkien. Kemm niftakar fil-passiġġati lejn dawk il-Knejjes għall-Quddies f'San Giovanni, fi Scala Santa, eċċ.eċċ.
Kemm ninsabu 'l bogħod! Fl-ispirtu iżda, nittama li niltaqgħu, l-aktar waqt il-ħin li ngħaddu qrib il-Maħbub tagħna Priġunier ... u waqt l-Ora Santa tal-Ħamis ... tiftakru? Niltaqgħu verament u nħobbu flimkien lill-Għarus tagħna, li għażilna biex fina jsib erwieħ mixtieqa għal imħabbtu safja ... u jekk intom tridu li tħobbuh fis-sewwa, bla xeħħa, tridu tkunu lesti li teqirdu l-JIEN tagħkom. Kemm hu velenuż dan il-ħaxix ħażin! Kemm irridu noqogħdu attenti li ma nħalluhx jikber fil-ġnien tagħna. Ġnien hekk żgħir li malajr jimtela. U x'jifdal wara għall-imħabba vera? Għalhekk wieħed irid jgħasses bis-serjetà u b'ġenerożità, ħalli titħejja qalb mimlija sax-xfar b'imħabba safja sat-tieġ mal-Ħaruf bla tebgħa. Uliedi, kemm għandkom għax tkunu tafuhulu lill-Għarus li seddaqkom fis-sejħa tagħkom, u warrab lil nies oħrajn. Għalhekk għandkom għax tħabirku ħafna ħalli titqaddsu, intom l-ewwel novizzi tad-Dar tal-Belt Qaddisa. Dan dejjem għedtulkom u aktar issa li tinsabu ftit. Anzi bil-ħajja qaddisa tagħkom, għandu jingħatalkom il-premju ta' vokazzjonijiet oħra, ta' tfajliet tajbin ...
Minnkom nistennew ħafna ... Ftehemna? Bl-imħabba niksbu kollox. Ħobbu u itolbu f'ġieħ il-meriti tal-Pjagi Mqaddsa tal-Maħbub Imsallab tagħna u jkollna kollox ...
Filwaqt li nixtiqilkom il-grazzji kollha ħalli ssiru reliġjużi qaddisin, inħeġġiġkom li tkunu ferm ċkejknin u itolbu ħafna għall-fqajra u msejkna xwejħa,
In-nanna għażiża tagħkom, Sr. M. Margherita del Sacro Cuore.

**Ittra 74**

D.M.E.O.
7 t'Awwissu 1944
Għeżież uliedi f'Ġesù Kristu,
Nieħu gost li lkoll tinsabu tajbin, u ta' dan irrodd ħajr lil Ġesù Għarus tagħna kollu mħabba. Kemm hu ħelu! Kemm hu ta' min iħobbu! Kif jieħu ħsiebna, jgħinna, b'tant imħabba, aktar minn dik ta' missier! ... O, kif jista' jkun li ma tħobbx lil dak li hu hekk twajjeb! Kif ma nersqux lejh b'dik l-imħabba ta' wlied u ngħidulu bosta ħwejjeġ sbieħ, ħalli nsabbruh minħabba li Hu wisq abbandunat? Fis-sewwa kollu, għeżież uliedi, fis-sagrifiċċju wieħed juri l-imħabba. Ifraħ, mela li b'dawn il-provi

iebsa, intom tistgħu tagħmlu Lilu hieni bil-ġenerożità tagħkom ... Daqshekk! L-imsejkna ruħi ma tixtieqx għajr imħabba, imħabba. Ibagħtuli ftit minn hemm fejn hi tant imħeġġa. Intant, uliedi l-aktar għeżież, dik li tħobbkom u tridkom safjin għal Dak li hu l-kollox tagħna, tberikkom u tgħannaqkom mal-qalb materna tagħha, biex magħqudin flimkien, ningħaqdu fil-Ħdan etern tiegħu ... u dan ikun għall-merti ta' Ġesù u ta' Marija. Busu għalija l-i*Scala Santa*, meta xi ħadd minnkom jitla'.
L-imsejkna Margerita għadha ma tħobbx biżżejjed biex tista' tiltaqa' ma' Dak li tħobb ruħha.
**Ittra 75**
D.M.E.O.
Dar tal-Karità, 14 ta' Diċembru 1945
Uliedi l-aktar għeżież u l-aktar maħbubin f'Ġesù,
Kif ser naqbad nurikom il-karattru fqajjar tiegħi, xwejjaħ u mħassar? Eh! Twil wisq hu d-dewmien tiegħi f'dan l-eżilju. Nittama, iżda, li ma jtulx wisq aktar ... B'dana kollu jiena hienja li nibqa' hawn, jekk dan jogħġob lill-Għarus l-aktar ħelu tagħna. Dak Ġesù li qiegħed Priġunier għall-imħabba tagħna fit-Tabernakli kollha tad-dinja ... X'imħabba! X'eċċess ta' mħabba! Wara li sar Tarbija għoġbu jċekken lilu nnifsu sa ma sar Ikel. Kemm għandna nkunu mġennin għal Imħabbtu! Ngħixu, ngħixu ħajja ta' mħabba l-aktar safja ... Nar ġie biex iġib fuq l-art u ma jridx għajr li dan in-nar jaqbad ... Inħobbuh u nħabirku li jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien ... Nixtieq li nsemmikom waħda waħda, iżda ma jirnexxilix, għalhekk inħaddankom ilkoll flimkien ħdejn il-benniena tal-Bambin Qaddis, flimkien mal-Imqaddsa Ommu u Ommna, ma' San Ġużepp u mar-ragħajja u hemm inferrgħu l-imħabba safja tagħna ... Uliedi l-aktar għeżież, kemm għandna nkunu rikonoxxenti għall-vokazzjoni qaddisa tagħna?! Kemm għandna għax inkunu għajjurin li nwieġbu għaliha b'ġenerożità u b'fedeltà. It-tweġiba vera tinsab fl-imħabba, fl-imħabba safja ta' għarajjes vera u qaddisa ta' Alla, għal tliet darbiet Qaddis ... ta' Għarus Imsallab għall-imħabba tagħna ...
Filwaqt li nħeġġiġkom bis-sħiħ biex tkomplu fl-għaqda fraterna tagħkom u taċċettaw kollox bl-umiltà, nawguralkom il-grazzji kollha li l-Bambin Qaddis iwiegħed lil dawk l-għarajjes tiegħu fidili u ġenerużi ... Ftehemna? Nittama li iva! Il-Paċi, imbagħad ma tonqos qatt, qatt u qatt. Fl-aħħarnett nitlobkom li tiftakru

fl-aktar fqira u msejkna "Sr Miseria", ħalli ttemm ħajjitha f'abbandun sħiħ fil-ħniena divina.
L-Imqaddes Bambin u Ommu jberkuna lkoll.

**Ittra 76**

D.M.E.O.
Casa Madre, 14 ta' Settembru 1948
Għeżież uliedi fil-Qalb Qaddisa,
Xtaqt li kieku ktibt żewġ versi lil kull waħda minnkom, iżda l-pinna nħossha tqila wisq. Għalhekk inkellimkom ilkoll f'daqqa magħqudin fil-Qalb Qaddisa tal-Maħbub Għarus tagħna Ġesù! Ġesù, Ġesù moħbi taħt il-velu Ewkaristiku f'dak it-Tabernaklu Mqaddes u li b'xorti mbierka nsibuh fid-djar tagħna kollha! Kunu lkoll magħqudin Fih u Miegħu!
Ersqu dejjem lejH fil-ferħ, fid-dwejjaq u fin-nuqqasijiet kollha tagħkom, eċċ. U wara ibqgħu qrib it-Twajba Ommna Marija Immakulata, magħqudin magħha u fiha. Imbagħad kull waħda minnkom tfittex li tkun t'għajnuna lill-oħrajn, il-faraġ tas-Superjura li teħtieġ l-għajnuna tagħkom ilkoll. Hekk magħqudin f'qalb waħda u ruħ waħda, issibu l-paċi fil-Qlub Qaddisa ta' Ġesù u ta' Marija, kif tixtiqilkom ilkoll l-imsejkna u bla jistħoqqilha x-xwejħa Madre tagħkom li għarkobbtejha titlobkom bil-qalb, talb u sagrifiċċji.
Sr. M. Margherita
Imħabba safja jrid u jistenna Ġesù l-Għarus Imsallab tagħna. Ftehemna?

**Ittra 77**

D.M.E.O.
Għeżież ħuti f'Ġesù,
Nirringrazzjakom minn qalbi tat-talb li għoġobkom tagħmlu għar-ruħ imsejkna tiegħi, nitlobkom li tkomplu ħalli t-twajjeb Ġesù tagħna jagħtini l-grazzja li napprofitta ruħi mill-ftit żmien li ngħatali.
Intant, għeżież tiegħi, kunu intom ilkoll dejjem aktar ġenerużi mal-Għarus Maħbub tagħna ħalli naslu għall-kisba sħiħa tal-perfezzjoni tagħna.

Ilkoll kemm aħna noqogħdu b'għajnejna miftuħa, għax bħal ħalliel jiġi biex jeħodna; imma billi aħna dejjem lesti, ħadd mhu ser ibeżżagħna, anzi jkun mistenni u mixtieq ... Inħobbuh dejjem b'mod l-aktar safi u aktar ġeneruż. Qatt ma ngħidu biżżejjed, iżda nagħmlu dejjem aktar u aħjar.
Kuraġġ kbir f'kull ċirkostanza li nsibu ruħna fiha, favur jew kontra tagħna. Oh! Kif jinbidlu l-affarijiet ta' din il-ħajja!
Dak li mhux għal dejjem, mhu xejn. Għalhekk nieħdu ħsieb tal-ġejjieni tagħna u xejn aktar m'għandu jfixkilna.
Nagħlaq billi nitlobkom li tiftakru fl-imsejkna Madre Xwejħa tagħkom.
Sr M. Margherita del Sacro Cuore
**Ittra 78**
L-aktar għeżież u maħbubin uliedi,
Kelmtejn lilkom ilkoll. F'dawn il-jiem qaddisa, mhix tissemma ħaġ'oħra għajr l-Imħabba, Imħabba, Imħabba. U għaliex le? Kif le, jekk Alla sar bniedem għall-imħabba??? Dak li hu Infinit fil-kobor tiegħu, fil-Maestà, eċċ... Tneżża' minn kollox u sar Tarbija ċkejkna ... u għaliex? Għall-Imħabba lejn il-bniedem ingrat.
X'nistgħu ngħidu aktar? Aħjar li wieħed jidħol f'silenzju profond ta' adorazzjoni ... Imbagħad billi jħobb iħobb, u jħobb ... L-Imħabba titħallas b'imħabba. Għalhekk, għeżież tiegħi, inħobbuh bil-għemil u bil-verità u daqshekk ... Fil-Presepju, quddiem Alla Bambin, wieħed jitgħallem iħobb! Għalhekk inħallikom fil-kumpanija ta' dan il-Mudell hekk ħelu, filwaqt li nawguralkom li ssiru kopja eżatta u perfetta tiegħu. Hemm tinsab ukoll il-ħelwa Omm tiegħu, li saret xbieha perfetta tiegħu. Itolbuha ħalli tgħallimkom l-imħabba safja u ġeneruża tat-Tarbija li għadha kif welldet ... Ftehemna? U daqshekk.
L-imsejkna nanna, Sr. M. Margherita
**Ittra 79**
G!M!G!F!
Ħamis Ix-Xirka
Għeżież uliedi f'Ġesù,

Kollox jintemm! It-tbatija u s-sofferenzi tagħkom, jintemmu wkoll! U dan hu li nieħdu magħna fil-ħajja l-oħra. Mela naħdmu biss għall-Maħbub tagħna, li jaf ki ipatti sew kull sagrifiċċju, imqar żgħir, li nkunu għamilna għal imħabbtu; kif ukoll dak li nkunu għamilna b'anqas ħeġġa għad jidher quddiemu, eċċ. Kuraġġ mela, għeżież uliedi, il-ħajja hi qasira wisq biex niksbu l-mistrieħ etern tagħna. Għalhekk għandna nagħmlu minn kollox ħalli ma nħallu li taħarbilna l-ebda okkażjoni bla ma napprofittaw ruħna minnha. F'dawn il-jiem imqaddsa qed naraw ukoll lill-Maħbub Ġesù tagħna miksi bit-tmaqdir! Ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-Salib! X'jonqosna aktar biex neqirdu lir-reverendu amor propju tagħna? Għaldaqstant ejjew immutu mat-Twajjeb Ġesù tagħna, ħalli miegħu nkunu nistgħu nqumu wkoll għal ħajja ġdida ... Inħobbuh bis-serjetà u biżżejjed. Nawguralkom xi tbatijiet, ħalli tkunu tistgħu tixbhu sew lil wisq ħelu Ġesù Msallab, il-Maħbub tar-ruħ tagħna, biex miegħu nqumu wkoll rebbieħa għal dejjem. Ammen! Ammen!
Itolbu għall-imsejkna
Sr M. Margherita, li tħaddankom magħha waħda waħda, fil-kustat miftuħ bil-lanza u, hekk, hemm ġew, ngħixu l-ħajja safja ta' mħabba, imħabba, imħabba li tikkonsma!!!

**Ittra 80**

G!M!G!F!
16 ta' April 1922
Għażiża Madre Pacifica,
Nemmen li tinsab fil-paċi u fiduċja kbira fil-ħsieb tal-Providenza divina, li mingħajrha ma nsitgħu qatt nagħmlu ħwejjeġ tajba, la l-ftit u lanqas il-wisq. Għalhekk ma jkun qatt li nieqfu li nitħarrġu f'dan l-att ta' abbandun sħiħ f'idejn Alla u Missier tagħna. Oh! X'kalma tħoss ir-ruħ meta tintelaq fil-ħsieb tat-twajjeb Ġesù tagħna. Għaliex le? Jekk HU jieħu ħsieb l-għasafar tal-ajru u d-dud tal-art, kif sejjer qatt ma jiħux ħsieb, ma jgħinx u ma jsabbarx 'l-għarajjes tiegħu maħbuba li għal imħabbtu ħallew art twelidhom, il-familji tagħhom, u fuq kollox il-libertà propja tagħhom?! Għalhekk hi ħaġa sewwa li ma nafdawx fina nfusna, imma fl-istess ħin jeħtiġilna nħarsu mill-ewwel lejn il-qawwa tal-għajnuna divina li ma tonqos qatt lil dawk li jitolbu u jittamaw fil-qalb tal-Missier u l-Għarus divin tagħna li jista' kollox!!!

Għalhekk minflok ma tibki u taqta' qalbek, umilja pjuttost ruħek quddiem it-tjubija tiegħu. Itolbu maħfra għal tant nuqqasijiet li għad għandek u ħabrek bil-kuraġġ ħalli tagħmel kulma tista' biex ittejjeb ruħek mill-aktar fis possibbli; għax dan hu dak li qed jitfgħek lura u mhux l-uffiċċju li rħiet f'idejk l-Ubbidjenza Mqaddsa. Ftehemna? Mela, ma nafdawx fina nfusna iżda nuru fiduċja bla qjies f'Alla. Min-naħa tiegħi m'għandix għajr miżerja, ingratitudini u dnubiet, iżda bil-għajnuna ta' Alla, nista' nitqaddes ukoll, u nqaddes lil ħaddieħor.
Hekk hu tabilħaqq ... għax il-Mulej hu l-istess ma' kulħadd u jkun biżżejjed li nikkonvinċu ruħna minn din il-verità. Ma nafx x'impressjoni tista' tħalli fik din l-ittra. Nittama li jkollha riżultat tajjeb. Jiena ma kellix intenzjoni oħra għajr dik li nagħmillek kuraġġ.
Filwaqt li nħaddnek fil-Qalb Qaddisa, nitolbok bl-akbar ħrara li fit-talb tiegħek tiftakar fl-imsejkna
Sr M. Margherita
Minn qalbi nselli għal dawk kollha li jafuni.

**Ittra 81**

G!M!G!F!
Pilar, 26 ta' Jannar 1923
Għażiża binti f'Ġesù,
Grazzi lit-twajjeb Ġesù tagħna tal-aħbarijiet tajba li bgħattli. Niżżuh ħajr tal-ġid li qed ixerred fuq il-Kongregazzjoni ċkejkna tagħna. Jien ma nagħmilx ħlief li nitolbu għal din l-imsejkna binti tant 'il-bogħod minn ħarsti u nserraħ rasi, meta naf li ħallejtha fil-ħarsien ta' Missierna li jaf, jista' u jrid ifawwar il-grazzji tiegħu fuq erwieħ li jiġu fdati lilu.
<...>
Ili Malta mit-2 ta' dan ix-xahar, u ma nafx meta ser jirnexxili nerġa' lura, għax daqqa għal ħaġa imbagħad għal oħra, dejjen insib x'nagħmel. Hawn il-Postulanti, u ma nafx fejn ser inqegħedhom ... Itolbu biex il-Mulej jipprovdilna dar kbira skont il-Qalb tiegħu. U Annunziata kif inhi? U l-orfni l-oħrajn? Jipperseveraw tgħid fil-vokazzjoni tagħhom? Ħarrġuhom fiċ-ċaħda ... <...>

X’aktar għażiża tiegħi? Nibża’ li ma jkollix żmien ieħor ħieles, għalhekk aħjar nagħlaq billi ngħidlek: li tagħmlu dak kollu li tistgħu mas-sorijiet ħalli tgħinuhom f’ruħhom kif ukoll fl-istudju, eċċ. Inti wkoll, jekk jirnexxilek studja ftit ieħor. Approfitta ruħek mis-Sinjorina Calabrese, eċċ. L-sitess Suor Celeste, tfittex li tistudja sew il-pjanu, u Suor Costantina id-disinn, eċċ. Insomma approfittaw ruħkom kemm tistgħu. Ara li l-orfni jitħarrġu sew fl-edukazzjoni spiritwali u temporali. Għal dan agħmlu minn kollox. Qisu li jkunu fuq ruħhom u ubbidjenti, eċċ.
X’nista’ ngħidilkom aktar? Nawgura ħafna ħwejjeġ sbieħ u qaddisa lill-għażiża Suor Clotilde, u li t-twajjeb Ġesù tagħna jberikha u jagħtiha saħħitha ħalli, qawwija u sħiħa, taħdem fil-għalqa tad-dwieli tal-ħelu Maħbub tagħna. Fhimtni? Kuraġġ ... F’ittra oħra nittama li nagħtik aħbar ta’ faraġ. Issa itlob u agħmel li jsir it-talb tal-komunità u mal-għeżież orfni. Inħallu kollox fil-ħarsien tal-Providenza divina, kif ngħidilkom dejjem. Itolbu għalija, għax għandi bżonn ħafna.
Ġesù jberikna u jżommna fil-Qalb Tiegħu.
Sr. M. Margherita.
**Ittra 82**
G!M!G!F!
Pilar, 25 ta’ April 1923
Għażiża Sor Pacifica,
Irċevejt l-ittra tiegħek, eċċ. <...>
Iss’issa ktibt lil Madre Nazzarena għad-Delegata. Għaldaqstant agħmlu kif tgħidilkom hi. X’aktar għażiża tiegħi? Nitolbu bis-sħiħ għax tabilħaqq għandna bżonn ta’ ħafna affarijiet.
Għada, il-Ħamis, ser issir l-ewwel Quddiesa fil-Kappella tal-Adorazzjoni, iżda bil-bieb magħluq. M’hemm xejn fiż-żgur, għalhekk qed isir kollox bil-mod il-mod ... Intant itolbu ħafna biex kollox ikun skont ir-rieda tal-Mulej!
X’aktar għażiża tiegħi? Kuraġġ u naqdfu 'l quddiem. It-twajjeb Ġesù tagħna jberikna u jqaddisna lkoll bħaq-qkejkna Sor Tereża ta’ Ġesù Bambin, li ommna l-Knisja ser tagħmilha qaddisa nhar il-Ħadd li ġej ...
Fl-aħħarnett itlob għall-imsejkna Sr Margerita biex ikollha l-grazzja li ttemm tajjeb iż-żmien tal-akbar piż fil-Kongregazzjoni tagħna.

Sellili ħafna għal dawk li jogħġobhom jiftakru fija.

**Ittra 83**

G!M!G!F!

Dar tal-Adorazzjoni, 8 ta' Ottubru 1923

Għażiża Madre Paċifika,

Ħadt gost bir-restawr li bdejtu tagħmlu, eċċ.

U x'jidhirlek mit-telfa kbira tal-maħbuba Madre tagħna?! X'jidhirlek? Kif ħadd ma jafhom il-ġudizzji ta' Alla! Min qatt kien jaħseb li fi żmien erba' xhur kellu jerġa' jsir Kapitlu Ġenerali? Intant, nitolbu b'ħeġġa kbira għar-ruħ sabiħa tagħha. Agħmel li jsirulha d-disa' tqarbiniet mas-Sorijiet u t-tfal orfni għal ruħha. Nitolbu wkoll għall-Kongregazzjoni għażiża tagħna li bħalissa hi orfni u mgħaddsa f'dan in-niket kbir. Biss, ir-rieda tal-ħelu tagħna Ġesù tfarraġna u tgħinna.

Lili messitni x-xorti li nkun magħha fl-aħħar jum. Filwaqt li ħadet il-Vjatku għedtilha: "Illum inti xxurtjata aktar minni, għax jiena ma tqarbintx!" U weġbitni: "Oh! Kemm jiena kalma issa". Dan kien qrib it-8:00 a.m. (18.9.23). Wara tkellimna, eċċ. Iżda wara l-ikla ta' nofs in-nhar, ma setgħet tieħu xejn. Hekk, filgħaxija saritilha l-Griżma u qrib l-4 tal-jum ta' wara staqsewha jekk ridetx terġa' titqarben. Wieġbet: "U l-qassis qiegħed hawn?" U ġabuh malajr ... u dlonk daħlet fl-agunija, u wara nofs siegħa jew tliet kwarti mietet ħiemda ... Ma nafx jekk kitbulikx b'dawn il-partikularijiet, għaliex fis-sewwa kollu la kellhom żmien u lanqas moħħ. Jiena mbagħad bqajt ħmistax-il jum fis-sodda. Iżda issa minn tmint ijiem 'l hawn qiegħda fid-Dar tal-Adorazzjoni, bla saħħa ta' xejn. X'ser ngħidu iżjed? Lanqas naf ... Intennu dejjem il-għażiż u l-maħbub *Fiat* u daqshekk. Jeħtieġ issa li nitolbu aktar u ninsistu iżjed mal-Mulej li jagħtina Madre li tagħraf tmexxi skont il-Qalb Qaddisa tiegħu. Fhimtni?

B'xewqat minn qalbi, inħallikom ilkoll fil-Qalb Qaddisa, fejn nitlobkom li tiftakru fl-aktar imsejkna,

Sr M. Margherita.

**Ittra 84**

G!M!G!F!

Dar tal-Adorazzjoni, 20 ta' Diċembru 1923

Għażiża Sr Pacifica,

Ħadt gost kbir bl-ittra tiegħek u bl-aħbarijiet li tajtni. Irroddu ħajr lill-Mulej Ġesù li diġà seddaq il-ftit tbatija tagħna. Kemm hi ħaġa għażiża li ssib post bħal dan, hekk oriġinali: nieqes mill-kumdità, mhux imma daqs l-Għar ta' Betlem! Hux veru? Il-Mulej jaf inaqqas mill-qilla tal-istaġuni meta jarana hekk lesti biex nieħdu kollox bis-sabar.

Ħadt gost li r-restawr beda. Hekk tkunu tistgħu torganizzaw ruħkom aħjar. U l-Aspiranti? Kemm nixtieq dar kbira. Għalkemm dan mhux xogħol tiegħi, (ħajr bla qjies lill-Providenza Divina) iżda x-xewqat tiegħi għadhom l-istess, jekk mhux ukoll aktar ħerqana. Min huma dawk li ġew magħżulin? Min tbiddel fil-komunità? Kemm nixtieq li jkollna aspiranti tajbin u qaddisa! Hawn ukoll hawn bit-tużżani, imma n-novizzjat kollu mimli. Għalhekk ikollhom jistennew, imbagħad jgħejjew u jmorru x'imkien ieħor. Għalhekk nitolbu ħalli jkollna dar kbira kbira ... <...>

Ridt li kieku nikteb ħwejjeġ oħra f'dawn il-jiem hekk qaddisa, iżda ninsab distratta ħafna. Imbagħad ilkoll jitolbuni biex nitlob, nitlob għalihom bħallikieku jien ma għandi x'nagħmel xejn aktar. Bil-qalb kollha nixtieq li nista' nagħmel biss l-adorazzjoni, imma l-bieb il-ħin kollu jħabbat ... *Fiat!* Il-Provividenza Divina, grazzi lill-Maħbub tagħna, mhix nieqsa, għaliex għalkemm la għandna skola u lanqas laboratorju, inġaħġħuha. Nittama li malli jkollna l-Adorazzjoni perpetwa, il-mezzi joktru. Jonqsuna s-sorijiet. Qegħdin biss 5 għax-xogħol, u l-ebda waħda ma taf iddoqq. Għalhekk nistennew il-Professjoni li jmiss u wieħed jittama li jagħtuna wħud mill-professi żgħażagħ.

Dwar l-amministrazzjoni tagħkom, irroddu ħajr lil Alla, illi dejjem u kull fejn inkunu jieħu ħsieb Hu li jagħtina aktar minn dak li neħtieġu. Propju għal din ir-raġuni li jiena qatt ma jonqosli l-kuraġġ għall-ebda opra li Hu jafdalna f'idejna. B'dana kollu rridu nagħtu l-għajnuna tagħna u nġegħluhom jifhmu li l-Providenza taħsbilna hi għall-ħtiġijiet tagħna, imma fl-iskola rridu nkunu aħna li nistudjaw kif niksbu l-perfezzjoni ... Fhimtni? Kemm hu tabilħaqq ta' ħtieġa n-naqra ta' studju, u mbagħad ukoll li tagħmel kollox għall-akbar glorja ta' Alla!

Oħtok fil-Qalb ta' Ġesù, Sr. M. Margherita

**Ittra 85**

G!M!G!F!

Dar tal-Adorazzjoni, 6 ta' Awwissu 1924

Għażiża Sr Pacifica,

Nifraħlek tal-missjoni ġdida li ngħatatlek. Qis li taħdem sewwa u bil-prudenza f'dan il-qasam, imma fl-istess waqt bi spirtu kollu kemm hu serafiku u evanġeliku ... Iva, għażiża tiegħi, kemm hu importanti toqgħod għall-ispirazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tas-superjuri. Kuraġġ kbir u qawwi f'Ġesù, il-Għarus ħelu tagħna, u ċaħda sħiħa tagħna nfusna.

X'talb u adorazzjonijiet nagħmlu f'din id-dar tagħna, u dan bl-iskop biss li tirbaħ il-virtù u mhux id-dgħufija. Inħallu kollox fil-ħsieb tal-Providenza divina, imma tqabad b'kuraġġ. Kun tabilħaqq omm għas-sorijiet kollha u għaqqadhom kemm tista' f'imħabba tal-aħwa għax mingħajrha d-dar issir infern żgħir <...>

Il-Mulej jaf iħallas bil-kotra għas-sagrifiċċji li nġarrbu għal imħabbtu b'tant ieħor faraġ u għajnuna ...

Biżżejjed s'hawn, għax ma nafx kemm-il darba jkolli nieqaf u nerġa' nibda mill-ġdid. Paċenzja! U dejjem *Fiat!*

Itlob lil Alla għalija u jiena nsieħbek fl-adorazzjonijiet tagħna. Trid? Nittama li iva. Kuraġġ u nimxu 'l quddiem, 'il quddiem, dejjem 'il quddiem. Ġesù jberikna ilkoll. Tiegħek, l-imsejkna Sr. M. Margherita.

**Ittra 86**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Dar tal-Adorazzjoni, 5 ta' Diċembru 1924

Għażiża Madre Pacifica,

Ħadt gost bl-ittra tiegħek li ili ferm nistenna billi ma kont irċevejt l-ebda aħbar wara l-aħħar firda. Irroddu ħajr 'l Alla li kollox sejjer tajjeb. Hawn ukoll, għall-grazzja tal-Maħbub tagħna, sejrin tajjeb. Adorazzjoni, l-istudju tal-Professi l-ġodda, ix-xogħol tad-Dami, żjajjar lill-morda, u r-rota ddur. It-twajjeb San Ġużepp ma jonqos qatt li jipprovdilna, u l-imqaddsa Xebba Immakulata tagħti wkoll is-sehem tagħha ta' Direttriċi; hekk nittamaw li jum wieħed l-Għarus Ewkaristiku tagħna jkollu min jadurah fl-ispirtu u fil-verità.

U intom kif intom sejrin mal-orfni? Mal-istudenti u l-postulanti? U kemm hemm aspiranti? Nitolbu ħalli jipprovdilna mhux biss nies tajbin, imma wkoll post tajjeb fejn joqogħdu f'għadd kbir. Ħudu ħsiebhom tajjeb, ħalli jitilgħu utli u qaddisin.
Dwar id-Dar ta' Ognina spiss nitkellem mal-Madre, għalkemm din ma tagħtinix tweġiba. Kif tagħmel biex issib sorijiet? Jiena nixtieq li kieku ninqasam f'4, f'6 u wkoll f'10 filwaqt li bilkemm niswa daqs waħda. Sabar u kollox bil-mod.
Xi tridni ngħidlek? Eh! Inħobbu 'l-Għarus ħelu tagħna, ukoll fis-solitudni tal-ispirtu, fin-nixfau l-bruda tar-ruħ. Xejn ma jimporta, l-aqwa li dejjem nagħmlu r-rieda mqaddsa Tiegħu! Intennu dejjem l-imqaddes *Fiat!* U nibqgħu mexjin bla ma negħjew jew niddejqu. Naħdmu dejjem kontra n-natura, nikkumbattu mal-egoiżmu tagħna u daqshekk, b'hekk ikollna ħidmiet kontinwi u li jibqgħu. Fhimtni? Kuraġġ u nimxu dejjem 'il quddiem.
Issa li aħna fi żmien l-Avvent, inħabirku ħalli nagħmlu lbiesi sbieħ lill-Bambin, inħejju wkoll in-nar għall-għażiża Ommu Marija ħalli jkollha biex issaħħan 'il-Bambin li ser jitwieled! Il-Qaddis Missier ta' dejjem hekk ħabbna li wasal biex tana Rigal hekk għażiż, kif hu tabilħaqq l-Iben Waħdieni!!! Kif ma mmutux b'rikonoxxenza lejn Imħabba hekk kbira! Inħobbuh, iva nħobbuh b'imħabba diżinteressata u safja bħal mhi Tiegħu. Inħobbuh billi nissagrifikaw il-ġibdiet tagħna, l-interessi tagħna, il-kumditajiet kollha. Fhimtni? Insomma nintelqu fil-ħsieb tiegħu ta' Missier bla ma nżommu xejn għalina. Jogħġobkom hekk? Nittama li iva ...
Ġesù Ostja jkun dejjem is-sieħeb li ma jinfiridx minna u l-imħabba safja tiegħu tħollna bħax-xemgħa fin-nar Tiegħu.
Ftakar fija quddiem il-Kollox tagħna biex jagħmel minni li nkun żgħira, ċkejkna u moħbija għal kollox.
L-imsejkna oħtok, Sr M. Margherita

**Ittra 87**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Dar tal-Adorazzjoni, 25 ta' Marzu 1926

Għażiża Sr Pacifica,

Nifraħ dwar il-progress li sar, kif ukoll dwar iċ-ċaħdiet li kellek tagħmel, la darba hekk għoġob lis-Sultan tagħna tas-sema.
Għall-grazzja ta' Ġesù jiena mhux ħażin f'saħħti u kuntenta b'dak li qiegħda nagħmel; jiġifieri bil-kumpanija li dejjem nista' nagħmel lil Ġesù Ostja. Min seta' jgħidu dan kważi 4 snin ilu? Li d-Dar tas-Sorijiet Reparatriċi kellha tkun imħollija, jew tingħata lill-fqajra Franġiskani? U dak li l-aktar jgħaġġibni hu l-mod ta' kif l-imsejkna u ta' min jitħassarha Sr Margerita kellha tkun waħda mill-Adoratriċi!!! Oh! Il-ġudizzji ta' Alla kemm huma moħbija! Naduraw fis-skiet.
In-numru sabiħ tal-postolanti jhennini! Huma bħal ħames Pjagi tal-Maħbub għarus tagħna Msallab! Għidilhom ħalli jkunu devoti ħafna, anzi namrati ta' Dan in-nar sabiħ. Għidilhom ħalli jeqirdu fihom bis-serjetà dak kollu li jwassalhom ħalli tgħaddi tagħhom jew li jagħmlu li jridu. Ma jrid ikollhom xejn tagħhom biex ikunu sorijiet veri u mhux bin-nofs. Fhimtni?
U kemm talb nagħmlu dwar in-novizzjat, imma s'issa għadu ma ċċaqlaq xejn. Nittamaw dejjem, dejjem, dejjem bl-akbar fiduċja.
Filwaqt li nħaddankom miegħi waħda waħda fil-Qalb Qaddisa, nitlobkom li titolbu għalija lkoll, filwaqt li jiena nwegħedkom li nagħmel l-istess ... Is-sorijiet l-oħrajn isellu għal kull waħda minnkom.
Sr. M. Margherita,
Inselli għall-postulanti u l-orfni kollha, u dakinhar tal-vestizzjoni, l-Adorazzjoni tkun għalihom.
**Ittra 88**
G!M!G!F!
*Deus meus et omnia*
Dar tal-Adorazzjoni, 8 ta' Ġunju 1926
Għażiża Madre Pacifica,
Hawn jiena, qed niktiblek biex ngħarrfek li rġajt lura fl-istess Dar. Jiddispjaċini la ma nafx napprofitta ruħi.
Ħadt gost li inti tajba, u raddejna ħajr lit-twajjeb Ġesù li kellkom vjaġġ tajjeb. Ħadt gost li Suor Eleonora tinsab tajba u li s-sorijiet iż-żgħar sejrin tajjeb ukoll. Jalla l-Mulej iseddaqhom fis-sempliċità tagħhom u jagħmel li jikbru fl-imħabba qaddisa Tiegħu, ħalli jkun jistħoqqilhom li jmorru f'missjonijiet l-aktar

imbegħdin!! <...> Nitolbu bil-ħerqa għas-superjuri, għax minnhom tiddependi l-prosperità tal-Kongregazzjoni tagħna!!
Xi żmien sabiħ għaddejjin minnu! Niftakru fl-imħabba safja tal-Ewkaristija! U kemm hu mħallas ħażin dan Ġesù! Kemm jeħtieġ li wieħed ipatti! Inħobbu, inħobbu u nirrispettaw b'imħabba safja u ġeneruża!
Qabbdu f'dawn il-qlub ċkejknin dan in-nar Ewkaristiku ħalli lkoll ikunu qaddisin u safja. Ħalli mal-mixja tas-snin dawn jikbru fl-imħabba u hekk ikunu jistgħu jagħrfu jwasslu dan in-nar kull fejn ikunu. X'aktar għażiża tiegħi? Tabilħaqq lanqas naf. Inħobbu tassew u jkun biżżejjed! Kemm hi rari l-vera mħabba lejn Alla! U kemm hu komuni l-amor propju! Jeħtieġ li nitqabdu dejjem, immutu dejjem, nixxejnu dejjem u, bla nintebħu, jirnexxilna naslu! Iva, naslu għall-qerda tal-jien uman u naslu għall-kisba tal-Imħabba Divina. Hekk iva, ir-ruħ tista' tkanta l-ħelu u l-għażiż *Fiat!* tal-imħabba safja. Oh! Maħbuba tiegħi, kemm jiena 'l-bogħod, 'il-bogħod, 'il-bogħod ... Nitolbu, nitolbu għal xulxin sabiex il-ħelu Ġesù tagħna jogħġbu jagħmel li naslu minnufih għall-kisba ta' dan l-ideal bil-wisq mixtieq. Ninħbew fil-Qalb Qaddisa, u moħbijin hemm nikkunsmaw għal kollox. Ammen. Hallelujah.
Nagħlaq billi nawgura lilek u lill-għeżież sorijiet tagħna xrar ta' nar ta' mħabba safja li taqbad fil-Qalb Qaddisa u fl-Ewkaristija, ħalli koll nintemmu dejjem aktar f'din l-imħabba, kif tixtieq u titob l-imsejkna,
Sr. M. Margherita

**Ittra 89**

G!M!G!F!
Dar tal-Adorazzjoni, 13 ta' Lulju 1926
Għażiża Madre Pacifica,
Kif int? It-terremot ħassejtu? Aħna ħassejnieh sew, iżda ma għamilx ħsara. Qajjimna ftit min-ngħas tagħna. Il-bruda qed taqred lil kulħadd. Nitolbu biex inkunu nistgħu napprofittaw ruħna sew, għax jekk le nistennew xi ħaġa agħar.
Nittama li l-missjunarji l-ġodda għadhom kuntenti u qegħdin japprofittaw ruħhom mill-okkażjoni. Iva, iż-żmien malajr igerbeb u ma jerġa' lura qatt, u għalhekk jeħtieġ li wieħed jimlieh b'opri tajba u qaddisa.

Nhar il-Ġimgħa, festa tal-Madonna tal-Karmnu, is-sorijiet studenti tagħna ser ikollhom l-ewwel eżami,u jissoktaw fit-tmint ijiem ta' wara, għalhekk ftakru fihom, ħalli jkollhom riżultat skont ir-Rieda ta' Alla. Imsieken studjaw bla heda. Issagrifikaw ruħhom u għalhekk nittamaw li jkollhom riżultat tajjeb. Ikun kollox għall-akbar glorja ta' Alla u għall-ġid tal-Kongregazzjoni ċkejkna tagħna.
Illum ġew żewġ aspiranti li jixtiequ jidħlu malajr. Waħda ta' 24 u l-oħra tat-22 sena. Żewġt aħwa twajbin, serji, għalkemm fl-iskola huma ftit lura. Xi dnub jekk jibqgħu barra! Nitolbu, għażiża tiegħi, għax jiena issa għajejt intenni: stennew, stennew. U d-dar kbira għan-Novizzjat ma nafx meta ser tidher!
Sr Leonia kif inhi? U l-affari ta' Bronte kif inhi sejra? U dik ta' Catania? Fuq dan jiena ma naf xejn. Paċenzja u nitolbu bil-ħerqa. Il-Madre tibkili dejjem: itlob, itlob ħafna. U jiena minn xi daqqiet ma nafx għaliex inħossni bla ħeġġa u bierda. Għax jiena bniedma ħażina u supperva! Intant nagħmlu dak kollu li nistgħu biex inkunu utli fil-għalqa tal-Mulej li hi tant kbira u nieqsa mill-ħaddiema, għax huma ftit. X'qiegħda ngħid, il-ħaddiema qegħdin jiġu, imma billi m'hemmx post qegħdin jintbagħtu lura.
Intant, intenni, nitolbu. Issa għandu jasal Catania Mons. Gonzi. Kemm tawh rigali sbieħ il-Maltin tal-Amerka! Naraw jekk ħasbilniex ħalli jkollna Dar barra minn Malta.
Ġesù jberikkom ilkoll, u jtemmna fl-imħabba safja tiegħu, bħalma dejjem tixtieq l-imsejkna Sr. M. Margherita.
Tgħanniqa minn qalbi lis-sorijiet kollha.

**Ittra 90**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Mitmuma fl-20 ta' Novembru 1926

Għażiża Madre Pacifica,

Oh! Kemm xtaqt li jiena wkoll niġi narak. L-uniku sagrifiċċju x'noffri lill-Mulej matul il-vjaġġ twil li għamilt kien dan. Tkun magħmula dejjem ir-rieda ta' Alla. Mela Suor Matilde waslet bis-sliem, skont li nista' naqra fl-ittra tagħha. L-ittra tiegħek ma rċevejthiex f'Korfù, għax aħna tlaqna minn hemm nhar it-2 ta' Novembru filgħaxija. Wasalna Catania l-Ġimgħa f'nofsinhar. .. u Malta wasalna l-Ħadd filgħodu. Sibna lill-Madre tistenniena ħalli titlaq hi, infatti telqet it-Tnejn

filgħaxija. Tara kemm vjaġġi; sa fl-aħħar naslu għand il-Bambin, trid? Għaliex jiena dana qiegħed nistenna ... kemm konna ngħidu xorti kieku ltqajna, iżda forsi aħjar li nissagrifikaw kollox għat-twajjeb Ġesù tagħna!..<...>
Int kif inti? Il-Madre qaltli li forsi hi u ġejja tmur Nicolsia biex tara lill-Isqof! Kemm għandna bżonn nitolbu, kemm għandna bżonn linitolbu lil ħelu Ġesù tagħna! Lili l-vjaġġ għamilli tajjeb ferm, għall-grazzja ta' Alla, u s-sorelli ħadu pjaċir wisq għax kellhom bżonn tal-konfort. Imsieken!
Xejn ma jirnexxili nagħmel għaliex ġejja issa dik u mbagħad l-oħra, għax għadni ma waqaft xejn fid-dar. U x'ser nagħmlu? Aħjar nieqaf, għax ma nafx meta ser nispiċċa din l-ittra. U terġa' rasi ma ttinix. Issa xjeħt. Biex nivvjaġġa nħossni mhux ħażin, imma għal ħaġ'oħra xejn ... Inħobbu lit-twajjeb Ġesù tagħna u ninxteħtu fil-Qalb Qaddisa fejn nistgħu ninħaslu bl-imħabba!!!
Inħobbu u daqshekk. Forsi aktar 'il quddiem inkun nista' nikteb. Imma llum daqshekk għax mhuex qed iħalluni.
Inselli għal kulħadd, kulħadd, kulħadd u b'tgħanniqa fil-Qalb Qaddisa; daqs li kieku ġejt. Offru intom ukoll is-sagrifiċċju tagħkom skont il-fehma tal-Qalb Qaddisa. Tridu hekk? Tagħmlu dan minn qalbkom? Nittama li iva. Ilkoll mela, sorijiet l-aktar għeżież, noffru lill-Qalb Ewkaristika ċ-ċaħda tal-preżenza ta' xulxin li possibilment setgħet saret. It-twajjeb Ġesù, fil-ġudizzji sigrieti tiegħu, ma ħalliex li dan iseħħ. Bil-paċi u bla iżda, bla jekk ibqgħu kuntenti bħal tarbija. Insooma kif intom, maħbubin ilkoll!
Sr Costantina, Sr Giustina, Sr Celeste, Emiliana, Silvana, Salome u Celina ... kif intom? Intomx umli? Tgħallimtu l-lezzjoni importanti tal-umiltà? Sr Salvina, tiftakar meta s-sena l-oħra qrajna fil-ktieb fuq l-umiltà? Għalhekk nistudjaw dejjem l-istess lezzjoni biex nitgħallmuha sewwa sal-aħħar. Rajt kemm ili li bdejtha (din l-ittra) u għadni ma spiċċajthiex.
Inselli għalikom u nħaddankom ilkoll fil-Qalb Qaddisa u nitolbu dejjem kif jixraq, biex niksbu l-umiltà vera. Inkunu żgħar, żgħar u sempliċi bħal tfal innoċenti minflok ma nkunu injuranti u suppervi. Fhimtni? Nistudjaw it-tagħlim taċ-ċkejkna S. Tereża u nitgħallmu t-triq tal-qdusija vera, qasira u faċli.
L-imsejkna oħtkom f'Ġesù, Sr. M. Margherita

**Ittra 91**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Ruma, 8 ta' Marzu 1930

Għażiża Madre Vigarja,

Għall-grazzja tat-twajjeb Ġesù tagħna ninsab aħjar u s-sogħla waqfet. Nittama li ma jdumx, jekk Alla jrid, ma jgħaddili kollox malajr. Il-Madre twajba tagħna għandha hi wkoll is-sogħla issa, u t-tabib tana kelma li hu każ ta' influwenza ħafifa bħalma kien dak tiegħi u ta' ħafna nies oħra. Tkun magħmula dejjem ir-Rieda Tiegħu. Mela inti wkoll kont bid-deni u s-sogħla. M'hawnx għaliha l-Madre Vigarja tagħna, kemm taf tiqfilha! Kuraġġ kbir u nimxu 'l quddiem fil-Mulej. Billi rridu npattu għal ħaddieħor, għandna nġarrbu dak kollu li jibgħatilna l-Maħbub l-aktar ħelu tagħna.

Isma' Madre Vigarja, nixtieq inkun naf kif inhi Swor Scolastica, għax ħallejtha jikduda ħafna, eċċ...

Berikni u nitolbu għal xulxin.

L-imsejkna Sr. M. Margherita.

Tislija mill-qalb lil kollha kemm intom.

**Ittra 92**

*Deus meus et omnia*

Ruma, 24 ta' Marzu 1930.

Għeżiża Madre Vigarja,

Hawn jiena, qed niktiblek. Irroddu ħajr lit-twajjeb Ġesù tas-saħħa li reġa' tani bla ma jistħoqqli. Nieħu gost li inti tajba ħalli tista' taħdem bil-ħeġġa fil-għalqa tal-Mulej ...

Tant dispjaċiri min-naħa tas-sorijiet maħbubin tagħna; ma jistax jonqos li jitnikktu wkoll is-superjuri. Iżda sabar u kuraġġ, għax il-miżerja umana tinsab kullimkien. Ħasra li Ġesù tagħna jsofri minn kulħadd. Aħna nagħmlu dak li nistgħu biex inpattulu u nsabbru lis-sorijiet tagħna ħalli nġorru dejjem il-piż tal-ħajja reliġjuża bi mħabba u ġenerożità ... imbagħad ... imbagħad inħallu f'idejn Ġesù li kollox jagħmel għall-akbar ġid tagħna. U dawk li ma jkunux sodi fil-fehma tagħhom u ma jħossuhomx kuntenti, aħjar li jitilqu weħidhom.

Intant, kuraġġ qawwi qawwi. Kollox nistgħu nagħmlu bl-gajnuna divina li qatt ma tonqos lil dak li jitolbuha. Ladarba t-twajjeb Għarus tagħna jżurna bin-niket, hu sinjal ċar li jħobbna ħafna, għalhekk inwieġbu b'imħabba ġeneruża billi nafdaw ruħna kollha kemm aħna, bla qatt ma nerġgħu lura, fi ħsieb il-paternità tal-Providenza tiegħu divina u nissoktaw mixjin 'il quddiem fil-Mulej bla ebda taqtigħ ta' qalb. Hu jgħinna, isabbarna bla dubju ta' xejn ...

Dwar il-Madre m'hemm għalfejn ngħidlek xejn, la darba kitbitlek ...

Inselli għas-sorijiet tad-dar kollha kollha, li kuljum bil-qalb nitlob 'l Alla għalihom, kif nittama li huma jagħmlu wkoll l-istess, imsejkna li jien ... u mbagħad għal dawk kollha li jsaqsu għalija.

U lilek, għażiża Madre, inħaddnek ma' qalbi fil-Qalb Qaddisa, nitolbok tberikni u tinkludini fit-talb tiegħek.

Għoddni tiegħek, l-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 93**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Marija Bambina

15 ta' Frar 1932

Għażiża Madre,

Bi pjaċir kbir irċevejt l-ittra tiegħek, għalkemm l-aħbarijiet xejn mhuma tajba. Paċenzja! It-twajjeb Ġesù tagħna jaf il-ħtiġijiet tagħna kollha u għalhekk jimxi skont l-imħabba kbira tal-Qalb tiegħu Qaddisa!

Jiena lesta għall-iċken sinjal tiegħek. Li kieku nista' lesta biex nagħmel kollox ħalli ngħinek ... Nitlob u ngħid ukoll lil min jitlob ħalli l-Mulej jagħtina l-għajnuna li neħtieġu f'dawn il-waqtiet ibsin. Nittamaw, ukoll jekk kontra kull tama. Kuraġġ kbir, u nissoktaw 'il quddiem, ferħanin fil-Mulej.

L-affarijiet –oħra nixtieq li nsemmihom, iżda ... min jaf kif tinsab l-imsejkna Madre tagħna!!! Ilu ma jkolli aħbarha. Eh! Tabilħaqq li l-ħelu Ġesù tagħna qegħedna fi prova iebsa u qalila. Tkun magħmula r-rieda mqaddsa Tiegħu, issa u dejjem! Ammen, ammen, ammen.

Berikna lkoll u ninsistu mal-Qalb ħelwa ta' Ġesù biex joħdilna ħsieb dak li għandna bżonn għall-akbar glorja tiegħu.

Kollni kemm jiena tiegħek fil-Qalb ta’ Ġesù,
Sr. M. Margherita.

**Ittra 94**

*Deus meus et omnia*

Dar Marija Bambina
4 ta’ Mejju 1932

Għażiża Madre Vigarja,

Kif inti? Kif tħossok? La għandi aħbar tiegħek u lanqas ta’ sħabek. Stennejtek tiġi, għalhekk ma ktibtlekx qabel. Illum, iżda, qaluli li m’intix ġejja, għax ma tħossokx tajba wisq ... Veru? Kif tħossok proprju fil-ftuħ tad-Dar il-ġdida? Min jaf kemm int għajjiena. U t-twajjeb Ġesù tagħna, lilek iħobbok ħafna; jewwilla issa li hemm il-Madre Ġenerali ma tħossokx sewwa inti? Paċenzja, eh! U dejjem *Fiat!* Kuraġġ kbir u ħalli ruħek f’idejn il-Providenza divina. Il-Mulej jaf il-kapaċitajiet tagħna kollha u jrid li aħna nkunu wkoll żguri li nqiegħdu t-tamiet tagħna biss fih ... Ftehemna? Nittama li iva.

U kif inhi sejra d-Dar il-ġdida? Hemm tfal? Kif qed tgħin il-Providenza? U l-għażiża Suor Filippa kif inhi? Qaluli li ma tantx hi tajba, veru? Miskina, kemm issofri meta trid taħdem u tħossha hekk dgħajfa. Jeħtieġ li dejjem intennu l-għażiż *Fiat!* U nissoktaw 'il quddiem ferħanin fil-Mulej!! <...>

Għall-grazzja tat-twajjeb Ġesù ninsabu lkoll tajbin u f’saħħitna, għalkemm jiena qiegħda nħoss it-toqol tax-xjuħija.

Kellna tmint itfal għall-ewwel Tqarbina, u li ma kienx għall-età kien ikollna sitta oħra ... Jalla l-Mulej iżommhom fl-innoċenza tagħhom. Iss’issa għadni kemm smajt bl-aħbar tal-mewt ta’ Orsla. X’sorpriża! Il-Mulej jagħtiha l-mistrieħ ta’ dejjem. Irringrazzjajt lill-Mulej li sejħilha għalih, mara hekk twajba!!!

Nistenna bil-ħerqa l-aħbarijiet tiegħek. Berikna u ilqa’ x-xewqa tajba u t-tislijiet tagħna wliedek ... u nitolbok li tiftakar fl-imsejkna midinba,

Sr. M. Margherita.

**Ittra 95**

*Deus meus et omnia*

Ruma, 11 ta' Ottubru 1932

Għażiża Madre Vigarja,

Kif inti? Dwar saħħtek ma smajt xejn ... <...> Intant għażiża tiegħi, kemm kien tabilħaqq minn Alla li bagħatni hawn – verament li setgħet tkun oħra floki – imma s-sorijiet tagħna jeħtieġu tabilħaqq l-għajnuna. Verament, dak li qed isir hawn hu misteru. Jeħtieġu nies aktar, għax tnejn huma morda u hemm bżonn li ħaddieħor joqgħod flokhom u jdur ukoll bihom, eċċ. Imbagħad it-tfal, interni u esterni, bla nifs, issa iġri 'l hawn, imbagħad iġri 'l hemm. Paċenzja! Hu l-waqt li wieħed jieħu l-affarijiet dejjem bil-kalma.

Għażiża tiegħi, itlob ħafna għalija ħalli nkun naf ngħin bl-aħjar mod li nista' lil dawn it-twajbin uliedna. Propju ma nafx x'naqbad nagħmel biex inżommhom ferħanin u fl-istess waqt biex japprofittaw ruħhom minn din l-okkażjoni. Itlob ħafna għalihom inti wkoll, u ġiegħel lil min jitlob, ħalli jiksbu mingħand Ġesù l-ispirtu reliġjuż, u mhux mingħandi għax jien biex inħassar biss kapaċi ... Intant iktibli, għax dejjem nistenna l-aħbarijiet dwarek u dwar il-Casa Madre għax m'hemmx għalfejn ngħidu, ir-Rev.ma Madre Ġenerali m'għandhiex żmien x'taħli dwar dawn il-ħwejjeġ.

Xewqat tajba lir-Rev.da M. Segretarja M. Fortunata u Madre Veronica, imbagħad l-anzjani kollha, il-professi, il-morda, eċċ. In-novizzi jsellu jgħalik u jixtiquk titlob għalihom, filwaqt li nitlob fuqna lkoll il-barka materna tiegħek.

L-imsejkna bintek Sr. M. Margherita.

Mill-Maestra tan-Novizzi qed nistenna l-fjuretti u l-affarijiet l-oħra li jużaw fin-Novizzjat.

**Ittra 96**

*Deus meus et omnia*

Ruma, 14 ta' Novembru 1932

Għażiża Madre Vigarja,

Niżżi ħajr lil Alla nħossni f'saħħti, iżda nibża' ħafna li m'iniex qed napprofitta ruħi mill-okkażjoni ħalli nagħmel it-tajjeb minn dak li niltaqa' miegħu ma' kull pass.

In-novizzi li għandhom bosta ħeġġa hu ta’ min jieħu ħsiebhom kif ukoll il-professi li għandhom tant x’jagħmlu, eċċ. Insomma hawn lok ta’ xogħol spiritwali u temporali, u l-aktar waqt dan il-mard, eċċ. Bil-għajnuna ta’ Alla issa l-Madre Superjura u l-Maestra qegħdin konvalexxenza. Imma, billi l-marda kienet ftit twila, l-konvalexxenza mhux ser tkun qasira. Tkun magħmula dejjem ir-rieda mqaddsa Tiegħu! Ammen.
Jiena ngħid għalija ninsab kuntenta ħafna nagħmel, bil-għajnuna ta’ Alla, kulma nista’, biex ngħin f’kollox u lil kulħadd skont il-ħila żbħira tiegħi. In-novizzi jinsabu tajbin. Reġgħu ħadu saħħithom u bdew jifhmu l-importanza tal-ħajja reliġjuża, għalkemm it-Taljani huma differenti mill-Maltin. Il-karattru tagħhom ma jaqbel xejn ma’ tagħna, għalkemm b’dana kollu għandhom il-kwalitajiet tajbin tagħhom ukoll. Inti tafhom għadhom żgħar, għalhekk insisti mas-Sinjur Alla biex isirulek qaddisin ilkoll ... hekk ikunu ta’ ġieħ u ta’ siwi għall-Kongregazzjoni tagħna, u ta’ ġid għal ħafna erwieħ ... Ilkoll għandhom rieda tajba. Bdew jiggustaw naqra aħjar l-affarijiet ta’ Alla, billi jinsabu aktar miġburin, u dan minkejja li kważi dejjem għandhom x’jagħmlu. Imsejknin li huma, kif spiss inħoss u naħseb jien, kważi lanqas ma għamlu sew il-Postulandat. U wara, bilkemm novizzi, kellhom jiffaċjaw dat-telf kollu: xkiel, biża’, dispjaċiri, eċċ., tibdil, eċċ. Hekk issa li reġgħu qabdu t-triq nittamaw li jissoktaw bla tnikkir. Min-naħa tiegħi nagħmel kulma nista’ u flimkien mal-Maestra, nistudjaw il-mod kif indaħħlu fihom il-veru spirtu franġiskan, għalkemm hu diffiċli ħafna.
Għażiża tiegħi, jiena quddiem dan il-bżonn kollu, ninsab aktar minn lesta biex inħalli l-kariga ta’ Kunsilliera, iżda inti ssemmi xejn biex ma jkollix għalfejn ninkwieta. Min-naħa tiegħi jiena lesta għal kollox. Inħossni fil-paċi li f’din il-ħaġa jiena ma kelli x’naqsam xejn. Tabilħaqq li l-Providenza Divina tagħmel l-affarijiet skont id-dawl li tagħti lis-Superjuri.
Inħallu kollox mela fil-ħsieb Patern tal-Għarus ħelu tagħna li jaf aktar minna x’inhu l-aħjar għalina ... <...> Għażiża tiegħi, nitolbu dejjem b’aktar ħeġġa sabiex l-ispirtu reliġjuż u franġiskan joktor f’kollha kemm hi l-Kongregazzjoni fqajra tagħna kif dejjem tixtieq l-imsejkna,
Sr. M. Margherita, li qed titlob il-barka u l-għaqda fit-talb, eċċ.

**Ittra 97**

*Deus meus et omnia*

Dar tal-Adorazzjoni, 26 ta' Ġunju 1934.

Għażiża Madre Vigarja,

Kif inti? Nittama li inti tajba, kif għall-grazzja tat-twajjeb Ġesù ninsab jiena wkoll. Ir-Rev.ma Madre Ġenerali ilha li tatni l-ittra tlett ijiem. L-imsejkna Madre għadha tassisti ma' missierha li għadu jtawwal, u ma nafux kemm se jdum. Jitkellem bla ma jista' jiċċaqlaq ... sakemm jogħġbu Alla. M'iniex ser inħalli lill-Madre qabel ma tintemm din il-ħaġa. <...>

Intant, għażiża tiegħi, ma' dawk l-erwieħ tista' taħdem ħafna; agħmilhom qaddisin għal dejjem, u mhux biss għal ftit taż-żmien, mhux hekk?

Filwaqt li nħaddnek fil-Qalb Qaddisa, u nitlob il-barka tiegħek, nitolbok li tgħid lil dawk li qed jagħmlu l-irtir biex fit-talb tagħhom jiftakru fl-akbar midinba, l-imsejkna, Sr. M. Margherita.

**Ittra 98**

*Deus meus et omnia*

*Pax tibi*

Xagħra – Dar Marija Bambina

3 ta' April 1934

Għażiża Madre Vigarja,

<...> Fl-aħħar irxoxta! ... Kif għadda f'tebqa t'għajn ir-Randan ... Qed toqrob malajr l-eternità. Jekk immutu mal-Mulej Ġesù nqumu wkoll miegħu! ... Nagħmlu kulma nistgħu ħalli nikkuntentawh u jkun biżżejjed ...

Jekk ikollok xi aħbarijiet tar-Rev.ma Madre Ġenerali għarrafni ... B'tislija tal-aħwa, inħallik fil-Qalb Qaddisa, filwaqt li nitlob fuq kulħadd il-barka materna tiegħek.

Il-fqajra tiegħek, fil-Qalb Qaddisa, Sr. Margherita

**Ittra 99**

*Deus meus et omnia*

Xagħra – Dar Marija Bambina

10 ta' April 1934

Għażiża Madre Vigarja,

Kif aħna? <...>

Intant għażiża tiegħi, inħobbu lit-twajjeb Ġesù tagħna, u napprofittaw ruħna mill-okkażjonijiet li jkollna kuljum mingħajr ma negħjew qatt. Mhux kif nagħmel jiena, ħażina!!! <...>

Dalgħodu nħossni bla muża, imma jekk inti għandek minn din tagħmilli pjaċir jekk tiktibli xi kelmtejn sbieħ fuq l-imħabba ta' Ġesù tagħna l-aktar ħelu, li jaf kif jinħeba u jsib mod kif ma jidhirx.

Berikna lkoll. Il-fqajra tiegħek, Sr M. Margherita

**Ittra 100**

*Deus meus et omnia*

26 ta' April 1934

Għażiża Madre Vigarja,

Ma naħsibx li f'dan il-maltemp is-sorijiet marru Malta. Sr Eleonora diġà għandha ftit tar-riħ u nibża' li nżidulha. Tgħid ma jkollniex okkażjoni oħra? Ħadt gost bis-suċċess ta' Madre Gemma. Nittamaw li ma jdumx ma jkollha x-xorti li terġa' lura d-Dar imfejqa għal kollox ... <...>

Inselli minn qalbi għall-morda kollha, waħda waħda. L-isbaħ xewqat lill-għażiża M. Fortunata, u *Amen* u *Fiat* ... u dan għal kulħadd, l-aktar għall-morda. It-twajjeb Ġesù tagħna jfarraġhom u jsabbarhom u jilqagħhom fil-ħdan ħelu tiegħu, iħaddanhom waħda waħda, u jżomm għal ħin twil lil dik li l-aktar tkun mitluqa fil-ħsieb patern tiegħu.

Minn qalbna nsellu għalik, u seddaqna bil-barka materna tiegħek. B'mod partikulari ftakar fl-imsejkna,

Sr. M. Margherita

**Ittra 101**

*Deus meus et omnia*

Xagħra – Dar Marija Bambina

31 ta' Ottubru 1934

Għażiża Madre Vigarja,

Kif inti? Kif marret il-festa tal-Maħbub Sultan tagħna? Kien tabilħaqq is-Sultan tal-qlub kollha? Eh, mhux li kien hekk!!! <...>

Awguri lil kulħadd u nitolbu bil-qalb biex il-Qaddisin jgħallmuna l-ispirtu ta' vera umiltà u mħabba safja li bihom huma waslu għall-kisba ta' tant glorja hemm fuq.

Inselli għalik u berikna,

Sr. M. Margherita

**Ittra 102**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

(Diċembru 1934)

Għażiża Madre,

Kif inti? Ilna żmien ma niltaqgħu. *Fiat!* <...> Għall-grazzja ta' Alla ninsabu lkoll f'saħħitna, hienja, nitqabdu mal-amor propju tagħna ... X'jidhirlek? Dejjem l-istess taqbida, bla mistrieħ, bla waqfien. Dejjem trid tagħmel il-kontra. Hux veru? Inti, x'tagħmel ħalli tirbaħ? Kif tmur fit-taqbida? Eh, daqqa minn fuq u oħra minn taħt. Sabar u umiltà dejjem. Infittxu li nitgħallmu l-virtujiet sbieħ ta' Ġesù Bambin, l-aktar l-imqaddes faqar, is-sempliċità, l-abbandun f'idejn il-Providenza Divina, ħalli hekk nersqu kemm nistgħu lejn il-Mudell tagħna, u hekk inħobbuH, inħobbuH, inħobbuH!! ... u daqshekk.

Is-sorijiet kif inhuma? U l-orfni kif inhuma sejrin? Dejjem 'l quddiem hux tassew? Il-Madre Ġenerali għandha bżonn ta' sorijiet tajbin, u ma tafx fejn taqbad issibhom.

F'Misterbianco diġà mietet waħda min-novizzi l-antiki. Minn hawn u ftit ieħor jista' jkollhom post għal aktar f'din id-dar sabiħa... Aspiranti għandkom? Hawn malajr imorrulek ma' komunitajiet oħra, li jaċċettawhom bla dota ... Kemm inħoss meta nara aspiranti tajbin sejrin ma' ħaddieħor. Paċenzja! U dejjem *Fiat!*

Inħobbu u nitqabdu ħalli naslu għall-iskop li għalih il-Mulej għażilna minn din id-dinja ħażina.
Nagħlaq billi nixtieq lilek u lis-sorijiet kollha dawk il-grazzji u l-barkiet tas-sema li jagħmlu minna għarajjes veri u fidili ta’ Alla. Ta’ lanqas it-twajjeb Ġesù Bambin jista’ jsib mistrieħ u sabar, kif dejjem tixtieq u titlob l-imsejkna oħtok li titlobkom ma tinsewhiex fit-talb tagħkom.
Sr. M. Margherita
Qlajna grazzji kbar ħafna ħafna wara bosta talb u purċiossjonijiet. *Deo gratias et Mariae*

**Ittra 103**

*Deus meus et omnia*
Dar tal-Adorazzjoni, 19 ta’ Awwissu 1936
Għażiża Madre Vigarja,
Nirringrazzjak tat-talb li tagħmel għalija u tal-għajnuna li tajt lil maħba oħti. Il-Mulej iħallas lil kulħadd tat-talb u tal-għajnuna, eċċ. It-twajjeb Ġesù għoġbu jagħtini rigal billi ċaħħadni milli nassisti magħha, u dan offrejtu b’sottomissjoni sħiħa; jiena dejjem fittixt li nwettaq ir-rieda Mqaddsa t’Alla. Riġlejja għadni nħosshom kważi l-istess. Issa naraw nhar il-Ġimgħa li ġejja x’ser jgħidli l-professur. Għal dan intenni wkoll bil-qawwa l-*Fiat!* Hux tassew? Iva, tkun magħmula r-Rieda Divina! Naħseb li dan hu l-passaport għat-tluq lejn l-eternità, għalkemm ma nħossnix li jiena mħejjija; iżda nittama fil-Pjagi Mqaddsa ta’ Ġesù, li jkollu ħniena minni . <...>
Daqshekk għażiża Madre! Nitolbu biss bil-ħerqa biex tkun imwettqa f’kollox u f’kulħadd ir-Rieda Divina tat-twajjeb Ġesù tagħna ...
Filwaqt li nġedded ir-radd ta’ ħajr tiegħi, inselli għalik minn qalbi, nitlob il-barka tiegħek u nitolbok li tiftakar fl-imsejkna u indenja bintek,
Sr. M. Margherita

**Ittra 104**

*Deus meus et omnia*

Hamrun – Istitut San Ġużepp

17 ta' Settembru 1951

Għażiża Madre Pacifica,

Hawn jiena, ninsab fl-Istitut ta' San Ġużepp, għand Madre Minima. Inħossni ftit aħjar fl-arja li hawn f'din id-dar kbira. Imma nibża' li qiegħda komda żżejjed. Iżda kollox bl-ubbidjenza tas-superjuri. Nitolbok li tiftakar fija fit-talb tiegħek ħalli napprofitta ruħi miż-żmien, eċċ.

Inselli għalik u għas-sorijiet li nixtieqhom li jkunu lkoll ġenerużi f'imħabbithom lejn Ġesù l-Għarus tagħna lkoll!!!

L-imsejkna Sr. M. Margherita del Sacro Cuore

**Ittra 105**

Viva l-Għarus imdemmi!

13 ta' Mejju 1896

Binti l-aktar għażiża fi Kristu!!!

Tqanqalt u sad-dmugħ xirifli, waqt li qrajt l-ittra mħeġġa tiegħek. Bla xejn dewmien irrid inwieġbek biex nawguralek minn qalbi.

Iva, għażiża binti, għandek raġun li tifraħ u bħallikieku togħdos f'baħar ta' mħabba u ta' hena. Għax il-Maħbub Divin li miegħu ser tintrabat, hu tabilħaqq għani fl-għotjiet tiegħu. Ifraħ, ħobb u itlob, u fuq kollox ingħaqad ma' dan l-Għarus! X'fortuna u x'xorti mbierka! Fis-sewwa kollu, maħbuba binti, filwaqt li xxejjen lilek innifsek kollok emm int, billi tgħodd lilek innifsek li ma jistħoqqlokx din il-preferenza kbira, qis li ma tonqosx li tgħolli 'l fuq u mill-qalb l-akbar radd ta' ħajr lil Dak li hu l-Aktar u l-Uniku Maħbub. Fl-istess waqt itolbu li jagħmel li dan ir-ringrazzjament itul għal dejjem, u li jidher f'ħajja tabilħaqq qaddisa, safja u ta' sagrifiċċju li tixraq lill-għarusa fidila tal-Imsallab!

Kun af, maħbuba tiegħi, li l-Għarus tiegħek hu għajjur ħafna. Għalhekk inħeġġek minn qiegħ qalbi, li żżomm sħaħ il-wegħdiet tiegħek. Hekk, niżgurak li din il-hena u dan il-ferħ ta' llum, idumu wkoll għal dejjem, minkejja li mhux dejjem b'mod ċar u li jidher. Nixtieq kieku niftaħlek beraħ din qalbi ta' omm, biex nista' nurik il-ħerqa li nħoss, fis-sewwa u fil-fedeltà, lejn dan il-Għarus Waħdieni, li Lilu ħlift

imħabbti. Nixtieqni nista' nsejjaħ lill-erwieħ safja kollha, biex jingħataw u flimkien miegħi, jikkonsagraw ruħhom Lilu, lill-Maħbub u Għażiż ta' ruħi! Kemm inħossni ferħana li wliedi huma dejjem lesti li jingħataw kollhom kemm huma lil din l-imħabba perfetta tiegħu! U kemm nitolbu minn qalbi li jżommhom sħaħ, u jikbru fil-grazzja tiegħu.
Biżżejjed s'hawn, għax saħħti ma tħallinix intawwal. Biss infakkrek li m'għandek tinsa qatt u qatt matul ħajtek kollha li inti issa mejta, kemm f'dak li hu tad-dinja, kif ukoll f'dak li hu spiritwali, biex hekk tingħata kollox kemm inti u tintelaq fil-ħniena tal-Maħbub tiegħek, anke meta Hu bħal donnu jistaħba. Agħmel li kemm hu possibbli, tkun miġbura, kollok ħeġġa, umli u l-aktar ubbidjenti. U mhemmx għalfejn ngħidlek biex tagħmel kollox bl-imħabba, għall-imħabba u fl-imħabba, għax taf aktar minni li l-Maħbub tagħna ma jogħġbuhx l-opri, imqar dawk l-aktar magħrufin, jekk isiru mingħajr imħabba.
Insomma, għix fil-Qalb ta' dan il-Maħbub Ħellu ħajja ta' mħabba, imħabba safja, imħabba ta' sagrifiċċju, bħal ħut fil-baħar ... Filwaqt li jiena mix-xejn tiegħi nawguralek, nitolbok bl-akbar ħerqa li tgħoddni, bla ma jistħoqqli, midinba kbira, Sr Miżerja.

**Ittra 106**

*Deus meus et omnia*

Dar tal-Adorazzjoni, 2 ta' Diċembru 1930

Għażiża Madre,

Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna, ninsabu tajbin kif ħallejtna inti. Iżda ħassejna l-vojt bin-nuqqas tiegħek, imma *Fiat!*
Ħadt gost naqra l-ittra tiegħek, u lil Tereża diġà għedtilha biex tgħid lir-raġel t'oħtha għas-siġġijiet, iżda għandna bżonn ukoll tal-fuklar, jiġifieri kenur tal-faħam li ġa kien lest biex inġibu miegħi; il-vażett tal-melħ mingħand Sr Carmela u l-fjuretti għall-Avvent. Minn qiegħ qalbna rroddulek ħajr ta' kollox.
Il-bieraħ reġgħu ġabulna l-patata. Il-bieraħ sajjarna borma ġdur u patata u kilna f'nofs in-nhar, għax billi l-ewwel platt ma kienx lest ħallejnieh għal filgħaxija. Illum għamilna l-brodu u l-patata l-forn. Il-bieraħ ukoll qomna fil-4:45 a.m. u filwaqt li stennejna li ddoqq l-iżvelja, din baqgħet ma daqqetx. Illum iżda, għalkemm bla żvelja, qomna fil-ħin sewwa. *Deo gratias et Mariae!* <...>

Berikna lkoll u filwaqt li tilqa' t-tislijiet tagħna wliedek, sellilna għas-superjuri u s-sorijiet għeżież tagħna.
Tiegħek, l-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 107**

G!M!G!F!
Casa Madre, 2 ta' Novembru 1920
Għażiża Marija,
Ekku sa fl-aħħar wasal il-waqt tant mixtieq minnek. *Deo Gratias!* Tabilħaqq, għażiża binti, iż-żmien tal-prova kien twil, iżda dan lili jferraħni, għax ikollok apprezzament akbar tal-grazzji li rċevejt.
Mela diġà ġejt aċċettata. Għalhekk tista' tiġi meta jogħġbok fid-Dar ta' Ġesù, l-Għarus tagħna, biex tħobbu u taqdih b'fedeltà u b'ġenerożità sal-mewt.
Oqgħod attenta li meta tkun ġejja titfa l-baħar ir-rieda tiegħek, ħalli ma jifdallikx għajr dik ta' Ġesù, fis-Superjuri tiegħek.
Qis li tirsisti biex tkun l-aktar waħda ċkejkna, il-qaddejja ta' kulħadd, biex tħobb u ssofri ma' Ġesù, u tpatti għall-offiżi li jirċievi, eċċ. X'ser ngħidlek aktar, għażiża u maħbuba binti? Imħabba biss, imħabba safja, imħabba, imħabba, imħabba ... Kemm hi ħelwa din il-kelma mħabba! Hi l-ħajja tal-qalb. Il-qalb tinħakem mill-imħabba. Billi Alla hu tabilħaqq l-imħabba fih innifsu, għandu jkun Hu wkoll il-ħajja tal-qalb tagħna, eċċ. Eċċ.
Insomma, ħallik minn kul xorta ta' mħabba oħra u żomm fik biss dik safja, ħelwa, divina ...
Inħaddnek fil-Qalb Qaddisa u nitlob lilha stess li ttemmna fil-ħuġġieġa safja tagħha, kif dejjem tixtieq l-imsejkna
Sr. M. Margherita.

**Ittra 108**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Marija Bambina

21 ta' Ġunju 1934

Għażiża Sr Luisa,

Kif inti? Min jaf kemm inti mħabbta. U ma jistax jonqos l-aktar meta hemm il-Madre, iżda kollox jgħaddi ... F'din il-ħajja m'hemm xejn li ma jintemmx; la l-ferħ u lanqas in-niket, għalkemm dan tal-aħħar huwa ftit aktar komuni u jtul aktar ... Naħseb li fil-preżent qegħdin fil-vaganzi, tal-anqas ikollkom ftit tal-mistrieħ, iżda t-Twajjeb Ġesù tagħna, ta' mgħallem tajjeb li hu, jaf joħloq xogħol ieħor, ukoll għal għarrieda! Nagħmlu sewwa jekk nagħrfu napprofittaw ... Iva, nifhem li issa żdied in-numru ta' dawn li jgħinu kif ukoll wieħed jista' joqgħod fuq il-professi tal-futur (nittamaw fit-tjubija tal-Għarus tagħna Ġesù), iżda l0piż l-kbir jaqa' fuq l-anzjani ...

Intant, għażiża tiegħi, jiena qatt ma nista' ninsa la ż-żmien tad-Dar tal-Adorazzjoni, u lanqas tad-Dar ta' Ruma li fihom konna f'kumpanija tajba! Nagħmlu kull ma nistgħu ħalli niltaqgħu hemm fuq għal dejjem. Ammen.

Il-maħbuba Sr Giulietta għadha bl-istess karattru: taħdem, għandha klassi sabiħa u nirringrazzjaw lil Ġesù tinsab kuntenta wkoll. Nipperswadu ruħna li dejjem u kullimkien jeħtieġ li nitħabtu u nifirħu jew nitnikktu ma' kulħadd! Hekk hi l-ħajja!! Iżda fil-prattika tal-imħabba vera, kollox ikunilna aktar faċli u l-istess imħabba tkun aktar ħelwa! Kuraġġ, u naqdfu 'l quddiem, ferħana fil-Mulej.

Nittama li s'issa M. Gemma tinsab aħjar, hux hekk? Kemm huma għeżież għalija l-aħbarijiet tagħkom! Minn dawn ikolli xi kultant għalkemm aktarx fil-bogħod; jiena anzjuża, imma b'dana kollu ma nistax jibqa' indifferenti ... Ninteressa ruħi wisq mill-affarijiet tal-fqajra Kongregazzjoni tagħna u tal-membri tagħha; inkun nixtieq naf b'mod partikulari fuq kull waħda, eċċ. Forsi dan hu ż-żejjed, imma n-"nanniet" huma kollha hekk, anke jekk kibru żżejjed ...

M'hemmx għalfejn ngħidlek biex tagħmel kulma tista' ma' kulħadd għalkemm minn din il-ħaġa jiena żgura, iżda l-ħtiġijiet ta' ruħek titraskurahomx, ħalli kollox isir b'imħabba safja. U jekk tkun maħbuba l-Imħabba, li tpatti għal kollox. Fhimtni?

Insellimlek b'tgħanniqa fil-Qalb Qaddisa ta' Dak li hu kollox, filwaqt li nħeġġiġkom li fit-talb tagħkom tiftakru fl-aktar imsejkna,

Sr. M. Margherita
Tislija lil Madrijiet kollha u lis-sorijiet mingħand sħabi.

**Ittra 109**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia - Dar Ġesù Nazzarenu
9 ta’ Diċembru 1938

Għażiża binti fil-Qalb Qaddisa,

B’sodisfazzjon kbir qrajt l-ittra twila tiegħek li tatni ħafna aħbarijiet sbieħ. Iva, irroddu ħajr lil Alla, lil Dak li minnu ġejja kull ħaġa tajba, ta’ dak kollu li f’ismu aħna, imsejknin kreaturi, inwettqu! Inberkuh u rrodulu ħajr, u fuq kollox inħobbuh!!! Oh! Maħbuba tiegħi, kemm nixtieq li naraH maħbub, adorat u mweġġaħ minn kulħadd u miqjum bħala Missier l-aktar twajjeb, bħala s-Sid l-aktar ħanin ... bħala dak li hu Kollox ... u daqshekk.

Ngħaddu għal ħaġ’oħra, għax inkella ntemm din l-ittra s-sena d-dieħla. Mela, għażi’a tiegħi, nifraħ bl-għaqda u bl-ispirtu tajjeb ta’ sagrifiċċju ta’ wliedek is-sorijiet, u rroddu ħajr lil Alla, għax għandek biex. Oqgħod ukoll attenta li l-ħafna xogħol ma jberridx l-ispirtu, għax ħaġa faċli li l-ħafna xogħol minn barra idgħajjef dak ta’ ġewwa; imma kif għedt inti, dawk li jġorru l-piż bil-ferħ, allura jistgħu jaħdmu aktar. Dan l-ispirtu jagħmilli l-qalb. Il-Mulej jieqaf magħhom aktar!

Dwar id-dwejjaq u s-swied ta’ qalb tiegħek, tiddejjaqx; ma tafx li t-twajjeb Ġesù tagħna jdewwaq il-morr tal-Kalċi tiegħu lill-għarajjes ġenerużi tiegħu?! U ma tafx li Hu jieħu gost jara lil dawn weħidhom weħidhom, misħuqin taħt il-piż tas-Salib ħalli jikkonvinċihom mid-debulizzi tagħhom, u b’hekk iżjed malajr jintelqu b’fiduċja kbira taħt il-ħarsien tiegħu ta’ Missier? X’jidhirlek? Xi dgħufija! Kemm verament m’aħna xejn! Iżda dan hu li għandu jqanqalna aktar, għax b’dan il-mod aktar nintelqu f’idejh b’fiduċja ta’ wlied u ninxteħtu kollna kemm aħna fit-tmexxija tiegħu!!! Fl-istess swied ta’ qalb, it-tbatijiet qarsin, qarsin ... kuraġġ qawwi, qawwi, taf ma’ min tgħarrast, ma’ Re msallab bejn żewġ ħallelin ... ma’ Priġunier ... maqful f’eluf ta’ tabernakli fqajrin ... Għalhekk ersaq lejHbl-akbar fiduċja u nxteħet b’għajnejk magħluqin u ma jiddispjaċikx ...

Nifraħ bil-għajnuna li ssib fit-twajba Sr Dionisia. Fis-sewwa kollu, ibqgħu magħqudin u aqsmu bejnietkom kliem ta’ ħila u ta’ kuraġġ fil-Qalb Qaddisa ta’

Ġesù fl-Ewkaristija, ċerti li fil-għaqda, hemm is-saħħa, u din, fil-Qalb Qaddisa qatt ma tintrebaħ. Ftehemna? <...>
X'ser ngħidu aktar għażiża tiegħi? Lanqas naf. Tiftakar ħames snin ilu kont ħdejkom u għamilt tlett ijiem irtir qabel il-festa tal-anniversarju tal-Professjoni reliġjuża!! Din is-sena għamilt xi ħaġa wkoll, iżda kważi dejjem f'nixfa u f'distrazzjoni ... Bil-ħaqq kollu, il-Ħelwa Omm tagħna jeħtieġ li taħbini taħt il-mant matern tagħha, għax billi jien hekk kerkha, mimlija ħtija u supperva ma nafx kif nista' nieqaf quddiem Ġesù. Agħmel karità miegħi, għażiża binti, u għid lis-sorijiet biex jiftakru fija fit-talb tagħhom, ħalli jirnexxili nwettaq il-pjani li l-Providenza Divina ħejjiet għalija. Diġà għaddew 51 sena mill-Professjoni Perpetwa u aktar jidhirli li ta' soru m'għandix għajr il-libsa, l-isem u t-tagħbija bla tarf ta' dejn!! Il-Pjagi ta' Ġesù biss jagħmluli kuraġġ. <...>
Nagħlaq billi nawguralek ħeġġa akbar u ħafna kuraġġ biex bi tbissims tilqa' s-slaleb kollha li l-Bambin ta' Betlem jogħġbu jibgħatlek fis-sena l-ġdida! Fhimtni? Kuntenta hekk! Il-Bambin ifittex qlub qawwija, qlub safja, qlub wesgħin ... Aħna nagħmlu li nistgħu, il-bqija jpatti għalih Hu bid-dirgħajn ċkejknin tiegħu ... tant ċkejken ... tant għaqli ... tant qawwi ... tant ħali! ... Nifhmuh, inħalluh jagħmel minna ostji ħajjin ... ostji żgħar żgħar li bilkemm jissemmew, bla ħadd ma jfittixhom, biex ixejjinhom; ma nafx jekk dan id-diskors tifhmux ... għax għalija qisu bl-għarbi ... Imma nħossni ħerqana li nagħmel lili nnifsi hekk, u bil-għajnuna ta' Alla nittama ... nittama ... daqshekk.
Għażiża tiegħi, skużani ta' dan il-kliem sabiħ ... u agħdirni ta' xwejħa li jiena. Inħobbu, inħobbu, inħobbu lil Alla b'imħabba tal-ġenn, għax Hu b'imħabba tal-ġenn ħabbna ... F'dak il-lejl Qaddis ningħaqdu flimkien ħdejn il-benniena u flimkien ma' Marija u San Ġużepp naduraw lit-Tarbija misterjuża għal tliet darbiet qaddisa ... is-Setgħani.
Tiegħek l-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 110**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Ġesù Nazzarenu

28 ta' Lulju 1939

Għażiża binti l-aktar maħbuba fil-Qalb ta' Ġesù,

Il-bieraħ filgħodu mort il-Casa Madre u b'xorti rajt lil Sr. M. Domenica. X'impressjoni għamlitli! Għalkemm mixruba ħafna, iżda kuntenta, qalithuli hi stess, filwaqt li ġabet f'idejha r-rigal li b'tant imħabba bgħattli inti. Staqsietni wkoll: "Għaliex ma tiktibx lil Madre Luisa, li tant tixtieq tisma' mingħandek?". U hekk hu, illum qed niktiblek dawn iż-żewġ versi ... Wara li ppruvajt bosxta drabi bla ma qatt jirnexxili. Xi drabi, is-suġġerimenti tiegħi jaslulek mill-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija, u nirringrazzja lill-Maħbub tagħna meta nagħraf xi wħud minnhom.
Għażiża tiegħi, għamilt sewwa ħafna li żammejt lil Sr Daria u Sr Renata. Dar bħal dik għandha tkun moqdija b'nies kapaċi. <...>
M'hemmx vokazzjonijiet oħrajn? Hawn ukoll fil-preżent għandna ftit. Paċenzja, ma nimmeritawhomx! Jalla l-ftit li għandna jkunu tajbin u qaddisin!! Ħdejja għandi tifla li qed tqalleb il-kotba, u ma rridx li titlaq għax tassew ħelwa, kull meta ssib l-istampi, araha tbushom, eċċ... qabel ma nibgħatha nagħtiha ħelwa, għax ma tkunx trid titlaqni ... togħġobni l-innoċenza tagħha ... mhux li kont bħalha!! Noffri lil Alla l-innoċenza tagħha u nikkuntenta billi nibki dik tiegħi li tlift kemm-il darba...
Niġu issa għat-tfal. Kif inhuma? Min qiegħed mal-kbar? Hemm kbar ma' min joħorġu dan is-Sajf, u nisa ma' min joqogħdu? B'xorti li Sr Ugolina ma telqitx. Sr Tranquillina sejra sewwa, hi miġbura u devota? Għax taf inti, għażiża tiegħi, kemm jeħtieġ li jkunu serji u umli dawk li jħabbtu wiċċhom man-nies, umli ħafna ħalli ma jafdawx imma jibżgħu mid-dell tal-periklu.
Imsieken hemm bżonn li wieħed jitlob għalihom ħafna, għax xi minn daqqiet isibu ruħhom fil-periklu meta lanqas li jistennewh! Donnok tistħajlu li qiegħed kullimkien, u għalhekk hemm bżonn li nkunu serji, prudenti u beżgħanin, aktar milli kuraġġużi ... Ftehemna?
X'ser ngħidu iżjed, għażiża Sr Luisa? F'dawn il-jiem kelli uġigħ f'ġenbejja, imma issa għaddieli. Ħsibt li t-tluq tiegħi wasal, imma rġajt mill-ġdid għall-ħajja ta' kuljum. U dalgħodu kont qed naħseb: Min jaf jekk nerġax niġi darb'oħra Ruma biex nara l-Papa l-ġdid?!! Bil-baħar nagħmel kuraġġ, imma l-ferrovija tkiddni ħafna.
Bejnietna tafx ... Bilħaqq dwar l-Uniku kollox tagħna għadna m'għedna xejn. Kif aħna sejrin? Bosta drabi lili jħallini waħdi, waħdi, niexfa, bla ħajja, drabi oħra tiġini l-ħajra li nħobb b'imħabba tal-ġenn bla ma naf xejn kif tkun din l-arti ... Imbagħad nistħi minni nnifsi x'ħin insibni hekk ma naf xejn ... Darba stajt almenu

nitkellem imma issa ma nistax u lanqas ma nsib lil min jifhem dan il-lingwaġġ antik ... Tiftakar dawk is-siogħat ta’ Adorazzjoni? Tiftakar ... Eh! Daqshekk, daqshekk ... Naħseb li inti wkoll tħoss l-istess! Aħdem kemm tista’ għall-erwieħ, ħalli jkollok dan is-sodisfazzjon, imma għall-akbar glorja t’Alla!! Iva, għażiża tiegħi, agħmel, agħmel ħiltek kollha ħalli jkun mħabub imqar għal tjubitu, għall-karità tiegħu bla qjies, għal dak li Hu fih innifsu. Kemm jistħoqqlu mħabba bla tarf! Kemm hu twajjeb! Kemm hu ta’ min iħobbu!! Jekk kemm-il darba (ħaġa impossibli) ikun irid jikkastigana għax ħabbejnieh, jiena nħoss li għandi nifraħ ħafna għax xi drabi nkun ħabbejtu.

Għażiża binti, ħu ħsieb u ħejji sewwa dawk it-twajba wliedek ħalli jkunu kapaċi li jżommu fl-ispirtu tal-imqaddsa vokazzjoni u jkunu fil-ġejjieni tajbin għall-komunità fqajra tagħna, anzi għall-Kongregazzjoni kollha. L-ommijiet twajba ta’ Sr Daria u Sr Renata fittxew li jaqilgħulhom il-permess biex ikunu jistgħu jiġu jagħmlu l-Professjoni hawn f’Għawdex; imsieken, imma jien kont nagħmel il-kuntrarju, biex ma nħallihomx hawn ... Inwassal ix-xewqat fqajra tiegħi lill-għeżież kandidati kollha u nitlob li l-Mulej ixerred fuq ruħhom il-grazzji tiegħu ħalli jibdilhom kollha fiH biss, biss, biss. Fhimtni?

Xtaqt ktibt aktar, imma naħseb li llum inti għandek x’tagħmel ħafna u ma jkollokx żmien x’titlef ma’ dan il-ġurnat tiegħi ... B’danakollu, ujrejna li t-tnejn għadna ħajjin. Ikun kollox għall-akbar glorja tat-Twajjeb Ġesù, Għarus tar-ruħ tagħna.

Ngħannaq waħda waħda lill-postulanti, lin-novizzi u ‘l-professi l-ġodda; imbagħad lill-anzjani <...> Aħfirli, għażiża, ta’ dan it-tpaċpiċ kollu. Huma affarijiet ta’ xjuħ bla moħħ, bħalma hi

l-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 111**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Ġesù Nazzarenu

9 ta’ Ottubru 1939

Għażiża u maħbuba binti fil-Qalb ta’ Ġesù,

Hawn jiena. Ma ngħidlekx kemm ħadt gost bl-ittra tiegħek. L-aħbarijiet ta’ wliedi l-antiki jagħtuni dejjem pjaċir. Iva, inberkuh dak iż-żmien meta konna ngħixu għad-dell tal-preżenza rjali tal-Ostja bla Tebgħa! Mis-saħħa tagħha issaħħaħna. Rawmitna u ħbietna taħt il-ġwienaħ tagħha! Oh! Kemm hu sewwa noqogħdu

hekk moħbijin u mxejnin. Inti, għażiża tiegħi, m'għandekx tixxennaq għal xejn aktar għajr għal għaqda intima miegħU, u jiena nħossu bħala istint dan li nixxejjen u ninbidel fiH bla ma Hu stess jaf (ħaġa impossibli!) imma max-xjuħija nerġgħu nsiru tfal.

Intant, intant, inħobbuh bi mħabba tal-ġenn. Nieħdu gost inħobbuh, biex nikkuntentawh għax hu hekk umli li jogħġbu jaċċetta l-imħabba mill-kreaturi msejknin tiegħu. X'nagħmlu? Xi nfittxu? Erwieħ, erwieħ! Iva rrid kieku niftaħ garġija beraħ u ngħajjat: Erwieħ, erwieħ, erwieħ. Ejjew ħalli tħobbu l-Imħabba! Ejjew ħalli taraw kemm l-Imħabba hi ta' min iħobbha! Jaħasra Ġesù, kemm hu magħruf ftit u għalhekk ftit maħbub. Iħobbna bla qjies, bħallikieku ma jħossux kuntent mingħajr imħabbitna ... u aħna, ingrati, nagħtu ftit widen għal din l-imħabba hekk kbira!!

Ngħaddu għal ħaġ'oħra. Ħadt gost li qed tieħu ħsieb ta' saħħtek; nittamaw li nkunlek ta' ġid, ħalli tkun tista' taħdem aktar bil-qalb fil-għalqa tal-Mulej u tikseb l-erwieħ għall-imħabba tiegħu. B'hekk ukoll tista' tkun ta' ġid lil xi ruħ u tqanqal xi vokazzjoni. Ħafna huma dawk l-erwieħ li ma jafux isibu l-mod kif jistgħu jwettqu x-xejriet qaddisa tagħhom. Oqgħod attenta iżda, għażiża tiegħi, li jkunu tabilħaqq vokazzjonijiet .. għax jekk le, minflok ta' ġid, ikunu ta' ħsara ...

Nieħu gost li tad-Dar ta' Ruma sejrin tajjeb. Bil-ħaqq, f'dawn il-jiem ġiet ħdejja oħt Sr Renata u qaltli li ommha hi xi ftit imħassba li ilha żmien ma tieħu aħbarha. Minħabba l-firda, l-ommijiet dejjem il-ħażin jaħsbu.

X'aktar għażiża tiegħi? Sellili għal Sr Domenica li ftit stajt inkellimha, paċenzja, kif ukoll għal Sr Emmanuela ... dawn huma n-naqriet ta' sagrifiċċji li ta' spiss ikolli nagħmel. Mhumiex xi ħaġa kbira, iżda ma nsibx akbar minnhom. Tant ma niswa xejn li Ġesù ma jagħtinix affarijiet akbar. Ikun imbierek u maħbub minn kulħadd u kullimkien. Ammen.

B'tgħanniqa fil-Qalb Qaddisa, inħallik, filwaqt li nroddlok ħajr tat-tifkiriet u l-aħbarijiet li tagħtini ... li nieħu gost bihom dejjem.

Sellili għal Sr Alfonsina u għal Sr Silvia, imbagħad għal dawk kollha ta' Ruma fejn nemmen li ser nerġa' niġi ... Nagħlaq billi nbitlob lit-twajjeb Ġesù jberikna u jżommna fi mħabbtu safja.

L-imsejkna Sr Margherita.

**Ittra 112**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Ġesù Nazzarenu

14 ta' Jannar 1940

Għażiża Sr Luisa

Niżżi ħajr lit-Twajjeb Ġesù li nħossni xi ftit aħjar. It-tabib iridni noqgħod fis-sodda, u jien qiegħda ngħaddi l-parti l-kbira tal-ġurnata fil-għażż, intenni l-għażiż FIAT b'qalb sinċiera waqt li nintelaq kollna kemm jien fil-ħsieb tal-Paternità tal-Providenza Divina. Għaldaqstant nitolbu bla waqfien u nintelqu dejjem u kollna kemm aħna fil-Qalb tal-Maħbub tagħna Ġesù.

Nixtieq l-isbaħ u l-eqdes affarijiet mill-qalb lil kollha kemm huma l-ulied għeżież u nagħti tgħanniqa materna lil kulħadd, waħda, waħda, waqt li nirrakkomanda bis-sħiħ lilkom ilkoll imħabba safja għall-ħelu Għarus Imsallab kif ukoll imħabba t'aħwa bejntietkom.

Intemm billi nitlob lill-Qalb Ewkaristika li jżommna lkoll magħqudin fil-fjammi tas-sema ħalli dawn jikkunsmawna fin-Nar ta' dejjem Tiegħu.

L-imsejkna xwejħa Madre Margherita

Inħobbu, inħobbu u nħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għaliex din mhix magħrufa sewwa.

**Ittra 113**

*Deus meus et omnia*

Casa Madre, 12 ta' April 1940

Għażiża binti f'Ġesù Madre Luisa,

Hawn jiena ħdejn is-sodda tiegħek, bħalma għamilt int ix-Xagħra ...

Tiftakar kif kont bla nifs? Issa li ilna hawn kważi xahar, inħossni aħjar għall-grazzja ta' Ġesù, qiegħda mmur ukoll fil-kor biex nitqarben, u xi minn daqqiet għall-Matutin ukoll. Jidher li għalissa Ġesù jrid jiċċajta max-xwejħa tiegħu.

Int, gażiża tiegħi, ħbatt ħażin, hux veru? Int għaddejt minn dan kollu, filwaqt li messni xi qliegħ, midinba msejkna. Għalhekk inġeddu l-att tal-għotja sħiħa tagħna fil-ħsieb patern ta' Ġesù l-Għarus l-aktar ħelu tagħna, li jgħoddna bħala vittmi tiegħu f'dak kollu li jogħġbu ...

Nistħajjilni li qiegħda ħdejk ħalli nagħmillek kuraġġ biex tkompli ssofri b'rassenjazzjoni sħiħa bħalma għamilt s'issa. U mbagħad flimkien ninsistu mal-Qalb Maħbuba ta' Ġesù biex jerġa' jagħtik is-saħħa li kellek qabel u hekk tissokta x-xogħol tiegħek għall-akbar glorja tiegħu u għall-ġid tal-erwieħ ... Trid hekk? Iva, maħbuba binti, it-tbatija tiegħek ma ddumx ma tgħaddilek kif nittamaw fil-Qalb Ħelwa ta' Ġesù, għax jeħtieġ li taħdem aktar, mhux għax il-Mulej għandu bżonn ta' xi ħadd minna, imma għax iħobb jinqeda bil-ħlejjaq tiegħu biex ikun imsebbaħ minnhom u permezz tagħhom. Għalhekk kuraġġ kbir, fiduċja bla qjies f'dak l-Oċejan ta' tjieba; f'dik l-imħabba immensa u infinita! ... Kemm affarijiet nistgħu ngħidu! Kemm oħrajn nistgħu nifhmu ... hux veru għażiża tiegħi?!
Inħobbu, inħobbu, inħobbu l-Imħabba eterna. Ftehemna? Iva, jiġifieri f'dak l-Oċejan ta' Imħabba li hu l-Qalb Ewkaristika, u daqshekk ... Ma ntawwalx aktar, il-qalb marida u ma tiflaħx!!
Għoddni magħquda fil-Qalb Qaddisa, biex hekk ngħixu ħajja ta' mħabba u t'abbandun sħiħ, kif tixtieqlek
L-imsejkna Sr. Margherita

**Ittra 114**

*Deus meus et omnia*
Casa Madre, 13 ta' Marzu 1945
Għażiża binti fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, M. Luisa,
Għadna ħajjin, għall-grazzja tal-Providenza Divina. Il-bogħod iva, għalhekk iżda l-aħbarijiet jaslu, minkejja li rari u qosra.
Kemm huma sbieħ u għeżież dawn is-sagrifiċċji mogħtijin lil Ġesù, l-għarus l-aktar maħbub tagħna! Inti x'jidhirlek, għażiża binti? Forsi ma tgħoddx sal-aħħar qatra u sal-anqas sekonda? U wara jtellagħna dejjem 'il fuq, lejn dik l-għaqda intima? Għaliex le? Hu ferm sew li wieħed joqgħod fuq is-Salib Miegħu. Għalkemm in-natura marida tagħna mhux dejjem tkun kuntenta ... Eh! L-imħabba tagħmlilna kollox ħafif u ħelu. Min jaf kemm tħossok hienja f'dawk il-waqtiet ta' għaqda intima mal-Kollox tagħna, imqar jekk għal ħin qasir?! Ma jidhirlekx għażiża tiegħi, li tħossok f'dagħbien ta' tjieba, eċċ eċċ. Min iħobb, jifhem ...
Nieħu gost li intom ilkoll tajbin u li għandkom x'tagħmlu ħafna. Hekk għandkom l-okkażjoni li tagħmlu atti ta' karità eċċ. Iżda ara li ma tmurx tħalli barra x-xogħol

ta' Marija. Meta r-ruħ tkun intelqet f'dak li hu Kollox, allura kollox iservi biex tinxteħet ... dejjem aktar. Għalhekk b'kuraġġ qawwi qawwi nintefgħu b'għajnejna magħluqin f'dak l-Oċejan tal-Providenza Divina, u hemmhekk insibu, insibu, insibu l-mistrieħ tagħna.
Tiftakar, għażiża Sr Luisa, fid-Dar tal-Adorazzjoni? Xi żmien għaddejna! Tiftakar l-aħħar lejla, dik tat-tluq? Kif jgħaddi ż-żmien! Nittamaw li tissewwa mill-ġdid, għax kważi meqruda, iżda grazzi għat-Twajjeb Ġesù, l-Adorazzjoni għadha sejra. X'jidhirlek minn dan l-eżilju twil tiegħi? Eh! Għad fadalli xi nħallas. Tkun magħmula r-Rieda Mqaddsa tiegħu. Naqasni kollox, għajnejja, widnejja, snieni u xi ftit ukoll il-forzi tiegħi li mhux dejjem iħalluni mmur qrib il-maħbub tagħna u ħdejn is-sorijiet morda li ma jonqsu qatt fil-Casa Madre, għall-grazzja ta' Ġesù!
Infittex li nkun naf b'aħbar tad-djar kollha tagħna u tal-għeżież uliedi u sorijiet, u mill-miżerja tiegħi ngħaddi sigħat nitlob lit-twajjeb Ġesù għalihom, minn daqqiet waħda waħda wkoll. Issa biżżejjed, eh!
Itolbu għalija lkoll kemm intom, ħalli Ġesù tagħna, li hu ta' ħniena bla tarf jagħtini l-imħabba safja tiegħu li ttemmni flimkien mal-ingratitudnijiet tiegħi. Ammen.
Nixtieq ngħannaqkom ilkoll, waħda, waħda ... nixtieq insemmikom ilkoll, iżda ma niftakarx l-ismijiet ta' kulħadd. Insomma nitgħannqu lkoll fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu tagħna, ħalli jkebbisna b'dak in-Nar qaddis li ġie jġib f'din l-art ingrata. U lilek ... ftehemna.
Nixtieq ngħid ħafna affarijiet lill-għażiża tiegħi Sr Dionisia, eċċ. Għalissa daqshekk għax għajjejt. Kollox għall-imħabba, kollox mill-imħabba, kollox tal-imħabba u kollox fl-imħabba.
Inħobbu l-Imħabba, l-imħabba, l-Imħabba ta' dejjem, bla qjies, ta' dak Alla, għal tliet darbiet Qaddis, Qaddis, Qaddis.
L-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 115**

*Deus meus et omnia*
Xagħra – Dar Ġesù Nazzarenu
25 ta' Marzu 1933
Wisq maħbuba Sr Dionisia,

Hawn jien miegħek wara 15-il ġurnata tal-firda tagħna! Kif jgħaddi ż-żmien! Kif itir! Kemm sorijiet rajt! Kulħadd jistaqsi għalik. Kulħadd jixtieqlek saħħa u qdusija...
Sadattant qiegħda fid-Dar żgħira tagħna ta' Marija Bambina. Xi kwiet! X'faqar! X'sempliċità! Tassew isaħħruni! Il-kesħa hawn tinħass aktar minn Ruma. Hawn din il-kesħa minħabba li minn tmint ijiem 'l hawn qed jonfoħ riħ qawwi, u niżlet xita bla waqfien, eċċ ... Infatti ma setgħux jiġu nies minn Malta għal Għawdex. Jiena għal ftit sigħat ħlist mill-maltemp ... Ikun irringrazzjat it-twajjeb Ġesù tagħna li kullimkien għandu kura paterna u kollha mħabba. Inħobbuh b'dak kollu li aħna.
U intom, kif intom? Sejrin tajjeb f'saħħitkom? Jew tħossukom dgħajfa? <...>
L-għeżież Novizzi jinsabu tajbin ukoll? Qegħdin attenti? Huma miġburin? Ilbieraħ fl-Ora Santa ftakart fihom, u rrikmandajthom ħafna lit-twajjeb Ġesù ... Itolbu ħafna għalihom sabiex tkun magħmula r-rieda tal-Mulej dwarhom; jiġifieri tan-Novizzjat ta' hemm ... Iżda hawn fil-Casa Madre ma hawnx postijiet vojta u għalhekk ma nistgħux indaħħlu Postulanti ... U kif jista' jkollna Postulanti oħrajn, ladarba dejjem hemm postijiet x'nimlew u djar oħra x'niftħu? Nitolbu, nitolbu bil-ħeġġa għal dan il-għan u fittxu li jagħmlu xi penitenza għal din l-intenzjoni ...
Rajt l-aspiranta ta' Misterbianco; tidher tajba, u minn familja tajba wkoll, missierha jitqarben kuljum.
Ġew ommha u missierha biex jippreżentawli lil binthom, għalkemm b'sagrifiċċju kbir tagħhom.
Hija għandha bidu sew tal-pjanu, taħdem, eċċ. Dawk ta' Troina ma rajthomx għaliex ma mortx.
Naħseb li forsi nistgħu nħallu lil dawn f'Misterbianco mal-Edukandi sakemm ikunu lesti biex jibdew il-Postulandat ... Għedt lil Rev.ma Madre Ġenerali biex tibgħat żewġ Novizzi oħra ħalli jkunu ta' għajnuna fl-ispirtu, u lkoll naqblu fuq din il-ħaġa ... Għalhekk itolbu sabiex tkun magħmula dejjem ir-rieda mqaddsa tal-Maħbub Għarus tagħna Ġesù ... Tistgħu titkellmu ma' Madre Francesca sabiex it-tmexxija tan-Novizzi tkun waħda; ħaġa bħal din tagħmel tajjeb ħafna. F'kelma waħda, ittamaw fit-twajjeb Ġesù u b'fiduċja bla qjies abbandunaw ruħkom kollha kemm intom lilu u ibqgħu mexjin dejjem 'il quddiem bil-kuraġġ fil-Mulej!! Ftehemna? Iktbuli taf! Għaliex inħossni spiss magħkom fiċ-ċella tan-Novizzjat, eċċ., eċċ...

Hemmhekk tagħmel il-kesħa u tkebbsu n-nar; hawn nużaw biss in-nar Ewkaristiku ... u xi drabi mhux biżżejjed ... ikun hemm bżonn li nużaw xallijiet eċċ ...
Il-bqija nifhmuh fis-silenzju ... Inħobbu u biżżejjed.
Il-Kumpanja tagħkom l-aktar maħbuba fil-Qalb ta' Ġesù, Sr. M. Margherita.
**Ittra 116**
*Deus meus et omnia*
Xagħra – Dar Ġesù Nazzarenu
2 ta' April 1933
L-aktar maħbuba Sr Dionisia,
Nifraħ li inti tajba u nittama li ma tmurx darb'oħra il-Poliklinika .. Tajjeb? Kemm jiddispjaċini għall-għażiża Sr Ines! *Fiat!* U l-oħrajn tajbin, eh?! ...
Inħalli kollox fil-ħsieb tal-Providenza Divina li jfassal kollox għall-akbar ġid tagħna. X'nistgħu nagħmlu ħlief li naduraw il-ġudizzji tal-Għerf Divin, u li nabbandunaw ruħna kollna kemm aħna għat-tmexxija Tiegħu??!
Jewwilla ma narawx kif kien trattat il-Maħbub l-Aktar ħelu tagħna? Liema tbatijiet, liema umiljazzjonijiet u duluri ... X'irridu aktar biex nipperswadu ruħna mill-ħtieġa tat-tbatija u tal-umiljazzjonijiet? Ara kif għandek tħobb?! Kif tħobb bil-fatti u l-verità! Min jaf f'dawn il-ġranet kemm tagħmlu meditazzjonijiet sbieħ u qaddisa u kemm twasslu lin-novizzi biex jagħmlu l-istess.
Iva, maħbuba tiegħi, agħmlu minn kollox biex tgħallmuhom jimmeditaw tajjeb il-Passjoni Imqaddsa u l-Mewt tal-aktar ħelu Għarus Imsallab tagħna, biex jifhmu sewwa l-veru sens tal-imħabba pura, eċċ ... eċċ ...
Imbagħad jitgħallmu l-umiltà vera u profonda, l-ubbidjenza perfetta, eċċ ... eċċ ...eh! Kemm ħabbna!! Kemm ippreferina!! Ladarba Hu għażilna minn fost eluf u eluf ta' oħrajn, aktar denji minna ...
Lill-għeżież novizzi ngħidilhom biex japprofittaw ruħhom mill-istruzzjonijiet sbieħ tal-Madre Maestra, iżda fuq kollox mill-Għarus Priġunier u Msallab ... iżda li jispiritwalizzaw kollox sewwa. Jitolbuh, jiffittawh biex jagħmilhom Għarajjes veri, ġenerużi u fidili tiegħu; żgħar, żgħar li jidħlu fil-ħofra tal-pjaga tal-id ix-xellugija biex ikunu eqreb il-Qalb ... Ftehemna?

Hekk magħqudin flimkien nimmeditaw il-Passjoni tal-Għarus l-aktar Ħelu tagħna u tal-Omm Imnikkta tiegħu u nibqgħu mal-Omm Imnikkta, ma' San Ġwann u mal-Maddalena; u mbagħad, fil-Għid ... inqumu Miegħu għal ħajja ġdida.
Filwaqt li ngħannaqkom waħda waħda, u ningħalqu fil-Qalb Qaddisa biex ngħixu flimkien il-ħajja tal-Imħabba u ...
Itolbu għall-fqajra Nanna, Sr. M. Margherita

**Ittra 117**

*Deus meus et omnia*

Xagħra – Dar Marija Bambina
23 ta' Frar 1934

Għażiża Maestra,

Nifraħlek għas-suċċess tan-novizzi. Qis, għażiża tiegħi, li f'dawn l-aħħar xhur li fadlilhom, l-erbgħa li huma jkunu miġburin u megħjunin sew. Għax kif taf inti, wara l-Professjoni jibda jingħatalhom ix-xogħol, u ftit li xejn ikollhom ħin għall-formazzjoni; imbagħad, skont in-natural tagħhom, jerġgħu għalli kienu qabel, (jekk Alla jrid, dan ma jiġrix).

Imma aħna responsabbli tagħhom! Għalhekk agħmel dak kollu li tista', ħalli tibdlilhom ruħhom f'waħda li tixbaħ lill-Għarus ħelu Msallab. Mhemmx għalfejn infissirlek kif. Dan inti diġà tafu sewwa. Ngħidlek biss, taqtax qalbek. Imsaħħa bil-għajnuna divina, l-iskop jirnexxi. Jiena għandi tama kbira, imma fl-istess ħin nibża', għax naf kemm hi diffiċli li wieħed jirnexxi, l-aktar f'ambjent bħal dak. Għalhekk tehdiex tirsisti li qalbhom tkun kollha kemm hi ħielsa, iddistakkata minn kulħadd, l-aktar minnhom infushom. Insomma għandhom jagħrfu sew min hu dan l-Għarus Imsallab, u jintebħu li huma nfushom mimlijin miżerji u difetti, eċċ. Jekk jirnexxilek li tnissel fihom sewwa dan l-ispirtu żgur li jkollhom pedament sod ta' bin'a spiritwali. Jekk le, imsieken huma, u msejknin aħna. Nitolbu kif talbet il-Kananea għal bintha. Aħna wkoll nitolbu għall-għeżież uliedna u żgur li l-Imgħallem tajjeb tagħna mhux ser ikun inqas ġeneruż magħna, l-għarajjes anzjani tiegħu (forsi wkoll ingrati miegħu). Ftehemna?

Noffru għal dan l-iskop dawk iċ-ċaħdiet li niltaqgħu magħhom matul ħajjitna, dak kollu li nħossu li jmur kontra n-natura tagħna eċċ. Mhux għal dawn biss, imma għal dawk ukoll tal-Casa Madre, fejn hemm numru sabiħ. Ta' dan ngħidu grazzi lill-Għarus tagħna Ġesù.

F'dawn il-jiem kont il-Casa Madre u waqt waħda mir-rikreazzjonijiet mort ħdejn in-novizzi: bil-gost kollu għaddejt nofs siegħa qalb dawn il-ħamimiet sbieħ ... tassew qishom ħamiem ... Imma meta naħseb fuq il-futur tagħhom, qalbi titnikket; għax ma jkomplux bl-istess fervur. Mhux ilkoll, eh! Imma ... imma ... Intant, inti li tieħu ħsiebhom, għassilhom bla waqfien, bl-imħabba u bl-umiltà niksbu kollox ... Nixtieq li ngħidilkom ħafna affarijiet sbieħ u qaddisa, iżda jiena żgura li inti dan taf tgħidulhom bil-wisq aħjar minni, xwejħa msejkna. Għalhekk inwiegħdek biss l-għajnuna tat-talb fqajjar tiegħi bla ma jistħoqqli, u tal-Pjagi Mqaddsa tal-Maħbub tagħna, ħalli jkollna x-xorti li lkoll narawhom innamrati minn Ġesù, l-Għarus Imsallab ... imġienen, imġienen bl-imħabba għal dak li Hu kburi li jinsab Priġunier taħt is-saqaf ta' dar l-għarajjes tiegħu ... Oh! X'xorti! Xorti li jgħiru għaliha l-istess Ministri tiegħu. Inħobbuh u daqshekk!

Inħaddankom miegħi, waħda waħda, fil-Qalb Qaddisa, u ftakru fija fit-talb tagħkom. Inselli għalik, għażiża sieħba tiegħi, fil-Qalb Qaddisa, u għoddni bħala l-imsejkna midinba,

Sr. M. Margherita.

**Ittra 118**

D.M.E.O.

Casa Madre

21 ta' Lulju 1945

Rev.da Madre Superjura Sr Dionisia

Għażiża binti fil-Qalb Qaddisa,

Nifraħ flimkien magħkom li, għall-qalb kbira tagħkom infetaħ kamp vast ta' xogħol. Il-Mulej ikun magħkom, tibżgħu xejn. Waħdekom ma tiswew xejn, ma tistgħu tagħmlu xejn, kunu żguri minn dan; imma kunu wkoll ċerti li, bil-għajnuna ta' Ġesù tagħna, tistgħu tagħmlu dak li jrid minnkom. Kuraġġ kbir. Il-Mulej magħna; Hu dejjem tana l-għajnuna tiegħu ta' Missier; għalhekk fedeltà perseveranti, u naslu lejn il-veru pajjiżna ...

Għażiża binti, ma nistax ngħinek għajr bit-talb fqajjar tiegħi, li oqgħod ċerta, ma nonqosx li nagħmel u niftakar ukoll fil-laqgħa li kellna; konna dejjem magħqudin bejnietna (f'din id-dinja u nittama mbagħad fl-oħra). Tinsiex li jiena qiegħda noqrob lejn it-tmiem tal-ħidma tiegħi, għalhekk għandi bżonn ta' aktar għajnuna ħalli nħallas il-ħafna dejn tiegħi, eċċ.eċċ. Lanqas insemmihom ma rrid:

iddepożitajthom fil-Bank tad-Demm l-aktar għażiż tal-Feddej tagħna, eh?! Mhemm għalfejn ngħidlek xejn għax għandek it-tagħlim u l-eżempju ta' Madre Luisa li juruk kif. Imbagħad bil-paċi u bl-għaqda tirbaħ il-qlub ta' kulħadd. Inħeġġek bis-sħiħ li tersaq b'fiduċja lejn il-Għarus Priġunier li qiegħed għalina hekk imċekken f'dak il-pissidi. Oh! X'imħabba mhux magħrufa, u mhux maħbuba, lanqas mill-għarajjes tiegħu. Inħobbuh u nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien, eċċ.
Għidu u ħabirku biex jingħad: "Nar Divin, aħraq il-qlub kollha tal-bnedmin." Fhimt?
Biżżejjed għax inħossni għajjiena.
Inħaddankom fil-Qlub Qaddisa ta' Ġesù u ta' Marija, Omm Tagħna.
L-imsejkna Madre tagħkom f'Ġesù, Sr. M. Margherita
Inbierek lil kull waħda mis-sorijiet, lil dawk li naf u lil dawk li nafhom biss b'isimhom, waħda waħda,u nixtieqhom jitolbu u jħobbu ħafna ħafna lit-twajjeb Ġesù tagħna.
**Ittra 119**
D.M.E.O.
Casa Madre
7 ta' Frar 1946
Għażiża binti Sr Dionisia,
Ħu ftit tal-paċenzja u aqra din il-kitba tal-Imsejkna Sr Miseria li għadha titkaxkar fil-kurituri tal-għażiża Casa Madre. X'jonqsu t-twajjeb Ġesù tagħna? Qed jistenna l-konverżjoni sħiħa tiegħi. Itlob u ġiegħel lill-għeżież sorijiet u wliedi li jitolbu ħalli Ġesù jtemmni fl-imħabba safja tiegħu ...
Dak li hu Kollox għalina jkebbisna lkoll bin-nar tal-Qalb tiegħu Qaddisa kif dejjem titlob li jseħħ l-imsejkna. Sr. M. Margherita
**Ittra 120**
D.M.E.O.
10 ta' Frar 1946

Għażiża binti f'Ġesù Kristu M. Dionisia,

Tiftakar li fl-1932, meta jidhirli, konna fin-novizzjat ta' Ruma? Kif jgħaddi ż-żmien! Issa nittamaw li niltaqgħu fis-sema, eh? Ma' ġenb dak il-Kollox li hu ta' min iħobbu! Oh! Naħseb li għadu fil-bogħod. Ngħodd il-jiem u s-sigħat, imma nħoss li għadni tqila ħafna biex intir ... Propju ma nista' nagħmel xejn. Ngħaddi l-ħajja fil-għażż. Nitlob iva, imma distratta ħafna ... xiħa msejkna!

Nieħu gost li inti mdawra b'kuruna ta' wlied għeżież, issa ser ikollok oħjran ma ddumx. Għadhom timidi u teneri, imma fl-idejn materni tiegħek jitħarrġu għas-sagrifiċċju, eċċ. Huma ġentili u twajbin. Nittama li tkun kuntenta bihom ...

Aħdmu għażiża binti, iva aħdmu fil-għalqa tagħkom, dik li t-Twajjeb Ġesù reħa f'idejkom. Qaddsuhomlu kollha kollha bl-imħabba Ewkaristika u bl-imħabba tal-Imsallab! Ftehemna? Nittama li iva ...

Għall-aħbarijiet dwari, staqsi s-sorijiet għeżież li qegħedin iwasslulek din l-ittra, u itlob għalija lil Dak li minnu ġejja kull għotja tajba, ħalli jegħja jżomm daqshekk 'il-bogħod lil din l-imsejkna skjava tiegħu, jagħmel li tintemm fin-nar safi ta' mħabbtu qaddisa u daqshekk biżżejjed.

Is-sieħba tagħkom fil-Qalb Qaddisa, Sr . Margherita.

**Ittra 121**

D.M.E.O.

14 ta' Settembru 1948

Lir-Rev. M. Dionisia,

Lilek nirrikkomandalek il-qawwa, il-paċenzja, eċċ. Fittex kollox mill-Imqaddes Tabernaklu, kollox jinsab hemm moħbi. Oh! Li kieku nista' nagħmel li jkun magħruf minn kulħadd u kullimkien, kemm inqis ruħi xxurtjata! Ta' lanqas nagħmlu li jkun magħruf u maħbub mill-ulied u mis-sorijiet għeżież tagħna!

Inħaddnek ma' Dak li b'qalbi kollha nixtieq inħobb bl-aktar mod perfett u safi.

L-imsejkna, Sr. Margherita

**Ittra 122**
D.M.E.O.
14 ta' Jannar 1940
Għażiża binti u neputija,
Nieħu gost li tinsab tajba u ħerqana li tkun ġeneruża fil-konsagrazzjoni tiegħek perpetwa lil Ġesù, il-Maħbub ta' dejjem tagħna.
X'tista' tixtieq aktar u eqdes mill-għaqda perfetta mal-Għarus Etern? Iva, għażiża tiegħi, bil-ħerqa tniehed u xxennaq għal dk il-jum ixxurtjat u tieqaf qatt li tgħodd ruħek bħala dik li ma jistħoqqilhiex xorti bħal din; imbagħad tiqafx milli titħejja bil-forzi tiegħek kollha, billi titlob lill-Verġni Mqaddsa li taqlagħlek mingħand Alla ħafna dispożizzjonijiet sbieħ; lil San Ġużepp, l-Għarus l-aktar safi tagħha; lil Missierna San Franġisk, eċċ. Imbagħad ħobb, ħobb u jkun biżżejjed. L-imħabba ma titħallasx jekk mhux b'imħabba oħra.
Il-Għarus tagħna ħabbna u ppreferiena minn bosta oħrajn, mela nħobbuh aktar minn kollox u minn kulħadd ... Imħabba Waħda, il-Kollox waħdani. Aħna, hekk ċkejknin ċkejknin għandna nintilfu f'dan il-Kollox ħalli ngħixu moħbijin u mxejnin, mhux aħna imma Hu jgħix fina. Ftehemna? Nittama li iva.
Ser inħallik, għażiża tiegħi, fil-Qalb Ewkaristika, fejn niltaqgħu ta' kull filgħodu.
L-imsejkna nanna, Sr. M. Margherita
**Ittra 123**
D.M.E.O.
[data probabbli: 1945]
Suor Rosaria, wisq għażiża neputija tiegħi fil-Qalb ta' Ġesù,
X'nista' ngħidlek, jekk mhux li ssaħħaħ l-intenzjoni tiegħek, jiġifieri li tħobb b'mod assolut u biss biss lill-Għarus, għajjru Ġesù?!! X'*Fiat!* Sabiħ u abbandun ħelu u sħiħ fil-kura Paterna tal-Providenza Divina Tiegħu!! ... U ma jindhirlekx binti l-aktar għażiża, ma jidhirlekx li Hu jtawwal idejh biex jilqgħek fit-tgħanniq tal-Qalb l-aktar ħelwa tiegħu?
Iva iva, għażiża tiegħi, mur ma' ġenb il-bieba ċkejkna tal-Ħabs tiegħu biex turi l-imħabba tal-qalb maqsuma tiegħek, mimlija tama Fih u minn hemm toħroġ żgur qalbiena, qawwija u fuq kollox ferħana għas-sagrifiċċju li tkun offrejt lill-Għarus Ġesù. F'din il-ħajja dawn il-laqgħat insibuhom spiss u kullimkien, iżda hemm fuq,

f'pajjiżna, nsibu l-kumpanija dejjiema tal-Kollox tagħna u tal-għeżież kollha tagħna.

Għalhekk kuraġġ, l-aktar għażiża tiegħi, ingħaqdu mal-ġdida Madre Dionisia li mhux inqas mit-twajba Madre Luisa; għinuha ħafna ħafna u kollha magħqudin issibu dak li għallmitkom bil-kelma u bl-eżempju l-mibkija Madre Luisa!!

Ftehemna? Fhimtni sew?! Nittama li iva. Iva intom mgħobbijin b'ħafna xogħol, nittama li jibagħtulkom l-għajnuna, u inti, għażiża tiegħi, bil-ħidma u bl-eżempju (kif għamilt dejjem) kun ta' għajnuna u ta' konfort għat-twajba Madre u għall-għeżież Konsorelli. Imbagħad tgħixu f'paċi perfetta u f'imħabba tal-aħwa; l-għaqda ġġib is-saħħa kif tgħallimtu bl-esperjenza.

Biżżejjed, għaliex diġà għajejt u ma rridx inħallik mingħajr kelma minn tiegħi, li forsi tkun l-aħħar waħda.

Inħossni tajba f'saħħti, eh! skont l-età tiegħi ta' 83 sena: x'jidhirlek? Issa li ninsab ħielsa minn kull piż. Inħossni tifla żgħira ... Oh! Kemm hu ħelu li toqgħod fl-aħħar post, qisni m'ilnix li dħalt mill-ġdid fil-Komunità; biss nixtieq li napprofitta miż-żmien li għad baqagħli biex inpatti dejjem aktar għal dak li tlift ... Eh! Il-fiduċja tiegħi hi biss fil-merti nfiniti tal-Għarus l-aktar ħelu tagħna, Ġesù u fit-talb tal-ulied twajba tiegħi, mhux veru??

Nispiċċa b'tgħanniqa fil-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija,

Kollha tagħkom, Sr. M. Margherita, In-nanna tiegħek

**Ittra 124**

D.M.E.O.

Casa Madre, 10 ta' Frar 1946

Għażiża binti f'Ġesù Sr Rosaria,

In-nanna tiegħek saret hekk xiħa, li issa tħattbet, la tisma' u lanqas tara, iżda għadha mimlija bl-amor propju. Oh! Ejjew immorru ħdejn il-wisq ħelu Maħbub tagħna!

Ħadt gost bix-xogħol qaddis li rħew f'idejk! Ifraħ fil-kumpanija tiegħu, itolbu li jagħmilna rmied, biex inkunu kollna tiegħu, u xejn tagħna nfusna, issa li qiegħda fl-aħħar siegħa ... għażiża tiegħi, inħobbu, inħobbu b'imħabba safja lil Dak li jħobbna!

Daqshekk, għax l-għajnejn jgħejjew. Ningħaqdu fil-Qalb Qaddisa u ngħixu bil-ħajja tiegħu, eċċ. Min iħobb jifhem!!...
M'hemmx għalfejn ngħidlek, fit-talb tiegħek ftakar fl-imsejkna xwejħa Margerita li tant tixtieq tħobbu, u għadha hekk nieqsa fil-virtujiet kollha! Ġesù tagħna jberikna lkoll kemm aħna. Ammen.
Żur l-i*Scala Santa* minflok l-imsejkna Sr. Margherita
**Ittra 125**
D.M.E.O.
Għażiża tiegħi Sr Rosaria f'Ġesù,
Kif inti? Tajba? Kif inti sejra ma' Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu? Toqgħod waħdek miegħu? Iżżiegħel biH bħala għarusa friska u żgħira? Fit-Tqarbina Mqaddsa, tgħidlu xejn bin-niket tiegħek, bil-ferħ tiegħek? Tiltaqa' miegħu fil-meditazzjoni? U fl-istudju żżommu xejn ma' ġenbek ħalli jdawlek? Jew iġġennbu u tħalli l-menti u l-qalb jintilfu fid-distrazzjoni?!
Qed nistħajlek li tgħidli: Madre, kemm ġejja b'domandi? Iva, għażiża tiegħi, għax il-qagħda tiegħek tinteressani ħafna ... Mhux għax niddubita mill-ħsieb li tieħu tiegħek il-Madre, iżda għax qatt m'hu biżżejjed ... qatt mhi żejda l-għassa fuq is-sensi tagħna u, imbagħad, dwarek inħoss ħaġa xi ftit kurjuża ... inħoss li inti għandek tkun qaddisa ċkejkna ċkejkna, għalhekk għandek toqgħod attenta li tikkorrispondi sew għall-ispirazzjonijiet ta' Ġesù. Ftehemna? ... Tifhimni?
Għażiża binti, it-twajjeb Ġesù tagħna jagħżel lil min irid. Hu s-Sid assolut tal-ħlejjaq tiegħu, iżda gwaj jekk dawn ma jkunux fidili fil-korrispondenza għall-pjani tiegħu ... Mela kuraġġ kbir, kun ġeneruża fit-twettiq fidil tad-doveri tiegħek, assidwa fil-ġabra. Tinkeddx għall-istudju, għax meta dan tagħmlu biex tobdi u għall-glorja ta' Alla, mhux biss li ma jagħmillekx ħsara, iżda jgħinek biex tagħraf aħjar lit-twajjeb Alla ... Hux veru? Attenta li ma titlef l-ebda okkażjoni li tersaq qrib il-ħelu Ġesù fil-Pissidi tiegħu. Hemm jinsab dejjem lest biex idawwalna, isabbarna u jgħinna.
Inħobbuh, għażiża tiegħi, iva nħobbuh, għax Hu ħabbna bla qjies, u aħna ma nistgħux inħobbuh jekk mhux ftit. Imma nersqu lejn il-Qlb Tiegħu stess, li jagħtihielna, bil-qalb kollha, u hekk inħobbuh bla tarf u daqshekk... Ftehemna? Nittama li iva. U billi l-imħabba tintwera bis-sagrifiċċji, dawn issibhom fil-mixja tal-ħajja, hux veru? Israqhom, ħalli tagħmilhom bukketti ta' fjuri u toffrihom lill-

Qalb Qaddisa, minflok ix-xewk li jinkurah kull ħin ... Biżżejjed għax naħseb li għandek x'tagħmel. Imma nħoss li mhux żmien mitluf, li taqra din il-kitba ...
Inħallik mela, għażiża tiegħi, fil-Qalb Qaddisa tal-ħelu Bambin, u nawguralek il-grazzji kollha li għandek bżonn biex tasal li tikkuntenta f'kollox lil din il-Qalb hekk twajba, hekk ħelwa, hekk ta' min iħobbha ... Niżgurak li jiena mill-miżerja tiegħi ma noqgħod qatt bla ma nitlob għalik lil Ġesù ħalli jżommok dejjem moħbija fil-Qalb Divina tiegħu, bħalma naħseb li tixtieq li tagħmel inti wkoll għall-imsejkna M. Margherita biex ġurnata niltaqgħu flimkien hemm fuq ħalli nkantaw l-Hosanna dejjiema. Hekk ikun.

**Ittra 126**

*Deus meus et omnia*

Xagħra – Dar Marija Bambina

11 ta' Jannar 1934

Wisq maħbuba Sr Geltrude,

L-ittra itegħek ferrħitni filwaqt li fakkritni fiż-żminijiet l-imgħoddija. Oh! Kif inbidlet id-Dar qaddisa tal-Adorazzjoni! F'dawn l-aħħar snin kellhom anke l-vjolin flimkien mal-armonju. Tiftakar kemm konna nkunu miġbura?!

Liema ferħ, liema paċi kellna meta konna neqsin minn ħafna ħwejjeġ u 'l-bogħod minn ħsejjes u storbju ... Konna qisna f'Betlem! Eh! Kollox jgħaddi! U aħna ngħaddu wkoll ... Għalhekk napprofittaw ruħna mill-okkaħjonijiet kollha biex nżżejnu bl-imqaddsa virtù; qabel kollox inbaxxu s-suppervja tagħna, li hi l-akbar għadu rieqed tagħna; imbagħad distakk sħiħ mill-ħwejjeġ kollha tal-art, l-aktar tal-frugħa, mhux biss fina iżda wkoll fil-ħwejjeġ u fil-persuni li jersqu lejna. Kif ngħidu fil-Vestizzjoni u fil-Professjoni: Id-dinja hija msallba għalina u aħna għad-dinja. Ifisser li d-dinja ma jkollha ebda qawwa fuqna.

U oqogħdu attenti li sakemm jiddependi minnkom tiskużaw xejn; anki fit-tfajliet ... ma jimpurtax li huma ma japprovawx, iżda intom tkunu għamiltu d-dover tagħkom bir-reqqa. Meta joħorġu jagħmlu dak li jogħġobhom, iżda meta jkunu mibnija sewwa fl-ispirtu, biż-żmien jirritornaw għas-serjetà ... Għalhekk ġegħluhom jagħmlu l-meditazzjoni tan-novissimi u dik fuq il-għan tal-ħajja tal-bniedem ... dawk il-meditazzjonijiet serji għandhom bilfors iħallu l-effetti tagħhom.

Inħaddankom fil-Qalb ta' Ġesù fejn nirrikkomanda lix-xwejħa, Sr. M. Margherita

**Ittra 127**
D.M.E.O.
Casa Madre, 24 ta’ Diċembru 1936
Għażiża binti fil-Qalb ta’ Ġesù, M. Geltrude,
<...> Għażiża tiegħi, illum hu lejlet il-Milied, u min jaf kemm ħejjejt affarijiet sbieħ. Min jaf kemm fjuretti qaddisa u sbieħ għamilt, u xejn anqas sħabek ... Bħalma darba għamilna fl-ewwel lejl tal-Milied Imqaddes li ċċelebrajna fil-bidu tad-Dar tal-Adorazzjoni. Tiftakar? X’kant sabiħ! X’purċissjoni twila! Imbagħad dak il-patri sejħilna xkejjer tal-faħam ... X’ferħ sinċier kien dak! ... X’gost qaddis! X’imħabba qaddisa xegħlet! Eh! Illum ma jonqsux it-tħejjijiet, iżda b’mod ieħor, skont iż-żmien.
Illum jiena ninsab marbuta fiċ-ċella bilkemm nista’ nitkaxkar lejn il-kor biex nitqarben. Iżda ninsab hienja ngawdi l-kumpanija ħelwa tal-wisq ħelu Ġesù għaliex ma nista’ nagħmel ebda xogħol. Dan iġegħelni nistinka biex napprofitta ruħi, għalkemm inħossni nieqsa minn bosta virtujiet ... nibki l-okkażjonijiet li kelli fl-imngħoddi meta ma approfittajtx ruħi, eċċ.. għalhekk nagħmel ħilti billi bil-ħerqa nitlobkom li tagħmlu kull sforz li tistgħu ħalli titqaddsu intom u tqaddsu lill-oħrajn ... Afdaw biss Fih, Miegħu uj Bih, bla ma tistrieħu la fuqkom infuskom u lanqas fuq xi ħlejqa oħra. Niżgurakom li jirnexxilkom bil-kbir ...
Nifraħ bil-għaqda u l-ftehim li tinsabu fih. Jalla tkomplu, anzi dejjem aktar u dejjem aħjar ... Tibżax lanqas li tkun ta’ tfixkil għall-oħrajn, ipprova li tkun iż-żgħira, l-aħħar waħda, u t-twajjeb Ġesù u l-Ħelwa Omm Tiegħu jaħsbu huma għall-bqija. X’aktar binti? Eh! Inħobbu flimkien lill-Uniku Kollox tagħna! ... Inħobbu lill-Maħbub l-aktar ħelu tagħna li għalina sar hekk ċkejken, mhux biss fil-ġisem ta’ bniedem, iżda aktar minn hekk f’Ostja żgira ... u jgħix realment dejjem magħna ... magħna ħlejjaq fqajra u bla siwi, jekk mhux ukoll ingrati (bħali).
Biżżejjed eh! Ejja nibqgħu flimkien ma’ Marija, inbennu lill-Bambin Imqaddes, filwaqt li hu jagħtina daqqiet t’għajn li jfieru lil qalbna u mbagħad? ... imbagħad ninħakmu minnu ... u mbagħad? Biżżejjed, għax min iħobb dan jifhmu.
Inġedded l-awguri tiegħi mimlijin b’imħabbiet qaddisa li jxejnu l-fdal tal-JIEN tagħna. Daqshekk.
L-imsejkna M. Margherita li tirrikkmanda ruħha fit-talb ta’ kulħadd.

**Ittra 128**

*Deus meus et omnia*

Ruma, 28 ta’ Jannar 1930

Għażiża binti f’Ġesù Ostja,

Sa fl-aħħar inti msallba mal-Għarus Imsallab! Sa fl-aħħar tinsab marbuta għal dejjem, u mhux għal ftit żmien. Ekku binti, il-Ħelu Maħbub tagħna diġà wriek f’dawn il-waqtiet il-kliem li tennejtlek, jiġifieri li jridek waħdek għalih biss!! Nifraħ għall-hena li ħassejt, kif ukoll għan-niket! Binti, ta’ din l-art jgħaddi kollox; kif gerrbu dawn is-snin ... u wara l-kuruna, il-ferħ ikun għal dejjem.

Kuraġġ qawwi, qawwi, fil-ħajja li bdejt (li kważi nsejħilha) ġdida. Dejjem ma’ Ġesù, dejjem għal Ġesù, u dejjem f’Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu li lilu ħlift imħabbtek. Tgħidlu qatt biżżejjed, imma dejjem kun ġeneruża biex tista’ tasal fil-post li ħejjielek il-Maħbub tiegħek. Tlabt fuq li tlabt għalik f’dawn il-jiem ħalli inti tagħraf tapprofitta ruħek minn dan il-waqt importanti, l-aktar meta kont nitla’ l-i*Scala Santa*, fejn Ġesù kien tant umiljat ... Isa, tenni sew bil-qalb il-*Fiat,* bla jekk u bla imma. Ftehemna?

Issa ntrabatt għal dejjem mal-Għarus, intrabatt mal-Kongregazzjoni tagħna, mal-Knisja Mqaddsa, jonqos il-korrispondenza tiegħek biex tkun tabilħaqq soru vera u qaddisa. Fittex dejjem il-kumpanija ta’ Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu. Minn hemm ixrob il-għajnuna, il-faraġ u d-dawl li għandek bżonn, u dejjem b’fiduċja sħiħa, ippersevera u intelaq kollok kemm inti fil-ħsieb tiegħu ta’ Missier. Tabilħaqq, ma nistax insib kliem ieħor ta’ ħeġġa, għax naf fiż-żgur li inti taf sew it-triq vera u qaddisa tal-perfezzjoni. Biss intennilek il-kliem tiegħi tas-soltu: jiġifieri, iċċekken, iċċekken f’kollox, u dejjem u ibqa’ ċerta li ssib kull paċi u ferħ f’din il-ħajja msejkna, u wara, fl-oħra, it-tgħanniqa għal dejjem tal-Maħbub Divin.

Nixtieq li kieku jkolli s-sodisfazzjon li nisma’ li t-twajba Swor Ġuditta tassew iġġib ruħha ta’ vera reliġjuża, kemm hi ġentili, kemm hi doċli, insomma kemm hi ċkejkna. Fhimtni? Nittama, anzi jiena ċerta minn dan, wara tant okkażjonijiet sbieħ u varji.

Nitolbu għal xulxin, għax inti issa qed tibda waqt li jiena ninsab fit-tmiem. Inħobbu flimkien l-Għarus Maħluf tagħna; inħobbuh waħdu waħdu u daqshekk. Waqt li tħobb, titgħallem tħobb iżjed. Mela kuraġġ qawwi qawwi, u nimxu dejjem 'il quddiem.

Ħadt gost b'dik is-santa sabiħa, u nittama li jkolli xi oħra u nibgħathielek.
Il-ħelu Għarus tagħna jberikna u flimkien ma' Ommu ningħaqdu ħalli nħobbuh.
Xi darba, nhar ta' Ħadd, mur agħmel nofs siegħa adorazzjoni ... u itlob għall-imsejkna Madre tiegħek li għandha tassew bżonn.
Sr. M. Margherita
**Ittra 129**
D.M.E.O.
9 ta' Ottubru 1936
Għażiża Swor Ġuditta,
Qrajt l-ittra tiegħek b'niket, iżda mill-banda l-oħra r-rassenjazzjoni tiegħek mar-Rieda ta' Alla farrġitni ... Iva, għażiża tiegħi, nemmen li din hi prova kbira għall-familja tiegħek kollha u iżjed għalik billi int tant sensibbli u taf tħobb. X'nista' ngħidlek, jekk mhux li nfakkrek fis-Salib Imqaddes li l-Għarus divin offrielek ħalli tissallab miegħu? Iva, binti, approfitta ruħek u tħarreġ f'dawk l-atti ġenerużi ta' telqa sħiħa f'idejn il-Providenza Divina, u fl-istess waqt roddlu ħajr għad-dispożizzjonijiet tajba li rajt fil-pazjent, li hi l-akbar grazzja għal mewta tajba ... Illum jew għada rridu nitilqu din l-art ... Hawn mhux pajjiżna. Hemm fuq nittamaw li nifirħu fil-għeżież tagħna kollha. Mela, kuraġġ qawwi qawwi, u ġġibx ruħek bħat-tfal, iżda ta' waħda kuraġġuża. Quddiem ommok uri kuraġġ ukoll, u sabbar lil kulħadd. Fhimtni?
Jiena nkun miegħek bit-talb fqajjar tiegħi u nħossni żgura li t-twajjeb Ġesù tagħna jkunlek ta' sabar u ta' għajnuna.
Filwaqt li nistenna xi aħbar oħra, inselli għall-familja kollha, u lilek, għażiża binti, tgħanniqa kbira fil-Qalb Qaddisa mill-Madre msejkna, Sr. M. Margherita.
**Ittra 130**
G!M!G!F!
Casa Madre, 14 ta' Ġunju 1891
Għażiża Binti f'Ġesù!
Jiena nifraħ miegħek u nitgħaxxaq fil-kuraġġ illi bih kont imżejna fil-Professjoni tiegħek, jew, biex ngħid aħjar, fil-Konsagrazzjoni sħiħa tiegħek kollok kemm inti

lill-Għarus Immakulat. Iva, binti maħbuba, ifraħ, iva kun kuntenta, serena għax l-Għarus illi inti għażilt ma jista' jeħodhulek ħadd iżjed. Issa imma, l-premura kollha tiegħek għandha tikkonsisti filli taħdem bil-ħeġġa għall-unur u l-glorja tiegħu, li tistudja l-gosti tiegħu u tippreferixxi mitt darba l-mewt milli nkella li tagħtih l-iċken dispjaċir. U kif le! Forsi tista' qatt ikollok gosti oħra ħlief dawk tal-Għarus Divin tiegħek?
Oh! Binti u oħti f'Ġesù, iva, iva, impenja ruħek bi ħrara kbira għall-għażiża Kongregazzjoni tagħna billi tieħu kura u ħsieb, kemm ikun lilek possibbli sew fix-xogħol u kemm fl-istudju, mat-tfal, mas-Sorelli, mas-Superjuri, insomma qis li tkun mill-iżjed ħabrieka sabiex tkun waħda mil-verġni għaqlin. Żomm ruħek dejjem bħala studenta, u istma lilek innifsek dejjem l-aħħar waħda kull fejn tkun, u fi kwalunkwe uffiċċju li jkollok. Ħu pjaċir u gost meta ssib xi okkażjonijiet illi fihom tkun tista' timmortifika l-amor propju tiegħek. Oqgħod attenta sabiex ma xxerridx l-ispirtu tiegħek; anzi iddistakka ruħek dejjem aktar mill-ħwejjeġ kollha maħluqa, u minnek innifsek u ingħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab illi miegħu għal dejjem tgħarrast u li int iġġib fuq sidrek; mhux le b'tiżjin, iżda b'tifkira tal-kruċifissjoni illi miegħek Huwa jistenna bir-raġun kollu. Iva, kuraġġ binti, maħbuba, kuraġġ iva, immutu għal min miet għalina fost tant pwieni u tbatija!!!
Li kien jirnexxili li nħalli ħajti fix-xogħol li nagħmel fil-Komunità għall-imħabba tal-Uniku Għarus tiegħi!! Kiemm kont immut kuntenta! Iva nispera illi għall-ħniena tiegħu jagħtini din il-grazzja! Jewwilla inti ma tridx taħdem fl-għalqa tad-dwieli tiegħu? Ma tridx tieħu ħsieb u kura tal-erwieħ tant maħbuba minnu? Nispera li dan huwa l-ikbar impenn illi bih tinsab imżejna l-qalb tiegħek b'sinjal ta' fedeltà li wrejt lill-Għarus tiegħek fil-Professjoni.
Hux tassew? Iva, iva, nittama li nkun nista' mbierek dak kollu li stajt nagħmel miegħek fil-miżerja tiegħi, u dak illi nittama f'Alla għad nista' nagħmillek, u jiena ċerta jekk tikkorrispondi fedelment u tippersevera fil-proponimenti tiegħek, int tkun ta' unur u ta' vantaġġ lill-familja li ndenjat ruħha taċċettak bħala bintha maħbuba.
Ma rridx indejqek bil-kliem tiegħi, imma jiena ma jimpurtani minn xejn iżjed, la minn għeja u lanqas minn bruda, imma kollox għall-glorja tal-uniku Namrat tiegħi. Iva, ħobbhuli, ħobbhuli u agħmel ukoll li jinħabba mill-oħrajn; kollox jistħoqqlu, kollox huwa ftit ħdejn dak li jixraqlu.
Li kont nista' nagħmel illi l-qlub kollha tal-bnedmin jinxtegħlu bl-imħabba għal dan il-Maħbub tagħna jew għallinqas jirnexxili li nagħraf illi l-qlub tas-Sorelli

tagħna huma kollha sinċerament u unikament mixgħulin bl-imħabba għalih. Iva, nixtieq illi jkun maħbub daqskemm jistħoqqlu. Imma kif nagħmel jekk il-qalb tiegħi hija biċċa silġ? U dak li huwa agħar illi forsi bl-eżempju tiegħi nkun ta' nuqqas lil sħabi ... Kemm jiddispjaċini meta niftakar dan, imma nittama fit-talb imħeġġeġ tagħkom ... U billi intom għadkom għarajjes ġodda, Hu joqgħod attent ħafna sabiex jikkuntentakom.

Itlob, immela, ħafna u ħafna għall-imsejkna Omm tagħkom sabiex ma tiġrilhiex id-disgrazzja illi tara lil sħabha jgħadduha fl-imħabba tal-Għarus tagħha.

Ħobbu, iva, binti, ħobbu, ħobbu, waħdu, waħdu għaliex għajjur wisq u għalhekk oqgħod attenta, għasses fuq il-qalb tiegħek u ara jekk hix marbuta ma' xi ħaġa li mhix Hu, għax jekk tagħtih xi dispjaċir, ma jirnexxilekx li terġa' tikkuntentah bilġri. Twettaq mela, f'dak li tajtu, qis li turih fil-prattika l-imħabba li għandek għalih.

Nerġa' ngħidlek, żomm ruħek dejjem bħala l-inqas waħda; qis li titgħallem tobdi sewwa jiġifieri mill-ewwel, b'għajnejk magħluqa u eżattament. Il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu l-mezzi biex ikabbru l-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda mal-Għarus tiegħek Imsallab; il-ħars tiegħek għandu jkun wisq meqjus u spiss imdawwar lejn Ġesù Msallab u l-qalb tiegħek għandha spiss tintrefa' lejn it-Tabernaklu, speċjalment f'xi dwejjaq jew tentazzjoni; għandek tfittex u tistenna l-mistrieħ tiegħek minnU biss.

Ftakar spiss ukoll illi l-Omm tal-Għarus tista' kollox b'risq l-għarajjes ta' Binha; la tinsiex ukoll lil San Ġużepp, li rabbihulek b'tant għożża u tbatija. U ftakar li San Franġisk, missier tiegħek, kien vera xbiha tiegħu fuq l-art. Meta nkunu persważi minn dan kollu ma narawhom xejn it-tbatijiet illi magħhom żgur niltaqgħu f'din l-imsejkna ħajja, li fl-aħħar tagħha nisimgħu mill-maħbub Ġesù: "Ejja għarusa tiegħi, ejja mit-tbatija għall-mistrieħ ta' dejjem biex nagħtik il-kuruna li inti mmeritajt b'tant xogħol u għaraq." Allura kemm nifirħu! Kemm inbierku t-tbatija kollha tagħna!! ...

Kuraġġ u itlob għall-imsejkna indenja qaddejja ta' Ġesù, Sr. M. Margherita del S. Cuore.

**Ittra 131**

D.M.E.O.

Casa Madre, 27 ta' Settembru 1936

Għażiża Sr Marta,
Kif inti? Kif qed tħossok fi klima ftit differenti? Nittama li tinsab tajba u kuntenta, ladarba għalina hu biżżejjed li nkunu ħdejn il-Maħbub Għarus tagħna u għalhekk, inkunu fejn inkunu nħossuna qegħdin f'darna, hux veru għażiża tiegħi?
Kuraġġ dejjem u dejjem aktar. It-twajjeb Ġesù tagħna jieħu ħsieb ta' kollox hu, meta aħna nersqu lejh bil-fiduċja!
Għalhekk għandek tħobbu. Tħobbu u tagħmel kollox għaliH, Miegħu u fiH!
Xi kultant iktibli xi żewġ versi, ħalli niftiehmu aħjar.
Issa li ser titlaqkom il-Madre, żgur li jiddispjaċikom, iżda offru kollox lil Ġesù, u ma' dik li ġejja ġdida għandu jkollkom l-istess imħabba ...
Kuraġġ, u naqdfu dejjem 'il quddiem, fil-Mulej,
L-imsejkna tiegħek Sr. M. Margherita
**Ittra 132**
Casa Madre, 9 ta' April 1937
Għażiża u maħbuba Sr M. Rebecca,
Hawn jien qed nifraħ miegħek għall-uffiċċju nobbli, sabiħ u delikat li l-Għarus kollu mħabba, Ġesù, għoġbu jerħi f'idejk. Binti, qabel kellek fi ħsiebek it-tfal esterni, imma issa għandek it-tfal orfni. Dan hu xogħol aktar nobbli, aktar delikat u aktar u aktar diffiċli! Għażiża tiegħi, agħraf ersaq aktar bil-qalb lejn it-twajjeb Ġesù, Missier twajjeb u lejn Marija, Ommi it-tfal orfni, lejn l-Anġli Kustodji tagħhom, ħalli jmexxuk huma fil-kura tagħhom li hi ferm iebsa u delikata.
Kun af li f'idejk għandek teżori wisq prezzjużi li swew il-valur tad-Demm ta' Bin l-Aktar Għoli. Minnek tiddependi l-fidwa ta' ruħhom, u minnek l-Imħallef Divin għad jitlob kont sħiħ. Lilek ukoll għad jagħti l-premju tas-sagrifiċċji li tkun għamilt biex tedukahom spiritwalment u materjalment. Ċerta li trid titħabat ħafna. Trid tinstinka. Trid titqabad bla ma taqta' qalbek, u jekk tafda f'Ġesù, jirnexxilek tqaddishom. Ta' sikwit, miġbura quddiem it-Tabernaklu, itolbu bil-qalb u offrilu lil dawn iċ-ċkejknin biex iqegħedhom taħt il-ħarsien tiegħu ta' Missier, filwaqt li inti min-naħa tiegħek, ressaq quddiemu l-isbaħ xewqat ta' mħabba, lejn dan Ġesù hekk ta' min iħobbu. Ħeġġiġhom ħalli jagħmlu xi fjuretti żgħar, u meta jkollok l-iċken okkażjoni agħraf bil-ħlewwa kollha turihom kif iħobbuH ...

F'dawn il-qlub taċ-ċkejknin hi faċli l-imħabba sensibbli. Żgur li m'hemmx għalfejn ngħidlek, li m'għandekx tħalli lil min ibushom u jmellishom iżżejjed, minkejja li għadhom żgħar, anzi, għaliex huma żgħar għandhom ikunu mħarsin sew, waqt li tħobbhom fil-Mulej, m'għandekx tfissidhom (bħalma jagħmlu xi ommijiet). Iva, għażiża tiegħi, hawn tinsab l-akbar diffikultà: filli tħobbhom b'imħabba spiritwali u qatt bil-grazzja. U billi l-għira tal-Għarus tagħna hi bla qjies ... ara tħalli qatt li n-natura tirbħek ... u tħalli lil ħadd jimxi magħhom b'dan il-mod. Aħfirli, għażiża binti, imma l-esperjenza tiegħi hi akbar minn dik tiegħek. Għalhekk, agħti widen għal dan li qed ngħidlek, u aċċettah b'fiduċja u żgur ma jisgħobbikx ... Jiena ċerta li xi wħud mit-tfal huma tabilħaqq ħelwin u intelliġenti. Għalhekk trid tagħmel sforz kbir fuqek innifsek biex ma turihomx il-ġibdiet tiegħek! Eh! Hawn tinsab il-virtù! Hawn qiegħed is-sagrifiċċju li aħna għamilna għall-Għarus tagħna, u dan ma ninsewh qatt u qatt, għax filwaqt li aħna nkunu qed nisirqu lit-twajjeb Ġesù tagħna, żgur li lanqas ma jkun ta' vantaġġ għat-tfal ... Fuq dan l-attenzjoni li nagħmlu mhi qatt biżżejjed, oqgħod żgura.
Imbagħad, oqgħod attenta, għażiża tiegħi, li ma tqanqalx fihom il-frugħa, li hi naturali fil-mara. Ara li jkunu lebsin sewwa, iżda mhux ilellxu (per eżempju, dawk iż-żewġt iċfuf daqsiex ta' Franceschina, li jidhru fir-ritratt, hemm bżonnhom?). Oqgħod attenta, b'għajnejk miftuħin beraħ. Għaliex m'hemmx għalfejn wieħed iperreċ il-frugħa li minn dejjem kienet fid-dinja, u l-aktar f'dawn iż-żminijiet ... Aħna mbagħad, għandna nkunu l-għedewwa tal-frugħa. Mhux biss għalina nfusna, iżda wkoll f'dawk li jiddependu minna. Iftaħ għajnejk ukoll, għażiża tiegħi, mill-preferenzi, għax mill-ewwel tidħol il-għejra ... u t-telfien tal-paċi, eċċ
Oh! Għażiża tiegħi, f'din l-ittra ridt inqegħedlek il-qalb fqajra tiegħi, filwaqt li nfakkrek f'dawn il-ħwejjeġ. Jiena żgura imma li l-madre li għandek hi mill-aħjar għax jiena nafha sew; turik dak li għandu jsir, eċċ. Inti min-naħa tiegħek, għandek tkun tassew doċli għal dak li tgħidlek, u fuq kollox qis li kif diġà għedlek, tersaq lejn it-twajjeb Ġesù u l-Imqaddsa Marija, ix-Xebba bla Tebgħa.
Forsi dejjaqtek b'din il-kitba ... iżda tabilħaqq dan kollu ħassejtu quddiem Ġesù Sagramentat u aktar ukoll, iżda ma nażżardax ngħidlek kollox ... Intennilek, għażiża tiegħi, aħfirli u itlob dejjem għalija lil Ġesù tweajjeb, twajjeb, flimkien ma' dawn it-tfal tajba li nixtieq narahom kollha qaddisin flimkien miegħek. Kun żgura li dan qed ngħidulek għax nixtieqlek tassew l-akbar ġid.
It-twajjeb Ġesù jberikna u jżommna magħqudin fil-Qalb Qaddisa tiegħu.
Tiegħek, l-imsejkna Sr. M. Margherita

**Ittra 133**
D.M.E.O.
[data probabbli: Ir-Rebbiegħa 1940]
Għażiża M. Paola,
Inroddlok ħajr li għadek tiftakar fija, imsejkna li jiena. Nitolbok li tissokta titlob għalija, għar-ruħ imsejkna tiegħi, u jiena mill-faqar tiegħi nwiegħdek li nagħmel miegħek l-istess ... Inħobbu 'l-Għarus Imsallab tagħna u nifirħu li jgħoddna b'għarajjes tiegħu, jiġifieri meta Hu jgħabbina bis-slaleb tiegħu. Ftehemna?
Għall-grazzja tat-Twajjeb Ġesù ninsab tajba f'saħħti. M'iniex aktar ix-Xagħra, imma l-Casa Madre. Nixtieq li napprofitta ruħi ħafna minn bosta okkażjonijiet sbieħ ta' sottomissjoni, eċċ li jingħatawli mit-Tjieba Divina.
Nixtieq li nkun naf ħafna kif tinsab Sr Blandina, li bil-wisq nixtieq li kieku naraha, iżda *Fiat!* Intant, inħobbu dejjem aktar lil Ġesù li hu ferm ta' min iħobbu, u lilu biss biss nafdaw l-eżistenza msejkna tagħna.
Filwaqt li nitolbok tiftakar fir-ruħ imsejkna tiegħi, nitlob lit-Twajjeb Ġesù tagħna li jberikna lkoll u jtemmna bin-nar ta' mħabbtu, kif dejjem tixtieq l-imsejkna
M. Margherita
**Ittra 134**
D.M.E.O.
20 ta' Ottubru 1946
Għażiża M. Filippa,
Inroddlok ħajr tat-talb li tagħmel għalija, eċċ. għandi bżonn ħafna!
Inti wkoll tgħid li għandek bżonn, iżda neħtieġu l-kuraġġ għax dan Missierna, hu Missier l-aktar ħelu u ta' ħniena bla tarf li jaħfer il-miżerja kollha tagħna u jgħinna biex inġorru kull toqol li bih jgħabbina. Ftehemna? Nittama li iva. Għalhekk kuraġġ u nimxu 'l quddiem b'imħabba u mhux bil-biża'. Inħobbu b'imħabba safja l-Imħabba Infinita, u biżżejjed.
Inselli għalikom u nberikkom ilkoll kemm intom, sorijiet u maħbubin uliedi, waħda waħda, f'Ġesù, li fil-Qalb Ewkaristika tiegħu rrid li lkoll tkunu magħluqin. Kunu tabilħaqq ċkejknin ċkejknin, ħalli tkunu tistgħu tibqgħu hemm!

Fl-istess ħin nitlobkom li titolbu għalija, l-imsejkna M. Margherita li mill-ġdid troddilkom ħajr, eċċ.
U inti, M. Filippa, kun qawwija qawwija u ħares 'il quddiem. Ġesù jberikna.

**Ittra 135**

D.M.E.O.

22 ta' Ottubru 1946

Għażiża M. Cornelia,

Inroddlok ħajr tat-talb li ferm neħtieġ.

Ħadt gost li lkoll tinsabu kuntenti u bi kwietkom, xorti li tmiss lill-ulied tajba ta' San Franġisk. Terġa', imbagħad, id-Dar tagħkom hi tal-Qalb ta' Ġesù, għalhekk bil-għaqda u l-fedeltà tagħkom tpattu għal tant offiżi li Hu jirċievi minn uliedu.

Nirrikkmandalkom ilkoll, waħda waħda, u l-aktar lil Sr. M. Adelaide (li għaddejna żmien twil flimkien) u lil kollha kemm intom, li tħobbu dejjem b'imħabba l-aktar safja lil Ġesù, l-Għarus tagħna li jinsab Priġunier għall-imħabba tagħna. Inħobbuh, inħobbuh u nħabirku li jkun maħbub minn kulħadd u fuq kollox. Ftehemna? Nittama li iva.

It-twajjeb Ġesù tagħna, iberikna lkoll u jżommna magħqudin u msakkrin fil-Qalb Qaddisa tiegħu, kif dejjem titlob u tixtieq lil uliedha kollha,

l-imsejkna Madre Margherita.

**Ittra 136**

D.M.E.O.

Hamrun – Dar ta' San Ġużepp

8 ta' Settembru 1951

Għażiża M. Martina,

Kun af li jiena qiegħda San Ġużepp għand Madre Minima. Ili diġà minn ħmistax-il jum ... in-neputi Dun Nerik naħseb li diġà wasal flimkien ma' missieru ... Inħossni xi ftit aħjar issa; nista' nieħu n-nifs b'aktar libertà. Tkun magħmula dejjem ir-rieda mqaddsa Tiegħu.

Kif intom? Nittama li tajbin, eh! Inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba, għax mhix magħrufa! Ningħaqdu lkoll fil-Qalb l-aktar Qaddisa tiegħu, biex inħobbuh bl-istess nar ta' mħabbtu.
Inselli għas-sorijiet kollha li nixtieq inħaddanhom ilkoll waħda waħda, fil-Qalb ta' Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu tagħna! Itolbu ħafna għalija, imsejkna midinba, u jiena niżgurakom li mill-miżerja tiegħi nitlob għalikom kull waqt lill-Priġunier tal-imħabba. Kuntenti hekk? Mela nħobbuh flimkien hawn b'fidi ħajja u hemm fuq wiċċ imb'wiċċ.
It-Twajjeb Ġesù jberikkom ilkoll, bħalma titlob l-imsejkna
Sr. M. Margherita
**Ittra 137**
D.M.E.O.
Għażiża Madre Amata,
Hawn jien miegħek, issa li qrajt l-ittra tiegħek li tatni l-għażiża Madre Vigarja. Iva, għażiża tiegħi, fraħt li inti kuntenta u tista' tagħmel il-ġid lil dawn l-ulied tat-twajjeb Alla.
Kompli x-xogħol tiegħek taħt il-kura Paterna tas-Sid twajjeb, moħbi fil-ħabs tiegħu, wisq għażiż għalina u mill-Paternità tiegħu ikollna dak kollu li jkollna bżonn.
Nifraħ li għandek Direttur, agħmel sakemm tista' dak li jgħidlek u hekk huwa jkun kuntent ukoll.
Nifraħ li lkoll intom kuntenti... ħobbu, ħobbu l-Imħabba u agħmlu kollox kollox għall-imħabba, bl-imħabba u fl-imħabba: u meta taraw dawk il-muntanji sbieħ u xmajjar, ftakru f'dak li jaf jagħmel bosta ħwejjeġ sbieħ u fil-ferħ li hemm jistenniena hemm fuq f'pajjiżna??? U nħobbuh!!!
Din hi t-tifkira tal-fqajra Madre Margerita li tirrikkomanda ruħha bil-qalb fit-talb tagħkom, kif tagħmel hi għal kulħadd.

**Ittra 138**

G!M!G!F!

Casa Madre, 16 ta’ April 1892

Oħti u binti l-aktar għażiża f’Ġesù,

ħelu, ħelu, l-aktar ħelu!

Qrajt fl-ittra tiegħek li għadek marida fis-sodda. Kemm hu għażiż in-nifs li nieħdu fuq l-għuda tas-Salib flimkien mal-Maħbub waħdieni ta’ qalbna! Kemm hu għażiż li toqgħod waħdek mal-Maħbub, tixxennaq bl-imħabba.

Forsi mhux minnu, maħbuba tiegħi, li xi minn daqqiet tħoss il-preżenza Tiegħu? Tħoss li jħobbna, li jridna kollna kemm aħna tiegħu? Li jridna ninsew lilna nfusna u kull ħaġa maħluqa biex ngħixu waħidna miegħu, għaliH u fiH? Tabilħaqq inħossu spiss dan id-djalogu intern, anzi aktar u aktar sensibbli eh! Kif qatt, għażiża tiegħi, kif qatt nistgħu ma nċedux għal dawn l-istediniet? Kif ma ndubux għal kollox f’dak l-ilma hekk setgħani? Kif nistgħu ma nwarrbux kull ħsieb, pretensjoni, ambizzjoni, ix-xewqat tagħna, eċċ. Għandna nkunu nafru li l-imħabba safja trid, bl-akbar qawwa, li tagħmel tagħha, b’mod assolut, il-qlub tagħna biex hemm tkun tista’ taħdem bil-libertà u l-qawwa kollha. U billi aħna nafu tajjeb li hemm qiegħed il-veru ġid tagħna, u li biex ruħna tkun tabilħaqq sodisfatta fix-xewqat tagħha, jeħtieġ li tixxejjen fir-Rieda Divina, allura ma nħallux li nintemmu nixxejnu għal kollox? O telfa mbierka ... O tixjin hieni ... li fuqu tinbena s-saltna tal-imħabba safja. U jekk dan nemmnuh, ma jkunx għalina wkoll ta’ ferħ kbir l-iċken salib li jingħatalna?

Għalhekk bil-ferħ ibqa’ fis-sodda jew fuq il-pultruna u meta tkun tista’ ersaq fejn il-Priġunier Maħbub. Ah! Imbagħad ferra qalbek kollha kollha u biżżejjed, biżżejjed... għax meta dik li tħobb tkun fil-preżenza tal-Maħbub, lilU biss ikun magħruf dak li tħoss ...

Kuntenta issa, maħbuba tiegħi? Hienja? Tħobbu xejn lil Ġesù? Tħobbu ħafna? Tħobb lilu biss? Tħobbu biżżejjed? Iva, iva nħobbuh għax Hu waħdu jistħoqqlu jkun maħbub ... il-bqija mhux ħlief frugħa tal-frugħat... Oh! Kemm hu sabiħ li tħobb l-Imħabba! O„a għaliex, għaliex mhux kulħadd, kulħadd iħobbu? Eh! Għax mhux magħruf. Nitolbu għażiża tiegħi, ħalli jkun magħruf kullimkien, u minn kulħadd, u mbagħad żgur li jkun maħbub.

Ser inħallik, u ngħaqqdek mal-Qalb Qaddisa, u fil-jiem kollha nibqgħu magħqudin biex flimkien inħobbu lill-Għarus maħbub tagħna, kif nixtieq li jagħmlu wkoll is-Sorijiet l-aktar maħbubin tagħna.

Iva, iva inħobbuh, u ma nħallux li jkun hemm min jgħaddina fl-imħabba jew fis-safa tal-imħabba.

Ser nieqaf, għax ma nispiċċa qatt, u ma tantx għandi saħħa: negħja malajr.

Inħaddnek miegħi, flimkien mas-Sorijiet għeżież tagħna l-oħra, u l-aktar mal-Primarja, li nfittixha fil-Maħbub, filwaqt li nirrikkmandalkom l-aktar midinba mdejna,

Suor Miżerja.

**Ittra 139**

G!M!G!F!

Casa Madre, 28 ta' Mejju 1895

Għażiża binti f'Ġesù,

Fl-aħħar irrid naqtagħlek xewqtek. Iżda tkun af binti, li la l-qalb, la l-moħħ u lanqas il-pinna ma jsitgħu jissuġġerixxu ħaġa oħra għajr l-imħabba, imħabba ... Għalhekk, maħbuba tiegħi, ngħidlek u ntennilek: ħobb l-imħabba, ħobb l-imħabba biex issir imħabba, biex tintilef fl-imħabba. Ah! Allura l-għanja bla waqfien li ttenni qalbek tkun din: "Inħobbu l-Imħabba, inħobbu l-Imħabba", "Ejjew, ejjew erwieħ, ħalli tħobbu l-Imħabba."

Fi ftit kliem dan hu kollox! Kuntenta? Nittama li iva. Anzi rrid nemmen li qalbek qiegħda tħabbat u twieġeb għal dan il-kliem. Iva, inħobbu 'l-Maħbub tagħna, nissagrifikaw kollox, ruħna u ġisimna biex inkunu nar ta' mħabba safja u perfetta. Iva, binti, ingħata kollok kemm inti għall-imħabba vera ta' Dak li ħliftlu mħabbti u niżgurrak li ma jsibhiex bi tqila li jitgħarrsek bħala l-magħżula tiegħu. Kuraġġ, għalhekk u qawwi qalbek, dejjem ferħana u magħquda Miegħu, ħobbu, rossu miegħek, u tgħaxxaq biH, ladarba Hu hekk tajjeb u ta' min iħobbu.

Il-Maħbub tagħna, binti, ma jixtieq xejn aktar mill-maħbubin tiegħu, ħlief imħabba ġeneruża, kostanti u safja; għalhekk iftaħ għajnejk għal imħabba bħal din, u Hu jkun kuntent ħafna, anzi jimliek bil-grazzji tiegħu, u jagħmel li inti taqsam fil-ħlewwiet tiegħu ...

Xi trid aktar minni, fqajra u msejkna? Ah! Ngħannqek miegħi u nħallik fil-Qalb Qaddisa, filwaqt li nirrikkmanda fit-talb tiegħek u fi mħabbtek, lill-midinba ndenja, Sr. M. Margherita

**Ittra 140**

G!M!G!F!

Casa Madre, 6 ta' Mejju 1907

Għażiża binti f'Ġesù Kristu!

Il-Ħelu Ġesù ikun f'ruħek!

Hawn jien miegħek, mhux biex ngħidlek xi ħaġa ġdida, iżda affarijiet l-aktar antiki u qodma; għalkemm għal min irid ikun fidil u mogħti lill-Qalb Qaddisa, dawn jidhru dejjem ġodda!

Mela, għażiża tiegħi, in-nar li jtemm il-vittma, irid ikun dak l-istess nar li kkonsma lill-Vittma per eċċellenza, għax permezz tiegħu biss tkun tingħoġob l-offerta tagħha. Għalhekk għandek għax tkun aktar minn ċerta li t-tbatijiet, in-niket u l-umiljazzjonijiet ikunu l-ilma li jaħsel u jsaffi lir-ruħ vittma, biex imbagħad din titkebbes b'imħabba safja u Divina, li tagħmilha ħaġa waħda ma' Dak li jista' kollox!

U fejn jista' jinsab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi li jtemm kull nuqqas, jekk mhux fit-Tabernaklu? U meta jista' jkollna pussess tiegħu, jekk mhux meta jkun f'qalbna? Il-Ħelu u l-uniku maħbub ta' qalbna, Ġesù, kif ma jaħkimx u ma jtemmx lir-ruħ tagħna, meta jkun hekk qribna u magħqud magħna? Iva, iva, nagħtuh is-setgħat kollha ta' ruħna! ... l-ansjetajiet kollha tagħna, immutu bħal ħamiem, milqutin mill-Kaċċatur Divin. Kemm tkun sabiħa ħajja ta' din ix-xorta! Ħajja u mewt f'ħin wieħed. Ħajja fiH u mewt għalina nfusna. X'qagħda hienja hi din ... ħajja hienja ... mhux jiena li ngħix imma Kristu li jgħix fija ... hekk tista' tgħid bir-raġun kollu ruħ ta' din ix-xorta!

Iżda meta, maħbuba tiegħi, meta ser inkunu nistgħu ntennu dan il-kliem? Bil-mod, bil-mod u bil-mod ... B'dana kollu mhux impossibbli. Għal min irid, kollox isir ħafif.

Mela kuraġġ u fiduċja kbira fil-Qalb Qaddisa. Ħerqa mħeġġa u perseveranza bla waqfien.

Iva, iva, akkost tas-sagrifiċċji kollha hu meħtieġ li noffru ruħna bħala vittmi lill-Qalb Qaddisa ... O ruħ għażiża tiegħi, tħallinix nilmenta mis-sagrifiċċji magħmula għalik ... biss bi tbatija nistenna li narak mitmuma u ssagrifikata bħala vittma. Ħabrek, aħdem u ħobb lill-komunità għażiża tagħna. Fis-sagrifiċċji safjin issib il-paċi vera ... ħobb u ifhem.
Ser inħallik hawn, maħbuba tiegħi. Nibqgħu magħqudin jekk mhux bħala bint u omm, bħala żewġ aħwa magħqudin fl-imħabba safja ta' Dak li hu Kollox!
Filwaqt li nbierkek b'qalbi kollha għall-aħħar darba fil-Qalb Qaddisa, nitolbok bl-akbar ħrara biex tħobb, tħobb, b'imħabba safja lil Ġesù tagħna u titolbu bl-akbar ħeġġa għal din il-midinba indenja, Sr Miżerja

**Ittra 141**

G!M!G!F!
Casa Madre, 14 ta' Novembru 1920
Għażiża binti fi Kristu!
Ekku xogħol ieħor li Ġesù, il-Ħalu Maħbub tagħna qed jibgħatek biex tagħmel! Ser jerħi f'idejk liċ-ċkejknin tiegħu biex teħodlu ħsiebhom u tnissel fil-qalb żgħira tagħhom iż-żerriegħa mqaddsa tal-grazzja divina, tal-imħabba vera lejn Alla tagħna li Hu ta' min iħobbu! Agħmel il-ħila u imxi 'l quddiem, it-twajjeb Ġesù tagħna mhux ser jintrebaħ fil-ġenerożità Tiegħu. Hu jgħinek fil-waqtiet u l-ħtiġijiet kollha li jkollok bżonn. Inħobbu l-Imħabba, tfisser insofru għall-Imħabba. Jiġifieri nkunu dejjem hienja u lesti ħalli meta jkun il-waqt, ngħakksu l-amor propju tagħna, biex inkunu nistgħu noffru lill-Imħabba ħatab tajjeb biex ikun ikkunsmat, eċċ ...
Għalhekk, binti, issagrifika ruħek minn ħutek, minn ommok u missierek, u mur fejn l-ubbidjenza qiegħda ssejjaħlek. Hemm ukoll ser issib Madre twajba u Sorijiet għeżież u twajbin, missier ħabrieki, fuq kollox iżda ser issib lill-Maħbub l-aktar ħelu tagħna Priġunier, li jfarrġek, jgħinek dejjem dejjem, kull meta tersaq lejH. Inħobbuh flimkien, u nibqgħu magħqudin f'dik il-Qalb Qaddisa, fejn wieħed jitgħaxxaq bi ħlewwiet li ma jintemmux. Intlob għall-imsejkna Sr. M Margherita

**Ittra 142**

G!M!G!F!

Casa Madre, 26 ta' Marzu 1921

Maħbuba binti f'Ġesù,

Għandek għax tkun kuntenta b'dak li ħejjietlek il-Providenza Divina! Tenni dejjem l-imqaddes *Fiat* bla ma tgħeja qatt u qatt; bħalma mmeditajna f'Ġesù Msallab, il-Għarus waħdieni u l-aktar ħelu tagħna! Arah issa rebbieħ għal dejjem! It-tbatija għaddiet u jinsab rebbieħ u hieni fl-eternità.

Intant, kif inhuma sejrin is-sorijiet studenti? Jaqblu xejn bejniethom? Kif inhuma f'saħħithom? Aċċettaw is-sitwazzjoni? Immeditaw tajjeb xi tfisser ubbidjenza? Ubbidjenza sal-mewt u mewt fuq Salib? Fehmu illi meta taħdem għall-glorja ta' Alla, it-tbatija ma tkunx diffiċli?! U dan ngħidu għal kulħadd ... <...>

Xtaqtni ngħidlek ħwejjeġ oħra, imma l-bieb ma jehdiex iħabbat. Nispiċa għalhekk billi ngħidlek li jeħtieġ inħobbu kif aħna maħbubin, sa kemm nistgħu.

Tgħallimna xi tfisser kull xorta ta' tbatija mill-Maħbub l-aktar ħelu tagħna; u issa qed ingawdu mill-qawmien glorjuż tiegħu, wara l-umiljazzjonijiet u l-mewt tiegħu fuq is-Salib ... Biżżejjed li tħares lejn l-Imsallab biex titgħallem l-għerf tal-Qaddisin.

Filwaqt li nħaddankom miegħi waħda waħda, fil-Kustat Imqaddes, nitlobkom li tiftakru fl-imsejkna, Sr. M. Margherita

**Ittra 143**

G!M!G!F!

Regalbuto, 5 ta' Mejju 1922

Għażiża binti f'Ġesù,

Jeħtiġilna li issa nirrassenjaw ruħna għal kulma trid minna l-Providenza divina. Intemmu dejjem l-imqaddes *Fiat.* Dan nagħmluh, iżda, bil-kuraġġ kollu u bil-ferħ, u mhux bid-dmugħ u t-tnehid. Fhimtni? MA nafdawx fina nfusna u fiduċja bla qjies fit-tjubija divina, u daqshekk! Fhimtni? Iżda jeħtieġ li nitqabdu man-natura tagħna u max-xitan, li bil-pariri tiegħu ma jagħmilx ħaġ'oħra għajr inissel nuqqas ta' fiduċja u taqtigħ il-qalb, eċċ. Għalhekk, agħmel kuraġġ u tkunx qisek xi tifla żgħira. Ġib ruħek ta' għarusa ħabrieka, billi tintelaq kollok kemm int f'dan il-Għarus ħelu u jkunlek biżżejjed. Ma rridx nisma' aktar bid-dmugħ tiegħek,

jiġifieri, ma rridekx tibki aktar fuq dawn l-affarijiet, imma ibki aktar minħabba n-nuqqasijiet lejn il-ħelu Ġesù. U fil-moħbi bla ma jkun qatt li tidher imnikkta jew bla kuraġġ. Jekk tħoss ruħek hekk, mur malajr ħdejn it-twajjeb Ġesù, Priġunier ta' mħabba, u minn ħdejh toħroġ mimlija kuraġġ u qawwa; dan iżda jseħħ, skont id-dispożizzjoni u l-korrispondenza tiegħek. Kun għalhekk ġeneruża, billi tintelaq f'idejh, u żomm sħiħa l-fiduċja u ibqa' żgura li jingħatalek dak kollu li jkollox bżonn. Ipprova u tara.

Agħmel ta' spiss ukoll kuraġġ lis-sorijiet ħalli jissagrifikaw ruħhom għall-ġid tal-erwieħ bit-talb, bis-sagrifiċċji, u wkoll b'xi kelma, iżda fuq kollox bl-eżempju tajjeb ... Lill-aspiranti għallimhom jifhmu sew is-sagrifiċċji li ġġorr magħha l-ħajja reliġjuża; fuq kollox iċ-ċaħda tagħna nfusna, it-twarrib tad-dinja u ta' kulħadd, eċċ. <...>

Nhar il-Ħadd ser ikollna l-Professjoni ta' Suor M. Arcangela. Kont nieħu gost li kieku int kont hawn. Iżda *Fiat*. Intant nittama li nhar it-Tnejn li ġejjin nitlaq għal Catania u x'aktarx għal Malta; iżda għadni m'iniex żgura. Dwar it-talb lanqas m'għandek għax tiddubita, għax jiena ma nista' nagħmel xejn għajr linxejjen lili nnifsi quddiem Alla u nitolbu għal kollox u għal kulħadd biex hekk Hu jogħġbu jbierek l-isforzi dgħajfin tagħna, eċċ. Intom ukoll itolbu ħafna għalija: hekk ilkoll nibqgħu magħqudin fil-Qalb tat-twajjeb Ġesù tagħna billi nħobbuh u naqduh bil-ġenerożità ħalli jaħbina fil-Qalb Qaddisa tiegħu, kif dejjem tixtieq l-imsejkna

Sr. M. Margherita

**Ittra 144**

G!M!G!F!

Korfù, 1 ta' Awwissu 1922

Għażiża binti f'Ġesù Kristu,

Hawn jiena, għadni f'Korfù u qiegħda nistenna li jiġu l-patrijiet tagħna biex jaraw jekk jistgħux joqogħdu hawn jew le. Għalhekk ser inwieġbek kif nista'.

It-taqtigħ ta' qalb tiegħek nikkitni, għax ma nixtieq qatt li dan jidħol fil-qalb ta' xi għarusa tat-twajjeb Ġesù. Aħna rridu nagħmlu kull ma nistgħu, biex mbagħad bla biża' nħallu kollox f'idejn il-Providenza Divina. Għalhekk, kuraġġ qawwi qawwi billi ma tagħtix kas ta' dak li jgħidu dwarkom, kemm jekk tkunu tafuh kemm jekk le. Agħmlu kulma tistgħu bil-fiduċja. <...>

Ekku, għalhekk, binti, kemm għandna nimpenjaw ruħna biex nitgħallmu, u nagħmlu wkoll li ħaddieħor jitgħallem – għax meta jasal il-waqt inkunu nafu kemm jiswa l-istudju u s-sagrifiċċji li jsiru biex wieħed jitgħallem u ...
X'naqbad ngħidilkom aktar? Sabar u kuraġġ, u fuq kollox umiltà, għax min jiċċekken jitgħolla u min jitgħolla jiċċekken, u hekk 'l quddiem.
Intant, inħobbu lill-ħelu Maħbub tagħna li jħobbna bla qjies, u nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd, kulħadd u wara nħallu li jagħmel minna dak li jogħġob lilU. Nirrikkmanda lill-għeżież sorijiet li jagħmlu kuraġġ ilkoll u jistinkaw f'dak kollu li jeħtieġu fix-xogħol tagħhom, għax il-Mulej żgur li jagħtihulhom. Imma jeħtieġ li jafdaw fiH ħafna ħafna ... Fhimtni? Aktar minn hekk ma nistax ngħidlek. Kemm huma sbieħ u ħelwin is-sagrifiċċji li noffru lill-Għarus ħelu tagħna! Kemm hu sewwa li tista' tgħid: "Jiena ħabbejt 'il-Għarus tiegħi bis-sagrifiċċju li hu stess ipprovdieli ... jiġifieri li Hu nnifsu ġabli ... li tani Hu ... Ikun imbierek l-isem qaddis tiegħu." Oh! X'paċi ġġarrab ir-ruħ meta tkun rassenjata u tintelaq fil-ħarsien tal-Providenza Mbierka. Isaw 'l quddiem u kuraġġ qawwi qawwi. Mela aħna m'aħniex għarajjes tas-Sultan tas-sema? Għaliex niddubitaw? Għaliex ma nafdawx fil-għajnuna paterna tiegħu? Oh! Kemm aħna ingrati!
Bit-tama li lkoll, ilkoll magħqudin, inħobbu lill-Maħbub ħelu tagħna, nagħlaq billi nitolbu l-Barka qaddisa tiegħu, u tgħanniqa mill-imsejkna,
Sr. M. Margherita del S. Cuore

**Ittra 145**

G!M!G!F!
Regalbuto, 9 ta' Ottubru 1922
Għażiża binti f'Ġesù,
Sa fl-aħħar tħossok konvinta mill-miżerja tiegħek. B'danakollu mhux biex taqta' qalbek, iżda biex tiċċekken, u biex tafda aktar u aktar fit-tjubija tal-ħelu Ġesù tagħna li hu ta' min iħobbu. Jien inħossni kuntenta għax meta nagħrfu d-difetti tagħna nkunu nistgħu nirrimedjaw; iżda meta wieħed ma jipperswadix ruħu bid-dgħufija tiegħu, ma jasal qatt biex jirrimedja. Għalhekk inti wkoll, għażiża binti, għandek għax tifraħ li għaraft li inti supperva; iva għandek tassew amor propju fin ħafna li jipperswadik dwar l-ideat tiegħek, iżda la tonqsok ir-rieda tajba, u lanqas xi dispożizzjonijiet tajbin. Għalhekk irrikkmanda lilek innifsek bil-ħeġġa u spiss lill-wisq qaddisa Qalb Ewkaristika li tgħinek u tneħħi minn qalbek kull

sentiment propju u minflok tnissel fik sentimenti ta’ umiltà, ta’ tmaqdir, u tbaxxi lilek innifsek, f’kelma waħda tagħraf aktar il-verità, ix-xejn veru tagħna u l-kollox tal-Mulej ...
Aktar ma nintebħu kemm m’aħniex maqtugħin għat-tajjeb, aktar insiru kapaċi bil-għajnuna tiegħu divina. Għalhekk m’għandna qatt ninsew il-kelma ta’ Missierna San Pawl: “Kollox nista’ bil-għajnuna divina u minn rajja ma nista’ xejn.” Imbagħad fittex dejjem li ddur għall-għajnuna, u għall-ħarsien tal-grazzja. Iva, għażiża tiegħi, induru spiss lejn it-twajjeb Ġesù, u fiH nixħtu u nħallu l-ħarsien tagħna. Ukoll meta nħossuh 'il-bogħod 'il-bogħod, ma jkun ġara xejn. Aħna nissoktaw noqogħdu dejjem f’riġlejh, bħallikieku qed inħossuh, eċċ. Fhimtni?
Għallem spiss lit-tfal u lill-orfni, ħalli minn dan it-tagħlim jagħmlu wkoll kuraġġ l-għalliema tagħhom. Iva, mhux li kien, li naħdmu bis-sħiħ f’dan il-qasam sabiħ li mar jafdalna f’idejna l-Għarus l-aktar maħbub tagħna!!
Lis-sorijiet, imbagħad għinhom jiggustaw l-ħlewwa taċ-ċaħdiet, ħalli b’hekk jixbħu lill-ħelu Ġesù, li ċċaħħad saħansitra minn dak li kien meħtieġ għall-ħajja. Fittex dejjem li tħares b’mod spiritwali imqar lejn l-iċken okkażjonijiet. Iva, irridu nħarsu dejjem dejjem 'il fuq, 'il fuq, u mhux 'l isfel. Oh! Kemm għandu jkun ta’ stmerrija għalina li nitkellmu dwar, jew li nħarsu lejn l-affarijiet tal-ġisem ... imma rridu nagħmlu wkoll użu minnhom! M’għandniex xi ngħidu ... imma mhux meħtieġ daqstant li wieħed joqgħod jaħseb ħafna dwarhom. Irridu nispiritwalizzaw kemm nistgħu dak li hu materjali u naturali fih innifsu, eċċ.
Insomma min iħobb tabilħaqq lit-twajjeb Ġesù tagħna għandu jħoss ruħu hieni li jaħseb u jirreferi kollox għaliH, eċċ.
Għalissa daqshekk, għax ma nafx meta ser inkun nista’ niktiblek fit-tul. Il-ħelu għarus tagħna Ġesù jogħġbu jaħbina fil-Qalb Qaddisa tiegħu, kif tixtieq l-imsejkna, Sr. M. Margherita

**Ittra 146**

7 ta’ Jannar 1930
Għażiża binti f’Ġesù Kristu,
Tħallix li jiddispjaċik li qed niktiblek fuq l-istess foja ta’ binti l-għażiża li kienet hawn ħdejja ... Mela xi trid tkun taf? Eh, binti, ir-rakomandazzjonijiet tiegħi huma

dejjem l-istess. Kun ċkejkna, iċċekken; ħalli l-ħelu Ġesù jaħdem fik kif jogħġbu. Oqgħod attenta li ma ttellifx l-azzjoni tiegħu, imma li timxi magħha ġenerożament u fedelment, bla imma u bla jekk. Ftehemna? Mela fi ftit kliem nawguralek il-grazzji kollha meħtieġa ħalli tkun għarusa vera u fidila tat-twajjeb Ġesù, għal tliet darbiet Qaddis.
Ġesù jkun f'qalbek, Ġesù jkun f'moħħok, Ġesù jkun dejjem u kullimkien is-sieħeb fidil u ta' dejjem tiegħek! U meta jkollok miegħek sieħeb bħal dan, min jista' jagħmillek ħsara? Iva, iva, għażiża binti. Kun qawwija biex teqred in-natura, ħalli tgħajjex fik l-Imħabba safja, qaddisa u perfetta ta' Alla.
Inħaddnek fil-Qalb Qaddisa, u żommni ħdejk waqt din il-ħidma.
Kollni tiegħek f'Ġesù, Sr. M. Margherita
**Ittra 147**
*Deus meus et omnia*
Casal Caccia – Dar Marija Bambina
3 ta' Diċembru 1931
Għażiża u maħbuba binti f'Ġesù Kristu,
Inħossni mnikkta li ma qdejtekx għal kollox fl-aħħar laqgħa tagħna! Għażiża tiegħi, oqgħod aktar kalma, aktar miġbura u żgur li ssib il-paċi wkoll fl-aktar waqtiet iebsa. Ismagħni binti, mur sa ħdejn il-Priġunier tagħna, u rrakkontalu n-niket tiegħek kollu, it-taqtigħ ta' qalb, id-dubji, iżda bil-kalma u bla ma taħseb li qed taħli ż-żmien; anzi tirbaħ iż-żmien, il-paċi, il-kalma u l-enerġija biex jirnexxilek tikseb suċċess.
Jeħtieġ li s-Superjura tmur spiss u spiss ħdejn Missier id-dawl, ħdejn id-Direttur għaref, ħdejn is-Sid tal-qlub kollha. Jekk ma tmurx ħdejh ikun impossibbli li tmexxi lilek innifsek, u wisq anqas lill-oħrajn. Forsi tgħidli: Kif jista' jkun li nlaħħaq ma' tant xogħol? Eh! Oqgħod żgura, għażiża tiegħi, li ma tonqsokx l-għajnuna meħtieġa u mbagħadx issib ukoll il-ħin, eċċ. Ipprova, imma bil-kalma u b'fiduċja bla qies f'Ġesù l-aktar maħbub tagħna, u bla ma tafda fik innifsek u tara x'taf tagħmel it-tjubija tal-Mulej.
Kun af, għażiża tiegħi, li ta' din id-dinja kollox jgħaddi; ħaġa waħda biss hi neċessarja: li nsalvaw l-erwieħ, anzi bħala reliġjużi li nqaddsuhom. Il-bqija kollox sekondarju. Għalhekk nitolbu bla ma naqtgħu, ħalli ma nonqsu qatt mid-dmirijiet tagħna, anzi nfittxu li nieħdu ħsieb ukoll dawk li afdawlna fil-ħarsien

matern tagħna. Nagħmlu li huma wkoll fuq l-eżempju tagħna jkunu eżatti, miġburin u devoti u fuq kollox umli u jobdu bl-imħabba imma qatt bil-biża'. L-aktar f'dawn il-jiem, ejja nagħmlu gara biex naraw min minna ser ikun l-aktar umli, l-aktar pronta u doċli biex tiċħad il-jien tagħha, l-akbar għadu tar-ruħ tagħna!

Inħarsu 'l fuq u nilmħu 'l Alla, li jinżel mill-ħdan tal-Missier divin tiegħu ta' dejjem u jiġi biex jieħu s-sura fqajra tagħna l-bnedmin u jgħix bħal wieħed mill-iżjed fqar ... u mbagħad ... imbagħad ikkalunjat u kkundannat għall-mewt, u għall-mewt tas-salib bejn żewġ ħallelin, bħallikieku kien l-agħar wieħed fosthom!!!

Oh! Fidi qaddisa!!! Kemm ħwejjeġ tgħallem lil dawk li jimmeditaw bl-imħabba!!!

Għażiża binti, dejjem irrikmandajtlek il-fiduċja u t-telqa qaddisa, iżda issa aktar minn qatt qabel inħeġġek għaliha u nitolbok li tagħmel hekk f'dawn il-waqtiet ibsin li bħala Superjura żgur li tiltaqa' magħhom.

Nixtieqlek il-grazzji kollha tat-twajjeb Ġesù tagħna meħtieġa biex issir qaddisa kbira, billi bis-sabar iġġorr is-slaleb kollha li l-Għarus jogħġbu jgħabbi fuq spallejk. Jogħġbok dan?!

B'tgħanniqa fil-Qalb l-aktar Qaddisa, inħallik billi nitolbok tiftakar fit-talb tiegħek fl-imsejkna, iżda Madre fidila,

Sr. M. Margherita. It-twajjeb Ġesù tagħna jberikna.

**Ittra 148**

G!M!G!F!

27 ta' Marzu 1938

Binti ta' qalbi,

Jekk wieħed iħares bil-għajnejn ta' din id-dinja, inti jkollok raġun tgerger dwar is-skiet twil u sfiq tiegħi.

Donnu li qalbi qed tgħix f'indifferenza ffriżata, li lanqas ma tiftakar f'dak kollu li inti għamilt miegħi b'ħerqa attenta u b'imħabba akbar minn filjali. Iżda żgur li dan mhux minnu, għażiża binti. It-tifkira tiegħek hija marbuta ma' qalbi, u ma titħassarx sakemm inkunu fi ħdan il-Missier Etern, fejn nittama li toktor skont id-daqs taċ-ċaħda. Inti taf, għażiża binti, li l-għaqda divina ssir aktar intima aktar ma r-ruħ tikber fiċ-ċaħda. Għalhekk, għażiża binti, f'dan kollu nara li Alla ħalla li jiġri hekk bis-skiet twil tiegħi. Ġesù waħdu hu li sawwar dil-mogħdija dejqa li minnha

jgħaddu r-ruħ u l-qalb tiegħek ħalli Hu jsaffihom mill-imħabba żejda li kabbart u ggustajt meta ġejt miegħi Ruma. Huwa jridek kollok kemm inti tiegħu, u qabel ma jagħmlek tiegħu għal kollox, irid li l-ispirtu tiegħek jgħaddi mill-prova ta' tisfija intima u ntensa, daqskemm ħajja u intima kienet l-imħabba li kabbart fik. Oqgħod żgura li fid-dinja ħadd ma jaħti għas-skiet tiegħi, ħlief dan il-Proprjetarju Divin! Jien għandi ħafna x'nagħmel veru għax barra l-Uffiċċju tiegħi, għandi wkoll dak tas-sieħba mbikkija Madre Rosalia. Dan jagħtini ħafna x'nagħmel u, biex inlaħħaq ma' kollox, xi minn daqqiet ikolli ngħaddi xi sagħtejn naħdem bil-lejl. Iżda lanqas mhu għalhekk li ma nsibx żmien ħalli niktiblek żewġ versi. X'jistgħu jiswewli? Propju xejn! Ukoll waqt il-ħafna ġiri minn hawn għal hemm, u li bil-wisq ikiddni, naf insib nofs siegħa, bejn jum u ieħor, biex naqtagħlek xewqtek. Iżda emminni binti, li l-pinna bħal donnha tmut fuq il-karta kull darba, hekk li nsibni li ma nistax nkompli. Min jemmnu dan? Alla waħdu, għax Hu l-awtur ta' dan. Taf li fl-ewwel jum tas-sena bdejt biex niktiblek u sallum għad ma rnexxilix intemm l-ittra? Għalhekk tgergirx iżjed ħalli r-rieda divina taħdem fuqna hi, kif jogħġob l-aktar Lilu. Eh! Għażiża binti, kemm hu ħelu u sewwa li tħalli kollox u tintelaq f'idejH biss: l-unika ħaġa meħtieġa għalina hi li nintelqu fiH biss.
Irridu nitqaddsu taf, binti, u mhux diffiċli, jekk nagħrfu ninsew lilna nfusna u nogħġbu lit-twajjeb Alla f'kull ħin. Ninħallu mill-JIEN u noħolqu vojt fina, ħalli Ġesù jista' jsaltan fina bil-libertà. Inħalluh jagħmel Hu, u nħobbuh f'dawn il-waqtiet iebsa, u xi drabi diffiċli; indawru l-ħarsa tagħna attenta lejn id-dawl tar-rieda divina minn fejn nieħdu d-dawl u l-qawwa għaż-żmien ta' issa. Inżommu l-ispirtu tagħna fil-paċi u fil-kalma mqar waqt id-dlam ċappa li din il-ħajja ta' għaqda ġġib magħha. Irridu nitilgħu żgur din il-għolja tal-mirra u nixorbu mill-kalċi tiegħu, biex naslu għal għaqda aktar perfetta! Aktar ma d-demm jiġri ħafif mill-qalb, minħabba s-sagrifiċċji u ċ-ċaħdiet, aktar il-kalċi jimtela malajr. Inti taf li aħna vittmi u appostli tal-erwieħ, u qabel ma l-kalċi jkun mimli u mfawwar, l-erwieħ ma jistgħux japproffittaw mis-sagrifiċċji u t-talb tagħna. Għalhekk kemm għandna nkunu ġenerużi ħalli l-kalċi tagħna jimtela u l-imsejkna erwieħ midinba jgawdu minn dak li jfur?
Kuraġġ u naħdmu bil-qalb, l-ewwel fid-dinja tagħna spiritwali, jiġifieri billi ninsew lilna nfusna u ninħbew għall-ħolqien, nitbaxxew dejjem aktar u aktar fil-fond tax-xejn tagħna, billi nimxu t-triq tas-sempliċità, tal-abbandun, u tat-tfulija spiritwali. Ningħataw Lilu bla riżerva. Ftehemna, għażiża binti?

Dwar saħħti, inħossni aħjar iva, f'ħajjet Alla imma mfejqa le. Bħalissa ninsab fis-sodda bl-istess attakki li kelli fil-25 ta' Jannar, nhar il-Festa ta' San Pawl. Illum

qomt għall-Quddiesa, u ninsab ftit aħjar. Jiena kuntenta ħafna li qed insofri. Li kieku taf, binti, dan il-magħsar sabiħ ta' sofferenzi intimi fiżiċi u morali, li minnu Alla kull ħin jgħaddini ħalli jsaffini! Iżda jiena tant għatxana li nsofri li dan inqisu ftit wisq biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi. It-tbatija tiswa ftit, ħalli nsalva 'l-erwieħ u imbagħad jien għandi ħafna xi npatti! Hawn, fis-solitudini u għad-dawl tax-xemx divina, ir-realtà tal-ħajja l-imgħoddija tidher ċara. X'differenza binti, minn dak li kont naħseb qabel! Nafda biss fil-maħfra u fit-tjubija u l-ħniena bla qjies ta' Alla li ġie fostna u li sofra ħafna biex isalva lill-midneb. Daqshekk.
L-aħbarijiet tad-Dar ta' Ruma huma aktarx tajbin. Jiena tajba u naqdef 'l quddiem taħt l-id paterna. Fiduċja bla tarf fiH biss. Kuraġġ dejjem. Ġesù jkun miegħek. Itlob lil Ġesù għalija, għax għandi bżonn ħafna. Sellili għas-sorijiet waħda waħda dawk l-ulied twajbin għażiez, li ma ninsiehom qatt fit-talb tiegħi. U lilek inħaddnek miegħi fil-Qalb l-aktar safja ta' Ġesù.
Dejjem tiegħek f'Ġesù Kristu,
l-imsejkna Madre.
Awguri paskwali għax ma nafx jekk jirnexxilix niktiblek għall-Għid. Isir li jrid Hu, Hu jmexxina sewwa.
**Ittra 149**
D.M.E.O.
Casal Caccia – Dar Marija Bambina
20 ta' Diċembru 1939
Għażiża binti fil-Qalb ta' Ġesù,
Ħadt gost li rċevejt l-ittra tiegħek fejn għedtli li inti tinsab tajba. Irroddu ħajr lil Ġesù ta' dak kollu li għoġbu jħejji għalina.
Iva, niftakar fid-diskors ta' Marsalforn ... u kemm jaf il-ħelu Għarus tagħna jaħdem biex ifittex jeżerċitana bil-fatti ħalli jissoda d-dispożizzjonijiet tajbin tagħna. .. Inħalluh jaħdem fina bla ma nxekklu l-opra tiegħu. Tabilħaqq, il-JIEN tagħna jsofri u jilmenta, iżda bil-għajnuna divina nirbħu. Kuraġġ, għażiża tiegħi, u naqdfu 'l quddiem bla ma noqogħdu ninkwetaw dwar il-ħafna tħassib li jista' jdawwar ħarsitna mill-abbandun sħiħ. Ftehemna?

Nifraħ miegħek, li inti tinsab tajba u kuntenta u rroddlok ħajr talli ridtni naqsam dan miegħek, għax xtaqt li nkun naf. Kollox jgħaddi ... Kollox hu faċli għall-imħabba tal-Maħbub Imsallab tagħna ...
Waqt li nħarsu lejH, kollox jiġina ħelu ... U Ġesù Bambin ma ġiex milqugħ ... mar għall-kenn ta' Għar miftuħ ... Ir-riflessjonijiet li nistgħu nagħmlu dwar dan għandhom iħammrulna wiċċna mid-dgħufija tagħna. Inħobbu, inħobbu u daqshekk. Ma nistgħux insiru qaddisin mingħajr ma numiljaw ruħna, għaldaqstant għandna nfittxu li nsiru ċkejknin, ċkejknin bħall-Bambin ta' Betlem, ħdejn il-benniena tiegħu, u ħdejn dik Ommu Immakulata, li qieset ruħha bħala l-aktar ħlejqa mistmerra. Inħallik, għażiża tiegħi, ħdejn dawn il-Mudelli, u ser nieqaf, għax għajnejja nħosshom imdallma sew. *Fiat!*
Nawguralek dik il-qdusija kollha li t-Twajjeb Ġesù ħejjielek f'kull triq li jgħaddik minnha ... Fhimtni?
Itlob ħafna għall-imsejkna xwejħa li tant tixtieqek tkun qaddisa, eċċ.
L-imqaddes Bambin ikebbisna b'dak in-nar li ġabilna f'din id-dinja ingrata.
L-imsejkna Sr. M. Margherita
P.S. Nawgura l-barkiet kollha smewwija minn Ġesù Bambin, li jistgħu iqaddsukom, Superjuri u Sorijiet, ilkoll, ilkoll, ilkoll, billi tagħrfu tkunu ċkejknin, ċkejknin, ċkejknin, ċkejknin. Fhimtuni?
**Ittra 150**
D.M.E.O.
Casa Madre, 22 ta' Ottubru 1945
Għażiża binti fil-Qalb ta' Ġesù,
Għall-ħniena ta' Alla, dak li minnu tiġi kull għotja tajba, għadni nista' nħaddem il-pinna!
Mhemmx għalfejn tirringrazzjani, u tgħidli biex ma ninfeniex bl-għeja, għax waqt li kont qiegħda nħejji biex niktiblek, għajnejja mtlew bid-dmugħ, għalhekk ma jdumx ma jkolli nieqaf ...
Mela, ħadt gost bl-aħbarijiet sbieħ li tajtni, l-aktar b'dawk tal-ispirtu ta; sagrifiċċju li bih intom ilkoll mimlijin, tal-għaqda fostkom, eċċ. Jalla Ġesù, l-

Għarus komuni tagħna, ikebbiskom dejjem aktar ħalli taslu żgur għal dik l-għaqda mixtieqa minnkom u minnU!
Għall-għaqda tagħna fil-Qalb Qaddisa, mhux meħtieġ li niltaqgħu personalment, biżżejjed ħsieb qasir, tnehida f'din il-qalb niftiehmu mill-ewwel. Biex niltaqgħu noffru dan is-sagrifi11ju u nafdaw kollox fil-ħarsien tal-Providenza tiegħu. Ftehemna?
Skużani għal din il-karta, li ħsibtha moħlija. Qed tara fiex ġejt, imsejkna u xwejħa li jiena.
Ngħidlek, inħobbu b'imħabba safja u perfettament lil Kollox tagħna! Inħabirku li jkun maħbub kullimkien u minn kulħadd, eċċ.
Inħaddankom miegħi waħda waħda, u nitolbu bil-qalb li fina titwettaq ir-Rieda Mqaddsa tal-Maħbub tagħna Ġesù, bħalma tixtieq l-aktar fqira u msejkna
Sr. M. Margherita
Ġesù jkun fil-qlub tagħna, ħalli nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd. *Nar divin, aħraq il-qlub kollha tal-bnedmin! Fhimtha?*
**Ittra 151**
D.M.E.O.
Casa Madre, 14 ta' April 1946
Għażiża binti fil-Qalb ta' Ġesù,
Jiena xiħa fiż-żmien u ċkejkna fil-virtù. Emminni, għażiża tiegħi ... Le, ma nsejtekx, anzi sikwit niftakar f'dak il-patt ta' bejnietna li għandna nkunu dejjem magħqudin fil-Qalb Qaddisa tal-Maħbub tagħna, Ġesù ...
Staqsejtni kif qed nintemm bin-nar ta' din l-imħabba ħelwa. Inwieġbek, għażiża tiegħi, li nħossni mfawra bl-amor propju, emminni. Iżda ma rridx niskandalizzak, għax wisq nittama li fl-aħħar it-Twajjeb Ġesù tagħna jagħtini l-grazzja li nintemm għal kollox; eh! eh!, imbagħad jaħbini f'xi mkien sigriet (nistħi ngħid) tal-Qalb Qaddisa ... Issa li m'għandi xejn x'nagħmel għandu jsibni ħielsa. Jalla l-imħabba tal-ġenn tal-Maħbub Divin toħroġna għal kollox minna nfusna, u hekk mitlufin fiH, ngħixu mhux aħna, iżda Hu waħdu, waħdu.
Agħmel kull ma tista' għażiża tiegħi, biex tagħmel id-dar kollha forn ta' mħabba divina u kun ċerta li s-sorijiet kollha li jiffurmaw dan il-forn, jitkebbsu f'dak il-forn

tat-Tabernaklu. Dak il-Pissidi Ewkaristiku jgħajjat b'leħen maħnuq: erwieħ, erwieħ, imħabba, imħabba! O, kif jgħejjina, maħruqin minn fjammi tant kbar ta' nar bla tarf? Fhimtni? Ftehemna? Iva, timmedita u temmen, temmen u titkebbes ... Inħallik fost dawn il-fjammi, flimkien ma' sħabek filwaqt li nixtieqlek il-bqija tan-nar ta' mħabba li hu bla tmiem.
Filwaqt li ngħannaqkom waħda, waħda, nitlobkom li titolbu għalija, l-aktar ċkejkna, Sr. M. Margherita
.

**Ittra 152**

D.M.E.O.

Dar tal-Karità, 10 ta' Jannar 1947

Għażiża binti fil-Qalb ta' Ġesù,

Nifraħ magħkom tal-progress li sar. Ikun kollox ta' ġieħ lil Ġesù Kristu, Sultan, l-uniku Kollox tagħna! Ħadt gost li kattartu x-xogħol, u b'hekk kotor ukoll il-ġid b'riżq l-erwieħ li swew id-Demm għażiż tal-Feddej ħelu tagħna! Ifirħu dejjem intom ukoll fl-istess Feddej; aktar minn hekk, ikbru fl-imħabba safja u fil-fiduċja sħiħa fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina. Qiegħdu għal kollox il-fiduċja tagħkom fil-Maħbub Priġunier u bil-kuraġġ kollu imxu 'l quddiem. Oqogħdu attenti mill-indħil ta' dak il-famuż Jien uman li kapaċi jħassar kollox ... Ommna Marija Immakulata ma tonqosx li tgħinkom f'dak li teħtieġu, eċċ.

Għażiża tiegħi, nibqgħu magħqudin fil-qalb Qaddisa, wkoll meta l-imsejkna Madre Margerita tkun ħelset minn dan il-ħabs (u min jaf fejn issib ruħha); insomma nkunu fejn irid il-Għarus Divin!

Għalhekk biżżejjed, għax xjeħt f'kollox. *Fiat* dejjem! Inroddlok ħajr ta' kollox, iżda l-aktar ta' dak il-Bambin mgħotti b'dak il-liżar! Hekk ħelu! Li kull darba li nħares lejH jiġbidni ħalli nbusu.

Inħobbuh, u nħabirku lijkun maħbub kullimkien u minn kulħadd, tal-qrib u tal-bogħod, dejjem aktar, dejjem aktar.

Filwaqt li nħaddnek flimkien mal-Bambin Imqaddes, nibqgħu hekk ċkejknin, ċkejknin, ċkejknin bħalu, eċċ.

L-imsejkna midinba, Sr. Margherita

**Ittra 153**
D.M.E.O.
12 ta' Settembru 1948
Għażiża binti fil-Qalb ta' Ġesù,
Hawn jien biex infakkrek fl-intimità tagħna fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù! Veru? Inħossuna flimkien f'dik il-ħofra intima ta' Dak li hu l-Kollox tagħna! Inti fix-xogħol, fil-ħeġġa għall-glorja tiegħu u għall-erwieħ biex dawn ikunu kollha tiegħu u jkunu lkoll ħaġa waħda fil-karità ta' bejniethom u magħqudin mal-Qalb Qaddisa tal-Maħbub komuni tagħna u l-imsejkna Sr Miżerja fl-iżolament moħbi, eċċ, eċċ. Ftehemna? Oh! Kemm tħobb b'ħajja daqshekk moħbija u mxejna. Ma tifhimx .. Tifhem biss hemm fuq.
Nieħu gost li għandek x'tagħmel ħafna; iżda ara twarrab ħsiebek minn hemm fuq, hemm fuq, dik il-Ħofra moħbija!! Attenta, eh! Qalb waħda, imħabba waħda u daqshekk. Ġesù, Marija, l-Għarus u Ommu, Missier u Spirtu Santu!! U biżżejjed! Biżżejjed!
L-imsejkna Sr. Margherita
**Ittra 154**
*Deus meus et omnia*
Għażiża Madre,
Qabel xejn, nitolbok maħfra ta' kemm-il darba wrejtek ir-rieda tiegħi li mmur Malta, eċċ. Jiddispjaċini tassew. Rajt safejn jaslu l-miżerji tiegħi. Aħfirli Madre, aħfirli. Nitolbok li tgħidli meta għandi mmur u ma' min ... u jekk nitlaqx direttament minn hawn, jew niġix hemm.
Tliet sorijiet huma biżżejjed biex joqogħdu hawn, għax nittama li jiġi l-bennej biex jibni l-iskola. Għadni ma nafx fi żgur, imma rrid nagħmel kull ma nista'.
Nittama li inti, Madre tinsab tajba kif nawguralek b'qalbi kollha.
Berikni u itlob għalija lit-twajjeb Ġesù,
L-imsejkna bintek, Sr. M. Margherita

**Ittra 155**

G!M!G!F!

*Deus meus et omnia*

Għażiża u maħbuba binti f'Ġesù Ostja,

Nieħu gost ħafna li inti qiegħda kuntenta u ferħana fid-Dar tal-Belt Imqaddsa. Iva, għandek raġun, u mbagħad fli żmien ta' ferħ bħal dan; mhux biss, imma wkoll għall-paċi u l-għaqda li tirrenja hemm. Issokta għasses u ħabrek biex tasal għal dik l-għaqda intima mal-Għarus l-aktar ħelu tal-Verġni.

Iva, iva għażiża binti, ma jdumx ma jasal għalik ukoll dak il-jum tant mixtieq mill-qalb sinċiera tiegħek. Mela ... allura ingħata u kkonsagra lilek innifsek kollok kemm inti, bla ma terġa' lura u għal dejjem lil Dak li minnu tiġi kull għotja tajba, li għażlek minn eluf u eluf t'oħrajn ħalli tkun l-għarusa ta' Ibnu l-Waħdieni. X'xorti din! X'xorti tajba! L-imħabba titħallas bl-imħabba ... għalhekk binti l-għażiża, inti għandek twieġeb b'imħabba ġeneruża u safja għal din l-imħabba hekk kbira ... Kollok kemm int issagrifikata għall-imħabba! Kollok kemm int mitlufa u mxejna fl-imħabba safja, ħajtek għandha tkun moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla ... Ftehemna?

Hekk għandha tkun it-tweġiba fidila tiegħek għal tant grazzji li l-Imħabba Infinita għamlet miegħek!

Ma jistoqqlokx tabilħaqq, għażiża binti, imma min hu infinit ma jħarisx lejn il-ftit tal-ħlejjaq tiegħu; l-imħabba biss, tisraqlu Qalbu u tinsa l-kobor u l-maestà tiegħu. Għalhekk ċekken lilek innifsek fix-xejn tiegħek, kif ukoll minħabba l-ingratitudni tiegħek tal-imgħoddi, u b'fiduċja fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù l-aktar ħelu, inxteħet fil-persważjoni intima tiegħek li tiġi milqugħa f'dak l-Oċejan ta' Tjubija fejn tifraħ u tithenna bix-xorti li messitek u mbagħad, imbagħad ... iskot ma' kulħadd biex fis-skiet titkellem mal-Kollox tiegħek. Inħalli l-bqija kollu għalik ...

Nieqaf miegħek minn hawn fl-ispirtu u flimkien noffru lilna nfusna lil Imħabba kollha ħniena biex niksbu ħniena għad-dinja ingrata kollha.

L-imsejkna Madre tiegħek fil-Qalb ta' Ġesù

Sr. M. Margherita

**Ittra 156**
G!M!G!F!
Binti maħbuba u l-aktar għażiża fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, dejjem ta' min iħobbu. X'ser naqbad ngħidlek dwar li qatt ma nħossni f'posti? Iva, għażiża tiegħi, ħsiebi hu hemm fuq u l-ħafna preokkupazzjonijiet, il-ħafna tixrid ta' moħħ u d-distrazzjonijiet huma ħwejjeġ li qegħdin iċaħħduni mill-mistrieħ fi ħdan il-Maħbub tiegħi li tant nixxennaq għalih. B'danakollu, jiena hienja, rassenjata u sikwit intenni l-wisq għażiż *Fiat*. Anzi nixtieq li nissagrifika ruħi kollni kemm jien bħala vittma f'ġieħ Dak li tant iħobbna. Iva, iva maħbuba tiegħi, l-ispirtu hu mħejji, għalkemm in-natura tirreżisti. Intix kuntenta maħbuba binti? Temminni? F'saħħti nħossni mhux ħażin żejjed. Niekol u norqod mhux ħażin, grazzi għall-Maħbub tagħna, eċċ. Eċċ.
It-tbatija ta' Sr. M. Teresa timpressjonani, imma *Fiat*. Kuntent hekk? Oqgħod żgura li ktibtlek is-sewwa kollu. Mela, inħobbu, flimkien lil Ġesù, il-Maħbub tagħna u nħobbuh b'imħabba safja u mhux b'xi taħlita ta' amor propju. Iva, nagħmlu kulma nistgħu ħalli npattu għax-xewqat ta' Ġesù li jrid jarana lkoll tiegħu, għarajjes imsallbin miegħu, priġunieri miegħu fiċ-ċella Ewkaristika tiegħu.
Oh! Intiru, intiru 'l fuq, 'il fuq ħalli nsibu lil Dak li jħobbna u li qed jistenniena ħalli jfawwarna bil-kariżmi tiegħu, bil-ħlewwiet tiegħu, eċċ.
Daqshekk, daqshekk għax inkella ntawwal iżżejjed u l-ħin lanqas ma jippermetti. Il-matutin daqq, immorru ħalli nfaħħruh mal-Anġli u mas-Serafini.
Filwaqt li nħaddnek b'imħabba fil-Qalb Qaddisa, inbierkek u nitolbok li tiftakar fit-talb tiegħek fl-imsejkna
Sr. Miseria
**Ittra 157**
G!M!G!F!
Casa Madre, 6 ta' Settembru 1918
Rev.du Padre,
Fi ftit kliem irrid ngħarrfek, li grazzi lill-Maħbub l-aktar ħelu tagħna, Ġesù, l-irtir irnexxa ħafna din id-darba wkoll.

Il-Predikatur uriena s-sustanza vera tal-qdusija, eċċ. Is-skiet u l-ġabra kienu jinħassu kullimkien, minkejja li b'kollox konna 73 ... X'kuruna sabiħa ta' verġni, għarajjes tas-Sultan tas-Sema! Nittamaw li joħroġ ħafna profitt issa li lkoll kemm aħna ninsabu mimlijin b'tant fervur imħeġġeġ. Inħobbu immela lil Ġesù tagħna l-aktar ħelu li jagħtina l-grazzji li nagħmlu li jkun magħruf minn ħafna u ħafna qlub li għadhom imbegħdin Minnu: min minħabba l-injoranza, min għall-għażż u min ukoll b'ħażen, eċċ. Daqshekk, għax il-bieb ta' kamarti jħabbat dejjem ... imma jiena kuntenta meta narahom miġburin u kuntenti.

Jekk jogħġbok ilqa' t-tislijiet tiegħi mill-qalb u nitolbok li sseddaqhom bil-barka kotrana u b'*memento* ħerqan fil-Quddiesa Mqaddsa għall-Kongregazzjoni tagħna kollha, ħalli din tkun dejjem magħquda f'imħabba fraterna perfetta, kif int għallimtna Wisq Reverendu Missier, eċċ.

Insomma, filwaqt li nġedded bil-qalb ir-ringrazzjament tiegħi, mhux biss għal dak li għamilt fl-imgħoddi, imma għal dak kollu li għad tagħmel (kif nittama fit-tjieba tiegħek) għall-ġid tal-Komunità għażiża tagħna, li lilek tagħrfek bħala l-Padre Ġenerali, eċċ, kif tixtieq l-imsejkna

Bint u qaddejja umli tiegħek,

Sr. Margherita

**Ittra 158**

G!M!G!F!

Casa Madre, 6 ta' April 1920

Ill.mu u Rev.mu Monsinjur,

Ser nabbuża mit-tjieba tiegħek u napprofitta ruħi mill-mawra tiegħek f'Ruma biex nitolbok tagħmel karità magħna u tiksbilna xi tagħrif dwar dak li hu meħtieġ għall-approvazzjoni tagħna. Qed nitlob lilek wara li tkellimt ma' Monsinjur Isqof t'Għawdex, fejn tinsab il-Casa Madre tagħna. Qed nibgħatlek ukoll kopja tal-Kostituzzjonijiet tagħna miktuba bl-idejn.

F'din l-ittra qasira nista' ngħid li l-Komunità Reliġjuża tagħna kellha l-bidu tagħha fil-Gżira ta' Għawdex fl-1880. Il-Fundatur tagħha kien il-W.R. Kappillan Dun Ġużepp Diacono, qassis twajjeb, integru, mill-aktar żelanti u li għadu ħaj. L-iskop tagħha hu l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfajliet, l-aktar dawk fqar, interni u esterni. Issir insistenza kbira l-aktar fuq it-tagħlim tal-Katekiżmu li jħejjihom ħalli

jersqu kif jixraq lejn is-Sagramenti mqaddsa; barra dan, jiġu mgħallma ħidmiet domestiċi, kif jaqraw u jiktbu kif ukoll l-aritmetika.
L-ewwel Djar twaqqfu f'Għawdex, waħda l-Casa Madre u l-oħra l-Qala. Filwaqt li l-Kongregazzjoni tagħna ssoktat tikber, tferrxet lejn Malta fejn għandha disat idjar. Twaqqfet ukoll dar fil-Greċja, fil-Gżira ta' Korfù. Bħalissa, il-Komunità tagħna tgħodd 125 soru professa, 17 novizzi u 38 oħra diġà jinsabu fost il-mejtin. Jalla l-Mulej jissokta jbierek din il-Kongregazzjoni tagħna billi jqaddisha u jagħmel li tkun dejjem aktar kotrana fil-virtù u fil-ħeġġa.
Filwaqt li jiena fiduċjuża li inti, bil-għajnuna ta' Alla tagħraf twassal dan l-inkarigu tagħna lejn it-tmiem kif aħna nil-qaxtiequ b'ħerqa, nawguralek, flimkien mal-Komunità kollha, il-vjaġġ it-tajjeb, suċċess fix-xogħol tiegħek, u ritorn fostna ta' malajr. Filwaqt li nitlob il-barka paterna tiegħek, għandi ġieħ li nistqarrni,
Il-Qaddejja l-aktar umli u ubbidjenti tiegħek
Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
Superjura Ġenerali tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani
**Ittra 159**
*Deus meus et omnia*
Casa Madre, 10 ta' Mejju 1930
Għażiża neputija,
Sa fl-aħħar bil-għajnuna tat-twajjeb Ġesù tagħna, erġajt lura fil-Casa Madre, rajt mill-ġdid lill-għeżież sorijiet tagħna, u wara lill-għeżież tal-familja tagħna.
Kulħadd jinsab tajjeb, kif diġà kitbitlek l-għażiża Sr Agostina. <...>
Is-sorijiet tagħna kollha li jafuk isellu għalik u f'għaqda waħda miegħek jitolbu ħalli lkoll jirnexxilna naslu għal dik il-qdusija li jitlob minna l-istat tagħna, ħalli mbagħad, jum wieħed, ilkoll niltaqgħu f'Ġerusalemm tas-sema u nkantaw l-innu tal-verġni u nimxu wara l-Ħaruf bla tebgħa kull fejn imur Hu. Sewwa hekk, għażiża tiegħi? Iva, iva! Għażiża tiegħi, inżommu dejjem ħsibijietna mdawra lejn is-sema pajjiżna, ħalli ngħixu dejjem maqtugħin mill-ħwejjeġ imsejkna tad-dinja, li qatt ma jistgħu jikkuntentaw lil qlubna, magħmulin biss għal Alla ... Irroddu ħajr dejjem lil Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu tagħna, li għoġbu jagħżel lilna minn tant miljuni ta' bnedmin li jixirqilhom wisq aktar minna. Bil-korrispondenza

ġeneruża tagħna, nfittxu li nissodisfaw din imħabbtu bla qjies. Inħobbuh iva. Inħobbuh b'imħabba safja, inħobbuh lilu waħdu, l-aktar fil-waqtiet intimi tat-Tqarbin, fil-meditazzjoni u fiż-żjajjar li nagħmlu lil dan il-Priġunier.
O kemm hu ħelu, għażiża neputija, li toqgħod waħdek miegħu biss biss ... Ipprova u tħoss fik dik ix-xi ħaġa li għandha mid-divin... xi ħaġa tas-sema ... tal-ġenna. Jeħtieġ iżda li tkun miġbura ħafna u mbiegħda mill-ħwejjeġ tad-dinja, biex issibu hekk waħdu waħdu. Fhimtni? Nittama li fhimt sew, eh!? Int u tfittex li toqgħod hekk imbiegħda minn kulħadd, aħseb biss fiH. Tgħaxxaq bil-ħlewwa tal-ħemda għażiża ta' dawk il-muntanji pittoreski. Ħares aktar 'il fuq, 'il fuq u hemm issib il-Ħallieq tal-univers kollu u wara oqgħod aħseeb ... u wara ħobb u mbagħad imbagħad ... Biżżejjed daqshekk; nerħik taħt il-ħarsien tal-Qalb Qaddisa fejn irrid li nsibek il-jiem kollha. Fhimtni? <...>
Inselli għas-Superjuri twajba tiegħek u għas-sorijiet għeżież kollha waħda waħda li kelli l-pjaċir li nsir naf anke lil dawk tal-isptar u tal-Orfanatrofju kollha kollha, anki s-Sinjura Kontessa; insomma u fakkarhom ilkoll biex jitolbu għall-imsejkna zija, l-indenja Sr. M. Margherita
**Ittra 160**
*Deus meus et omnia*
Casal Caccia – Dar Marija Bambina
15 ta' Diċembru 1930
Għażiża neputija Sr. M. Antonia Abela,
Ħadt gost meta rċevejt l-ittra tiegħek fejn qrajt li tinsab kuntenta bħalma għall-grazzja tat-twajjeb Alla, għandhom jgħixu dejjem l-Għarajjes tal-Mulej, fil-vokazzjoni qaddisa tagħhom.
Fraħt ukoll bl-uffiċċju li tawk is-superjuri twajba tiegħek, li tieħu ħsieb it-tfal. O x'uffiċċju qaddis u kritiku! Għażiża tiegħi, itlob ħafna u ħafna bil-qalb lill-ħelu Ġesù li tant u tant jgħożż liċ-ċkejknin! Itolbu iva, li jdawlek ħalli tieħu ħsiebhom sew fl-imħabba qaddisa tiegħu; li tħarishom mill-ħażen, u tagħmel li f'qalbhom ċkejkna titrawwem l-imħabba vera divina.
Oqgħod attenta, għażiża tiegħi, li qatt ma tħobbhom b'mod naturali, imma biss għall-imħabba ta' Ġesù, għalhekk bla ebda preferenzi ... Żomm qalbek dejjem nadifa, mimlija mħabba perfetta lejn l-għarus tiegħek, Ġesù, li b'għira qaddisa jgħasses lill-għaruss tiegħu. Fhimtni? Nittama li iva.

Issa li diġà għamilt il-Voti mqaddsa, inti tħossol aktar kuntenta u aktar ħerqana ħalli twieġeb ġenerożament għas-sejħa qaddisa tiegħek ... hux veru? Ma tħossokx grata aktar minn qatt qabel, u midjuna lejn il-ħelu Maħbub tiegħek li jġegħelna mduqu din il-benna tant ħelwa u moħbija għan-nies imsejkna tad-dinja? Iva, iva għażiża tiegħi, inkunu tabilħaqq mimlijin b'dawn is-sentimenti li bihom ngħixu l-ħajja ta' mħabba safja u ta' ċaħda sħiħa u vera mill-ħlejjaq, u magħqudin biss ma Ġesù, l-għarus dejjem ta' min iħobbu tagħna.
L-awguri sinċieri li nagħmillek għall-Milied li ġej huma dawn: li l-Mulej ikebbsek b'dak in-nar kollu qaddis ta' mħabba safja lejn Ġesù Bambin, u b'dan l-istess nar, jirnexxilek li tkebbes 'il-qlub kollha ta' dawk it-tfal. Hekk it-twajjeb Ġesù jkollu l-kuruna ta' innoċenti li jsabbruh f'tant niket li jirċievi mingħand ħafna u ħafna midinbin ingrati. Intix kuntenta, għażiża tiegħi?
Nagħlaq billi nwassalek ukoll l-awguri taz-zijiet eċċ li jinsabu tajbin, ta' ħuk iż-żgħir u t'oħtok, il-kuġini, Sr Scolastica u Sr Agostina u Sr Eufrosina ... imbagħad il-ħbieb u ...
Għalissa ninsab ix-Xagħra fejn għandna Dar ġdida. Nitolbok twassalli l-awguri sinċiera tiegħi lir-Rev. Superjuri tiegħek u għidilhom biex jiftakru fija fit-talb tagħhom.
Fl-aħħarnett tgħanniqa mill-maħbuba zitek, Sr. M. Margherita

**Ittra 161**

*Deus meus et omnia*
Casal Caccia – Dar Marija Bambina
14 ta' April 1931
Wisq għażiża neputija,
Meta qrajat l-ittra tieg]ek, indirrizata liz-zija Adelaide, oħti , ħassejt pjaċir kbir, għax sirt naf li inti tinsab kuntenta fil-ħajja li għażilt. F'dan jiena nimmnek, għax bħalek għandi l-istess vokazzjoni. Iżda, għażiża tiegħi, kemm hu kbir l-obbligu tagħna li nwieġbu b'ġenerożità lil dan is-Sinjur b'idejh hekk miftuħa? Iva, jiena, maħbuba tiegħi, li diġà ili 50 sena bl-imqaddsa libsa ta' franġiskana, inħossni misħuqa taħt il-piż ta' djun kbir, ladarba nħossni hekk nieqsa fil-virtù u fil-merti! Agħmel għażiża tiegħi, minn issa stess dak kollu li tista' biex tiżżejjen b'ħafna virtujiet reliġjużi sbieħ ħalli ma jiġrilekx bħalma ġara lili, fqajra u msejkna! Eh!

Kemm hi kbira u sabiħa l-vokazzjoni tagħna, għalhekk għandna nkunu nafuhulu lil Ġesù l-Għarus l-aktar ħelu tagħna, li għoġbu jagħżel lilna imsejknin, minn fost eluf u eluf ta' oħrajn aktar kapaċi minna u aktara jisħoqqilhom. L-imħabba titħallas bl-imħabba. Inħobbu, mela, b'imħabba bla qjies lil dak li wkoll ħabbna b'imħabba bla tarf!! Ikun dejjem f'qalbna, f'fommna, f'moħħna; ngħixu dejjem il-ħajja ta' mħabba tenera, ħelwa, ukoll xi drabi, niexfa; l-aqwa li dak li nagħmlu, nagħmluh dejjem għall-akbar glorja u ġieħ tiegħu, eċċ.
Għall-grazzja ta' Ġesù tagħna, ninsab tajba f'saħħti. Gawdejt il-funzjonijiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-preżent ninsab f'dar żgħira ġdida fix-Xagħra, Għawdex. Għandna t-tfal żgħar, subien u bniet, u hekk nista' nagħmel xi ftit tal-ġid. Intant, maħbuba tiegħi, ejja inħobbu bla qjies ... jeħtieġ iżda li nitqabdu dejjem kontra l-għadu kbir tagħna, li qiegħed dejjem fina, jiġifieri l-amor propju. Kemm hu kattiv, u jilħaqlu! Nitolbu dejjem lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u lill-Verġni Immakulata biex jagħtuna l-grazzja li nirbħulu sal-aħħar.
Nawguralek paċi u mħabba safja u divina, flimkien mas-superjuri u s-sorijiet tiegħek, u filwaqt li nagħlaq din l-ittra nitlobkom li lkoll titolbu għall-aktar waħda msejkna fost l-għarajjes tal-Mulej.
Sr. M. Margherita
**Ittra 162**
*Deus meus et omnia*
22 ta' Lulju 1931.
Wisq għażiża neputija,
Sirt naf mill-ittra li ktibt liz-zija li inti tinsab f'saħħtek u kuntenta. L-istess intennilek dwari, għall-grazzja tat-twajjeb Ġesù tagħna.
Iva, għażiża, ejja nkunu infinitament rikonoxxenti għall-grazzja hekk kbira tal-vokazzjoni qaddisa tagħna. Issa li tinsab fi żmien il-vaganzi, irsisti biex tapprofitta ruħek ħalli tinġabar u hekk taħseb għaż-żmien ta' meta tkun mehdija fuq ix-xogħol. Għaliex jekk ma nkunux għaqlin li nħaddmu sewwa ż-żmien, għad ikollna nagħtu kont iebes lill-Mulej.
Intant, jiena bħas-soltu nawguralek dejjem kotra ta' grazzji mill-Mulej, ħalli ssir qaddisa, u qaddisa kbira.

Itlob għalija, għax diġà ili 50 sena bil-libsa reliġjuża u għadni lanqas biss bdejt biex inkun soru tajba.
It-twajjeb Ġesù jberikna u jżommna msakkrin għal dejjem fil-Qalb Qaddisa tiegħu.
Zitek l-aktar għażiża, Sr. M. Margherita
**Ittra 163**
*Deus meus et omnia*
Casal Caccia – Dar Marija Bambina
24 ta' Frar 1933
Għażiża neputija,
Hawn jiena, qed niktiblek biex nagħtik aħbarna. Mela, ħajr bla qjies lill-ħelu Għarus tagħna, li wara vjaġġ tajjeb wasalt bis-sliem lura f'pajjiżna. <...>
F'dan ir-Randan imqaddes inħabirku li nkunu aktar qrib tal-Għarus tagħna Mġarrab, minn fejn nitgħallmu nsofru waqt li nħobbu u nħobbu waqt li nsofru. Min iħobb jifhem ... Fis-skiet titgħallem titkellem. Għaddi l-ħin liberu tiegħek mal-ħelu Ġesù, Priġunier fit-Tabernaklu Mqaddes, u b'hekk inti tħoss dak il-ferħ intern tal-erwieħ fidili u ġenerużi mal-Maħbub Waħdieni u assolut tagħhom. Ftehemna?
Kuraġġ u nkomplu dejjem 'il quddiem bil-ferħ fil-Mulej. Kollox hu ftit ħdejn dak li nistgħu nagħmlu u nbatu għal Dak li miet imsallab għalina.
Nagħlaq bit-tislijiet minn qalbi għas-superjuri kollha tiegħek u għas-sorijiet, u b'tgħanniqa lilek fil-Qalb Qaddisa, filwaqt li nafda ruħi fit-talb ta' kulħadd, l-aktar imsejkna, Sr. M. Margherita
**Ittra 164**
*Deus meus et omnia*
Casa Madre, 2 ta' Jannar 1934
Wisq għażiża neputija,
Bil-ferħ ilqajt l-ittra ferm għażiża tiegħek, mimlija awguri, eċċ li jiena wkoll nagħtik mimlijin bil-qdusija, eċċ.

Nieħu gost li inti tajba mhux biss fis-saħħa fiżika tiegħek, iżda aktar fil-mixja 'l quddiem fl-imħabba għat-tbatija, għall-umiljazzjonijiet eċċ. eċċ., kif nistgħu naraw fl-eżempju li tana Ġesù l-Għarus l-aktar ħelu tagħna, kif ukoll dawk tal-Qaddisin tiegħu.
Bilħaqq: ftit jiem oħra ser issir il-Kanonizzazzjoni Solenni tal-Madre Fundatriċi tiegħek; forsi tmissek ix-xorti li tmur għall-funzjoni. Fi kwalunkwe post tista' tkun preżenti fl-ispirtu. Hekk tkun tista' tikseb frott kotran mill-eżempji tagħha, kif ukoll mill-protezzjoni eċċ.
Biżżejjed. Għalhekk nifraħ flimkien mal-Kongregazzjoni tiegħek kollha għal dan l-unur, eċċ. li tqanqalna għall-virtù, mhux biex naslu daqstant, imma ħalli ningħataw kollna kemm aħna għall-qdusija li hi l-ħaġa waħdanija vera u mixtieqa minn dawk li huma għarajjes veri u fidili tal-Imsallab. <...>
Fl-aħħarnett nitolbok ftakar fija fit-talb tiegħek, filwaqt li nirrikmandalek bil-ħeġġa l-imħabba safja tal-ħelu Ġesù.
Iz-zija għażiża tiegħek, Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
**Ittra 165**
*Deus meus et omnia*
Casa Madre, 28 ta' Marzu 1936
Wisq għażiża neputija,
Ma nafx jekk bdiltx postok, għalhekk qed nindirizzalek l-ittra fl-Istitut tas-soltu.
Inħeġġek li tagħmel ħiltek, għażiża tiegħi, ħalli tkun aktar moħħok hemm, aktar serja, aktar miġbura f'Alla speċjalment jekk qiegħda tieħu ħsieb il-morda! Irrid nemmen li hekk hu, sakemm mhux marida inti stess. Tkun magħmula dejjem ir-rieda ta' Alla. Intant nitolbok li ma tħallix wisq żmien jgħaddi biex tfisser is-sitwazzjoni tiegħek ta' llum ...
Nieħu din l-okkażjoni biex nawguralek għall-festi tal-Għid li resqin, l-ewwel dawk ta' niket, imbagħad dawk ta' ferħ, mimlijin grazzji, bi qdusija. It-Twajjeb Ġesù tagħna, wara li bata bla tarf, kien igglorifikat. Aħna wkoll, bħala l-għarajjes tiegħu, nistgħu nittamaw li wara li nkunu għexna bi tbatija f'dan il-wied tad-dmugħ, immorru biex niltaqgħu miegħu fil-ġenna sabiħa tiegħu għal dejjem. Jogħġbok hekk, għażiża tiegħi? Inħobbu, inħobbu bil-verità u kollox jingħatalna.

Nixtieq li nkun naf b'aħbar ir-Rev.da Madre Superjura tiegħek, li nitlob għaliha sikwit ... Sellili għaliha bil-ħeġġa, u flimkien mal-isbaħ xewqat lilha u lis-sorijiet l-oħra, nitlobkom li fit-talb tagħkom tiftakru fiz-zija msejkna tiegħek,
Sr. M. Margherita
**Ittra 166**
*Deus meus et omnia*
Dar tal-Adorazzjoni, 25 ta' Awwissu 1936
Wisq għażiża neputija,
L-ittra tiegħek tatni l-aħbar bil-wisq għażiża u sabiħa, jiġifieri dwar il-konsagrazzjoni tiegħek perpetwa lil Alla l-Aktar Għoli...
X'xorti! X'fortuna! Żgur li aħna, ħlejjaq imsejkna, ma jistħoqqilniex! Xi tjubija u ġentilezza ta' Għarus hekk ħelu u divin? Għalhekk liema ħerqa jeħtieġ ikollok biex tagħmel lilek innifsek aktar jixraqlek. Għażiża tiegħi, l-isbaħ dota li tista' tagħmlek xi ftit għażiża quddiem il-Għarus Divin hi l-umiltà ... il-għarfien tal-abbiss u tax-xejn tiegħek, eċċ., imbagħad id-distakk sħiħ minn kull ħaġa maħluqa, l-aktar minnek innifsek, mir-rieda u mill-ġudizzju tiegħek, eċċ.; issir hekk ostja bajda bajda bħal dik offruta b'sagrifiċċju fuq l-artal tal-Qalb Qaddisa! Ftehemna?
Issa taf xi tfisser tkun soru tal-Karità, taf mil-liema sagrifiċċji trid tgħaddi biex tkun vera għarusa tal-Imsallab ... Dan l-aħħar att, iżda, iġiegħlek idduq aħjar il-ħlewwa tiegħu ... Għaldaqstant, għażiża tiegħi, ħu ħsieb biex tħejji ruħek sew billi titlob bil-ħeġġa, bl-umiltà u bil-fiduċja, lill-Verġni Immakulata, lill-Qaddisin kollha ħalli jżejnuk bil-virtujiet tagħhom. Wara, inxteħet bil-qima kollha f'riġlejn Ġesù, l-Għarus tiegħek, u b'ruħek imxejna itolbu li jkun jogħġbu jagħni lir-ruħ fqajra tiegħek bil-merti infitini tiegħu ħalli, hekk imżejna, tista' tersaq bil-kuraġġ kollu lejn l-għaqda mistika miegħu.
Nixtieqq ngħidlek ħafna affarijiet oħra, l-aktar biex nirrikmandalek il-vera imħabba safja li biha biss tista' tagħmel hieni lill-Għarus; u biex infakkrek li mill-Għarus Imsallab, l-għarusa ma tistenniex kuruni tal-ward...
F'din il-ħajja qasira tbati, taħdem, imma fl-oħra tgawdi għal dejjem ... Ara z-zija Adelaide, wara li għexet 76 sena, imdawra minn bosta sorijiet, qraba u saċerdoti, telqet bil-kwiet u bil-paċi, bħallikieku daħlet f'nagħsa ħelwa ... Għalhekk offri s-sagrifiċċju tiegħek għal ruħha u tibkix għal waħda bla ħila, eċċ... aħna mhux hawn

għandna ngawdu lill-għeżież tagħna wara li nkunu diġa ssagrifikajna ruħna minnhom, imma fl-oħra. Ftehemna? Meta hi qrat l-ittra tiegħek ferħet li se tagħmel il-Voti Perpetwi. Selliet għalik u berkitek. Tistrieħ fis-Sliem ta' dejjem ... Kellha infjammazjoni fi griżmejha, iżda ma kinitx wisq batuta, kienet kalma bħal dejjem. Kważi mietet nhar Santa Marija, Ommna tas-Sema l-aktar għażiża! Jiena lanqas ma stajt inkun preżenti, għax kont għadni mixħuta minħabba riġli, iżda issa nħossni sejra għall-aħjar ... *Fiat* dejjem!

Kemm hu ta' min iħobbu dan il-*Fiat,* ukoll f'dawn l-affarijiet qarsa, hux tassew għażiża tiegħi? Iva, iva intennu dejjem dan il-ħelu *Fiat* sabiex naslu fil-ħajja l-oħra. Mill-bqija, il-familja kollha tagħna tinsab tajba, anke Swor Paolina u Dolores, kif ukoll iz-ziju Mikiel hu rassenjat forsi jibqa' ma' Ċetta. Minħabba l-kura, jiena qiegħda Malta, fid-Dar tal-Adorazzjoni. Sr Agostina ħeġġitni biex niktiblek ħalli ma nħallikx tistenna ħafna l-aħbar u ... jkun agħar, hux veru? Kuraġġ qawwi qawwi <...>

L-għażiża zija, Sr. M. Margherita del Sacro Cuore.

**Ittra 167**

*Deus meus et omnia*

Dar tal-Adorazzjoni, 9 ta' Settembru 1936

Għażiża neputija u binti,

Nifraħ bix-xorti li m essitek, mixtieqa minn tant erwieħ u li, minkejja n-nobbiltà u l-kapaċitajiet tagħhom lilhom miċħuda; min ħtija tal-injuranza tal-ġenituri tiegħu, min minħabba nuqqas ta' saħħa eċċ. insomma ma setgħux dawn iwettqu x-xewqat qaddisa tagħhom ... u aħna, għalkemm foqra u bla ħila, messna li nitgħarsu mhux lil xi sultan tad-dinja, iżda ma' Sultan etern. X'xorti ta' min jgħir għaliha! X'fortuna! X'għażla għamel minna Alla, Qaddis għal tliet darbiet! Għax hekk ried ... Inti issa ingħatajt kollox kemm inti lil dan is-Sinjur l-Aktar Għoli! Ħsibt xejn fuq din il-wegħda? Immeditajt sew, għażiża binti, fuq il-gara li dejjem għandek tagħmel ħalli twieġeb b'ġenerożità għall-imħabba tal-Għarus? Kun af, għażiża binti, li l-għarusa m'għandna la qatt tħares, la qatt taħseb, la qatt iżżomm u ma tagħmel xejn, u fuq kollox li ma tħobb lil ħadd aktar ħlief lill-Għarus; mal-Għarus u biss għall-Għarus ... ftehemna tajjeb? L-Għarus hawn hu msallab, immaqdar, ferut u umiljat ... iżda mbagħad, imbagħad ... l-aktar glorjuż u għal dejjem!!!

Ta' min għaldaqstant, għażiża tiegħi, jgħix imsallab għal ftit tas-snin, biex imbagħad igawdi l-imħabba għal dejjem!... Kuraġġ, għażiża tiegħi, kuraġġ qawwi qawwi, u dejjem hienja, kompli f'din it-triq, li għalkemm tidhrilna twila u iebsa, b'danakollu l-imħabba tagħmilhielna ħelwa u qasira. Eh! Il-faraġ u l-għajnuna tiegħek fittixhom dejjem qrib it-Tabernaklu Mqaddes, ħdejn l-Għarus Priġunier li jkebbsek bin-nar tiegħu u jieħdok mimlija bil-kuraġġ, ħalli tkebbes lil dawk l-erwieħ tajba u innoċenti. Oh! Mhux li kien jirnexxilek issalva mqar waħda minnhom!... mhux waħda imma jalla jkunu ħafna: imma ta' lanqas qis li jibqgħu fl-innoċenza tagħhom eċċ. Insomma, it-talb umli u mimli fiduċja jkun il-muftieħ tal-grazzji. Fhimtni? Ngħaddu għal ħaġ'oħra.
Ktibt lis-Superjura ta' Ruma biex jiġu xi wħud jarawk, imma ma nafx jekk l-ittra waslitx fil-ħin. B'danakollu nħallu dejjem kollox fil-ħsieb tal-Providenza Divina! Fil-preżent inħossni ftit aħjar, f'ħajjet it-twajjeb Ġesù, imma għadni ma nistax nimxi mingħajr il-bastun. Issa għandi mmur il-Casa Madre u tista' tikteb lili minflok liz-zija R.I.P.
F'dawn il-ġranet ġew jarawni M Sr Paolina, imbagħad iz-zija Dolores u binha Ġużeppi, dak li ilu ħafna l-Amerka. Ilkoll jinsabu tajbin, skont l-għomor li għandhom eh! Aħdem, għażiża tiegħi, dment li inti b'saħħtek u għandek iż-żmien, għax għad jasal il-waqt meta ma tkunx tista'. Kollox għall-imħabba tal-Maħbub tagħna Ġesù, aħna u ngħixu miegħu u fih, u jum wieħed, meta Alla jrid, jogħġbu jsejħilna fi ħdanu għal dejjem.
Tislijiet minn kulħadd u tgħanniqa miz-zija maħbuba tiegħek, Sr. M. Margherita

**Ittra 168**

*Deus meus et omnia*

Casa Madre, 28 ta' Ottubru 1936

Għażiża neputija u binti fi Kristu,

Kif ħallejtna mingħajr aħbarek? Forsi taħseb li t-tifkiriet huma biżżejjed? Le. Introddlok ħajr f'isem kulħadd, iżda m'aħniex kuntenti mingħajr aħbarek. Aħna konna sinċieri ħafna li tajniek l-aħbarijiet tagħna, ukoll dawk koroh u ta' dwejjaq, mentri inti bqajt ma ktibt xejn? Forsi l-ittra tiegħek intilfet? Jiena ma nafx x'naqbad ngħid. Biss ngħidlek dan: missierek, ħutek u z-zijiet kollha ħsiebhom fik u jistennew aħbarek fuq ix-xwiek. Għalhekk, għażiża tiegħi iddumx ma taqsam

magħna dwar l-istat tiegħek; issa li wara l-Professjoni Perpetwa inti tħossok aktar kuntenta u marbuta aktar mal-Għarus Imsallab!!!
Intant, għażiża tiegħi, m'għandi xi ngħidlek xejn ħlief li għall-grazzja tat-twajjeb Ġesù tagħna, aħna lkoll ninsabu tajbin; riġli sejra tajjeb ukoll. Xi ġranet ilu, iz-zija Dolores ġiet Għawdex u baqgħet hawn xi ħmistax għand binha Ġużeppi. Hekk għamlet kumpanija liz-ziju Mikiel armel ... hekk hi d-dinja dejjem bla waqfien. Irroddu ħajr lil Ġesù, l-Għarus tagħħna li jieħu ħsieb tagħna u jqawwina u jsabbarna skont il-fiduċja u l-imħabba li jkollna għalih ... Inħobbuh, inħobbuh għażiża tiegħi, għax jistħoqqlu, u wkoll ħalli npattu għan-nuqqasijiet li kull ħin jirċievi, illum aktar minn qatt qabel! Ftehemna?
Min jaf x'ferħ ħassejt fix-xorti qaddisa u hienja li messitek tal-professjoni ... x'mumenti ħelwin! X'għaqda sabiħa! X'tgħannieq sigriet u intimu ... Nixtieq, nixtieq li ngħidlek aktar, imma nistenna naqra sinjal mingħandek biex inkun nista' ntawwal ladarba inti taqbel ma' dan ... Kellek tabilħaqq sagrifiċċju x'toffrilu li kieku kont taf minn qabel ... imma mbagħad kollox mhux xejn ħdejn dik il-funzjoni qaddisa li tibqa' għal dejjem, u li tista tiġġedded il-ħin kollu matul ħajtek, l-aktar waqt xi okkażjoni ta' sagrifiċċju ... Imbagħad, imbagħad wara ħajja twila jew qasira, immorru ħalli naraw u nithennew għal dejjem, mhux biss mal-Uniku Maħbub tagħna, iżda wkoll ma' kollha kemm huma l-għeżież tagħna, b'mertu akbar għal dawk li ħallejna warajna ...
Inselli b'qalbi kollha għas-sorijiet li naf u b'tgħanniqa lilek mill-għażiża zija,
Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
**Ittra 169**
*Deus meus et omnia*
Casa Madre, 25 ta' Novembru 1936
Wisq għażiża neputija,
Oqgħod bi kwietek, taħseb f'xejn, għax il-għażiż missierek jinsab tajjeb u ma jonqsu xejn. It-twajba oħtok, Ġużeppa, tieħu ħsiebu u tirrispettah. Qiegħed jaħdem, u ħuk Ġużeppi jaħdem ukoll u għall-fedeltà tiegħu, kulħadd iħobbu, għalhekk ma jonqsu xejn. Biss inti itlob biex Alla jżommu b'saħħtu u fil-grazzja tiegħu; il-bqija kollox żejjed. Mela rodd ħajr ħafna lill-Għarus tas-sema, ħalli jieħu ħsieb Hu, flokna, tal-għeżież tagħna, dawk li aħna ħallejna warajna għal imħabbtu. Fhimtni? Jiena, iżda, nagħmel kemm nista' ħilti biex inżommhom taħt

il-ħarsa fqira tiegħi, u inti oqgħod bi kwietek. Biss, itlob għalihom lill-Għarus Divin li jaf kollox u għandu minn fejn iħallas is-sagrifiċċji li jsiru għal imħabbtu. Ftehemna? Nittama li iva.
U x'ser tagħmel b'dawn ir-ritratti kollha? Kull meta tħares lejhom, itlob lil Alla għal ruħ il-mejtin, kif ukoll għall-ħajjin, biex dawn jagħmlu mewta tajba u qaddisa, ħalli, jum wieħed, ilkoll ningħaqdu hemm fuq, fis-sema, inkantaw il-ħniena tal-Mulej ... Imbagħad żgur li nbierku s-sagrifiċċji kollha li nkunu għamilna għal Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu tagħna! Sewwa hekk? Għażiża u maħbuba binti, nerfgħu qlubna lejn is-sema, lejn is-sema, u hemm insibu l-għażiez tagħna li marru qabilna. F'din id-dinja, min imur qabel, u min imur wara, imma lkoll kemm aħna rridu mmorru, ukoll in-neputijiet u l-proneputijiet, wieħed wara l-ieħor ...
Forsti tistaqsini: zija, xi trid tgħidli b'dan? ... Eh! jien irrid ngħidlek dak li jien nifhem illum u int, għażiża tiegħi, għadek ma tistax tifhem minħabba l-età tiegħek; iżda, jekk Alla jagħtik għomor twil, inti tifhmu ħafna aħjar. Għalhekk, ftehemna? Inħobbu lill-Għarus ħelu tagħna u Hu jaqtagħlna x-xewqat tajbin tagħna ...
Jiddispjaċini ħafna li s-Superjura twajba għadha marida, imma sabbarha għax it-twajjeb Ġesù ma jdumx ma jfarragħa ... Intant, oqgħod bi kwietek u apprezza l-paċi tal-vokazzjoni qaddisa tiegħek, billi tħabrek li tkun ġeneruża u twettaq b'ħeġġa s-sagrifiċċji, ħalli tasal għal dik il-qdusija li jrid minnek il-Mulej. Għal dan l-iskop biss itlob għalija wkoll li nittama li ma jdumx ma jseħħ ...
L-imsejkna zitek isselli għal kulħadd u tgħid lil kulħadd biex jitlob għaliha.
Sr. M. Margherita
**Ittra 170**
*Deus meus et Omnia*
Dar tal-Karità, 3 ta' April 1937
Wisq għażiża u maħbuba neputija,
Għall-grazzja tat-Twajjeb Ġesù ninsab ftit aħjar u nista' mmur sal-kappella bla *wheelchair* (siġġu tar-roti); nittama li nkun nista' nissokta anke hekk biss ... imma tkun magħmula dejjem ir-rieda ta' Ġesù, l-Għarus tagħna ta' min iħobbu!
Qed tara kif ir-ruħ twajba tal-maħbuba superjura tiegħek ħalliet dan l-eżilju! Tistrieħ fis-sliem ta' dejjem. Kemm stennejt aħbarha! Qed tara kif kollox jintemm

f'din il-ħajja ... kif kollox jgħaddi, il-ferħ u n-niket! Hieni hu min jagħraf japprofitta ruħu ... għalhekk, għażiża tiegħi, tgħallem approfitta ruħek mill-okkażjonijiet ħalli timxi 'l quddiem fil-perfezzjoni tal-vokazzjoni qaddisa tagħna: hekk mal-wasla tal-Għarus ikun jista' mill-ewwel idaħħalna għall-festa tat-tieġ ta' dejjem ... Imbagħad inkunu tabilħaqq hienja!! U nbierku aktar in-niket milli l-ferħ, aktar it-tbatija milli t-tgawdija! Dan kollu ħsibna fuqu sew fiż-żmien tar-Randan, u mbagħad ukoll f'dan iż-żmien tal-Għid! Wara mewta hekk mistkerrħa, qawmien hekk glorjuż, u wara tlugħ fis-sema flimkien ma' qtajja kbira tal-Imqaddsa Patrijarki u Profeti, eċċ. Kuraġġ u dejjem 'il quddiem bil-ferħ fil-Mulej! Irroddlok ħajr tat-tifkira tant għażiża għalija tas-superjura twajba li kellek, li tant stennejt aħbarha bil-ħerqa u li mix-xejn tiegħi dejjem tlabt għaliha lill-Mulej u kif nagħmel issa wkoll filwaqt li nittama kisbet il-mistrieħ tagħha. Iżda ma nafux kif inhu l-ġudizzju ġust ta' Alla ... Xi minn daqqiet jippurifikana ħalli mbagħad jagħtina l-premju sħiħ ...

Nifraħ lis-superjura l-ġdida u nħeġġiġha li ġġorr is-Salib tqil hi u tirrikkmanda ruħha kollha kemm hi f'idejn it-Twajjeb Ġesù fit-Tabernaklu, u minnu tistenna kull għajnuna u faraġ ...

Nagħlaq billi ntenni l-awguri ta' paċi qaddisa lil kulħadd kulħadd u filwaqt li nitolbok ma tinsiex lill-midinba l-aktar fqira, nawgura lill-komunità tiegħek kollha l-għaqda vera fraterna, eċċ. Hekk għandha tkun il-familja qaddisa skont il-Qalb ta' Ġesù, l-Għarus tagħna ta' min iħobbu ...

Iz-zija għażiża tiegħek, Sr. M. Margherita del Sacro Cuore

**Ittra 171**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Marija Bambina

29 ta' Ġunju 1937

Wisq għażiża binti u neputija,

L-ittra tiegħi kont diġà bgħattha, x'ħin Sr Agostina wasslitli dik tiegħek. Issa, li għadda biss ftit taż-żmien u l-aħbarijiet dwar missierek għadhom kif kienu, irrid nurik biċ-ċar il-qagħda tiegħu kif diġà fissirtlek fl-ittra ta' Sr Agostina. Mela, kif għedtlek, m'għandekx għalfejn tinkwieta, għax missierek jinsab tajjeb u mħares fir-ruħ u fil-ġisem ... Imbagħad, illum missierek hu mdaħħal fiż-żmien u ma jiflaħx jitħabat aktar. U ladarba jinsab hieni u kkurat sewwa, x'għandek tistenna aktar?

Rodd ħajr lil Ġesù talli qiegħed jieħu ħsiebu, bi tpattija talli tah lilek biex tkun tista' taqdih. Għalhekk kun hienja u rassenjata għar-Rieda ta' Alla, filwaqt li titlob lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, ħalli tħarsu aktar minn qatt qabel ... Ibqa' żgura din hi l-pura verità. Mort il-belt fl-24 tax-xahar u sr Agostina kkonfermatli dak li ktibtlek.
Jiena ninsab aħjar hawn fir-raħal, iżda ma nistax nimxi jekk mhux bi tbatija. B'danakollu jiena kuntenta ħafna għax qrib tiegħi għandi l-Maħbub tagħna Priġunier, u nista' mmur ħdejh kull meta rrid ... Ikun, mela, irringrazzjat u maħbub kullimkien u minn kulħadd. Ammen.
Inħallik, għażiża tiegħi, fil-Qalb Qaddisa tal-uniku Għarus tagħna, filwaqt li nitolbok biex bil-ħerqa tiftakar fl-imsejkna zitek li ma tixtieqx għajr is-sema ...
Sellili għal tal-familja kollha.
L-imsejkna Sr. M. Margherita
**Ittra 172**
*Deus meus et omnia*
Casal Caccia – Dar Marija Bambina
17 ta' Diċembru 1937
Wisq għażiża neputija u binti,
Dalwaqt ikollna magħna l-festi tal-Milied, li nittamaw li din is-sena niċċelebrawhom ukoll. Diġà għaddejt 75 darba dan il-Jum kbir tat-Twelid tal-Ħelu Bambin tagħna, u kull darba nistenna li jkun tal-aħħar! Saħħti imma tgħidli li m'iniex ser indum wisq aktar ... Inħallu f'idejn il-ħarsien tal-Providenza Divina. Intant, jiena nawguralek dawn il-festi mimlijin b'kull ġid tas-sema. Jalla Ġesù Bambin jagħmel li nkunu nixbhuH, hekk ċkejknin ċkejknin. Għax meta nkunu hekk nistgħu nogħġbuh ...
Is-sorijiet qed jagħmlu l-kunċert għal-Lejl tal-Milied, u qed jiddistrawni. Kemm hu ħelu u sabiħ dan il-kant. Min jaf intom, għażiża tiegħi, xi ħlewwa u xi ġmiel ta' kant ħejjejtu! Iva, iva, ejjew nifirħu mal-Maħbub tagħna divin, li ried li jsir ċkejken għall-imħabba tagħna !... Inħobbuh, iva inħobbuh, għax l-imħabba titħallas bl-imħabba. Għalhekk ningħaqdu fl-ispirtu f'dak il-Lejl Qaddis ħdejn il-benniena tiegħu u flimkien ma' Ommna Immakulata ngħaqqdu l-imħabba fqira tagħna ma' dik tagħha li hija tassew imħeġġa u safja, nadurawh, irroddulu ħajr

billi nġeddu l-konsagrazzjoni tagħna ... filwaqt li nwiegħdu li għalli ġej inkunu aktar fidili u ġenerużi, eċċ.
Ngħaddu issa għal ħaġ'oħra. Fl-ewwel jiem ta' Novembru li għadda mort Malta, erġajt rajt lill-għażiża oħti. Sr M. Paolina, li ma tantx kienet tiflaħ: issa għaddielha u tinsab mhux ħażin; iżda għadha fis-sodda minħabba d-dgħufija ta' qalbha. Tinsab hienja u rassenjata; jiddispjaċiha biss li ma tistax titqarben bħalma kienet tagħmel. Titlobkom li titolbu għaliha u tħaddankom ilkoll magħha.
Oħti Dolores, iz-zija tagħkom, għall-età tagħha ta' 90 sena tinsab tajba ukoll. Il-karta tważi mtliet. Ħija, z-ziju Mikelinu, jiġi jarani; jinsab tajjeb imma miskin qiegħed jixjieħ sew. Insomma għażiża tiegħi, xjeħna lkoll. Il-Mulej għoġbu jagħtina ħajja twila! Mhux li kienet mimlija b'opra qaddisa!! Iz-ziju Mikiel, ir-raġel tat-twajba Adelaide, mar jiltaqa' magħha (RIP), wara li rċieva l-faraġ tar-reliġjon tagħna ... Nitolbu lil Alla għalihom ħalli ma jdumux ma jmorru għat-tgħannieqa dejjiema. Missierek jinsab l-istess. Jitkellem aktar ċar, iżda rassenjat. Ħuk, twajjeb twajjeb, spiss imur ħdejn Sr Agostina ... naħseb li jiktbulek huma dwar dan.

**Ittra 173**

*Deus meus et omnia*

Casal Caccia – Dar Ġesù Nazzarenu

Wisq għażiża neputija,

Verament jiena kuntenta bl-aħbarijiet tiegħek li wassalli l-Eċċ. Tiegħu. Qalli li wissiek biex ma tkunx ħażina bħali ... Iva, għażiża tiegħi, kun moħħok hemm ħalli tkun tajba tajba, anzi reliġjuża qaddisa, għax jiena li ngħodd 58 sena ta' ħajja reliġjuża nista' ngħid li ta' reliġjuża m'għandix ħlief il-libsa u l-isem! Imsejkna li jien! Inti ħabrek biex tagħmel kulma tista'; għadek fl-aħjar żmien ta' ħajtek u f'saħħtek. Qis li tikseb ħafna ħafna merti għas-sema u li ssalva bosta erwieħ. Kun ħabrieka mat-tfal għeżież li għandek f'idejk. Għallimhom jagħmlu fjuretti żgħar ta' virtù; urihom kif tkun l-imħabba vera lejn il-Mulej tagħna Ġesù Kristu u lejn il-Verġni Omm tiegħu ... u tgħidx li ma jifhmux, li hu inutli, le, le, għażiża tiegħi, agħmel dak kollu li tista', ixħet iż-żerriegħa tiegħek f'dawn il-qlub torja u maż-żmien toħroġ minnhom xitla tajba, imbagħad il-fjur u wara l-frott. Għalkemm inti dan ma tarahx, iżda t-twajjeb Alla jibqa' jiftakar, u jħallsek sew bi prezz tajjeb. Kuraġġ qawwi.

Intant, qiegħed joqrob iż-żmien tal-ħlewwiet tar-ruħ, tal-imħabba tat-Tarbija ta' Betlem, li gie fid-dinja u li għalkemm ħalaqha Hu, ma sabx lanqas post żgħir u anqas skomdu minn għar iebes u kiesaħ ... X'imħabba bla tarf u x'ingratitudni kerha!

Għażiża tiegħi, l-ittra tal-festa ta' ismi ma waslitx, intilfet, għax kieku s-sorijiet tiegħi kienu jibagħtuhieli fejn kont inkun qiegħda, kif għamlu drabi oħra. Mhux għall-awguri tafx! Jiena ridt biss l-aħbarijiet tiegħek. Il-Mulej xi drabi jippermetti li jiġri hekk ħalli jgħakkes l-ansjetà tagħna. Ikun mela mbierek. Ammen!

Mela kif ftehemna, inħobbu lil Dak li ħabbna u ppreferiena minn tant oħrajn mingħajr ma jistħoqqilna. Inwieġbu mela b'imħabba kbira u ġeneruża fil-waqtiet kollha, tajbin jew kuntrarji. Ftehemna? Nittama li iva ... F'dak il-Lejl imbierek niltaqgħu ħdejn il-benniena Mqaddsa u f'isem kulħadd ngħidu bosta affarijiet sbieħ u qaddisa lil din it-Tarbija Mqaddsa u flimkien mal-Imqaddsa Ommu noqogħdu nadurawh u nħobbuh, eċċ.

Ix-xwejħa zija, Sr. M. Margherita del Sacro Cuore

**Ittra 174**

D.M.E.O.

Casa Madre di Carità

[data probabbli: Awwissu 1946]

Wisq għażiża neputija, Sr. M. Antonia,

Fl-aħħar ser niktiblek ftit versi biex bihom ngħidlek xi affarijiet żgħar, imma li jfissru ħafna.

Ħajti, għażiża tiegħi, kienet waħda twila u waslet ukoll fit-tmiem: kollox juri dan: l-għajnejn, is-smigħ, eċċ. Imma xejn ma jimporta, la ma għandix aktar karigi x'naqdi (ħajr bla tarf lil Dak li hu l-akbar ġid), moħħi biss fiH, sakemm tippermetti l-miżerja kbira tiegħi. Inħossni biss imgħobbija bid-dejn, eċċ. Hu minnu li l-Maħbub Feddej tagħna jħallas bit-tajjeb għal kull ħtija li tagħha nuru ndiema, imma dejjem tibża' mill-ġudizzju kbir tiegħu ...

Għażiża tiegħi, ara kif kollox għadda ... bħal ħolma, gerrbu l-affarijiet kollha tal-ħajja ... u dwarhom ma nista' ngħid xejn. Ikun aħjar li nieqaf għax din hi t-tielet darba li qed naqbad il-pinna. Għażiża tiegħi, inħobbu, inħobbu b'mod safi lil

Ġesù l-Maħbub tagħna, u ngħixu l-ħajja tal-imħabba safja tiegħu, għax dan biss ikun biżżejjed; il-bqija frugħa u miżerja.
Inħaddnek miegħi, fil-Qlub Qaddisa ta' Ġesù u ta' Marija, l-Omm tagħna li tħobbna u li l-festa tat-Tlugħ tagħha ser niċċelebrawha fi ftit jiem oħra u dak in-nhar, jiena nagħlaq 63 sena mill-Ewwel Professjoni ... Xi żmien twil! Min jaf jekk għaddejtx imqar jum wieħed ta' reliġjuża? Imsejkna li jiena! Itlob ħafna għalija issa u aktar wara mewti u jien mill-miżerja tiegħi ma niqafx nitlob għalikom, sa ma niltaqgħu fis-sema (għall-ħniena bla tarf tat-Twajjeb Ġesù, l-Imħabba tagħna u l-Kollox tagħna!!..)
Inħeġġek bil-qawwa kollha biex tħobbu dejjem aktar, b'mod l-aktar safi u tħobb lill-proxxmu għal imħabbtu. Kun dejjem umli u rikonoxxenti tal-grazzja li tak tal-Vokazzjoni mqaddsa. Żomm ruħek dejjem moħbija bil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Meta jkollok ħin liberu, fittex li toqgħod dejjem qrib tiegħu; għix bħala vittma pura u qaddisa ... Ftehemna? Għaliex dan biss hu x-xogħol waħdieni tiegħek f'dan il-wied tad-dmugħ! Ftehemna? Nittama li iva, għażiża tiegħi, u mill-ġdid inħaddnek sewwa miegħi, fil-Qlub Qaddisa, filwaqt li nitolbok li tiftakar fl-imsejkna u l-aħħar zija li fadallek,
Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
**Ittra 175**
D.M.E.O.
Casa Madre, 14 ta' Frar 1949
Wisq għażiża neputija,
L-ittra tiegħek waslitli bis-sliem u ħadt gost naqra li inti mħabbta. Ix-xogħol magħmul b'ubbidjenza u għall-glorja ta' Alla hu ħaġa li thenni lil min hu b'saħħtu u għandu fih rieda tajba ... hux veru?
L-imsejkna u xwejħa zitek mhix kapaċi ħlief biex tiskomda lis-sorijiet ħa jkollhom x'jimmeritaw; u dawn b'imħabba ta' wlied jaqduni ... Din ix-Xitwa, l-influwenza ħakmitni darbtejn. Fil-preżent għandi sogħla li lanqas tħallini nistrieħ. Din ħaġa żgħira wisq għad-dnubiet kbar tiegħi!
Insomma, ngħaddu għal ħaġ'oħra. Ifraħ, għażiża tiegħi, li għadek tista' taħdem u kun lesta b'ġenerożità ħalli tgħin dejjem lil kulħadd għall-imħabba ta' Ġesù, il-Maħbub l-aktar ħelu tagħna! Iva, għażiża tiegħi, m'għandek tegħja qatt taqdi u

tgħin 'l-erwieħ biex iħobbu lill-Għarus tagħna; li qatt ma nistgħu nkunulu rikonoxxenti biżżejjed għall-vokazzjoni reliġjuża tagħna ... Ftehemna?
Forsi din ser tkun l-aħħar ittra tiegħi ... ma nafx. Għax ħass ħażin ġej fuqi u ieħor sejjer ... iżda fl-aħħar jiġi l-Għarus biex jiġbor ir-rebħa tal-ħniena tiegħu bla tarf. Itlob għalija, għażiża tiegħi, u qabbad lil min jitlob ħalli nkompli r-rieda mqaddsa tiegħu sal-aħħar nifs. Xi kultant iktibli xi żewġ versi, u sellili bil-qalb għall-għeżież superjuri u għas-sorijiet għeżież tiegħek, li lkoll nitlobhom li jiftakru fija fit-talb tagħhom.
Filwaqt li nagħtik tgħanniqa sinċiera fil-Qalb tat-Twajjeb Ġesù, nitolbu li jtemmna fin-Nar imqaddes, kif tant tixtieq
l-imsejkna zija tiegħek, Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
Fis-6 ta' Frar għalaqt 68 sena fil-ħajja reliġjuża ... x'dejn kbir!!!

**Ittra 176**

D.M.E.O.
Wisq għażiża neputija,
Bħalma t-twajjeb Ġesù tagħna, biex iġegħelna nsofru ftit, jagħmel li nħossu s-sagrifiċċju li l-firda ġġib magħha, jagħtina Hu wkoll l-okkażjoni biex noffrulu fjuretti sbieħ u qaddisa. Hux veru? Għalhekk ma jkun ġara xejn jekk ma nirċevux sikwit u ngħidu: "Forsi l-ittra ntilfet", nirrassenjaw ruħna. <...>
Nitlob għas-Sueprjura tant twajba u għas-sorijiet tagħkom l-oħra ħalli t-Twajjeb Ġesù tagħna jagħtihom rassenjazzjoni sħiħa u l-faraġ kollu li għandhom bżonn. Intant, inti tħallinix nieqsa mill-aħbarijiet tagħkom u tiegħek ...
Inħobbu lill-Għarus tagħna Ġesù, filwaqt li nixtiequ t-tgħanniqa tiegħu ta'' dejjem. Ammen! L-imsejkna zija, ix-xwejħa, Sr. M. Margherita

**Ittra 177**

D.M.E.O.
Dar tal-Karità
Wisq għażiża u maħbuba neputija,

Kemm nixtieq narak għall-aħħar darba! Smajt li kellek tiġi għalkemm ma nafx meta u kif; għalhekk stennejtek bil-ħerqa.
Sadattant it-tmiem tiegħi qed joqrob ġmielu ... Tkun dejjem magħmula r-Rieda ta' Ġesù, l-Għarus l-aktar maħbub tagħna, li għalih biss ir-ruħ fqira tiegħi tixxennaq, għalkemm inħoss li dan ma jistħoqqlix!
Nifraħ li inti kuntenta, u qis illi toktor aktar fil-ħerqa għall-imħabba safja u għas-salvazzjoni tal-erwieħ, kif dejjem nitlob għalik, għażiża binti, mill-miżerja tiegħi! Eh! kif igerbeb iż-żmien! Għalkemm jidher li hu twil! Oh! Kemm għandna għax inkunu grati lejn it-twajjeb Alla, li għoġbu jagħżilna u jżommna fil-vokazzjoni reliġjuża! Qatt u qatt m'għandna nieqfu rroddu ħajr minn qalbna lit-tjieba tiegħu bla tarf, ta' din il-grazzja singulari ... u mbagħad billi, bil-ġenerożita kollha, inwieġbu b'ħajja qaddisa. Ftehemna? Kollox kemm inti magħquda mal-Maħbub Priġunier ... Oh! Kif insibu kollox fiH u fiH biss biss! Wieħed u waħda! Ekku l-ħajja tas-Soru tal-Karità qaddisa. Ftehemna? Nittama li iva.
Bit-tama li ngħannqek personalment inselli għalik f'isem il-kuġini sorijiet u l-qraba: ilkoll mixtiqin li jerġgħu jarawk wara 18-il sena, eċċ.
Sellili għar-Rev.da Superjura tagħkom flimkien mas-sorijiet għeżież u ftakru lkoll fiz-zija msejkna tiegħek,
Sr. M. Margherita
P.S. Mill-kitba eċċ għandek tintebaħ bil-qagħda ta' zitek.

**Ittra 178**

*Deus meus et omnia*
Dar tal-Karità – 16 ta' Awwissu 1946
Għażiża neputija, Sr. M. Elena,
Qiegħda niktiblek dawn il-ftit versi biex nurik li għadni f'dan l-eżilju. Għażiża tiegħi, itlob ħafna għalija, u jiena nitlob għalik ukoll ħalli niltaqgħu fis-sema pajjiżna għall-merti ta' Ġesù, il-Għarus Waħdieni tagħna, u ta' Marija, Ommna l-aktar twajba. Ftehemna?

Filwaqt li ngħannqek bil-għożża fil-Qlub Qaddisa ta’ Ġesù u ta’ Marija, ngħodd ruħi l-imsejkna u l-maħbuba zija
Sr. M. Margherita del Sacro Cuore
P.S. Inħobbu lit-twajjeb Ġesù tagħna b’imħabba safja u ġeneruża u nintelqu fil-Providenza tiegħu ta’ Missier, billi ngħixu l-ħajja b’imħabba safja f’dan il-wied tad-dmugħ, minn fejn irridu ntiru 'l fuq biex inkantaw il-Ħniena tal-Mulej għal dejjem.
Ammen.